# 2020

## Rapporti Annwali

- dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2020 u
- dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2020

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

PDF ISBN 978-92-847-6256-9 ISSN 2600-1675 doi:10.2865/993 QJ-AL-21-001-MT-N

Skont l-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE, l-Artikolu 258 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323

**il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħat tagħha tat-8 ta' Lulju u l-20 ta' Lulju 2020, adottat ir-**

# RAPPORTI ANNWALI
# tagħha għas-sena finanzjarja 2020

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri huma:

Klaus-Heiner LEHNE (il-President), Ladislav BALKO, Lazaros S. LAZAROU, Pietro RUSSO, Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Iliana IVANOVA, Alex BRENNINKMEIJER, Nikolaos MILIONIS, Bettina JAKOBSEN, Samo JEREB, Jan GREGOR, Mihails KOZLOVS, Rimantas ŠADŽIUS, Leo BRINCAT, Juhan PARTS, Ildikó GÁLL-PELCZ, Eva LINDSTRÖM, Tony MURPHY, Hannu TAKKULA, Annemie TURTELBOOM, Viorel ŞTEFAN, Ivana MALETIĆ, Francois-Roger CAZALA, Joëlle ELVINGER, Helga BERGER, Marek OPIOLA

# Kontenut

| | Paġna |
|---|---|
| Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2020 | 5 |
| Risposti tal-Istituzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2020 | 246 |
| Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2020 | 304 |
| Risposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2020 | 346 |

# Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2020

# Kontenut


| | | Paġna |
|---|---|---|
| Introduzzjoni ġenerali | | 7 |
| Kapitolu 1 | Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn | 10 |
| Kapitolu 2 | Ġestjoni baġitarja u finanzjarja | 56 |
| Kapitolu 3 | Dħul | 87 |
| Kapitolu 4 | Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 111 |
| Kapitolu 5 | Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 134 |
| Kapitolu 6 | Riżorsi naturali | 169 |
| Kapitolu 7 | Sigurtà u ċittadinanza | 191 |
| Kapitolu 8 | Ewropa Globali | 209 |
| Kapitolu 9 | Amministrazzjoni | 232 |
| Risposti tal-Istituzzjonijiet | | 246 |

# Introduzzjoni Ġenerali

**0.1.** Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija istituzzjoni[1] tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-awditur estern tal-finanzi tal-UE[2]. F'din il-kapaċità, aħna naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini kollha tal-UE, notevolment billi nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li nwettqu tista' tinstab fir-rapporti annwali tal-attività, fir-rapporti speċjali, fid-dokumenti analitiċi, kif ukoll fl-opinjonijiet tagħna dwar liġijiet ġodda jew liġijiet aġġornati tal-UE jew deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet għall-ġestjoni finanzjarja[3].

**0.2.** Il-baġit ġenerali tal-UE jiġi adottat kull sena mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. Ir-rapport annwali tagħna, ikkombinat kif xieraq ma' prodotti oħra li noħorġu, jipprovdi bażi għall-*proċedura ta' kwittanza*, li fiha l-Parlament, filwaqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni Ewropea tkunx wettqet ir-responsabbiltajiet baġitarji tagħha b'mod sodisfaċenti. Hekk kif jiġi ppubblikat, aħna ngħaddu r-rapport annwali tagħna lill-Istati Membri, lill-parlamenti nazzjonali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

**0.3.** Għal darb'oħra, ir-Rapport Annwali 2020 tagħna huwa maqsum f'żewġ partijiet separati. Din il-parti tar-rapport tikkonċerna l-affidabbiltà tal-*kontijiet konsolidati* tal-UE u *l-legalità u r-regolarità* tat-*tranżazzjonijiet*. Il-parti l-oħra tkopri r-rappurtar tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE fi tmiem l-2020[4].

**0.4.** Id-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet hija l-element ċentrali tar-rapport tagħna. Din id-dikjarazzjoni tiġi ssupplimentata b'valutazzjonijiet speċifiċi għal kull qasam prinċipali ta' attività tal-UE.

---

[1] Il-QEA ġiet stabbilita bħala istituzzjoni permezz tal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Maastricht (ĠU C 191, 29.7.1992, p. 1). Madankollu, hija ġiet stabbilita għall-ewwel darba permezz tat-Trattat ta' Brussell fl-1977, bħala l-korp Komunitarju l-ġdid inkarigat mill-funzjoni tal-awditjar estern (ĠU L 359, 31.12.1977, p. 1).

[2] L-Artikoli 285 sa 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 169).

[3] Disponibbli fuq is-sit web tagħna: www.eca.europa.eu.

[4] "Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – Status fi tmiem l-2020"

**0.5.** Din il-parti tar-rapport tagħna hija strutturata kif ġej:

— il-Kapitolu 1 fih id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, sommarju tar-riżultati tal-awditjar li wettaqna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, inkluża l-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni u sommarju tal-approċċ tal-awditjar tagħna;

— il-Kapitolu 2 jippreżenta l-analiżi tagħna tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja;

— il-Kapitolu 3 jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar id-dħul tal-UE;

— il-Kapitoli 4 sa 9 juru, għall-intestaturi prinċipali tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)*[5] 2014-2020, ir-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u tar-rieżaminar li sar minna tar-*rapporti annwali tal-attività* tal-Kummissjoni, elementi tas-sistemi ta' kontroll intern tagħha u arranġamenti oħra ta' governanza.

**0.6.** Billi ma hemmx rapporti finanzjarji separati għall-intestaturi individwali tal-QFP, il-konklużjonijiet għal kull kapitolu ma jikkostitwux opinjoni tal-awditjar. Minflok, il-kapitoli jiddeskrivu kwistjonijiet sinifikanti li huma speċifiċi għal kull intestatura tal-QFP.

**0.7.** Aħna għandna l-għan li nippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħna b'mod ċar u konċiż. Mhux dejjem inkunu nistgħu nevitaw li nużaw termini li huma speċifiċi għall-UE, għall-politiki u l-baġit tagħha, jew għall-kontabbiltà u l-awditjar. Fuq is-sit web tagħna, aħna ppubblikajna glossarju bi spjegazzjonijiet tal-biċċa l-kbira minn dawn it-termini speċifiċi[6]. It-termini ddefiniti fil-glossarju jidhru bil-*korsiv* meta jintużaw għall-ewwel darba f'kull kapitolu.

---

[5] Aħna ma nirrappurtawx separatament dwar l-Intestatura 6 ("Kumpens") u l-infiq li ma jaqax taħt il-QFP. Għall-Intestatura 3 ("Sigurtà u ċittadinanza") u l-Intestatura 4 ("Ewropa Globali"), fil-Kapitoli 7 u 8 rispettivament, ma nipprovdux valutazzjoni speċifika.

[6] https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=58667

**0.8.** Hija r-responsabbiltà tagħna, bħala awditur estern, li nirrappurtaw is-sejbiet tal-awditjar tagħna u li naslu għall-konklużjonijiet neċessarji sabiex nipprovdu valutazzjoni indipendenti u imparzjali tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar b'rabta mal-COVID-19 ma ppermettulniex, fi kważi l-każijiet kollha, li nwettqu kontrolli fuq il-post, u wettaqna l-biċċa l-kbira mix-xogħol tagħna permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post u billi intervistajna l-entitajiet awditjati mill-bogħod. Filwaqt li n-nuqqas ta' twettiq ta' kontrolli fuq il-post jista' jżid ir-riskju tad-detezzjoni, l-evidenza li ksibna ppermettiet li nlestu x-xogħol tagħna u li nikkonkluduh.

**0.9.** Ir-risposti tal-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet tagħna (u, fejn xieraq, ir-risposti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE) huma ppreżentati flimkien ma' dan ir-rapport.

# Kapitolu 1

## Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn

# Werrej

Paragrafu


## Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti I.-XXXIV.

## Introduzzjoni 1.1.-1.6.

### Ir-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 1.1.-1.4.

### L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika 1.5.-1.6.

## Sejbiet tal-awditjar għas-sena finanzjarja 2020 1.7.-1.43.

### Affidabbiltà tal-kontijiet 1.7.-1.10.

Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali 1.7.-1.9.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar relatati mar-rapporti finanzjarji 2020 1.10.

### Regolarità tat-tranżazzjonijiet 1.11.-1.31.

L-awditu li wettaqna jkopri tranżazzjonijiet tad-dħul u tal-infiq li fuqhom huma bbażati l-kontijiet 1.12.-1.16.

L-iżball qed ikompli jkun preżenti f'tipi speċifiċi ta' nfiq 1.17.

Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif il-fondi tal-UE jiġu żborżati għandhom impatt fuq ir-riskju ta' żball 1.18.-1.31.

### L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni 1.32.-1.43.

L-istima mill-Kummissjoni tal-livell ta' żball hija fil-lat inferjuri tal-firxa indikata minna 1.33.-1.34.

Għad fadal kwistjonijiet dwar il-proċess għat-tħejjija tal-AMPR u l-informazzjoni dwar ir-regolarità inkluża fih 1.35.-1.39.

Ir-rappurtar li sar mill-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri huwa kumpless u mhuwiex dejjem ċar 1.40.-1.43.

## Aħna nirrappurtaw każijiet ta' frodi suspettata lill-OLAF 1.44.-1.50.

## Konklużjonijiet 1.51.-1.53.

### Riżultati tal-awditjar 1.52.-1.53.

## Annessi

### Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

# Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti

## Opinjoni

**I.** Aħna awditjajna:

(a) il-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea, li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati[1] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[2] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020, u li ġew approvati mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2021;

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## Affidabbiltà tal-kontijiet

### Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

**II.** Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

[1] Ir-rapporti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni (inkluż ir-rappurtar fuq is-segmenti).

[2] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu wkoll noti ta' spjegazzjoni.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

**Dħul**

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul*

**III.** Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

**Infiq**

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**IV.** Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt "Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq", l-infiq aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

*Bażi għal opinjoni*

**V.** Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards u kodiċijiet huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. Aħna rrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**VI.** Il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna għall-infiq aċċettat fil-kontijiet għas sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huwa ta' 2,7 %. Proporzjon sostanzjali ta' dan l-infiq - aktar min-nofs - huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Dan jirrigwarda prinċipalment l-infiq ibbażat fuq rimborżi, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 4,0 %. Dovut l-aktar għal żieda ulterjuri fl-infiq għal "Koeżjoni", din in-nefqa żdiedet sa EUR 87.2 biljun fl-2020, ammont li kien jirrappreżenta 59.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna[3]. Għalhekk, l-effetti tal-iżbalji li sibna huma kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena.

[3] Aħna nipprovdu aktar informazzjoni fil-paragrafi ***1.21-1.26*** tar-Rapport Annwali 2020 tagħna.

### Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

**Aħna vvalutajna l-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati**

**VII.** Il-karta tal-bilanċ tal-UE tinkludi obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati li ammontaw għal EUR 116.0 biljun fi tmiem l-2020, ammont li jirrappreżenta aktar minn terz tat-total ta' obbligazzjonijiet ta' EUR 313.5 biljun għall-2020.

**VIII.** Il-biċċa l-kbira mill-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija relatata mal-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali u l-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (PSEO), li tammonta għal EUR 100.7 biljun. L-obbligazzjoni rreġistrata fil-kontijiet hija stima tal-valur attwali tal-pagamenti futuri mistennija li l-UE se jkollha twettaq biex tissodisfa l-obbligi tagħha tal-pensjoni.

**IX.** Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet jitħallsu mill-baġit tal-UE. Filwaqt li l-UE ma ħolqotx fond tal-pensjonijiet imfassal apposta biex ikopri l-ispiża tal-obbligi futuri tal-pensjoni, l-Istati Membri jiggarantixxu b'mod konġunt il-pagament tal-benefiċċji, u l-uffiċjali jikkontribwixxu terz tal-ispiża għall-finanzjament tal-iskema. L-Eurostat jikkalkula din l-obbligazzjoni kull sena f'isem l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, billi juża parametri bħall-profil tal-età u l-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-UE, kif ukoll suppożizzjonijiet dwar kundizzjonijiet ekonomiċi futuri. Dawn il-parametri u s-suppożizzjonijiet jiġu wkoll ivvalutati mill-konsulenti attwarji tal-Kummissjoni.

**X.** Iż-żieda fl-obbligazzjoni tal-pensjoni fl-2020 hija prinċipalment dovuta għat-tnaqqis fir-rata ta' skont nominali, li hija affettwata minn riduzzjoni fir-rati tal-imgħax globali[4]. Din hija l-kontributur prinċipali għaż-żieda ta' 98 % fl-obbligazzjoni tal-pensjoni, minn EUR 50.9 biljun għal EUR 100.7 biljun, bejn l-2014 u l-2020[5].

**XI.** It-tieni l-akbar parti tal-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija kostitwita mill-obbligazzjoni stmata tal-UE lejn ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS), li ammontat għal EUR 12.9 biljun fi tmiem l-2020. Din l-obbligazzjoni hija relatata mal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li huma pagabbli lill-membri tal-persunal tal-UE matul il-perjodi ta' wara l-attività (bit-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tagħhom).

**XII.** Bħala parti mill-awditjar tagħna, aħna nivvalutaw is-suppożizzjonijiet attwarji li saru għal dawn l-iskemi u l-valwazzjoni riżultanti. Aħna nibbażaw l-evalwazzjoni tagħna fuq xogħol li jitwettaq minn espert attwarju estern indipendenti. Nivverifikaw id-*data* bażika li fuqha huma bbażati l-kalkoli, il-parametri attwarji u l-kalkolu tal-obbligazzjoni. Neżaminaw ukoll il-preżentazzjoni tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ konsolidata u n-noti għar-rapporti finanzjarji

konsolidati.

**XIII.** Nikkonkludu li l-istima tal-obbligazzjoni kumplessiva għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati ddikjarata fil-karta tal-bilanċ konsolidata hija ġusta u affidabbli. Fl-aħħar nett, se nkomplu nivvalutaw il-kalkolu ta' din l-obbligazzjoni sinifikanti, inkluża l-affidabbiltà tad-*data* ta' bażi, biex b'hekk nikkontribwixxu għall-monitoraġġ kontinwu mwettaq mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

**Aħna vvalutajna stimi sinifikanti ta' tmiem is-sena li ġew ippreżentati fil-kontijiet**

**XIV.** Fi tmiem l-2020, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati, kien ta' EUR 107.8 biljun (tmiem l-2019: EUR 105.7 biljun). Dawn l-ammonti ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti[6].

**XV.** Fi tmiem l-2020, l-ammont stmat li ma ntużax mill-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża u mill-iskemi ta' għajnuna rikonoxxuti fil-kontijiet kien jammonta għal EUR 7.2 biljun (tmiem l-2019: EUR 6.9 biljun), li fil-karta tal-bilanċ jintwera bħala "Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri" (pagamenti bil-quddiem).

**XVI.** Sabiex nivvalutaw dawn l-istimi ta' tmiem is-sena, aħna eżaminajna s-sistema li l-Kummissjoni kienet stabbiliet għall-kalkoli tal-cut-off biex niżguraw il-korrettezza u l-kompletezza tagħhom fid-direttorati ġenerali li fihom saru l-biċċa l-kbira mill-pagamenti. Matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-kampjun ta' fatturi u ta' pagamenti ta' prefinanzjament, aħna eżaminajna l-kalkoli tal-cut-off rilevanti sabiex nindirizzaw ir-riskju li l-ammont dovut jiġi ddikjarat b'mod skorrett. Aħna fittixna kjarifika addizzjonali mis-servizzi kontabilistiċi tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija ġenerali għall-istabbiliment ta' dawn l-istimi.

**XVII.** Nikkonkludu li l-istima tal-ammont kumplessiv ta' imposti dovuti u ta' pagamenti bil-quddiem oħra għall-Istati Membri huma ppreżentati b'mod ġust fil-karta tal-bilanċ konsolidata.

---

[4] Il-kontijiet annwali tal-UE għall-2020, in-Nota 2.9.

[5] Informazzjoni ddivulgata fin-Nota 2.9 tal-kontijiet annwali tal-UE fil-perjodu 2014-2020

[6] Dawn jinkludu imposti dovuti ta' EUR 64.4 biljun fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ u, fuq in-naħa tal-assi, EUR 43.4 biljun li jnaqqsu l-valur tal-prefinanzjament.

**Aħna rrieżaminajna l-ammonti tal-assi u tad-dħul korrispondenti (minn tranżazzjonijiet mhux relatati mal-kambju) li ġew iġġenerati mill-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit**

**XVIII.** Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit (UK) ma baqax Stat Membru tal-UE. B'segwitu għall-konklużjoni tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") bejn iż-żewġ partijiet, ir-Renju Unit għamel impenn biex jonora l-obbligi finanzjarji kollha taħt l-oqfsa finanzjarji pluriennali preċedenti li jirriżultaw mis-sħubija tiegħu fl-UE. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit kompla jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE, u jibbenefika minnu, daqslikieku kien għadu Stat Membru.

**XIX.** Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, obbligi reċiproċi oħra min-naħa tal-UE u tar-Renju Unit wasslu għal ċerti obbligazzjonijiet u ammonti riċevibbli għall-UE. Dawn l-obbligi jridu jiġu riflessi fil-kontijiet annwali tal-UE. Il-Kummissjoni stmat li, fid-data tal-karta tal-bilanċ, ir-Renju Unit kellu jħallas l-ammont dovut ta' EUR 49.6 biljun lill-UE, filwaqt li l-UE kellha tħallas l-ammont dovut ta' EUR 2.1 biljun lir-Renju Unit. Għaldaqstant, fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-kontijiet tal-UE wrew ammont riċevibbli nett dovut mir-Renju Unit ta' EUR 47.5 biljun.

**XX.** Bħala parti mill-proċeduri normali tal-awditjar tagħna, iddiskutejna mal-Kummissjoni dwar it-twaqqit, il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-ammonti tal-assi u tad-dħul korrispondenti rikonoxxuti. Aħna kkalkulajna mill-ġdid l-ammonti kkonċernati, irrikonċiljajnihom mar-reġistri ta' bażi u vverifikajna x-xerqien ta' kwalunkwe suppożizzjoni użata.

**XXI.** Nikkonkludu li l-istimi tat-total tal-assi u tad-dħul rikonoxxuti b'rabta mal-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati. Għall-ġejjieni, aħna se nibqgħu nirrieżaminaw dawn l-ammonti.

**Aħna vvalutajna l-impatt tal-miżuri relatati mal-COVID-19 fuq il-kontijiet**

**XXII.** B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni mmobilizzat riżorsi sostanzjali biex issaħħaħ is-setturi tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri u biex timmitiga l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi fl-Unjoni Ewropea. Dawn jinkludu l-finanzjament ta' provvisti mediċi urġenti, l-introduzzjoni ta' aktar flessibbiltà fl-użu ta' appoġġ finanzjarju mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, kif ukoll l-għoti ta' self lill-Istati Membri b'termini favorevoli. L-effetti finanzjarji ta' dawn l-inizjattivi kellhom impatt sinifikanti fuq ir-rapporti finanzjarji.

**XXIII.** Bħala parti mill-proċeduri normali tal-awditjar tagħna, aħna awditjajna l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż tal-UE, inklużi dawk relatati mal-miżuri li ttieħdu mill-Kummissjoni. Nikkonkludu li dawn huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

## Kwistjonijiet oħra

**XXIV.** Il-maniġment huwa responsabbli għall-provvediment ta' "informazzjoni oħra". Dan it-terminu jinkludi l-punti finanzjarji ewlenin tas-sena ("Financial highlights of the year"), iżda mhux il-kontijiet konsolidati jew ir-rapporti tagħna dwarhom. L-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet konsolidati ma tkoprix din l-informazzjoni l-oħra, u aħna ma nesprimu l-ebda forma ta' konklużjoni ta' aċċertament dwarha. Ir-responsabbiltà tagħna b'rabta mal-awditu tal-kontijiet konsolidati hija li naqraw l-informazzjoni l-oħra u nqisu jekk din l-informazzjoni tkunx materjalment inkonsistenti mal-kontijiet konsolidati jew mal-għarfien li nkunu ksibna fl-awditu, jew jekk jidhirx li tkun saret xi dikjarazzjoni skorretta materjali oħra. Jekk nikkonkludu li jkun hemm dikjarazzjoni skorretta materjali tal-informazzjoni l-oħra, aħna meħtieġa nirrappurtaw dan il-fatt kif meħtieġ. Aħna ma għandna xejn x'nirrappurtaw f'dan ir-rigward.

### Responsabbiltajiet tal-maniġment

**XXV.** F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet konsolidati tal-UE abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet (liġijiet, regolamenti, prinċipji, regoli u standards) li jirregolawhom. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

**XXVI.** Fit-tħejjija tal-kontijiet konsolidati, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-UE li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga kull kwistjoni rilevanti u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

**XXVII.** Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-UE.

**XXVIII.** Skont ir-Regolament Finanzjarju (it-Titolu XIII), l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni jrid jippreżenta l-kontijiet konsolidati tal-UE biex jiġu awditjati, l-ewwel bħala kontijiet proviżorji sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara u mbagħad bħala kontijiet finali sal-31 ta' Lulju. Il-kontijiet proviżorji jridu diġà jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Għalhekk, huwa imperattiv li l-entrati kollha tal-kontijiet proviżorji jiġu ppreżentati bħala kalkoli finali, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu nwettqu l-kompitu tagħna f'konformità mat-(Titolu XIII) tar-Regolament Finanzjarju u sad-dati ta' skadenza mogħtija. Kull bidla bejn il-kontijiet proviżorji u dawk finali normalment tkun tirriżulta mill-osservazzjonijiet tagħna biss.

**Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet konsolidati u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

**XXIX.** L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-UE jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet konsolidati.

**XXX.** Għad-dħul, l-eżaminar tagħna tal-VAT u tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-aggregati makroekonomiċi li fuqhom dawn jiġu kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sal-punt li fih il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u nanalizzaw il-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jkunu ġew riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet.

**XXXI.** Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti fil-punt meta jsiru, ħlief il-pagamenti bil-quddiem. Aħna neżaminaw il-pagamenti bil-quddiem ladarba r-riċevitur tal-fondi jkun ipprovda evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan għandu mnejn ma jseħħx qabel is-sena sussegwenti.

**XXXII.** Aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

(a) Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

(b) Niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-*effettività* tal-kontroll intern.

(c) Nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.

(d) Nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità ta' entità li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet konsolidati jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex l-entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.

(e) Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet konsolidati, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet konsolidati jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta’ bażi b’mod ġust.

(f) Niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar rigward l-informazzjoni finanzjarja dwar l-entitajiet koperti mill-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-UE biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet konsolidati u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna għandna r-responsabbiltà li nidderieġu, nissorveljaw u nwettqu l-awditu, u aħna unikament responsabbli għall-opinjoni tal-awditjar li nagħtu.

**XXXIII.** Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet dwar kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

**XXXIV.** Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni u ma’ entitajiet oħra awditjati, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet konsolidati, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f’każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b’mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

15 ta’ Lulju 2021

Klaus-Heiner LEHNE
*Il-President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

# Introduzzjoni

## Ir-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**1.1.** Aħna l-awditur indipendenti tal-UE. Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[7], aħna:

(a) nagħtu l-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet tal-UE;

(b) nivverifikaw jekk il-baġit tal-UE jintużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;

(c) nirrappurtaw dwar jekk l-infiq tal-UE huwiex ekonomiku, effiċjenti u effettiv[8]; u

(d) nagħtu parir dwar proposti għal leġiżlazzjoni b'impatt finanzjarju.

**1.2.** Ix-xogħol tagħna għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* (spjegat fl-***Anness 1.1***) jippermettilna nilħqu l-ewwel u t-tieni objettivi ta' hawn fuq. Aħna nippreżentaw l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-baġit relatati mal-prestazzjoni (l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq) f'parti separata tar-rapport annwali tagħna[9]. Meħud fit-totalità tiegħu, ix-xogħol tal-awditjar li nwettqu jipprovdi wkoll kontribut importanti għall-opinjonijiet li nagħtu dwar proposti għal leġiżlazzjoni.

**1.3.** Dan il-kapitolu tar-rapport annwali:

(a) jiddeskrivi l-kuntest għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna u jagħti stampa ġenerali tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-*regolarità tat-tranżazzjonijiet*, inkluża l-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni;

---

[7] L-Artikoli 285 sa 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47).

[8] Ara l-glossarju: *Ġestjoni finanzjarja tajba*.

[9] Aħna nirrappurtaw dwar dawn l-aspetti fir-"Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – Status fi tmiem l-2020" u fir-rapporti speċjali tagħna relatati mal-prestazzjoni.

(b) jinkludi informazzjoni dwar ir-rappurtar tagħna lill-OLAF ta' każijiet ta' frodi suspettata u dwar l-awditi tagħna rigward l-azzjoni meħuda mill-UE għall-ġlieda kontra l-frodi;

(c) jagħti sinteżi tal-approċċ tal-awditjar tagħna (ara l-***Anness 1.1***).

**1.4.** Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar b'rabta mal-COVID-19 ma ppermettulniex, fi kważi l-każijiet kollha, li nwettqu kontrolli fuq il-post, li niksbu dokumenti oriġinali, li nintervistaw il-persunal tal-entità awditjata wiċċ imb wiċċ u li nivverifikaw l-eżistenza fiżika tal-outputs iffinanzjati mill-UE. Għaldaqstant, aħna wettaqna l-biċċa l-kbira mix-xogħol tagħna permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post u billi intervistajna l-entitajiet awditjati mill-bogħod. Filwaqt li n-nuqqas ta' twettiq ta' kontrolli fuq il-post jista' jżid ir-riskju tad-detezzjoni[10], l-evidenza li ksibna mingħand l-entitajiet awditjati tagħna ppermettiet li nlestu x-xogħol tagħna u nikkonkluduh.

## L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika

**1.5.** L-infiq tal-UE huwa għodda importanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika, iżda mhuwiex l-unika waħda. Miżuri importanti oħra jinkludu l-użu ta' leġiżlazzjoni u d-dritt għall-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi, kapital u persuni madwar l-UE. Fl-2020, l-infiq tal-UE ammonta għal EUR 173.3 biljun[11], li jirrappreżenta 1.1 % tal-introjtu nazzjonali gross ikkombinat tal-Istati Membri tal-UE u tar-Renju Unit[12] (ara l-***Kaxxa 1.1***).

---

[10] Ir-riskju tad-detezzjoni huwa r-riskju li l-awditur ma jaqbadx devjazzjoni li ma tkunx ġiet ikkoreġuta mill-kontrolli interni tal-entità.

[11] Ara l-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2020, ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni, 4.3 QFP: Implimentazzjoni tal-*approprjazzjonijiet* ta' pagament.

[12] L-ING ikkombinat tal-Istati Membri tal-UE flimkien ma' dak tar-Renju Unit, il-kontijiet annwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2020 – Anness A – Dħul, infiq tal-gvernijiet estiżi tal-EU-27 ara https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/gov_10a_main/.

### Kaxxa 1.1

### L-infiq tal-UE fl-2020 bħala sehem tal-introjtu nazzjonali gross (ING) u tal-infiq tal-gvernijiet estiżi




* L-ING ikkombinat tal-Istati Membri tal-UE flimkien ma' dak tar-Renju Unit, minħabba li dan il-pajjiż ikkontribwixxa għall-baġit tal-UE kif għamlu l-Istati Membri l-oħra tal-UE fl-2020.

** Bħala proporzjon tal-introjtu nazzjonali gross tal-EU-27, bl-esklużjoni tar-Renju Unit, l-infiq tal-gvernijiet estiżi tal-EU-27 ikun jirrappreżenta 54 %.

*Sors:* ING tal-Istati Membri: il-kontijiet annwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2020 – Anness A – Dħul; Infiq tal-gvernijiet estiżi tal-Istati Membri: l-Eurostat — il-kontijiet nazzjonali annwali; l-infiq tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea – il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

**1.6.** Il-fondi tal-UE jiġu żborżati lill-benefiċjarji jew permezz ta' pagamenti uniċi/pagamenti parzjali annwali jew inkella permezz ta' sensiela ta' pagamenti fi ħdan skemi ta' nfiq pluriennali. Il-pagamenti li saru mill-baġit tal-UE 2020 ammontaw għal EUR 134.6 biljun li kienu jikkonsistu f'pagamenti uniċi, *interim* jew finali, kif ukoll fi prefinanzjament ta' EUR 38.7 biljun. Kif jidher fil-***Kaxxa 1.2***, l-akbar ishma mill-baġit tal-UE ġew allokati għal "Riżorsi naturali" u "Koeżjoni", segwiti minn "Kompetittività".

## Kaxxa 1.2

### Pagamenti fl-2020 skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)




| | |
|---|---|
| QFP 1a | Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi ("Kompetittività") |
| QFP 1b | Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ("Koeżjoni") |
| QFP 2 | Riżorsi naturali |
| QFP 3 | Sigurtà u ċittadinanza |
| QFP 4 | Ewropa Globali |
| QFP 5 | Amministrazzjoni |
| QFP 9 | Strumenti speċjali |

*Sors:* il-QEA.

# Sejbiet tal-awditjar għas-sena finanzjarja 2020

## Affidabbiltà tal-kontijiet

### Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali

**1.7.** Is-sejbiet tagħna jikkonċernaw il-kontijiet konsolidati (il-"kontijiet")[13] tal-UE għas-sena finanzjarja 2020. Aħna rċevejniehom, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, fl-1 ta' Lulju 2021, qabel id-data finali għall-preżentazzjoni stabbilita bir-Regolament Finanzjarju[14]. Il-kontijiet huma akkumpanjati minn taqsima dwar il-punti finanzjarji ewlenin tas-sena, intitolata "Financial highlights of the year", li tinkludi l-analiżi tar-rapporti finanzjarji[15]. Din it-taqsima mhijiex koperta mill-opinjoni tal-awditjar tagħna. Madankollu, skont l-istandards tal-awditjar, aħna wettaqna valutazzjoni tal-konsistenza tagħha mal-informazzjoni fil-kontijiet.

**1.8.** Il-kontijiet ippubblikati mill-Kummissjoni juru li, fil-31 ta' Diċembru 2020, l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 313.4 biljun meta mqabbla ma' assi totali ta' EUR 280.0 biljun. Id-differenza ta' EUR 33.4 biljun kienet tirrappreżenta l-assi netti (negattivi), li jinkludu riżervi u dik il-parti tal-ispejjeż li l-UE kienet diġà ġarrbet sal-

---

[13] Il-kontijiet konsolidati jinkludu:

(a) ir-rapporti finanzjarji konsolidati li jkopru l-karta tal-bilanċ (li tippreżenta l-assi u l-obbligazzjonijiet fi tmiem is-sena), ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja (li jirrikonoxxi l-introjtu u l-ispejjeż tas-sena), ir-rapport tal-flussi tal-flus (li jiddivulga kif il-bidliet fil-kontijiet jaffettwaw il-flus kontanti u l-ekwivalenti ta' flus kontanti) u r-rapport tal-bidliet fl-assi netti kif ukoll in-noti għar-rapporti finanzjarji;

(b) ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jkopru d-dħul u l-infiq għas-sena, kif ukoll in-noti relatati.

[14] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1).

[15] Ara l-Linja Gwida ta' Prattika Rakkomandata 2 (RPG 2) intitolata "Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju", tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSASB).

31 ta’ Diċembru u li trid tiġi ffinanzjata minn baġits futuri. Ir-riżultat ekonomiku għall-2020 kien ta’ EUR 57.4 biljun.

**1.9.** L-awditu li wettaqna sab li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Minbarra dan, aħna nippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol tagħna dwar il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tal-fondi tal-UE fil-***Kapitolu 2***.

### Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar relatati mar-rapporti finanzjarji 2020

**1.10.** Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, skont il-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu tagħna tar-rapporti finanzjarji fl-intier tagħhom kif ukoll aħna u nifformulaw l-opinjonijiet tagħna dwarhom, iżda ma nipprovdux opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet. Aħna nirrappurtaw dwar kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar fid-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tagħna.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**1.11.** Aħna eżaminajna d-dħul u l-infiq tal-UE biex nivvalutaw jekk dawn kinux inġabru u ntefqu f’konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna għad-dħul huma ppreżentati fil-***Kapitolu 3*** u għall-infiq fil-***Kapitoli 4-9***.

### L-awditu li wettaqna jkopri tranżazzjonijiet tad-dħul u tal-infiq li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

**1.12.** Għad-dħul, aħna ksibna aċċertament għall-opinjoni tal-awditjar tagħna billi vvalutajna s-sistemi ewlenin magħżula, ikkomplementati bi ttestjar tat-tranżazzjonijiet. Il-kampjun ta’ tranżazzjonijiet eżaminati kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tas-sorsi kollha ta’ dħul, li jinkludi tliet kategoriji ta’ riżorsi proprji u dħul li ġej minn sorsi oħra (ara l-paragrafi ***3.2-3.3***).

**1.13.** Għall-infiq, aħna ddefinejna kampjun rappreżentattiv ta’ 728 tranżazzjoni. Dawn jinkludu trasferimenti ta’ fondi mill-baġit tal-UE lil *riċevituri finali* tal-infiq tal-UE (ara l-paragrafi ***(11)*** u ***(12)*** tal-***Anness 1.1.***). L-ittestjar li wettaqna ta’ dawn it-tranżazzjonijiet ikkontribwixxa għad-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tagħna u għall-istima tagħna tal-proporzjon ta’ tranżazzjonijiet irregolari fil-popolazzjoni kumplessiva li awditjajna, fi nfiq b’riskju għoli u fi nfiq b’riskju baxx (ara l-paragrafu ***1.18***) kif ukoll f’kull intestatura tal-QFP fejn aħna nipprovdu valutazzjoni speċifika (QFP 1a, 1b, 2 u 5).

**1.14.** Għall-2020, il-popolazzjoni li awditjajna għall-ittestjar tad-dħul kienet tammonta għal EUR 174.3 biljun (ara l-***Kaxxa 3.1*** u l-paragrafu ***3.4***) u dik għall-infiq kienet tammonta għal EUR 147.8 biljun. Dawn l-ammonti jinkludu kemm il-kontribuzzjonijiet mir-Renju Unit kif ukoll il-pagamenti magħmula lilu, f’konformità mal-kundizzjonijiet deskritti fil-ftehim dwar il-ħruġ[16].

**1.15.** Il-***Kaxxa 1.3*** turi l-popolazzjoni li awditjajna - ripartita f’pagamenti uniċi, *interim* (fejn ikunu ġew aċċettati mill-Kummissjoni) u finali; approvazzjonijiet ta’ prefinanzjamenti; u deċiżjonijiet annwali dwar l-aċċettazzjoni tal-kontijiet - bi tqabbil mal-infiq tal-UE għal kull l-intestatura tal-QFP (ara l-paragrafu ***(11)*** tal-***Anness 1.1***).

---

[16] L-Artikolu 135(1) tal-ftehim dwar il-ħruġ jiddikjara “Għas-snin 2019 u 2020, f’konformità mar-Raba’ Parti, ir-Renju Unit għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-Unjoni u jieħu sehem f'tali implimentazzjoni.”

## Kaxxa 1.3

### Tqabbil bejn il-popolazzjoni li awditjajna (EUR 147.8 biljun) u l-infiq tal-UE (EUR 173.3 biljun) skont l-intestatura tal-QFP fl-2020




(*) Għal "Koeżjoni", l-ammont ta' EUR 58.3 biljun fi prefinanzjamenti jinkludi pagamenti *interim* għall-perjodu 2014-2020 relatati mal-infiq li għadu ma ġiex aċċettat mill-Kummissjoni, li jammontaw għal EUR 47.2 biljun (ara l-***Kaxxa 5.1***).

*Sors:* il-QEA.

**1.16.** Il-*Kaxxa 1.4* turi li l-Intestatura "Riżorsi naturali" tikkostitwixxi l-akbar sehem mill-popolazzjoni kumplessiva tagħna (40.8 %), segwita minn "Koeżjoni" (32.8 %) u "Kompetittività" (11.0 %).

### Kaxxa 1.4

### Stampa ġenerali tal-popolazzjoni li awditjajna ta' EUR 147.8 biljun għall-2020 skont l-intestatura tal-QFP




*Sors:* il-QEA.

## L-iżball qed ikompli jkun preżenti f'tipi speċifiċi ta' nfiq

**1.17.** F'dak li jikkonċerna r-regolarità tad-dħul u l-infiq tal-UE, is-sejbiet ewlenin tagħna kienu:

(a) Għad-dħul, l-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi relatati mad-dħul li eżaminajna kienu, b'mod ġenerali, effettivi. Madankollu, il-kontrolli interni ewlenin tar-*riżorsi proprji tradizzjonali* (RPT) li vvalutajna f'ċerti Stati Membri u l-għeluq taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING li vvalutajna fil-Kummissjoni kienu parzjalment effettivi minħabba dgħufijiet persistenti (ara l-paragrafi ***3.9-3.17***). Aħna qbadna wkoll dgħufijiet sinifikanti fil-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri biex jitnaqqas in-*nuqqas doganali* fihom li jeħtieġu azzjoni mill-UE. Dawn id-dgħufijiet ma jaffettwawx l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul, billi ma jikkonċernawx it-

tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet iżda pjuttost ir-riskju li l-RPT ma jkunux kompleti. Ir-rapport speċjali reċenti tagħna dwar il-kontrolli doganali rrakkomanda titjib f'dan il-qasam (ara l-paragrafi ***3.18*** u ***3.19***)[17].

(b) Għall-infiq, l-evidenza tagħna għall-awditjar tindika li l-livell kumplessiv ta' żball kien materjali f'rata ta' 2.7 %[18] (ara l-***Kaxxa 1.5***). "Koeżjoni" kienet l-akbar kontributur għal din ir-rata b'(41.8 %), segwita minn "Riżorsi naturali" (29.3 %), "Kompetittività" (15.5 %) u "Ewropa Globali" (8.1 %). Qed ikompli jkun hemm żball materjali fi nfiq b'riskju għoli, li huwa prinċipalment infiq ibbażat fuq rimborżi (ara l-paragrafi ***1.18*** u ***1.21***-***1.22***). Nefqa ta' dan it-tip kienet tirrappreżenta 59.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna.

## Kaxxa 1.5

## Livell ta' żball stmat (2016-2020)




Aħna niddefinixxu **żball** bħala ammont ta' flus li ma kellux jitħallas mill-baġit tal-UE. Żbalji jseħħu meta l-flus ma jintużawx skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u b'hekk mhux kif kien maħsub mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew meta adottaw din il-leġiżlazzjoni, jew meta l-flus ma jintużawx skont regoli nazzjonali speċifiċi.

*Sors:* il-QEA.

[17] Ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2021 "Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE".

[18] Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1.8 % u 3.6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-livell ta' żball, rispettivament).

### Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif il-fondi tal-UE jiġu żborżati għandhom impatt fuq ir-riskju ta’ żball

**1.18.** B’segwitu għal analiżi tar-riskju li wettaqna, u li hija bbażata fuq riżultati tal-awditjar preċedenti tagħna u fuq valutazzjoni tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll, aħna qsamna l-popolazzjoni li awditjajna tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi fi nfiq b’riskju għoli u nfiq b’riskju baxx, sabiex nagħżlu l-kampjun rappreżentattiv tagħna.

— Ir-riskju ta’ żball huwa aktar baxx għal infiq li jkun suġġett għal regoli simplifikati. Dan it-tip ta’ nfiq jinkludi prinċipalment dawk il-**pagamenti bbażati fuq drittijiet**[19], li għalihom il-benefiċjarji jridu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, li ta’ sikwit ikunu sempliċi.

— Ir-riskju ta’ żball huwa għoli għall-infiq li huwa suġġett għal regoli kumplessi. Dan huwa l-każ prinċipalment għal **pagamenti bbażati fuq rimborżi** fejn il-benefiċjarji jridu jippreżentaw talbiet għal spejjeż eliġibbli li jkunu ġarrbu. Għal din il-fini, kif ukoll biex juru li jkunu involuti f’attività eliġibbli għall-appoġġ, huma jridu jipprovdu evidenza tal-ispejjeż rimborżabbli li jkunu ġarrbu. Meta jagħmlu dan, huma jridu ta’ sikwit isegwu regoli kumplessi rigward x’jista’ jintalab (eliġibbiltà) u kif l-ispejjeż jistgħu jiġġarrbu b’mod xieraq (regoli dwar l-akkwist pubbliku jew dwar l-għajnuna mill-Istat).

**1.19.** Fl-2020, aħna komplejna nsibu li l-infiq b’riskju baxx kien ħieles minn żball materjali, iżda li l-infiq b’riskju għoli baqa’ milqut minn żball materjali. Għaldaqstant, ir-riżultati tal-awditjar tagħna għall-2020 jaffermaw mill-ġdid il-valutazzjoni li wettaqna u l-klassifikazzjoni li għamilna tar-riskji: billi jirriflettu li l-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt fuq ir-riskju ta’ żball.

**1.20.** Il-***Kaxxa 1.6*** u l-paragrafi ***1.21-1.30*** jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-popolazzjoni b’riskju għoli u l-iżbalji li sibna fihom.

[19] L-infiq ibbażat fuq drittijiet jinkludi n-nefqa amministrattiva.

**Kaxxa 1.6**

**Ripartizzjoni tal-popolazzjoni li awditjajna għall-2020, fi nfiq b'riskju baxx u nfiq b'riskju għoli**




*Sors:* il-QEA.

**Proporzjon sostanzjali tal-popolazzjoni li awditjajna hija milquta minn żball materjali**

**1.21.** L-infiq b'riskju għoli jirrappreżenta 59.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna, u żdied meta mqabbel mas-sena l-oħra, meta kien jirrappreżenta madwar 53.1 %. Il-proporzjon ogħla ta' nfiq b'riskju għoli din is-sena huwa dovut l-aktar għal żieda addizzjonali ta' EUR 20.0 biljun fil-popolazzjoni li awditjajna għal "Koeżjoni". Il-*Kaxxa 1.7* turi li l-Intestatura "Koeżjoni" tikkostitwixxi l-akbar sehem mill-popolazzjoni b'riskju għoli li awditjajna (EUR 48.4 biljun), segwita minn "Riżorsi Naturali" (EUR 18.8 biljun) u "Kompetittività" (EUR 10.3 biljun).

**1.22.** Filwaqt li nieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna ta' nfiq b'riskju għoli fl-intestaturi kollha tal-QFP, aħna nistmaw li l-livell ta' żball f'dan it-tip ta' nfiq huwa ta' 4.0% (2019: 4.9 %), li huwa ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2.0 % (ara l-*Kaxxa 1.6*).

## Kaxxa 1.7

### Ripartizzjoni tal-infiq b'riskju għoli skont l-intestatura tal-QFP




*Sors:* il-QEA.

**1.23.**  "Koeżjoni" (il-***Kapitolu 5***): in-nefqa f'dan il-qasam tiġi implimentata prinċipalment permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fondi Soċjali Ewropej. Din hija predominata minn pagamenti bbażati fuq rimborżi, li aħna nqisu li huma b'riskju għoli. It-tipi prinċipali ta' żball li sibna u kkwantifikajna kienu proġetti u nfiq ineliġibbli, ksur tar-regoli tas-suq intern (b'mod partikolari nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat) u nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn.

**1.24.**  "Riżorsi naturali" (il-***Kapitolu 6***): għall-oqsma ta' nfiq li aħna konna identifikajna bħala li huma ta' riskju għoli (żvilupp rurali, miżuri tas-suq, sajd, ambjent u azzjoni klimatika), li jirrappreżentaw madwar 31 % tal-pagamenti taħt din l-intestatura, għal darb'oħra sibna livell materjali ta' żball. F'dawn l-oqsma, l-infiq jieħu prinċipalment il-forma ta' rimborż. Spejjeż ineliġibbli, żbalji amministrattivi u nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn huma l-aktar żbalji komuni misjuba f'dan il-qasam.

**1.25.** "Kompetittività" (il-***Kapitolu 4***): bħal fi snin preċedenti f'dan il-qasam, in-nefqa għar-riċerka (Orizzont 2020 u s-Seba' Programm Kwadru, jiġifieri l-FP7), tibqa' b'riskju għoli u hija s-sors prinċipali ta' żball. L-iżbalji maqbuda fl-infiq fuq ir-riċerka jinkludu kategoriji differenti ta' spejjeż ineliġibbli (b'mod partikolari, spejjeż diretti għall-persunal u *spejjeż diretti* oħra), nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn u nuqqas ta' rendikont tal-entrati.

**1.26.** "Ewropa Globali" (il-***Kapitolu 8***): in-nefqa f'dan il-qasam hija, fil-biċċa l-kbira, ibbażata fuq rimborżi u tkopri azzjonijiet esterni ffinanzjati mill-baġit tal-UE. It-tipi kollha ta' nfiq taħt din l-intestatura huma meqjusa bħala b'riskju għoli, ħlief għall-pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju, li jirrappreżentaw madwar 19 % ta' dan l-infiq. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji misjuba f'dan il-qasam jikkonċernaw nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn, nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, spejjeż mhux imġarrba u spejjeż ineliġibbli.

**L-iżbalji ta' eliġibbiltà għadhom jikkontribwixxu l-aktar għal-livell ta' żball stmat għall-infiq b'riskju għoli**

**1.27.** Bħal fi snin reċenti, hawn taħt aħna niddeskrivu fid-dettall it-tipi ta' żball li jinstabu fi nfiq b'riskju għoli, billi dan huwa fejn hemm livell materjali ta' żball persistenti. Il-***Kaxxa 1.8*** turi l-kontribut ta' kull tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat fir-rigward ta' nfiq b'riskju għoli fl-2020, flimkien mal-istimi mill-2016 sal-2019.

## Kaxxa 1.8

### Kontribut għal-livell ta' żball stmat għall-2020, fir-rigward ta' nfiq b'riskju għoli, skont it-tip ta' żball




*Sors:* il-QEA.

**1.28.** Fl-2020, komplejna nsibu żbalji ta' eliġibbiltà, li għamlu kontribuzzjoni sinifikanti ta' 65.9 % (fl-2019: 74 %) għal-livell ta' żball stmat minna għall-infiq b'riskju għoli, prinċipalment f'"Kompetittività", "Koeżjoni" u "Riżorsi naturali". Minn dawn l-iżbalji, l-ispejjeż ineliġibbli inklużi fit-talbiet dwar l-ispejjeż ikkontribwew 45.1 % u l-proġetti, l-attivitajiet jew il-benefiċjarji ineliġibbli kkontribwew 20.8 %.

**1.29.** Barra minn hekk, sibna żbalji relatati ma' ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat f'"Koeżjoni" u tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku f'"Kompetittività" u f'"Ewropa Globali". Dawn l-iżbalji kkontribwew 18.7 % għal-livell ta' żball stmat minna għal infiq b'riskju għoli (2019: 20 %).

**1.30.** Barra minn hekk, fl-2020 il-proporzjon tal-livell ta' żball stmat, magħmul minn pagamenti li għalihom ma ġiet ipprovduta l-ebda dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn, żdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-2019, prinċipalment f'"Ewropa Globali" u f'"Kompetittività". Dawn l-iżbalji kkontribwew 11.4% (2019: 4 %) għal-livell ta' żball stmat minna għall-infiq b'riskju għoli.

**Aħna ma sibniex livell materjali ta' żball fl-infiq b'riskju baxx**

**1.31.** Għall-infiq b'riskju baxx, li kien jirrappreżenta 41.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna, aħna nikkonkludu li l-livell ta' żball stmat huwa taħt is-soll ta' materjalità tagħna ta' 2.0 %, kif kien ukoll il-każ fl-2018 u fl-2019. Infiq b'riskju baxx jinkludi prinċipalment il-pagamenti bbażati fuq drittijiet u n-nefqa amministrattiva (ara l-*Kaxxa 1.9*). Il-pagamenti bbażati fuq drittijiet jinkludu *għajnuna diretta* għall-bdiewa ("Riżorsi naturali" – il-***Kapitolu 6***) fellowships għall-istudenti u għar-riċerka ("Kompetittività" – il-***Kapitolu 4***) u appoġġ baġitarju lil pajjiżi mhux tal-UE ("Ewropa Globali" – il-***Kapitolu 8***). In-nefqa amministrattiva tinkludi prinċipalment is-salarji u l-pensjonijiet tal-ħaddiema taċ-ċivil tal-UE ("Amministrazzjoni" – il-***Kapitolu 9***).

## Kaxxa 1.9

### Ripartizzjoni tal-infiq b'riskju baxx skont l-intestatura tal-QFP




*Sors:* il-QEA.

## L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni

**1.32.** Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, irrispettivament mill-mod ta' ġestjoni (ġestjoni diretta, indiretta jew kondiviża). Il-Kummissjoni tagħti rendikont tal-azzjonijiet tagħha fi tliet rapporti, li huma inklużi fil-"Pakkett ta' Rappurtar Finanzjarju Integrat"[20]:

(a) Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea;

(b) Ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) għall-baġit tal-UE;

(c) Ir-rapport dwar is-segwitu għall-kwittanza tas-sena finanzjarja preċedenti.

### L-istima mill-Kummissjoni tal-livell ta' żball hija fil-lat inferjuri tal-firxa indikata minna

**1.33.** Fl-AMPR, għat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-2020, il-Kummissjoni tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament[21]. Ir-riskju fil-waqt tal-pagament jirrappreżenta l-istima mill-Kummissjoni tal-ammont li, fil-mument tal-pagament, kien tħallas mingħajr ma kien skont ir-regoli applikabbli. Dan il-kunċett huwa l-eqreb għall-istima tagħna tal-livell ta' żball.

**1.34.** Il-*Kaxxa 1.10* tippreżenta ċ-ċifri ppreżentati mill-Kummissjoni għar-riskju fil-waqt tal-pagament flimkien mal-firxa tal-livell ta' żball stmat minna. Fil-każ tal-Kummissjoni, ir-riskju fil-waqt tal-pagament għall-2020 huwa ta' 1.9 %, li huwa taħt il-livell ta' żball stmat minna ta' 2.7 % (2019: 2.7 %) u fil-lat inferjuri tal-firxa tagħna, li huwa bejn 1.8 % u 3.6 %. Aħna nipprovdu informazzjoni fil-paragrafi *1.35*-*1.39*, li tiddeskrivi l-fatturi li jikkontribwixxu għad-differenza fiċ-ċifri.

---

[20] https://ec.europa.eu/info/publications/integrated-financial-and-accountability-reporting-2019_en.

[21] L-Artikolu 247(1)(b)(i) tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-AMPR jinkludi stima tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-Unjoni.

## Kaxxa 1.10

### L-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament bi tqabbil mal-livell ta' żball stmat minna




*Sors:* il-QEA.

### Għad fadal kwistjonijiet dwar il-proċess għat-tħejjija tal-AMPR u l-informazzjoni dwar ir-regolarità inkluża fih

**1.35.** L-AMPR jiġbor fil-qosor l-informazzjoni ewlenija dwar il-kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja msemmija fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tad-diversi direttorati ġenerali (DĠ) tal-Kummissjoni[22]. Ir-responsabbiltà għal dawn ir-rapporti ssegwi t-tqassim tar-responsabbiltajiet li huwa stabbilit fl-arranġamenti ta' governanza tal-Kummissjoni. Id-diretturi ġenerali huma responsabbli għall-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fir-RAA rispettivi tagħhom, filwaqt li l-kulleġġ tal-Kummissarji jadotta l-AMPR u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli għall-produzzjoni tar-rapport u l-informazzjoni ppreżentata fih, u għandu s-sjieda tagħhom.

[22] Kif meħtieġ mill-Artikolu 247(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

**1.36.** Biex jappoġġaw lill-kulleġġ f'din il-proċedura, id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG) u s-Segretarjat Ġenerali jirrieżaminaw l-informazzjoni fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ l-oħra u jużaw din l-informazzjoni bħala l-bażi għar-rappurtar fl-AMPR. Huma jinfurmaw ukoll lill-Bord ta' Ġestjoni Korporattiva (CMB), f'nota konġunta, dwar ir-riżultati tar-rieżaminar tagħhom[23]. Għalkemm id-DĠ BUDG u s-Segretarjat Ġenerali għandhom rwol ewlieni fil-produzzjoni tal-AMPR, huma ma jiġux ipprovduti bi struzzjonijiet dettaljati dwar il-kontenut u l-ambitu tal-AMPR u lanqas dwar ir-rieżaminar relatat tar-rapporti annwali tal-attività ta' DĠ oħra. Il-ħruġ ta' tali struzzjonijiet ikun jgħin lill-kulleġġ biex jiżgura li jipprovdi informazzjoni rilevanti u affidabbli.

**1.37.** Is-sena li għaddiet, irrappurtajna dwar problemi li jaffettwaw ir-riskju fil-waqt tal-pagament, li jiġu ddivulgati b'mod individwali għall-oqsma ta' politika differenti fir-RAA rispettivi u bħala ċifra aggregata fl-AMPR[24]. Aħna sibna li dawn l-istimi ġew affettwati mir-rwol partikolari tal-Kummissjoni, kif inhu rifless fil-metodoloġija tagħha, u mid-dgħufijiet fil-kontrolli *ex post*. Il-problemi li rrappurtajna dwarhom kienu jikkonċernaw l-awditi *ex post* imwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni ("Kompetittività"); il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri, li huma riflessi fl-istatistika ta' kontroll tagħhom ("Riżorsi Naturali"); il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri ("Koeżjoni"); kif ukoll l-istudju, ikkummissjonat kull sena, dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER) ("Ewropa Globali"). Aħna nqisu li dawn il-problemi għadhom jeżistu u jaffettwaw l-istima tar-riskju fil-waqt tal-pagament. Aħna nirrappurtaw dwar dawn f'aktar dettall fil-***Kapitolu 4***, fejn insibu li r-rata għal "Kompetittività" għadha potenzjalment stmata b'mod insuffiċjenti, fil-***Kapitolu 5***, fejn inqisu li ċ-ċifra għal "Koeżjoni" tikkostitwixxi rata minima, kif ukoll fil-***Kapitolu 8***, fejn nosservaw li l-problemi li identifikajna jistgħu jikkontribwixxu għall-istima insuffiċjenti tar-rata għal "Ewropa Globali".

[23] Il-Bord ta' Ġestjoni Korporattiva jipprovdi koordinazzjoni, sorveljanza, pariri u orjentazzjoni strateġika dwar kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni korporattiva. Il-membri tiegħu huma d-diretturi ġenerali responsabbli għall-baġit, għar-riżorsi umani u għas-sigurtà u d-Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali. Huwa jirrapporta lill-President u lill-Kummissarju/i responsabbli għall-baġit, għar-riżorsi umani u għall-amministrazzjoni, u jipproduċi rapport annwali lill-kulleġġ.

[24] Ara l-Kaxxa 1.11 (ir-Rapport Annwali 2019).

**1.38.** Fil-*Kaxxa 1.11*, aħna nqabblu l-livell ta' żball stmat minna mal-istimi tal-Kummissjoni għal dawk l-intestaturi tal-QFP li għalihom nipprovdu valutazzjoni speċifika[25].

## Kaxxa 1.11

### Il-livell ta' żball stmat minna għall-2020 bi tqabbil mar-riskju fil-waqt tal-pagament stmat mill-Kummissjoni għall-intestaturi tal-QFP[(*)]




(*) Għal "Amministrazzjoni", la l-Kummissjoni u lanqas il-QEA ma sabu livell materjali ta' żball.
(**) Id-Direttorati Ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni: ECFIN, GROW, MOVE, ENER, RTD, CNECT, JRC, FISMA, TAXUD, EAC, EASME, EACEA, INEA, ERCEA, REA u DEFIS. Ċerti Direttorati Ġenerali ġew allokati aktar minn intestatura waħda tal-QFP (EACEA u INEA).
(***) Id-Direttorati Ġenerali EMPL, REGIO, REFORM tal-Kummissjoni u l-INEA.
(****) Id-Direttorati Ġenerali AGRI, CLIMA, ENV u MARE.

*Sors:* il-QEA.

[25] Billi l-Kummissjoni ma tippreżentax ċifra kumplessiva għar-riskju fil-waqt tal-pagament fir-rigward tal-Intestatura 1a tal-QFP ("Kompetittività") fl-AMPR (il-Kummissjoni taqsamha f'żewġ oqsma ta' politika), aħna kellna niġbru fi gruppi ċ-ċifri li l-Kummissjoni kienet ippreżentat fir-rapporti annwali tal-attività.

**1.39.** It-tqabbil juri li ċ-ċifri tal-Kummissjoni huma taħt l-istimi li wettaqna għal dawn it-tliet oqsma ta' politika. Aħna sibna li:

— għal **"Kompetittività"**, l-istima tar-riskju fil-waqt tal-pagament għal din l-intestatura tal-QFP f'rata ta' 1,6 %, li aħna kkalkulajna abbażi tal-informazzjoni fl-AMPR, hija taħt il-firxa tal-livell ta' żball stmat minna (ara l-paragrafu ***4.37***).

— għal "Koeżjoni", l-istima mill-Kummissjoni għal din l-intestatura tal-QFP hija ta' 2.4 %, li jikkonferma li l-livell ta' żball f'dan il-qasam ta' politika huwa materjali. L-istima mill-Kummissjoni hija fin-nofs inferjuri tal-firxa indikata minna, taħt il-livell ta' żball stmat minna (ara l-paragrafu ***5.58***).

— għal **"Riżorsi naturali"**, l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament (1,9 %) hija kemxejn taħt il-livell ta' żball stmat minna u fil-firxa indikata minna (ara l-paragrafu ***6.38***).

### Ir-rappurtar li sar mill-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri huwa kumpless u mhuwiex dejjem ċar

**1.40.** Il-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, tipprovdi informazzjoni fl-AMPR dwar miżuri preventivi u korrettivi biex tipproteġi l-baġit minn infiq illegali jew irregolari. Għalkemm l-AMPR jissottolinja l-importanza ta' dawn il-miżuri, aħna sibna li l-mod kif dan jippreżenta l-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri reali huwa kumpless u mhuwiex dejjem ċar.

**1.41.** L-AMPR jippreżenta bosta ammonti differenti tal-korrezzjonijiet finanzjarji u tal-irkupri reali. Skont f'liema fażi jkunu jinsabu, il-korrezzjonijiet jew l-irkupri jistgħu jiġu "kkonfermati" (li jfisser biss li tkun ittieħdet deċiżjoni ta' korrezzjoni jew irkupru) jew "implimentati" (li jfisser li l-ammont stabbilit ikun fil-fatt ġie applikat u rreġistrat fil-kontijiet tal-Kummissjoni). Skont l-istadju tal-proċess ta' kontroll li fih iseħħu, dawn jistgħu jkunu "*ex ante*" (jiġifieri, tnaqqis qabel il-pagament) jew "*ex post*" (jiġifieri, korrezzjonijiet wara l-pagament). L-AMPR jiddistingwi wkoll bejn korrezzjonijiet finanzjarji u "sostituzzjonijiet", fejn f'"Koeżjoni" l-Istat Membru jista' jirtira l-infiq irregolari u, fejn ma jistax, jiddikjara nfiq ġdid u "korrezzjonijiet finanzjarji netti" u l-ammonti jintraddu lura lill-baġit tal-UE. Dawn id-distinzjonijiet kollha jagħmluha estremament diffiċli biex tinkiseb idea ċara tal-ammont tal-infiq irregolari li ġie kkoreġut u li, finalment, intradd lura lill-baġit tal-UE.

**1.42.** Il-***Kaxxa 1.12*** turi l-kompożizzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri reali rrappurtati fl-AMPR 2020, kif ukoll din il-kumplessità.

## Kaxxa 1.12

## Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri rrappurtati mill-Kummissjoni fl-AMPR 2020




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq l-AMPR 2020.

**1.43.** Fl-2020, l-ammont ta’ korrezzjonijiet implimentati rrappurtat (EUR 1 098 miljun) huwa sinifikattivament aktar baxx milli fl-2019 (EUR 2 885 miljun). Skont il-Kummissjoni, dan it-tnaqqis huwa dovut għar-rimborżi tal-korrezzjonijiet tas-snin preċedenti fl-agrikoltura b'segwitu għal sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja u għar-rata għolja ta’ għeluq tal-programmi tal-politika ta’ koeżjoni 2007-2013. Il-korrezzjonijiet netti u l-irkupri implimentati mill-Kummissjoni fl-2020 (jiġifieri, l-ammont miġbur u finalment ikkoreġut) ammontaw għal total ta’ EUR 557 miljun. Dan l-ammont jikkonċerna prinċipalment is-snin preċedenti (rkupri li jmorru lura għall-2005) u l-perjodi ta’ programmazzjoni (korrezzjonijiet netti li jmorru lura għall-1994-1999). Għal koeżjoni, fi tmiem l-2020, l-ebda korrezzjoni finanzjarja netta ma kienet għadha saret għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020. L-irkupri li saru fl-2020 fir-rigward tal-infiq mill-istess sena (2020) kienu jikkonċernaw politiki interni u esterni u ammontaw għal EUR 1.4 miljun.

# Aħna nirrappurtaw każijiet ta' frodi suspettata lill-OLAF

**1.44.** Il-frodi hija kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonali relatati mal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni meħtieġa u l-użu mhux xieraq tal-fondi tal-UE[26]. Il-frodi għandha l-effett li tagħmel ħsara jew li potenzjalment tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE.

**1.45.** Ir-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi hija kemm f'idejn il-maniġment kif ukoll f'idejn dawk inkarigati mill-governanza ta' entità. L-Artikolu 325 tat-TFUE jirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiġġieldu kontra l-frodi jew attivitajiet illegali oħra, li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

**1.46.** Bħala l-awditur estern tal-UE, aħna ma għandniex mandat biex ninvestigaw każijiet ta' frodi suspettata fil-konfront tal-interessi finanzjarji tal-UE. Aħna nieħdu kont tar-riskju ta' frodi qabel ma nagħtu bidu għall-awditi (ara l-paragrafi ***(27)***-***(29)*** fl-***Anness 1.1***) u nirrieżaminaw il-proċeduri tagħna regolarment. Aħna ngħaddu lill-OLAF kwalunkwe suspett ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, li nidentifikaw matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna (inkluż ix-xogħol tagħna dwar il-prestazzjoni) jew fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lilna direttament minn partijiet terzi. L-OLAF imbagħad iwettaq segwitu ta' dawn il-każijiet, jiddeċiedi jekk għandhiex titnieda investigazzjoni u jikkoopera kif meħtieġ mal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

**1.47.** L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE), li ġie stabbilit fl-2017, huwa korp indipendenti tal-UE b'setgħat li jinvestiga, iħarrek u jressaq quddiem il-ġustizzja atti kriminali kontra l-baġit tal-UE, bħal frodi, korruzzjoni jew frodi transfruntiera serja tal-VAT. F'Ġunju 2021, il-QEA bdiet tikkoopera mal-UPPE abbażi tal-arranġament amministrattiv bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet[27].

[26] L-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

[27] L-Artikoli 99, 103, 110 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-"UPPE").

**1.48.** Matul is-sena 2020, aħna rrappurtajna lill-OLAF sitt każijiet ta' frodi suspettata li nstabu matul l-awditi tagħna (fl-2019: disgħa), li minnhom l-OLAF fetaħ sitt investigazzjonijiet.

**1.49.** Il-każijiet ta' frodi suspettata li rriżultaw mix-xogħol tagħna fl-2020 li għaddejna lill-OLAF spiss kienu jikkonċernaw suspetti ta' ħolqien artifiċjali tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb finanzjament mill-UE, id-dikjarazzjoni ta' spejjeż li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà, l-użu tal-għotja għal skopijiet oħra minn dawk permessi jew l-irregolaritajiet fl-akkwist. Ibbażat fuq l-informazzjoni li ħarġet mix-xogħol tal-awditjar li wettaqna bejn l-2011 u l-2020, l-OLAF irrakkomanda l-irkupru ta' total ta' EUR 536 miljun relatati ma' 37 każ[28].

**1.50.** Minbarra r-rappurtar tagħna lill-OLAF, fil-kapitoli ta' dan ir-rapport annwali aħna nkopru wkoll suġġetti relatati mal-frodi (ara l-paragrafi ***5.45-5.47*** u ***8.28*** u r-Rakkomandazzjoni ***8.3***) fejn nirreferu għal dgħufijiet relatati fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u fl-istudji dwar ir-RER. Barra minn hekk, aħna nkopru l-frodi f'awditi separati. Aħna ppubblikajna rapport speċjali dwar miżuri kontra l-frodi fl-infiq tal-UE[29] u dwar l-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni tal-UE[30] fl-2019. Attwalment qed inwettqu awditi biex neżaminaw jekk il-Kummissjoni ħaditx azzjoni xierqa fir-rigward tal-frodi fl-infiq tal-politika agrikola komuni (PAK) u dwar il-kunflitt ta' interess fil-ġestjoni kondiviża (il-PAK u l-politika ta' koeżjoni).

---

[28] L-informazzjoni hija pprovduta mill-OLAF u ma tiġix eżaminata minna.

[29] Ir-Rapport Speċjali Nru 01/2019 "Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni".

[30] Ir-Rapport Speċjali Nru 06/2019 "L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni ta-UE: jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni".

# Konklużjonijiet

**1.51.** Il-funzjoni ewlenija ta' dan il-kapitolu hija li jsostni l-opinjoni tal-awditjar ippreżentata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tal-awditjar relatati fil-paragrafi ***1.52*** u ***1.53***.

## Riżultati tal-awditjar

**1.52.** Aħna nikkonkludu li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

**1.53.** Fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna nikkonkludu li d-dħul kien ħieles minn żball materjali. Għall-infiq, ir-riżultati tal-awditjar tagħna juru li l-livell ta' żball stmat baqa' l-istess bħas-sena li għaddiet, jiġifieri 2.7 %. L-infiq b'riskju għoli (prinċipalment dak ibbażat fuq rimborżi) kien milqut minn livell materjali ta' żball. Din is-sena, il-proporzjon ta' tali nfiq fil-popolazzjoni li awditjajna żdied aktar għal 59.0 %, u jkompli jirrappreżenta parti sostanzjali mill-popolazzjoni li awditjajna.

# Annessi

## Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

(1) Dan l-anness jiddeskrivi fil-qosor l-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna, li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-awditjar u jiżguraw li l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna jkunu appoġġati minn evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa. Dan l-anness jirreferi wkoll għad-differenzi prinċipali bejn l-approċċ tal-awditjar tagħna u l-mod kif il-Kummissjoni tistma u tirrapporta dwar il-livell ta' irregolaritajiet[31], filwaqt li teżerċita dmirijietha bħala l-maniġer tal-baġit tal-UE. Għal dan il-fini, nikkjarifikaw kif aħna:

— nestrapolaw l-iżbalji misjuba (il-paragrafu *(6)*);

— nistrutturaw il-kapitoli tagħna madwar l-intestaturi tal-QFP (il-paragrafu *(8)*);

— napplikaw regoli tal-UE u regoli nazzjonali (il-paragrafu *(9)*); u

— nikkwantifikaw l-iżbalji fl-akkwist (il-paragrafu *(18)*).

(2) L-approċċ tal-awditjar tagħna huwa disponibbli fuq is-sit web tagħna[32]. Aħna nużaw mudell ta' aċċertament biex nippjanaw ix-xogħol tagħna. Fl-ippjanar tagħna, aħna nqisu r-riskju li jseħħu l-iżbalji (riskju inerenti) u r-riskju li l-iżbalji ma jiġux ipprevenuti jew maqbuda u kkoreġuti (riskju tal-kontroll).

**PARTI 1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet**

(3) Aħna neżaminaw il-kontijiet konsolidati tal-UE biex niddeterminaw l-affidabbiltà tagħhom. Dawn jikkonsistu:

(a) fir-rapporti finanzjarji konsolidati; u

(b) fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

(4) Il-kontijiet konsolidati jridu jippreżentaw b'mod xieraq, fl-aspetti materjali kollha:

(a) il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fi tmiem is-sena;

(b) ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha; u

---

[31] Ara n-nota 83 f'qiegħ il-paġna 72 tal-AMPR 2020 tal-Kummissjoni.

[32] https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/AuditMethodology.aspx

(c) il-bidliet fl-assi netti għas-sena li tkun intemmet.

(5) Fl-awditu tagħna, aħna:

(a) nevalwaw l-ambjent tal-kontroll kontabilistiku;

(b) nivverifikaw il-funzjonament ta’ proċeduri kontabilistiċi ewlenin u l-proċess ta’ għeluq fi tmiem is-sena;

(c) nanalizzaw id-*data* kontabilistika prinċipali għall-konsistenza u r-raġonevolezza;

(d) nanalizzaw u nirrikonċiljaw il-kontijiet u/jew il-bilanċi;

(e) inwettqu testijiet sostantivi ta’ impenji, pagamenti u entrati speċifiċi fil-karta tal-bilanċ, ibbażat fuq kampjuni rappreżentattivi;

(f) nagħmlu użu minn xogħol ta' awdituri oħra fejn possibbli, skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, partikolarment waqt l-awditjar ta’ attivitajiet mutwatarji u mutwanti mmaniġġjati mill-Kummissjoni, u li għalihom ikun hemm disponibbli ċertifikati tal-awditjar estern.

**PARTI 2 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

(6) L-approċċ attwali tagħna biex neżaminaw jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti tal-UE huwa li nibbażaw prinċipalment fuq l-ittestjar dirett tal-konformità għal kampjun kbir u rappreżentattiv ta’ tranżazzjonijiet magħżulin b’mod aleatorju. Skont prattiki tal-istatistika aċċettati, l-estrapolazzjoni tar-riżultati ta’ kampjun statistiku tipprovdi l-aħjar stima għar-rata ta’ żball. Aħna naqsmu l-kampjun tagħna fi nfiq b’riskju għoli u nfiq b’riskju baxx u safef differenti għall-intestaturi tal-QFP li nirrappurtaw dwarhom. Permezz ta’ din il-proċedura, nistgħu nestrapolaw l-iżbalji li naqbdu, mal-oqsma kkonċernati.

(7) Madankollu, aħna nqisu jekk inkunux nistgħu nagħmlu użu effiċjenti mill-kontrolli fuq ir-regolarità li jkunu diġà twettqu minn ħaddieħor. Jekk inkunu nixtiequ nużaw ir-riżultati ta’ dawn il-kontrolli fix-xogħol tal-awditjar tagħna, f’konformità mal-istandards tal-awditjar, aħna nivvalutaw l-indipendenza u l-kompetenza tal-parti l-oħra kif ukoll l-ambitu u l-adegwatezza ta’ xogħolha.

**Kif nittestjaw it-tranżazzjonijiet**

(8) Aħna norganizzaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna u nirrappurtaw ir-riżultati tiegħu madwar id-diversi intestaturi tal-QFP, f'konformità mal-istruttura tal-baġit deċiża mil-leġiżlatur. Taħt kull intestatura tal-QFP, fejn nipprovdu valutazzjoni speċifika (il-***Kapitoli 4***, ***5***, ***6*** u ***9***), aħna nittestjaw kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet sabiex nistmaw is-sehem ta' tranżazzjonijiet irregolari fil-popolazzjoni kumplessiva.

(9) Għal kull tranżazzjoni magħżula, aħna niddeterminaw jekk it-talba jew jekk il-pagament ikunx sar għall-iskop approvat fil-baġit u speċifikat fil-leġiżlazzjoni, jew le. Il-valutazzjoni li nwettqu tiegħu kont dovut tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u dak nazzjonali li tkun ingħatat minn qrati ġudizzjarji nazzjonali jew minn korpi independenti u awtoritattivi nazzjonali u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Aħna neżaminaw kif l-ammont tat-talba jew tal-pagament ikun ġie kkalkulat (għal talbiet li jkunu akbar: nibbażaw fuq għażla li tkun rappreżentattiva tal-elementi kollha fit-tranżazzjoni). Dan jinvolvi l-ittraċċar tat-tranżazzjoni mill-kontijiet baġitarji sar-riċevitur finali (eż. bidwi, jew l-organizzatur ta' kors ta' taħriġ jew proġett tal-għajnuna għall-iżvilupp), filwaqt li nwettqu testijiet tal-konformità f'kull livell.

(10) Waqt l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għad-dħul, l-eżaminar li nwettqu tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-ING jieħu bħala punt tat-tluq l-aggregati makroekonomiċi li fuq il-bażi tagħhom dawn jiġu kkalkulati. Aħna neżaminaw il-kontrolli tal-Kummissjoni fuq dawn il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri sal-punt meta l-kontribuzzjonijiet ikunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u l-fluss tad-dazji — hawn ukoll sal-punt meta dawn ikunu ġew riċevuti u rreġistrati mill-Kummissjoni.

(11) Min-naħa tal-infiq, aħna neżaminaw l-infiq fil-mument meta r-riċevituri finali tal-fondi tal-UE jkunu wettqu attivitajiet jew ġarrbu spejjeż, u meta l-Kummissjoni tkun aċċettat l-infiq ("*infiq aċċettat*"). Dan japplika għall-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi). Fil-prattika, dan ifisser li l-popolazzjoni tagħna ta' tranżazzjonijiet tkopri l-pagamenti *interim* u dawk finali. Aħna ma neżaminawx il-pagamenti ta' prefinanzjamenti fil-mument meta jkunu saru, iżda pjuttost ladarba:

(a) ir-riċevitur finali tal-fondi tal-UE (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi wara proċeduri ta' akkwist pubbliku) ikun ipprovda evidenza dwar l-użu tagħhom; u

(b) il-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġja l-fondi tal-UE) tkun aċċettat l-użu finali tal-fondi billi tapprova l-pagament bil-quddiem.

(12) Il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-perjodu 2014-2020 għal "Koeżjoni" kellhom impatt fuq dak li l-Kummissjoni tqis li huwa "nfiq aċċettat" f'dan il-qasam. Mill-2017 'il hawn, il-popolazzjoni li awditjajna għal din l-intestatura tal-QFP kienet tikkonsisti, għall-perjodu 2014-2020, fi nfiq inkluż fil-kontijiet li jiġu aċċettati annwalment mill-Kummissjoni u, għall-perjodu 2007-2013, f'pagamenti finali (inklużi prefinanzjamenti li diġà kienu ġew approvati). Dan ifisser li aħna ttestjajna tranżazzjonijiet li għalihom kien jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu implimentaw l-azzjonijiet rilevanti kollha biex jikkoreġu żbalji li huma stess kienu identifikaw. L-objettiv tagħna huwa li mhux biss nikkontribwixxu għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2020, iżda wkoll li nirrieżaminaw ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar u nikkonkludu dwar l-affidabbiltà tal-indikatur ewlieni tar-regolarità rrappurtat mill-Kummissjoni għal dan il-qasam – ir-rata tal-iżball residwu.

(13) Il-kampjun tal-awditjar tagħna huwa maħsub biex jipprovdi stima tal-livell ta' żball għall-infiq fl-intier tiegħu aktar milli għal tranżazzjonijiet individwali (eż. proġett partikolari). Aħna nużaw kampjunar f'unitajiet monetarji biex nagħżlu talbiet jew pagamenti u, f'livell aktar baxx, elementi individwali fi ħdan tranżazzjoni (eż. fatturi ta' proġetti, irqajja' art f'talba li ssir minn bidwi). Ir-rati ta' żball li jiġu rrappurtati għal dawn l-elementi ma għandhomx jitqiesu bħala konklużjoni dwar it-tranżazzjonijiet rispettivi tagħhom, iżda aktar bħala li jikkontribwixxu direttament għal-livell kumplessiv ta' żball għall-infiq tal-UE fl-intier tiegħu.

(14) Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet li jsiru f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u reġjun f'sena partikolari. Filwaqt li nistgħu nsemmu ċerti Stati Membri, stati benefiċjarji u/jew reġjuni, dan ma jfissirx li l-eżempji ma jseħħux bnadi oħra wkoll. L-eżempji illustrattivi ppreżentati f'dan ir-rapport ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni speċifiċi kkonċernati.

(15) L-approċċ tagħna mhuwiex maħsub biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żbalji fil-popolazzjoni kollha. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar l-għadd ta' żbalji li jkunu nqabdu f'intestatura tal-QFP, fl-infiq immaniġġjat minn DĠ jew fl-infiq fi Stat Membru partikolari mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żbalji fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali.

**Kif nevalwaw u nippreżentaw ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet**

(16) Żball jista' jikkonċerna l-ammont kollu involut fi tranżazzjoni individwali, jew parti minnu. Aħna nqisu jekk l-iżbalji jkunux kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli, jiġifieri jekk ikunx possibbli li jitkejjel kemm mill-ammont eżaminat kien milqut mill-iżball. Żbalji li jkunu nqabdu u ġew ikkoreġuti qabel it-twettiq tal-kontrolli tagħna u indipendentement minnhom jiġu esklużi mill-kalkolu u l-frekwenza ta' żbalji, peress li l-fatt li nqabdu u ġew ikkoreġuti juri li s-sistemi ta' kontroll ikunu ħadmu b'mod effettiv.

(17) Il-kriterji tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji fl-akkwist pubbliku huma deskritti fid-dokument intitolat "Non-compliance with the rules on public procurement – types of irregularities and basis for quantification"[33].

(18) Il-kwantifikazzjoni tagħna tista' tkun differenti minn dik użata mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri meta jkunu qed jiddeċiedu x'għandu jkun ir-rispons tagħhom għall-applikazzjoni skorretta tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Aħna nikkwantifikaw biss ksur serju tar-regoli dwar l-akkwist. Nikkwantifikaw bħala 100 % żbalji fl-akkwist dak il-ksur biss li jkun ippreviena l-aħjar offerta milli tirbaħ il-proċedura ta' sejħa għal offerti, u b'hekk l-infiq taħt dan il-kuntratt isir ineliġibbli. Aħna ma nużawx rati fissi għat-tipi differenti ta' ksur tar-regoli dwar l-akkwist bħalma tagħmel il-Kummissjoni[34]. Nibbażaw il-kwantifikazzjoni li nagħmlu tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku fuq l-ammonti ta' nfiq ineliġibbli fit-tranżazzjonijiet eżaminati.

**Livell ta' żball stmat**

(19) Għall-biċċa l-kbira mill-intestaturi tal-QFP u għall-baġit kumplessiv tal-UE, aħna nippreżentaw "livell ta' żball stmat" (ELE), li jieħu kont tal-iżbalji kwantifikabbli biss u jiġi espress bħala perċentwal. Eżempji ta' żbalji huma l-ksur kwantifikabbli tar-regolamenti, tar-regoli jew tal-kuntratti jew tal-kundizzjonijiet ta'għotjiet, li jkunu japplikaw. Aħna nistmaw ukoll il-limitu inferjuri tal-iżball (LEL) u l-limitu superjuri tal-iżball (UEL).

---

[33] Quantification of public procurement errors (pdf) https://www.eca.europa.eu/en/Pages/AuditMethodology.aspx.

[34] Il-Linji Gwida tal-2019 tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku fl-anness għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14.5.2019 li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru għan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għal nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, C(2019) 3452.

(20) Nużaw il-livell ta’ 2.0 % bħala s-soll ta’ materjalità għall-opinjoni tagħna. Nieħdu wkoll kont tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji kif ukoll ta’ informazzjoni oħra li tkun disponibbli.

(21) Aħna ma għadniex nibbażaw id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni unikament fuq l-istima kumplessiva ta’ żball li ssir minna. Mill-2016 ’il hawn, aħna komplejna nidentifikaw l-oqsma ta’ riskju baxx tal-baġit tal-UE, fejn nistennew li nsibu livell mhux materjali ta’ żball fl-infiq aċċettat, u oqsma ta’ riskju għoli, fejn aħna assumejna li jkun hemm livell materjali ta’ żball. Għal dan l-iskop, aħna nqisu, minbarra r-riskji inerenti u r-riskji tal-kontroll, il-valutazzjoni li nwettqu tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll flimkien mar-riżultati tal-awditjar preċedenti. Pereżempju, nittrattaw parti min-nefqa għall-iżvilupp rurali bbażata fuq drittijiet bħala nefqa b’riskju għoli, ibbażat fuq l-esperjenza tal-awditjar preċedenti tagħna. Dan il-qsim jippermettilna biex niddeterminaw b’mod kemm jista’ jkun effiċjenti jekk l-iżbalji materjali li nstabu humiex pervażivi.

**Kif neżaminaw is-sistemi u nirrappurtaw ir-riżultati**

(22) Il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-pajjiżi u r-reġjuni benefiċjarji jistabbilixxu sistemi biex jimmaniġġjaw ir-riskji għall-baġit u biex jissorveljaw/jiżguraw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Huwa utli li dawn is-sistemi jiġu eżaminati sabiex jiġu identifikati oqsma fejn jista’ jsir titjib.

(23) Kull intestatura tal-QFP, inkluż id-dħul, tinvolvi ħafna sistemi individwali. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol li wettaqna fuq is-sistemi b’rakkomandazzjonijiet għal titjib.

**Kif naslu għall-opinjonijiet tagħna fid-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni**

(24) Aħna nippjanaw ix-xogħol tagħna biex niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti, rilevanti u affidabbli għall-formulazzjoni tal-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet konsolidati tal-UE. Rapport ta’ dan ix-xogħol jingħata fil-***Kapitoli 3-9***. L-opinjoni tagħna tingħata fid-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni. Ix-xogħol li nwettqu jippermettilna naslu għal opinjoni infurmata dwar jekk l-iżbalji fil-popolazzjoni jaqbżux jew jaqgħux fi ħdan il-limiti ta’ materjalità.

(25) Fejn insibu livell materjali ta’ żball u niddeterminaw l-impatt tiegħu fuq l-opinjoni tal-awditjar, irridu niddeterminaw jekk l-iżbalji, jew in-nuqqas ta’ evidenza għall-awditjar, ikunux “pervażivi” jew le. Meta nagħmlu dan, aħna napplikaw il-gwida li tinsab fl-ISSAI 1705[35] (filwaqt li nestendu din il-gwida biex tapplika għal kwistjonijiet ta’ legalità u regolarità, skont il-mandat tagħna). Fejn l-iżbalji jkunu materjali u pervażivi, aħna noħorġu opinjoni avversa.

(26) Żball jew nuqqas ta’ evidenza għall-awditjar jitqies “pervażiv” jekk, fil-ġudizzju tal-awditur, ma jkunx ristrett għall-elementi, kontijiet jew entrati speċifiċi fir-rapporti finanzjarji (jiġifieri jseħħu fil-kontijiet jew fit-tranżazzjonijiet ittestjati). Anki jekk dan ikun tant ristrett, xorta jibqa’ pervażiv jekk jirrappreżenta, jew jista’ jirrappreżenta, proporzjon sostanzjali tar-rapporti finanzjarji, jew ikun relatat ma’ divulgazzjonijiet li jkunu fundamentali għall-fehim mill-utenti tar-rapporti finanzjarji.

**PARTI 3 – Proċeduri tal-awditjar fir-rigward ta’ frodi**

(27) Aħna nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta’ dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta’ nuqqas ta’ konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta’ bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball.

(28) Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta’ dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta’ nuqqas ta’ konformità b’riżultat ta’ frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b’riżultat ta’ żball, billi frodi tista’ tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B’konsegwenza ta’ dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

(29) Jekk ikollna raġuni biex nissuspettaw li tkun twettqet attività frodulenti, aħna nirrappurtaw dan lill-OLAF, l-uffiċċju tal-UE ta’ kontra l-frodi. L-OLAF huwa responsabbli mit-twettiq ta’ kull investigazzjoni li tirriżulta. Aħna nirrappurtaw bosta każijiet kull sena lill-OLAF.

[35] ISSAI 1705 – Modifications to the Opinion in the Independent Auditor’s Report.

**PARTI 4 — Rabta bejn l-opinjonijiet tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

(30) Aħna ħriġna:

(a) opinjoni tal-awditjar dwar il-kontijiet konsolidati tal-UE għas-sena finanzjarja li ntemmet; kif ukoll

(b) opinjonijiet tal-awditjar dwar ir-regolarità tad-dħul u l-infiq li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

(31) Ix-xogħol li nwettqu u l-opinjonijiet li noħorġu jsegwu l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI.

(32) Fejn l-awdituri joħorġu opinjonijiet tal-awditjar kemm dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, dawn l-istandards jiddikjaraw li opinjoni modifikata dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, fiha nfisha, ma twassalx għal opinjoni modifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet.

# Kapitolu 2

## Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

# Werrej

| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | 2.1. |
| **Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2020** | 2.2.-2.20. |
| Il-Baġit 2020 ġie implimentat kważi bis-sħiħ u sar użu estensiv mill-għodod disponibbli biex ikun hemm reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 | 2.2.-2.8. |
| L-implimentazzjoni tal-baġit kienet għolja fl-2020 | 2.3.-2.4. |
| Saru ħafna bidliet għall-Baġit 2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19 | 2.5.-2.6. |
| Il-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx rapporti dwar il-fondi tal-UE li kienu ntużaw għal skopijiet relatati mal-COVID-19 | 2.7.-2.8. |
| L-impenji pendenti qabżu l-ammont ta' EUR 300 biljun | 2.9.-2.11. |
| Għall-QFP 2014-2020, il-pagamenti kienu aktar baxxi milli kien ippjanat | 2.12.-2.16. |
| Ir-rata ta' assorbiment tal-fondi SIE hija aktar baxxa mir-rata taħt il-QFP preċedenti | 2.17.-2.20. |
| **Riskji u sfidi** | 2.21.-2.38. |
| Hemm riskji u sfidi għall-implimentazzjoni tal-QFP 2021-2027 u l-istrument NGEU | 2.21.-2.33. |
| Riskju ta' bidu tardiv tal-implimentazzjoni ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-QFP 2021-2027 | 2.23.-2.31. |
| Il-bidliet relatati mal-COVID-19 jagħtu lok għal reazzjonijiet rapidi, iżda joħolqu wkoll sfidi għal ġestjoni finanzjarja tajba fl-użu tal-fondi | 2.32.-2.33. |
| Esponiment tal-baġit tal-UE għal riskji finanzjarji | 2.34.-2.38. |
| L-Istrument SURE żied l-esponiment tal-baġit tal-UE għal riskji finanzjarji | 2.34.-2.36. |
| L-istrument NGEU se jkollu impatt kbir fuq l-esponiment kumplessiv mill-2021 'il quddiem | 2.37.-2.38. |
| **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet** | 2.39.-2.46. |

# Introduzzjoni

2.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-kwistjonijiet baġitarji u finanzjarji prinċipali li identifikajna fix-xogħol li wettaqna għall-2020, sena finanzjarja li fiha l-baġit tal-UE kien affettwat bil-kbir mill-pandemija tal-COVID-19. F'dan il-kapitolu, aħna nirrappurtaw ukoll dwar ir-riskji u l-isfidi baġitarji u finanzjarji identifikati li l-UE tista' tiffaċċja fis-snin futuri. Il-kapitolu huwa bbażat fuq ir-rieżaminar li wettaqna taċ-ċifri baġitarji għall-QFP 2014-2020, ix-xogħol li wettaqna aħna stess għar-rapport annwali, ir-rapporti speċjali, ir-rapporti analitiċi u l-opinjonijiet, u fuq dokumenti ppubblikati mill-Kummissjoni u minn partijiet ikkonċernati oħra.

# Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2020

## Il-Baġit 2020 ġie implimentat kważi bis-sħiħ u sar użu estensiv mill-għodod disponibbli biex ikun hemm reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19

**2.2.** Fit-taqsimiet li ġejjin, aħna nanalizzaw kif il-baġit tal-UE ġie implimentat fl-2020, l-aħħar sena tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020[1]. Aħna nanalizzaw ukoll kif l-UE użat il-kapaċità u l-flessibbiltà tal-baġit biex tirreaġixxi għall-pandemija tal-COVID-19.

### L-implimentazzjoni tal-baġit kienet għolja fl-2020

**2.3.** Il-limitu massimu stabbilit mill-QFP għall-2020 kien ta' EUR 168.8 biljun għall-approprjazzjonijiet ta' impenn[2]. L-*awtorità baġitarja* approvat EUR 168.7 biljun għall-approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit inizjali. Ara l-***Kaxxa 2.1***. Matul l-2020, l-awtorità baġitarja approvat disa' baġits emendatorji, li minnhom sebgħa emendaw in-naħa tal-infiq tal-baġit tal-UE għall-2020. Huma żiedu l-approprjazzjonijiet ta' impenn b'EUR 5.2 biljun. L-approprjazzjonijiet ta' impenn żdiedu għal EUR 173.9 biljun, ammont li kien ogħla mil-limitu massimu tal-QFP. Il-qbiż ta' dan il-limitu massimu sar possibbli bl-użu ta' strumenti speċjali, bħall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[3]. Intużaw kważi l-approprjazzjonijiet ta' impenn kollha disponibbli. Ġie impenjat ammont ta' EUR 172.9 biljun, jiġifieri 99.5 % tal-ammont totali disponibbli.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020. (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

[2] COM(2019) 310 final – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2019 f'konformità maċ-ċaqliq fl-ING (ESA 2010) (l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020).

[3] Għal lista sħiħa ara l-Artikoli 3(2) u 9-15 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

**2.4.** Il-limitu massimu stabbilit mill-QFP għall-2020 kien ta’ EUR 172.4 biljun għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament[4]. L-awtorità baġitarja approvat EUR 153.6 biljun għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament fil-baġit inizjali. Matul l-2020, il-baġits emendatorji żiedu l-approprjazzjonijiet ta’ pagament b’EUR 10.5 biljun. L-approprjazzjonijiet ta’ pagament żdiedu għal EUR 164.1 biljun, sew fi ħdan il-limitu massimu tal-QFP. L-użu tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament disponibbli kien kemxejn inqas: tħallsu EUR 161.8 biljun, jiġifieri 98.6 % tat-total disponibbli[5]. Ara l-*Kaxxa 2.1*. It-total tal-pagamenti fl-2020, inklużi r-riporti u d-dħul assenjat, kien ta’ EUR 173.3 biljun, magħmula minn pagamenti mill-baġit finali għall-2020 ta’ EUR 161.8 biljun, riporti ta’ EUR 1.6 biljun, u dħul assenjat ta’ EUR 9.9 biljun[6].

### Kaxxa 2.1

### Implimentazzjoni tal-baġit fl-2020




*Sors:* il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea – Sena finanzjarja 2020, ir-Rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta’ spjegazzjoni – in-Noti 4.1-4.3 u COM(2019) 310 Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2020.

---

[4] COM(2019) 310 final – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2019 f’konformità maċ-ċaqliq fl-ING (ESA 2010) (l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020).

[5] Minn din l-analiżi, aħna neskludu r-riporti u d-dħul assenjat minħabba li dawn ma jiffurmawx parti mill-baġit adottat u huma suġġetti għal regoli differenti.

### Saru ħafna bidliet għall-Baġit 2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19

**2.5.** Sabiex ikun hemm reazzjoni rapida għall-pandemija tal-COVID-19 u jiġi pprovdut appoġġ, intużaw żewġ għodod baġitarji prinċipali: trasferimenti u baġits emendatorji. Trasferimenti huma ċaqliq ta' fondi bejn taqsimiet differenti tal-baġit eżistenti. Baġits emendatorji jżidu jew inaqqsu fondi għal jew mill-baġit oriġinali. Ħamsa mid-disa' baġits emendatorji kienu mill-inqas parzjalment relatati mal-COVID-19. Aħna nqisu li parti ta' baġit emendatorju tkun relatata mal-COVID-19 meta l-COVID-19 tissemma fil-parti rilevanti tad-deċiżjoni. Xi wħud mill-baġits emendatorji kienu relatati mat-taffija tar-regoli applikabbli introdotti mill-koleġiżlaturi tal-UE biex jiffaċilitaw l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u b'hekk jipprovdu likwidità addizzjonali u flessibbiltà eċċezzjonali għan-nefqa relatata mal-COVID-19[7]. Pereżempju, it-trasferimenti ta' fondi fost ir-reġjuni, it-tneħħija tar-rekwiżit li l-finanzjament ikun kkonċentrat fuq temi speċifiċi, u l-kofinanzjament b'rata sa 100 % saru possibbli għal sena waħda. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma kinux meħtieġa jirrimborżaw lill-baġit tal-UE l-ammont ta' EUR 7.6 biljun ta' prefinanzjament annwali mhux minfuq tal-fondi SIE[8] mis-sena preċedenti. Dan iffaċilita l-ġestjoni tat-teżor tal-Istati Membri.

---

6 Ara l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea – Sena finanzjarja 2020, ir-Rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni – in-Nota 4.3.

7 Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'reazzjoni għall-Coronavirus) (CRII), ir-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (CRII+) u r-Regolament (UE) 2020/872 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżura speċifika biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għal Żvilupp Rurali (FAEŻR) b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19.

8 Għall-FAEŻR, ma hemm l-ebda prefinanzjament annwali.

**2.6.** Il-*Kaxxa 2.2* turi bidliet fl-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament għall-2020, li saru bl-użu ta’ trasferimenti u baġits emendatorji approvati mill-awtorità baġitarja, ripartiti skont l-intestatura tal-QFP. L-ammont totali ta’ approprjazzjonijiet ta’ impenn addizzjonali li ddaħħal permezz ta’ baġits emendatorji kien ta’ EUR 5.2 biljun, li minnhom EUR 3.3 biljun kienu għan-nefqa relatata mal-COVID-19. Għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, l-ammont totali ta’ baġits emendatorji matul is-sena kien ta’ EUR 10.5 biljun, li minnhom EUR 9.4 biljun kienu għan-nefqa relatata mal-COVID-19.

## Kaxxa 2.2

### Trasferimenti u baġits emendatorji b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (f'miljun EUR)

| | Approprjazzjonijiet ta' impenn | | Approprjazzjonijiet ta' pagament | |
|---|---|---|---|---|
| Intestaturi | Trasferimenti* | Baġits emendatorji* | Trasferimenti* | Baġits emendatorji* |
| **1. Tkabbir intelliġenti u inkluživ** | **-8** | **-12** | **-215** | **5 184** |
| 1.a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | -8 | -12 | -263 | -9 |
| 1.b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | | | 48 | 5 193 |
| *li minnhom: Jiffinanzjaw likwidità taħt il-CRII u l-CRII+ u 100 % finanzjament mill-UE* | | | *48* | *5 100* |
| **2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali** | **-1** | **49** | **22** | **799** |
| *li minnhom: Jipprovdu għajnuna lill-bdiewa, permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali* | | | | *750* |
| **3. Sigurtà u ċittadinanza** | **-69** | **3 119** | **50** | **2 664** |
| *li minnhom: Jiffinanzjaw appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni, permezz tar-riattivazzjoni tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza* | | *2 700* | | *2 500* |
| **4. Ewropa Globali** | **202** | | **474** | **586** |
| **5. Amministrazzjoni** | **-41** | | **-42** | |
| **9. Strumenti speċjali** | | **133** | | **133** |
| **Total** | **84** | **3 288** | **289** | **9 366** |

(*) F'ammonti netti. It-totali taċ-ċifri mhux dejjem jaqblu, minħabba l-arrotondament.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja għal baġits emendatorji u trasferimenti, u *data* li waslet mingħand il-Kummissjoni.

### Il-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx rapporti dwar il-fondi tal-UE li kienu ntużaw għal skopijiet relatati mal-COVID-19

**2.7.** Biex iżżid it-trasparenza, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni t-talbiet għal informazzjoni mill-Parlament Ewropew[9], il-Kummissjoni bdiet tittraċċa internament il-fondi tal-UE li ntużaw għal skopijiet relatati mal-COVID-19 fl-ewwel sitt xhur tal-2020. Il-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx rapport dwar in-nefqa relatata mal-COVID-19.

**2.8.** Kif turi l-***Kaxxa 2.3***, skont l-informazzjoni mhux ippubblikata li l-Kummissjoni pprovditilna, EUR 12.9 biljun ta' impenji f'ġestjoni diretta u dik indiretta kienu saru disponibbli għal skopijiet relatati mal-COVID-19 sa tmiem l-2020. Aħna sibna li madwar EUR 0.2 biljun f'ammonti relatati mal-COVID-19 ma kinux ġew inklużi fl-ammont ta' EUR 12.9 biljun ta' impenji li ġew irrappurtati lilna mill-Kummissjoni, minkejja li kienu mmarkati bħala relatati mal-COVID-19 fis-sistema kontabilistika ċentrali tal-Kummissjoni. Skont l-istess informazzjoni mhux ippubblikata pprovduta mill-Kummissjoni, ġew imwiegħda jew ikkuntrattati EUR 34.2 biljun oħra taħt ġestjoni kondiviża mill-Istati Membri, biex b'hekk it-total tal-fondi tal-UE disponibbli għal skopijiet relatati mal-COVID-19 kien ta' EUR 47.1 biljun. Għall-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni bdiet tagħmel l-informazzjoni relatata mal-COVID-19 disponibbli pubblikament fuq il-coronavirus dashboard[10]. Id-dashboard ma jipprovdix ħarsa ġenerali lejn l-ammonti annwali relatati mal-COVID-19 li ġew impenjati jew li ntużaw.

---

[9] Ara, pereżempju, l-Opinjoni dwar il-Linji gwida għall-proċedura baġitarja 2022 – Taqsima III 2020/2265(BUI).

[10] Coronavirus dashboard Website.

## Kaxxa 2.3

### Ħarsa ġenerali lejn l-ammonti relatati mar-reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 sa tmiem l-2020 (f'miljun EUR)

| Intestaturi | | Ammonti impenjati f'ġestjoni diretta u indiretta | Ammonti mwiegħda jew ikkuntrattati f'ġestjoni kondiviża |
|---|---|---|---|
| | **1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv** | **2 558** | **33 496** |
| | 1.a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 2 554 | |
| *li minnhom:*<br>*Jiffinanzjaw nefqa relatata ma' Erasmus+* | | *1 402* | |
| *Ikopru nefqa relatata ma' Orizzont 2020* | | *1 150* | |
| | 1.b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 4 | 33 496 |
| *li minnhom:*<br>*Jipprovdu likwidità addizzjonali lill-Istati Membri permezz ta' nuqqas ta' rkupru ta' prefinanzjament li ma ntefaqx fl-2019 (taħt il-CRII u l-CRII+) – l-ebda impatt baġitarju dirett* | | | *7 600* |
| *Jagħtu appoġġ b'100 % finanzjament mill-UE (il-CRII/il-CRII+)* | | | *6 209* |
| *Jipprovdu flessibbiltà sħiħa/Riprogrammazzjoni (il-CRII u l-CRII+)* | | | *19 687* |
| | **2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali** | **1** | **705** |
| | **3. Sigurtà u ċittadinanza** | **3 035** | |
| *Li minnhom:*<br>*Ikabbru l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza għall-vaċċini* | | *2 151* | |
| | **4. Ewropa Globali** | **7 184** | |
| *li minnhom:*<br>*Jiffinanzjaw ir-riprogrammazzjoni biex il-pajjiżi jiġu megħjuna permezz tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp* | | *3 181* | |
| *Jiffinanzjaw ir-riprogrammazzjoni biex il-pajjiżi jiġu megħjuna permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat* | | *2 124* | |
| | **5. Amministrazzjoni** | **6** | |
| | **9. Strumenti speċjali** | **133** | |
| **Total** | | **12 917** | **34 201** |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

## L-impenji pendenti qabżu l-ammont ta’ EUR 300 biljun

**2.9.** L-impenji pendenti komplew jiżdiedu; kienu laħqu EUR 303.2 biljun sa tmiem l-2020. Iż-żieda kienet iżgħar milli fi snin preċedenti, parzjalment minħabba l-approprjazzjonijiet ta’ pagament addizzjonali li saru disponibbli għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. Ara l-paragrafu ***2.5*** u l-***Kaxxa 2.4***.

**2.10.** Kif osservajna qabel[11], waħda mir-raġunijiet prinċipali għal-livell għoli ta’ impenji pendenti hija d-differenza annwali li tirriżulta mill-fatt li l-livell ta’ impenji jkun ogħla mill-ammont ta’ pagamenti li saru. Fil-baġit adottat għall-2021, l-approprjazzjonijiet ta’ impenn huma inqas mill-approprjazzjonijiet ta’ pagament. Fi snin preċedenti aħna osservajna li dan huwa wieħed mill-modi prinċipali ta’ kif l-impenji pendenti jistgħu jitnaqqsu[12].

**2.11.** Skont il-previżjoni fuq terminu twil tal-Kummissjoni[13], li ma tinkludix l-istrument Next Generation EU (NGEU), l-ammont ta’ impenji pendenti huwa mistenni li jibqa’ pjuttost stabbli f’dan il-livell għoli sal-2027 (ara l-***Kaxxa 2.4***). Dan se jkun prinċipalment dovut għal differenza annwali żgħira ħafna bejn l-approprjazzjonijiet ta’ impenn u l-approprjazzjonijiet ta’ pagament fil-QFP 2021-2027, li ma kienx il-każ fiż-żewġ QFP preċedenti. Madankollu, l-impenji pendenti se jiżdiedu jekk, bħal fil-perjodu 2016-2020, l-impenji jibqgħu għoljin u t-talbiet għall-pagamenti jkunu aktar baxxi milli huwa antiċipat minħabba dewmien fl-implimentazzjoni.

---

[11] Id-dokument tagħna Analiżi Rapida dwar Każ Speċifiku Nru 5/2019 “Impenji pendenti fil-baġit tal-UE – Ħarsa aktar mill-qrib”, ippubblikat f’April 2019.

[12] Ara d-dokumenti tagħna: ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafi 2.18-2.21, ir-Rapport Annwali 2017, il-paragrafi 2.46-2.49 u r-Rapport Annwali 2016, il-paragrafi 2.32-2.39.

[13] COM(2020) 298 final, 30.6.2020, il-“Previżjoni fit-tul tal-flussi futuri ta’ dħul u ta’ ħruġ tal-baġit tal-UE (2021-2025),” u l-aġġornament ipprovdut mill-Kummissjoni dwar l-implikazzjonijiet tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta’ Lulju 2020 dwar il-QFP 2021-2027.

## Kaxxa 2.4

### Impenji pendenti, impenji u pagamenti




*Sors:* il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għas-snin mill-2014 sal-2020. Għall-projezzjonijiet sal-2027: Il-"Previżjoni fit-tul tal-flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ tal-baġit tal-UE (2021-2025), COM(2020) 298 final, 30.6.2020" u l-aġġornament ipprovdut mill-Kummissjoni dwar l-implikazzjonijiet tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 dwar il-QFP 2021-2027.

## Għall-QFP 2014-2020, il-pagamenti kienu aktar baxxi milli kien ippjanat

**2.12.** Matul il-QFP 2014-2020, EUR 1 120 biljun kienu disponibbli għall-impenji fil-baġits adottati, filwaqt li l-limitu massimu tal-QFP kien ta' EUR 1 087 biljun. Mill-approprjazzjonijiet ta' impenn li kienu disponibbli, jiġifieri EUR 1 082 biljun, 97 % tassew ġew impenjati[14].

[14] Minn din l-analiżi, aħna neskludu r-riporti, id-dħul assenjat u r-riprogrammazzjoni minħabba li dawn ma jiffurmawx parti mill-baġit adottat u huma suġġetti għal regoli differenti.

**2.13.** L-ammont totali ta' pagamenti li saru mill-baġits tal-UE matul il-perjodu 2014-2020 kien ta' EUR 983 biljun. Dan l-ammont kien ta' EUR 19-il biljun inqas mill-baġits adottati, u madwar EUR 44 biljun taħt il-limitu massimu tal-QFP għall-perjodu 2014-2020. Ara l-***Kaxxa 2.5***. Id-differenza bejn l-impenji u l-pagamenti li saru (EUR 99 biljun) hija l-kawża prinċipali taż-żieda fl-impenji pendenti bejn l-2013 u l-2020.

## Kaxxa 2.5

## Implimentazzjoni tal-QFP 2014-2020 – totali u limiti massimi




*Sors:* il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-perjodu 2014-2020.

**2.14.** L-impenji kienu qrib il-limitu massimu f'kull sena tal-perjodu 2014-2020, għajr l-2014 (ara l-***Kaxxa 2.6***). Ir-raġuni għal dan kienet li l-awtorità baġitarja ddeċidiet li tittrasferixxi b'mod eċċezzjonali l-approprjazzjonijiet ta' impenn mill-2014 għall-2015 u s-snin sussegwenti, minħabba l-adozzjoni tardiva tal-QFP u l-approvazzjoni mdewma tal-programmi operazzjonali.

**2.15.** L-approprjazzjonijiet ta' pagament intużaw kważi bis-sħiħ fl-2014 u fl-2015 biex jingħalaq il-QFP 2007-2013 preċedenti (ara l-***Kaxxa 2.6***). Madankollu, bejn l-2016 u l-2020, il-pagamenti kienu inqas milli kien antiċipat, billi l-Istati Membri ppreżentaw talbiet aktar baxxi taħt il-FSIE (għajr għall-FAEŻR). Għalhekk, il-marġni globali għall-pagamenti – li awtomatikament jaġġusta l-limitu massimu tal-pagamenti 'l fuq billi l-approprjazzjonijiet ta' pagament li ma jintużawx jiġu ttrasferiti minn snin preċedenti

għal snin futuri[15] – fil-biċċa l-kbira ma kienx meħtieġ mill-2018 sal-2020. Aħna analizzajna l-impatt tal-marġni globali għall-pagamenti fir-Rapport Annwali 2018 tagħna[16].

## Kaxxa 2.6

### Infiq ibbaġitjat u nfiq reali għall-perjodu 2014-2020







*Sors:* il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-perjodu 2014-2020.

[15] L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

[16] Il-paragrafi 2.12 – 2.16, ir-Rapport Annwali 2018.

**2.16.** Fil-QFP, il-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn huma speċifikati għal kull intestatura tal-QFP[17]. Fl-intestaturi "Sigurtà u Ċittadinanza" u "Ewropa Globali" tal-QFP, il-livell ta' impenji li saru kien ogħla mil-limiti massimi tal-QFP. Dan kien ikkawżat minn ħtiġijiet mhux previsti, bħall-kriżi tar-refuġjati[18] u l-COVID-19[19]. Il-finanzjament addizzjonali għal dawn l-intestaturi kien possibbli minħabba l-flessibbiltà pprovduta minn strumenti speċjali taħt il-baġit. Ara l-*Kaxxa 2.7*.

## Kaxxa 2.7

### Implimentazzjoni baġitarja għall-intestaturi prinċipali tal-QFP 2014-2020




*Sors:* il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-perjodu 2014-2020.

---

17 Ara l-Artikolu 3 u l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

18 Ir-Regolament tal-Kunsill 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

19 Ir-Regolament tal-Kunsill 2020/538 tas-17 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji.

## Ir-rata ta' assorbiment tal-fondi SIE hija aktar baxxa mir-rata taħt il-QFP preċedenti

**2.17.** Fl-2020, ittaffew ir-regoli ta' eliġibbiltà tal-FSIE għan-nefqa relatata mal-COVID-19, u ġiet introdotta l-possibbiltà ta' 100 % finanzjament mill-UE (il-CRII u l-CRII+)[20]. Dawn il-miżuri ma rriżultawx f'żieda sinifikanti fir-rata ta' assorbiment fl-2020. Ir-rata ta' assorbiment annwali tal-fondi SIE allokati lill-Istati Membri matul il-QFP 2014-2020 żdiedet minn 12 % fl-2019 għal 15 % fl-2020. L-ammont imħallas fl-2020 kien ta' EUR 72 biljun, meta mqabbel ma' EUR 57 biljun fl-2019. Dan ġab l-assorbiment kumulattiv tal-perjodu tal-QFP 2014-2020 għal 55 % fi tmiem l-2020. B'kollox, sa tmiem l-2020 kienu tħallsu EUR 256 biljun tal-allokazzjoni totali ta' EUR 465 biljun tal-FSIE. Sa tmiem l-2020, kienu ġew impenjati l-EUR 465 biljun kollha li kienu ġew allokati lill-Istati Membri[21].

**2.18.** Ir-rata ta' assorbiment annwali kumplessiva fl-2020, li kienet is-sena finali tal-QFP attwali, kienet l-istess bħal fl-2013 (15 %), li kienet is-sena finali tal-QFP 2007-2013 preċedenti. Madankollu, l-assorbiment kumulattiv kien madwar 7 % inqas minn dak taħt il-QFP preċedenti. Dan ħalla 45 % (EUR 209 biljun) tal-ammont totali ta' fondi SIE impenjati li kellhom jiġu assorbiti. Dan l-ammont jikkostitwixxi l-parti prinċipali tal-ammont ta' EUR 303 biljun ta' impenji pendenti fi tmiem l-2020 (ara l-paragrafu ***2.9***). Madankollu, aħna nosservaw li l-QFP 2007-2013 kien suġġett b'mod ġenerali għar-regola n+2, filwaqt li l-QFP 2014-2020 huwa suġġett għar-regola n+3.

**2.19.** Kif turi l-***Kaxxa 2.8***, hemm differenzi konsiderevoli fost l-Istati Membri fl-assorbiment tal-fondi SIE allokati lilhom matul il-QFP 2014-2020. Il-Finlandja, pereżempju, assorbiet 79 % tal-allokazzjoni totali tagħha, filwaqt li t-tliet Stati Membri fejn ir-rata ta' assorbiment kienet l-aktar baxxa (l-Italja, il-Kroazja u Spanja) assorbew biss madwar 45 % tal-ammonti impenjati tagħhom. L-Italja, Spanja u l-Polonja jikkostitwixxu kważi 40 % tal-pagamenti li għad iridu jiġu assorbiti: bejn wieħed u ieħor EUR 83 biljun tat-total li jifdal (EUR 209 biljun).

---

[20] Dawn il-bidliet japplikaw parzjalment għall-FAEŻR. Madankollu, l-adattament prinċipali tal-FAEŻR għall-kriżi tal-COVID-19 sar permezz tar-Regolament (UE) Nru 2020/872 ta' Ġunju 2020.

[21] L-unika eċċezzjoni kienet tirrigwarda programm operazzjonali ta' EUR 8 miljun li għalih ma kinitx ġiet finalizzata emenda fl-2020, iżda fl-2021.

## Kaxxa 2.8

**FSIE tal-perjodu 2014–2020:** ammonti li jifdal biex jiġu assorbiti

| | **Miljun EUR** li għadhom iridu jiġu assorbiti | **Perċentwal** assorbit fi tmiem l-2020 | **Perċentwal** li għad irid jiġi assorbit fi tmiem l-2020 | **Perċentwal** assorbit fi tmiem l-2013 |
|---|---|---|---|---|
| L-Italja | 25 166 | 44 % | 56 % | 50 % |
| Il-Kroazja | 5 961 | 45 % | 55 % | |
| Spanja | 22 089 | 45 % | 55 % | 63 % |
| Bosta pajjiżi | 5 081 | 46 % | 54 % | 58 % |
| Is-Slovakkja | 8 167 | 46 % | 54 % | 53 % |
| Malta | 445 | 47 % | 53 % | 50 % |
| Il-Bulgarija | 5 029 | 50 % | 50 % | 49 % |
| Ir-Rumanija | 15 619 | 50 % | 50 % | 37 % |
| Il-Belġju | 1 375 | 51 % | 49 % | 69 % |
| Id-Danimarka | 743 | 52 % | 48 % | 54 % |
| In-Netherlands | 915 | 53 % | 47 % | 64 % |
| Ir-Renju Unit | 7 481 | 54 % | 46 % | 57 % |
| Il-Ġermanja | 12 669 | 55 % | 45 % | 71 % |
| Total għall-UE | EUR 208 619-il miljun | 55 % | 45 % | 62 % |
| Ċipru | 398 | 57 % | 43 % | 61 % |
| Is-Slovenja | 1 682 | 57 % | 43 % | 63 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 9 994 | 58 % | 42 % | 51 % |
| Il-Polonja | 35 685 | 59 % | 41 % | 68 % |
| Il-Latvja | 2 283 | 60 % | 40 % | 66 % |
| L-Ungerija | 9 908 | 61 % | 39 % | 59 % |
| Franza | 11 016 | 61 % | 39 % | 60 % |
| Il-Portugall | 9 857 | 62 % | 38 % | 79 % |
| L-Iżvezja | 1 373 | 62 % | 38 % | 69 % |
| Il-Litwanja | 3 200 | 62 % | 38 % | 79 % |
| Il-Greċja | 7 824 | 64 % | 36 % | 70 % |
| L-Estonja | 1 562 | 65 % | 35 % | 81 % |
| L-Awstrija | 1 475 | 70 % | 30 % | 67 % |
| Il-Lussemburgu | 41 | 71 % | 29 % | 68 % |
| L-Irlanda | 789 | 77 % | 23 % | 70 % |
| Il-Finlandja | 788 | 79 % | 21 % | 76 % |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

**2.20.** Il-*Kaxxa 2.9* turi l-assorbiment totali tal-fondi SIE skont is-sena sa tmiem l-2020. L-esperjenza preċedenti tagħti x'tifhem li r-rata ta' assorbiment x'aktarx li tiżdied[22], iżda dan xorta jista' ma jkunx suffiċjenti biex il-fondi kollha jkunu jistgħu jiġu assorbiti. Fl-2014, il-Kummissjoni waqqfet it-Task Force dwar Implimentazzjoni Aħjar għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni. It-Task Force, li baqgħet għaddejja sa tmiem l-2015, kienet maħsuba biex tagħti appoġġ lill-Istati Membri li kienu qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jimplimentaw il-programmi operazzjonali tagħhom fl-użu tal-finanzjament li jifdal mill-perjodu 2007-2013. Il-miżuri li ttieħdu wasslu għal żieda sinifikanti fl-assorbiment għall-Istati Membri assistiti, iżda aħna osservajna fokus insuffiċjenti fuq ir-riżultati[23].

[22] Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2018: L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati, il-Figura 4.

[23] Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2018, p. 34.

## Kaxxa 2.9

### Livelli annwali ta' assorbiment tal-fondi SIE għal kull Stat Membru fil-perjodu 2014-2020




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

# Riskji u sfidi

## Hemm riskji u sfidi għall-implimentazzjoni tal-QFP 2021-2027 u l-istrument NGEU

**2.21.** Il-pandemija tal-COVID-19 se jkollha impatt sostanzjali fuq l-ammont ta' fondi li l-UE se tonfoq fi snin futuri. Dan wassal għall-ħolqien rapidu tal-istrument Next Generation EU (NGEU), li għandu l-għan li jiġġieled l-effetti tal-pandemija, iżomm il-miri stabbiliti mill-politiki tal-UE, u jippermetti lill-Istati Membri jsiru aktar reżiljenti, sostenibbli u mħejjija aħjar għall-futur. Fil-perjodu tal-QFP 2021-2027, ammont sa EUR 750 biljun se jkun disponibbli taħt l-istrument NGEU (ara l-*Kaxxa 2.10*).

### Kaxxa 2.10

### L-NGEU se jiffinanzja l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza l-ġdida u se jirrinforza għadd ta' programmi ta' nfiq tal-QFP




*Nota:* L-ammonti kollha bil-prezzijiet tal-2018.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

**2.22.** Għall-perjodu 2021-2027, l-allokazzjoni ta' finanzjament ikkombinat mill-istrument NGEU u mill-QFP se tkun ta' EUR 1 824 biljun (fi prezzijiet tal-2018, EUR 1 074 biljun mill-QFP 2021-2027 u EUR 750 biljun mill-istrument NGEU). Dan il-finanzjament ikkombinat jirrappreżenta kważi d-doppju tal-ammont tal-allokazzjoni tal-QFP preċedenti. Aħna identifikajna r-riskji u l-isfidi prinċipali li ġejjin:

- riskju ta' bidu tardiv tal-implimentazzjoni ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-QFP 2021-2027;
- sfidi relatati ma' ġestjoni finanzjarja tajba fl-użu tal-fondi minħabba bidliet relatati mal-COVID-19.

## Riskju ta' bidu tardiv tal-implimentazzjoni ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-QFP 2021-2027

**2.23.** Aħna nqisu li l-fatturi prinċipali li ġejjin jikkontribwixxu għar-riskju ta' bidu tardiv tal-implimentazzjoni ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt il-QFP 2021-2027. Dawn il-fatturi huma simili għal dawk li kkawżaw dewmien fl-implimentazzjoni tal-QFP 2014-2020. Aħna diġà ġbidna l-attenzjoni għal bosta problemi fi snin reċenti; niddeskrivuhom fil-qosor hawn taħt.

### Adozzjoni tardiva tal-leġiżlazzjoni

**2.24.** Għalkemm ir-Regolament għall-QFP 2021-2027 il-ġdid ġie propost mill-Kummissjoni f'Mejju 2018, dan ġie adottat biss fis-17 ta' Diċembru 2020[24]. Il-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid beda fl-2021, mingħajr il-qafas leġiżlattiv settorjali meħtieġ għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża fis-seħħ (għajr għall-FAEG u l-FAEŻR[25]). Kien biss fl-24 ta' Ġunju 2021 li ġie adottat ir-Regolament li jirregola l-fondi taħt ġestjoni kondiviża (għajr il-FAEG u l-FAEŻR), jiġifieri r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

---

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.

[25] L-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022.

**2.25.** Dan id-dewmien huwa akbar minn dak esperjenzat fiż-żewġ QFP preċedenti. Fir-Rapport Annwali 2018 tagħna[26], aħna rrakkomandajna li l-oqfsa legali jiġu adottati fi żmien opportun biex b'hekk l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jippjanaw il-programmi tagħhom. Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għaż-żewġ perjodi tal-QFP ġie adottat tard: sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu tal-QFP 2007-2013, u ġimagħtejn qabel il-bidu tal-perjodu tal-QFP 2014-2020[27] F'rapporti preċedenti, aħna osservajna li dan id-dewmien kien wassal għall-adozzjoni tardiva tal-programmi operazzjonali u għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet ta' impenn mhux użati tal-ewwel sena għal snin futuri[28]. Għall-perjodu tal-QFP 2021-2027, l-adozzjoni tardiva tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ferm lil hinn minn dak li ġara f'oqfsa finanzjarji pluriennali preċedenti, x'aktarx li tirriżulta fl-adozzjoni saħansitra aktar tardiva tal-programmi operazzjonali, u f'aktar dewmien għall-bidu tal-implimentazzjoni. Madankollu, aħna nosservaw li għadd ta' simplifikazzjonijiet li ġew introdotti, bħall-kontinwazzjoni tar-rwoli tal-awtoritajiet nazzjonali, jistgħu jgħinu biex jaċċelleraw l-adozzjoni tal-programmi u għalhekk inaqqsu parzjalment id-dewmien.

**It-tħaffif tal-assorbiment u d-disponibbiltà addizzjonali tal-finanzjament se jagħmlu pressjoni fuq ir-riżorsi amministrattivi**

**2.26.** Bħalma osservajna fil-paragrafu ***2.17***, ir-rata ta' assorbiment kumulattiva tal-fondi SIE fi tmiem l-2020 kienet ta' 55 % biss: ħafna inqas milli fl-istess żmien f'perjodi preċedenti tal-QFP (2000-2006: 68 %; 2007-2013: 62 %). Preċedentement aħna osservajna[29] li l-implimentazzjoni tal-perjodu tal-QFP 2007-2013 iddewmet, billi l-Istati Membri kienu għadhom qed jużaw l-impenji li kienu disponibbli mill-perjodu preċedenti. Għal darba oħra, aħna nosservaw sitwazzjoni simili fejn l-Istati Membri għad għandhom somom sostanzjali x'jassorbu mill-QFP 2014-2020, fatt li jista' jdewwem l-użu tal-impenji taħt il-QFP 2021-2027.

---

[26] Ara r-Rapport Annwali 2018, ir-Rakkomandazzjoni 2.1.c.

[27] Ir-Regolament Ġenerali/RDK adottat fil-11.7.2006 għall-QFP 2007-2013 u r-Regolament Ġenerali/RDK adottat fis-17.12.2013 għall-QFP 2014-2020.

[28] Ara pereżempju r-Rapport Annwali 2015, il-paragrafu 2.6.

[29] Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2018: L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati, p. 22.

**2.27.** Hemm ukoll riskju li l-livell ta' riżorsi amministrattivi li huma meħtieġa għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi b'mod parallel jista' ma jkunx disponibbli, speċjalment fl-ewwel snin tal-QFP il-ġdid[30]. Biex nagħtu eżempju, ir-riżorsi amministrattivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri se jkollhom ikopru:

- il-FSIE taħt il-QFP 2014-2020 sal-għeluq;
- il-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt il-QFP 2021-2027;
- iż-żidiet fl-allokazzjonijiet għal fondi taħt ġestjoni kondiviża mill-istrument NGEU fl-2021 u fi snin sussegwenti.

**2.28.** X'aktarx ukoll li, mill-2021 'il quddiem, xi partijiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) se jiġu amministrati mill-istess riżorsi amministrattivi.

**2.29.** Aħna diġà ġbidna l-attenzjoni preċedentement għall-problemi li jinqalgħu meta l-perjodi eliġibbli ta' żewġ perjodi ta' programmazzjoni differenti tal-politika ta' koeżjoni jikkoinċidu[31]. B'mod partikolari, il-piż amministrattiv jiżdied sinifikattivament għal xi żmien. Dan jaffettwa l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni sussegwenti. Aħna nosservaw il-fatt li l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-fondi taħt ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jintemm fl-2029, u b'hekk it-trikkib bejn l-għeluq tal-QFP 2021-2027 u l-introduzzjoni progressiva tal-QFP il-ġdid jitqassar għal sentejn.

**2.30.** L-RRF toffri l-possibbiltà li l-ispiża stmata tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tiġi ffinanzjata bis-sħiħ. Normalment dan ma jkunx il-każ għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża[32]. F'każijiet fejn il-finanzjament ikun disponibbli jew permezz tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża jew inkella permezz tal-RRF, din il-possibbiltà ta' appoġġ sħiħ tista' tagħmel l-RRF aktar attraenti għall-Istati Membri. Madankollu, aħna nirrikonoxxu l-fatt li r-rati ta' appoġġ mhumiex l-uniku fattur li jinfluwenza l-għażla ta' strument ta' finanzjament li tkun saret mill-Istati Membri.

---

[30] L-Opinjoni Nru 6/2020 (skont l-Artikoli 287(4) u 322(1)(a) TFUE) dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (COM(2020) 408), il-punti 32-33 u 41, p. 13 u p. 18.

[31] Ir-Rapport Speċjali Nru 36/2016 "Valutazzjoni tal-arranġamenti għall-għeluq tal-programmi tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali għall-2007-2013", il-paragrafi 129-130 u r-Rakkomandazzjoni 4.

[32] L-Opinjoni Nru 6/2020, il-punt 32, p. 13.

**2.31.** Ir-Regolament dwar il-QFP 2021-2027 ma jinkludix rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP, li kien previst fil-proposta oriġinali tal-leġiżlazzjoni dwar il-QFP. Madankollu, aħna nosservaw li l-Kummissjoni tat impenn li tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP 2021-2027, fatt li jista' joffri opportunità għal kwalunkwe bidla meħtieġa. L-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-QFP jipprovdi wkoll bażi għall-aġġustament tal-limiti massimi tal-QFP jekk il-fondi taħt ġestjoni kondiviża jiġu adottati tard.

## Il-bidliet relatati mal-COVID-19 jagħtu lok għal reazzjonijiet rapidi, iżda joħolqu wkoll sfidi għal ġestjoni finanzjarja tajba fl-użu tal-fondi

**2.32.** Biex tgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw l-effetti negattivi tal-pandemija tal-COVID-19, il-flessibbiltà nżdiedet, u r-rekwiżiti amministrattivi għall-użu tal-fondi SIE eżistenti ġew issimplifikati (ara l-paragrafu ***2.5***). Għalkemm dawn il-miżuri għenu lill-Istati Membri biex jirreaġixxu malajr, jistgħu jwasslu wkoll biex is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jiddgħajfu, u dan potenzjalment iżid ir-riskju ta' żbalji u irregolaritajiet[33]. Preċedentement, aħna ġbidna l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu minimizzati r-riskji għall-konformità u għall-ġestjoni finanzjarja tajba[34].

**2.33.** Iż-żmien li matulu l-finanzjament tal-RRF ikun disponibbli huwa ħafna iqsar mill-finanzjament taħt il-fondi li jkunu taħt ġestjoni kondiviża. Il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-RRF beda b'mod retroattiv fl-1 ta' Frar 2020. Id-data ta' skadenza sa meta jridu jiġu kkompletati l-objettivi intermedjarji u l-miri hija l-31 ta' Awwissu 2026[35]. Matul dan il-perjodu tal-QFP, it-trikkib tal-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi tal-RRF ma' programmi oħra tal-UE joħloq ir-riskju ta' finanzjament doppju, b'mod partikolari peress li l-iskema RRF se tkopri proġetti li huma potenzjalment eliġibbli taħt oqsma oħra ta' politika, bħall-koeżjoni, it-trasport, l-enerġija u r-riċerka[36]. Aħna nosservaw li l-Kummissjoni attwalment qed taħdem biex tistabbilixxi l-istrateġija ta' kontroll tagħha

---

33 IMF report – Fiscal affairs, August 26, 2020 - COVID-19 Funds in Response to the Pandemic.

34 L-Opinjoni Nru 3/2020 tal-QEA (2020/C 159/01) (skont l-Artikoli 287(4) u 322(1)(a), TFUE) dwar il-Proposta 2020/0054(COD) għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19. Il-punt 5, p. 2.

35 L-Artikoli 18(4)(i) u 20(5)(d) tar-Regolament 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

36 L-Opinjoni Nru 6/2020, il-punt 6, p. 5.

għall-RRF li tinkludi l-kontrolli prinċipali tal-Kummissjoni fuq l-implimentazzjoni tal-RRF mill-Istati Membri.

## Esponiment tal-baġit tal-UE għal riskji finanzjarji

### L-Istrument SURE żied l-esponiment tal-baġit tal-UE għal riskji finanzjarji

**2.34.** L-esponiment totali tal-baġit tal-UE għal obbligazzjonijiet kontinġenti – obbligazzjonijiet li jiddependu mis-seħħ ta' avveniment futur speċifiku – żdied minn EUR 90.5 biljun fi tmiem l-2019 għal EUR 131.9 biljun[37] sa tmiem l-2020, żieda ta' 46 %. Dan kien kważi kompletament dovut għall-introduzzjoni tal-istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (l-Istrument SURE)[38], li żied EUR 39.5 biljun ta' teħid ta' self min-naħa tal-Istati Membri maċ-ċifra tal-esponiment sa tmiem l-2020 (ara l-*Kaxxa 2.11*). L-Istati Membri se jkunu jistgħu jissellfu sa EUR 100 biljun taħt l-Istrument SURE sal-2022 għal skopijiet urġenti relatati mal-COVID-19. Sa tmiem l-2020, kien diġà ttieħed self ta' EUR 39.5 biljun. Il-baġit tal-UE jiggarantixxi dan is-self. Għalkemm is-self SURE jżid l-esponiment kumplessiv, ir-riskji assoċjati jitnaqqsu permezz ta' salvagwardji li huma mibnija ġewwa l-istrument, b'mod partikolari permezz ta' sistema ta' garanzija li taħtha l-Istati Membri kollha jipprovdu kontrogaranzija, ta' ammont massimu ta' EUR 25 biljun, għar-riskju li jintrefa' mill-baġit tal-UE.

---

[37] Il-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2020, in-Noti 4.1.1 u 4.1.2.

[38] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19.

## Kaxxa 2.11

### Esponiment tal-baġit tal-UE għal riskji fil-31 ta' Diċembru 2020, ripartit skont il-kategorija




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020, in-Noti 4.1.1 u 4.1.2.

**2.35.** Aħna rrieżaminajna r-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-esponiment tal-baġit tal-UE għal obbligazzjonijiet kontinġenti[39]. Il-Kummissjoni qieset li l-livell ta' esponiment tal-baġit tal-UE kien sostenibbli fi tmiem l-2020. Aħna analizzajna n-natura tal-esponiment tal-baġit tal-UE fir-Rapport Annwali 2019 tagħna[40] u kkonkludejna li l-esponiment seta' jitqies bħala sostenibbli fi tmiem l-2019. L-introduzzjoni tal-istrument SURE tirrappreżenta l-bidla materjali ewlenija għar-riskju merfugħ mill-baġit tal-UE fl-2020.

**2.36.** Fl-2020, il-Kummissjoni kkalkulat li l-esponiment annwali tal-baġit tal-UE għal riskji fl-2021 ikun ta' EUR 14.1 biljun. Aktar tard, madankollu, l-Irlanda u l-Portugall talbu li l-ħlasijiet lura ta' self li jammontaw għal total ta' EUR 9.7 biljun dovuti fl-2021 jiġu skedati mill-ġdid għal snin futuri[41]. Dan ċaqlaq ir-riskju lejn snin futuri, u naqqas ir-riskju annwali għall-baġit tal-UE fl-2021 għal EUR 4.4 biljun. Fl-2020, ir-riskju annwali ammonta għal EUR 4.5 biljun.

### L-istrument NGEU se jkollu impatt kbir fuq l-esponiment kumplessiv mill-2021 'il quddiem

**2.37.** Permezz tal-istrument NGEU, l-UE se jkollha l-possibbiltà li tieħu azzjoni rapida u qawwija. Iżda dan se jżid b'mod sostanzjali l-esponiment kumplessiv tal-baġit tal-UE sa EUR 750 biljun (fi prezzijiet tal-2018) fis-snin li ġejjin. Ara l-***Kaxxa 2.12***. B'mod speċifiku, EUR 390 biljun se jsiru disponibbli fil-għamla ta' għotjiet u garanziji baġitarji, u ammont sa EUR 360 biljun se jsir disponibbli bħala self lill-Istati Membri. Il-

---

[39] COM(2020) 677 – Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar garanziji koperti mill-baġit ġeneral - Is-Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2019 u li jakkumpanja d-dokument Commission staff working document SWD(2020) 241; ir-Rapport Annwali 2019 dwar l-arkitettura finanzjarja tal-UE (il-punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali); COM(2020) 327 – ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-fond ta' garanzija għal azzjonijiet esterni u l-ġestjoni tiegħu fl-2019 u li jakkumpanja d-dokument, Commission staff working document SWD(2020) 136; COM(2020) 385 - ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni tal-fond ta' garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi fl-2019 u li jakkumpanja d-dokument, Commission staff working document SWD(2020) 162.

[40] Ara r-Rapport Annwali 2019 tagħna, il-paragrafi 2.22-2.34.

[41] COM(2020) 677 – Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar garanziji koperti mill-baġit ġeneral - Is-Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2019 u li jakkumpanja d-dokument Commission staff working document SWD(2020) 241.

Kummissjoni se tissellef il-fondi meħtieġa f'isem l-UE mis-swieq finanzjarji; dan it-teħid ta' self se jkun garantit mill-baġit tal-UE. Dan jista' jżid l-esponiment kumplessiv tiegħu sa ammont li jaf jilħaq madwar EUR 940 biljun. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni se tiffaċċja l-isfida li żżid il-kapaċitajiet amministrattivi tagħha biex tiżgura aktar minn qatt qabel il-ġestjoni tajba ta' tranżazzjonijiet akbar fis-swieq kapitali, inklużi l-ħruġ ta' bonds u l-ġestjoni tar-riskji finanzjarji[42].

## Kaxxa 2.12

### Tqabbil tal-esponiment kumplessiv tal-baġit tal-UE fil-passat u dak futur possibbli




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq COM(2020) 677 – Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar garanziji koperti mill-baġit ġenerali - Is-Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2019; Commission staff working document SWD(2020) 241; u leġiżlazzjoni relatata mal-NGEU u mas-SURE.

**2.38.** L-esponiment kumplessiv ma jfissirx li jista' jsir rikors għal dawn il-fondi kollha f'sena waħda. Aħna nosservaw ukoll li l-esponiment akbar marbut mal-istrument NGEU huwa ppjanat li jittaffa permezz ta' żieda ddedikata u temporanja fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 0.6 % tal-ING għad-durata tal-obbligazzjonijiet imġarrba taħt l-istrument NGEU.

[42] Ir-Rapport Analitiku Nru 6/2020 tagħna - Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19 – il-paragrafu 87.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjonijiet

**2.39.** Fl-2020, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament kienu kważi ntużaw bis-sħiħ. L-awtorità baġitarja tal-UE ddeċidiet li tuża strumenti speċjali biex tagħmel impenji li kienu ogħla mil-limitu massimu tal-QFP. Il-pagamenti kienu sew fi ħdan il-limitu massimu tal-QFP. Ara l-paragrafi *2.3*-*2.4*.

**2.40.** Biex tirreaġixxi għall-pandemija tal-COVID-19, l-UE użat il-baġit b'mod rapidu biex tipprovdi appoġġ permezz ta' trasferimenti u baġits emendatorji. Iddaħħlu ammonti kumplessivi ta' EUR 3.3 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali u EUR 9.4 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali permezz ta' baġits emendatorji għan-nefqa relatata mal-COVID-19. Barra minn hekk, l-UE taffiet ir-regoli eżistenti li jirregolaw il-FSIE biex tippermetti likwidità u flessibbiltà addizzjonali għall-Istati Membri. Ara l-paragrafi *2.5*-*2.6*.

**2.41.** Il-Kummissjoni infurmatna li EUR 12.9 biljun ta' impenji taħt ġestjoni diretta u dik indiretta kienu saru disponibbli għal skopijiet relatati mal-COVID-19 sa tmiem l-2020. Aħna sibna li madwar EUR 0.2 biljun f'ammonti relatati mal-COVID-19 ma kinux ġew inklużi f'dan l-ammont ta' EUR 12.9 biljun ta' impenji, minkejja li kienu mmarkati bħala relatati mal-COVID-19 fis-sistema kontabilistika ċentrali tal-Kummissjoni. Skont il-Kummissjoni, ġew imwiegħda jew ikkuntrattati EUR 34.2 biljun oħra taħt ġestjoni kondiviża mill-Istati Membri, biex b'hekk it-total tal-fondi tal-UE disponibbli għal skopijiet relatati mal-COVID-19 kien ta' EUR 47.1 biljun. Il-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx rapport dwar in-nefqa relatata mal-COVID-19. Ara l-paragrafi *2.7*-*2.8*.

**2.42.** L-impenji pendenti qabżu l-ammont ta' EUR 300 biljun. Il-Kummissjoni stmat li se jibqgħu pjuttost stabbli f'dan il-livell għoli sal-2027 (mingħajr l-NGEU). Madankollu, l-impenji pendenti se jiżdiedu jekk, bħal fil-perjodu 2016-2020, l-impenji jibqgħu għoljin u t-talbiet għall-pagamenti jkunu aktar baxxi milli huwa antiċipat minħabba dewmien fl-implimentazzjoni. Ara l-paragrafi *2.9*-*2.11*.

**2.43.** Fil-perjodu tal-QFP 2014-2020, l-approprjazzjonijiet ta' impenn kienu kważi ntużaw bis-sħiħ. Madankollu, l-approprjazzjonijiet ta' pagament matul dawn is-seba' snin intużaw inqas milli kien antiċipat mill-2016 'il quddiem minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-FSIE. B'kollox, il-pagamenti baqgħu kważi EUR 45 biljun taħt il-limitu massimu tal-QFP għall-perjodu 2014-2020. Ara l-paragrafi *2.12*-*2.16*.

**2.44.** Il-ħeffa tal-assorbiment għadha lura meta mqabbla ma' dik tal-QFP preċedenti. L-assorbiment kumulattiv medju laħaq biss 55 %. Hemm differenzi sostanzjali fl-assorbiment fost l-Istati Membri. Hemm riskju li mhuwiex se jiġi assorbit l-ammont kollu ta' EUR 209 biljun f'finanzjament taħt il-FSIE li għadu disponibbli għall-Istati Membri. Ara l-paragrafi ***2.17-2.20***.

**2.45.** Dewmien fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni meħtieġa u assorbiment kumplessiv kajman tal-finanzjament taħt il-FSIE 2014-2020 jistgħu jwasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-QFP 2021-2027. Filwaqt li l-miżuri relatati mal-COVID-19 għenu lill-Istati Membri biex jirreaġixxu malajr għall-pandemija, hemm riskju li l-livell ta' riżorsi amministrattivi meħtieġa għall-ġestjoni taż-żieda sostanzjali minħabba l-RRF flimkien mal-QFP il-ġdid u l-QFP l-antik b'mod parallel jista' ma jkunx suffiċjenti. Ir-riskju huwa partikolarment għoli fl-ewwel snin tal-QFP il-ġdid, u potenzjalment iwassal għal dewmien addizzjonali, id-dgħufija tas-sistemi ta' kontroll, u irregolaritajiet u ġestjoni finanzjarja mhux tajba. Ara l-paragrafi ***2.21-2.33***.

**2.46.** Minħabba l-introduzzjoni tal-istrumenti NGEU u SURE, l-esponiment tal-baġit tal-UE se jogħla sostanzjalment, b'ammont li jaf jilħaq madwar EUR 940 biljun, fis-snin li ġejjin. Huwa ppjanat li dan jittaffa permezz ta' żieda fil-kapaċità ta' finanzjament tal-UE b'riżultat ta' din iż-żieda temporanja fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Ara l-paragrafi ***2.34-2.38***.

## Rakkomandazzjonijiet

## Rakkomandazzjoni 2.1 – Rappurtar dwar il-fondi tal-UE għal skopijiet relatati mal-COVID-19

Biex ikun hemm lok għal rappurtar komprensiv tal-ammonti impenjati u mġarrba relatati mal-pandemija tal-COVID-19 bl-inklużjoni tal-ammonti mwiegħda jew ikkuntrattati fl-2020 – jenħtieġ li l-Kummissjoni tistandardizza r-reġistrazzjoni tan-nefqa baġitarja tal-UE għal skopijiet relatati mal-COVID-19 u tirrapporta dwarha lill-awtorità baġitarja mill-inqas kull sena sakemm jitqies li jkun meħtieġ.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Sa tmiem l-2021**

## Rakkomandazzjoni 2.2 –Tnaqqis gradwali tal-impenji pendenti

Bil-ħsieb li jitnaqqas gradwalment il-livell kumplessiv tal-impenji pendenti fis-snin li ġejjin, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-fatturi li jikkontribwixxu għall-evoluzzjoni tal-impenji pendenti u, abbażi tar-riżultati, tieħu azzjoni xierqa.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Sa tmiem l-2023**

## Rakkomandazzjoni 2.3 – Promozzjoni tal-użu tajjeb tal-finanzjament li jingħata mill-UE

Fid-dawl taż-żidiet sostanzjali fil-livell u t-tipi ta' finanzjament mill-UE disponibbli matul is-snin li ġejjin, inklużi l-ammonti li jifdal mill-perjodu tal-QFP preċedenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi miżuri biex tiżgura li appoġġ konsultattiv addizzjonali jkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali, biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-użu tajjeb ta' dawn il-fondi mill-Istati Membri.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Sa tmiem l-2022**

# Kapitolu 3

## Dħul

# Werrej

| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | 3.1.-3.6. |
| Deskrizzjoni qasira | 3.2.-3.3. |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 3.4.-3.6. |
| **Regolarità tat-tranżazzjonijiet** | 3.7. |
| **Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern** | 3.8.-3.19. |
| Meta d-data dwar l-ING tinżamm miftuħa għal 10 snin tiġi kkawżata inċertezza baġitarja | 3.9.-3.10. |
| L-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-ING mhuwiex indirizzat b'mod xieraq | 3.11. |
| Minkejja titjib, l-għadd ta' riżervi tal-VAT u punti miftuħa tal-RPT jibqa' għoli | 3.12. |
| Dgħufijiet jippersistu fil-kontabbiltà tal-Istati Membri u fil-ġestjoni tal-RPT minn dawn tal-aħħar | 3.13.-3.17. |
| Nuqqas ta' monitoraġġ sistematiku tad-data dwar l-importazzjonijiet u kontrolli doganali armonizzati b'mod insuffiċjenti fil-livell tal-UE | 3.18.-3.19. |
| **Rapporti annwali tal-attività** | 3.20.-3.22. |
| **Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet** | 3.23.-3.26. |
| Konklużjoni | 3.23.-3.24. |
| Rakkomandazzjonijiet | 3.25.-3.26. |

# Annessi

## Anness 3.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għad-dħul

## Anness 3.2 – Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT, li kienu pendenti fil-31.12.2020, skont l-Istat Membru

## Anness 3.3 – Il-proċess tat-tfassil tar-rapporti dwar l-RPT rigward id-dazji (kemm dawk li nġabru kif ukoll dawk li għadhom ma nġabrux) u d-dħul tagħhom fil-kontijiet u fil-baġit tal-UE

## Anness 3.4 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

# Introduzzjoni

**3.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna relatati mad-dħul, li jinkludi kemm riżorsi proprji kif ukoll dħul ieħor. Il-*Kaxxa 3.1* tagħti ripartizzjoni tad-dħul fl-2020.

## Kaxxa 3.1

### Dħul – Ripartizzjoni fl-2020(*)




Total tad-dħul fl-2020(**): EUR 174.3 biljun

(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-*Anness 1.1*, il-paragrafu *10*).

(**) Dan l-ammont jirrappreżenta d-dħul effettiv fil-baġit tal-UE. Fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, l-ammont ta' EUR 224.0 biljun huwa kkalkulat bl-użu tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti.

*Sors:* il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

## Deskrizzjoni qasira

**3.2.** Il-biċċa l-kbira mid-dħul (92 %) jirriżulta mit-tliet kategoriji ta' riżorsi proprji[1]:

(a) ir-**riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ibbażata fuq l-ING)** tipprovdi 70.6 % tad-dħul tal-UE, u tibbilanċja l-baġit tal-UE wara li d-dħul mis-sorsi l-oħra kollha jkun ġie kkalkulat. Kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod proporzjonali skont l-ING tiegħu;

(b) ir-**riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)** jipprovdu 11.4 % tad-dħul tal-UE. Huma jinkludu d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet li jinġabru mill-Istati Membri. Il-baġit tal-UE jirċievi 80 % tal-ammont totali; l-Istati Membri jżommu l-20 % li jifdal biex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir;

(c) ir-**riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (ibbażata fuq il-VAT)** tipprovdi 9.9 % tad-dħul tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet taħt din ir-riżorsa proprja jiġu kkalkulati bl-użu ta' rata uniformi li tiġi applikata għall-bażijiet ta' valutazzjoni armonizzati tal-VAT tal-Istati Membri.

**3.3.** Id-dħul jinkludi wkoll ammonti li jiġu riċevuti minn sorsi oħra. Minn dawn is-sorsi, dawk l-aktar sinifikanti huma l-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet li huma marbuta mal-ftehimiet u l-programmi tal-UE (4.7 % tad-dħul tal-UE), bħal dħul relatat mal-approvazzjoni tal-konformità tal-FAEG u l-FAEŻR, u l-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE għal programmi u attivitajiet tal-UE[2].

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**3.4.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna ksibna aċċertament għall-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul billi wettaqna valutazzjoni tas-sistemi ewlenin magħżula, issupplementata minn ittestjar tat-tranżazzjonijiet. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva kif deskritt fl-***Anness 1.1***. Aħna eżaminajna dan li ġej għad-dħul fl-2020:

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2014/335 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105), l-Artikolu 2.

[2] Ara r-Rapport Analitiku Nru 3/2021 "Kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti mill-pajjiżi mhux tal-UE lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri".

(a) kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru tal-Kummissjoni, maħsub biex ikun rappreżentattiv tas-sorsi kollha ta' dħul;

(b) is-sistemi tal-Kummissjoni:

(i) biex jiġi żgurat li d-*data* tal-Istati Membri dwar l-ING u l-VAT tikkostitwixxi bażi xierqa għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji[3]

(ii) għall-ġestjoni tal-RPT u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom sistemi effettivi biex jiġbru u jirrappurtaw l-ammonti korretti tal-RPT u jagħmluhom disponibbli

(iii) għall-ġestjoni tal-multi u l-penali

(iv) għall-kalkolu tal-ammonti li jirriżultaw mill-mekkaniżmi ta' korrezzjoni;

(c) is-sistemi għall-kontabbiltà tal-RPT fi tliet Stati Membri (Spanja, Franza u n-Netherlands) magħżula abbażi kemm tal-ammont ta' dazji doganali li huma ġabru kif ukoll tal-valutazzjoni tar-riskju li wettaqna;

(d) l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-regolarità, li tinsab fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ BUDG u tal-Eurostat.

**3.5.** Hemm riskju li d-dazji doganali jew ma jiġux iddikjarati jew inkella jiġu ddikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali min-naħa tal-importaturi. In-"nuqqas doganali"[4], jiġifieri l-ammonti evażi li ma jkunux inqabdu mis-sistemi kontabilistiċi tal-RPT tal-Istati Membri, ma jaqax fi ħdan l-ambitu tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul. Madankollu, peress li n-nuqqas doganali jista' jaffettwa l-ammonti ta' dazji stabbiliti mill-Istati Membri, għat-tieni sena konsekuttiva aħna vvalutajna l-azzjoni li ttieħdet mill-UE biex jitnaqqas id-distakk u jiġi mmitigat ir-riskju li l-RPT ma jkunux kompleti.

---

[3] Il-punt tat-tluq tagħna kien id-*data* maqbula dwar l-ING u l-bażi armonizzata tal-VAT imħejjija mill-Istati Membri. Aħna ma ttestjajniex direttament l-istatistika u d-*data* li l-Kummissjoni u l-Istati Membri pproduċew.

[4] Id-differenza bejn il-livell teoretiku tad-dazji tal-importazzjoni li jenħtieġ li jinġabru għall-ekonomija fl-intier tagħha u d-dazji tal-importazzjoni reali li jkunu nġabru.

**3.6.** Meta għamilna dan, eżaminajna r-riżultati tal-ispezzjonijiet ta' segwitu tal-RPT li twettqu mill-Kummissjoni fuq l-istrateġiji ta' kontroll doganali tal-Istati Membri għall-indirizzar tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati[5]. Aħna użajna wkoll ir-riżultati tar-rapport speċjali reċenti tagħna dwar il-kontrolli doganali[6], li fih aħna vvalutajna jekk il-qafas il-ġdid ta' ġestjoni tar-riskju introdott mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jiżgurax l-applikazzjoni uniformi tal-kontrolli doganali għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE.

[5] Ara wkoll il-paragrafu 3.14 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

[6] Ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2021 "Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE".

# Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**3.7.** Din it-taqsima tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet tad-dħul. Aħna bbażajna l-konklużjoni tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE fuq il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-kalkolu u l-ġbir tad-dħul[7]. L-eżaminar li wettaqna ta' kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru żvela li l-ebda waħda minnhom ma kienet milquta minn żball kwantifikabbli. L-***Anness 3.1*** jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet.

[7] Ara l-paragrafu ***10*** fl-***Anness 1.1***.

# Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

**3.8.** Kif spjegat fil-paragrafu ***3.4***, aħna għażilna u eżaminajna għadd ta' sistemi. L-osservazzjonijiet dwar dawk is-sistemi ma jaffettwawx l-opinjoni mhux modifikata u kumplessiva tagħna dwar ir-regolarità tad-dħul tal-UE (ara l-***Kapitolu 1***). Madankollu, huma tabilħaqq jiġbdu l-attenzjoni għal dgħufijiet persistenti fl-effettività tas-sistemi ta' kontroll fil-livell kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri, li l-aktar importanti minnhom jaffettwaw l-għeluq mill-Kummissjoni taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING u l-affidabbiltà tar-rapporti dwar l-RPT fin-Netherlands.

## Meta d-*data* dwar l-ING tinżamm miftuħa għal 10 snin tiġi kkawżata inċertezza baġitarja

**3.9.** Fi ħdan iċ-ċiklu tagħha ta' verifikazzjoni pluriennali tal-ING, il-Kummissjoni teżamina jekk il-proċeduri li jintużaw mill-Istati Membri biex jikkompilaw il-kontijiet nazzjonali tagħhom jikkonformawx mal-ESA 2010[8], u jekk id-*data* dwar l-ING hijiex komparabbli, affidabbli u eżawrjenti[9]. Fl-2020, il-Kummissjoni għalqet iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tagħha fir-rigward tad-*data* dwar l-ING għar-riżorsi proprji mis-sena 2010[10] 'l quddiem għall-Istati Membri kollha għajr Franza, li għaliha l-verifikazzjoni ddewmet minħabba d-deskrizzjoni mhux sodisfaċenti tal-proċeduri ta' kompilazzjoni fl-Inventarju tal-ING tagħha, bħalma rrappurtajna fi snin preċedenti[11].

---

8 L-ESA 2010 (is-Sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali) hija l-qafas kontabilistiku tal-UE, li huwa kompatibbli fuq livell internazzjonali. Hija tintuża biex tinħoloq deskrizzjoni sistematika u dettaljata ta' ekonomija. Ara r-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

9 Ara l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (Regolament GNI) (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1). Dan ġie sostitwit bir-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (Regolament GNI), b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19).

10 Ħlief għall-Kroazja, fejn il-perjodu li matulu d-*data* tibqa' miftuħa jibda mill-2013.

11 Ara l-paragrafu 4.18 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna u l-paragrafu 3.21 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

Dan joħloq inċertezza fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet futuri kemm ta' Franza kif ukoll tal-Istati Membri l-oħra.

**3.10.** B'riżultat tal-għeluq taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet għadd kbir ta' riżervi tal-ING fir-rigward ta' proċeduri speċifiċi ta' kompilazzjoni fl-Istati Membri li appellaw għal titjib[12] (ara l-***Anness 3.2***). Bl-eċċezzjoni ta' dik rigward l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-ING (ara l-paragrafu ***3.11***), dawn ir-riżervi jżommu 10 snin mid-*data* statistika tal-Istati Membri f'każ li dawn ikunu jridu jagħmlu bidliet[13]. Dan iżid sinifikattivament l-inċertezza baġitarja fil-baġits nazzjonali fir-rigward tal-kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING, bħalma rrappurtajna fil-passat[14].

## L-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-ING mhuwiex indirizzat b'mod xieraq

**3.11.** Fir-rigward tar-riżerva tal-ING relatata mal-impatt tal-globalizzazzjoni, li tippermetti l-inkorporazzjoni ta' stima aktar preċiża tal-assi tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) ta' kumpaniji multinazzjonali[15], il-Kummissjoni naqqset il-perjodu ta' reviżjoni tad-*data* billi għamlet l-2018 is-sena tal-bidu għall-bidliet. Filwaqt li tirrispondi għad-diffikultajiet tal-Istati Membri biex jiksbu *data* għal snin preċedenti minn kumpaniji multinazzjonali, din l-eċċezzjoni ddgħajjef il-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tal-ING tal-Istati Membri mill-2010 sal-2017. Din il-limitazzjoni mhijiex konformi mar-regoli tal-UE[16] dwar il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING.

---

[12] Riżervi speċifiċi għat-tranżazzjoni u riżervi trażversali li jissostitwixxu r-riżervi speċifiċi għall-proċess.

[13] Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kalkolu tar-riżorsi proprji tippermetti l-aġġustament tad-*data* dwar l-ING għal sena finanzjarja partikolari sas-sena n+4. Din ir-regola ta' erba' snin tista' tiġi estiża billi tiġi stabbilita riżerva tal-ING f'każijiet fejn ikun meħtieġ titjib fil-kwalità tad-*data*.

[14] Ara l-paragrafi 68-70 u r-Rakkomandazzjoni 2 fir-Rapport Speċjali Nru 11/2013 "Kisba ta' *data* korretta dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING): approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni", kif ukoll il-paragrafi 4.9-4.10 u r-Rakkomandazzjoni 1 fir-Rapport Annwali 2014 tagħna.

[15] Ara l-paragrafu 3.20 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39), l-Artikolu 10b(4).

## Minkejja titjib, l-għadd ta' riżervi tal-VAT u punti miftuħa tal-RPT jibqa' għoli

**3.12.** Aħna eżaminajna l-proċess tal-verifikazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-kalkolu tal-bażi tal-VAT kif ukoll tal-RPT, u pprovdejna stampa ġenerali tar-riżervi pendenti u l-punti miftuħa stabbiliti mill-Kummissjoni għad-dgħufijiet li jinqabdu (ara l-***Anness 3.2***). Meta mqabbel mas-sena l-oħra, l-għadd ta' riżervi tal-VAT żdied minn 95 għal 104 (9 %) u l-għadd ta' punti miftuħa tal-RPT naqas minn 356 għal 326 (8 %). Fl-istess ħin, aħna osservajna progress tajjeb fir-riżoluzzjoni mill-Istati Membri ta' dgħufijiet identifikati fi snin preċedenti, li rriżulta fit-tneħħija ta' riżervi tal-VAT u fl-għeluq ta' punti miftuħa tal-RPT, iżda għad fadal bosta dgħufijiet mhux riżolti.

## Dgħufijiet jippersistu fil-kontabbiltà tal-Istati Membri u fil-ġestjoni tal-RPT minn dawn tal-aħħar

**3.13.** Aħna eżaminajna kif tliet Stati Membri (Spanja, Franza u n-Netherlands) ifasslu r-rapporti tagħhom dwar id-dazji li nġabru u dawk li għadhom ma nġabrux[17], kif ukoll il-proċeduri tagħhom għall-ġestjoni tal-ammonti tal-RPT dovuti lill-baġit tal-UE (ara l-***Anness 3.3***). Il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi ta' kontroll intern ewlenin tal-RPT tal-Istati Membri hija ppreżentata fil-***Figura 3.1***.

[17] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/194 tat-8 ta' Frar 2018 li tistabbilixxi mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet għall-intitolamenti ta' riżorsi proprji u formola għar-rapporti dwar ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati korrispondenti għall-intitolamenti għar-riżorsi proprji skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (ĠU L 36, 9.2.2016, p. 20).

## Figura 3.1 – Valutazzjoni tas-sistemi ta’ kontroll intern ewlenin tal-RPT fl-Istati Membri magħżula




*Sors:* il-QEA.

**3.14.** Aħna ma identifikajniex xi problemi sinifikanti fit-tfassil tar-rapporti dwar l-RPT (la għad-dazji li nġabru u lanqas għal dawk li għadhom ma nġabrux) fi Franza. Madankollu, fiż-żewġ Stati Membri l-oħra li eżaminajna aħna sibna li jippersistu dgħufijiet li konna identifikajna preċedentement (ara l-***Kaxxa 3.2***).

## Kaxxa 3.2

## Dgħufijiet persistenti fis-sistemi ta’ kontroll nazzjonali għall-kompilazzjoni tar-rapporti dwar l-RPT

**Spanja**

Fir-Rapport Annwali 2018 tagħna[18], aħna ġbidna l-attenzjoni għall-fatt li r-rapporti Spanjoli dwar id-dazji doganali li kienu nġabru kienu jinkludu entrati manwali li kienu saru bħala tpaċija għal entrati awtomatiċi li kienu ġew iġġenerati mis-sistema tal-IT. Aħna sibna li l-ammonti disponibbli għall-baġit tal-UE kienu tnaqqsu b’mod skorrett b’nofs miljun euro minħabba intervent manwali mhux awtorizzat.

Filwaqt li ħadna nota ta’ titjib fid-detezzjoni u l-korrezzjoni ta’ entrati awtomatiċi żbaljati, aħna osservajna li, peress li s-sistema tal-IT ma nbidlitx, jibqa’ jeżisti r-riskju ta’ kompilazzjoni skorretta tar-rapporti Spanjoli dwar l-RPT.

**In-Netherlands**

Mill-2013 ’il hawn[19], aħna rrappurtajna bosta drabi li ma nistgħux nivvalutaw b’mod xieraq l-affidabbiltà tar-rapporti Netherlandiżi (inklużi dawk għad-dazji li nġabru u li għadhom ma nġabrux) minħabba li s-sistema tal-IT doganali ma tippermettilniex nistabbilixxu rendikont tal-entrati. Minħabba dawn il-limitazzjonijiet tas-sistema tal-IT, l-awtoritajiet doganali nazzjonali ma setgħux jipprovdu, lanqas, aċċertament li huma kienu mmitigaw b’mod xieraq ir-riskju ta’ entrati doppji fil-kontijiet tad-dazji li ma kinux inġabru, u li l-pagamenti parzjali riċevuti mid-debituri kienu ġew allokati korrettament bejn l-RPT u d-dħul nazzjonali.

Minkejja li l-awtoritajiet Netherlandiżi qalulna fl-2017 li dawn il-problemi jkunu jiġu solvuti sa Marzu 2018, tliet snin wara dawn għadhom jippersistu.

**3.15.** Fl-2020, il-Kummissjoni eżaminat aktar fil-fond is-sistemi li l-awtoritajiet doganali nazzjonali jużaw biex jikkompilaw ir-rapporti dwar l-RPT. Minn 10 Stati Membri spezzjonati, il-Kummissjoni vvalutat l-affidabbiltà ta’ dawn ir-rapporti bħala parzjalment sodisfaċenti f’6 Stati Membri[20] u ġeneralment sodisfaċenti f’4[21].

---

[18] Ara l-paragrafu 4.9 u l-Kaxxa 4.2 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna.

[19] Ara l-paragrafu 2.17 tar-Rapport Annwali 2013 tagħna u l-paragrafu 4.14 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

[20] Il-Bulgarija, Franza, Malta, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Iżvezja.

[21] Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Ungerija u l-Polonja.

**3.16.** Bħal fi snin preċedenti[22], aħna sibna dgħufijiet fil-ġestjoni tad-dazji stabbiliti li kienu għadhom ma nġabrux mill-awtoritajiet doganali nazzjonali.

**3.17.** Fl-Istati Membri awditjati, aħna sibna dewmien fin-notifika u/jew fil-kontabbiltà ta' djun doganali (Franza u n-Netherlands) u fl-irkupru ta' dawn id-djun (Spanja, Franza u n-Netherlands), kif ukoll tħassir tardiv ta' dazji irrekuperabbli fil-kontijiet (in-Netherlands). Minbarra dan, il-Kummissjoni għadha taqbad u tirrapporta nuqqasijiet f'dan il-qasam, minkejja li lill-Istati Membri pprovditilhom gwida addizzjonali dwar il-ġestjoni ta' dawn id-dazji.

## Nuqqas ta' monitoraġġ sistematiku tad-*data* dwar l-importazzjonijiet u kontrolli doganali armonizzati b'mod insuffiċjenti fil-livell tal-UE

**3.18.** Fir-Rapport Speċjali tal-2021 dwar il-kontrolli doganali, aħna osservajna li l-Kummissjoni ma wettqitx b'mod sistematiku analiżi fl-UE kollha tad-*data* dwar l-importazzjonijiet kollha tal-UE biex taqbad riskji finanzjarji fid-dwana[23]. Dan huwa kkonfermat ukoll mix-xogħol ta' segwitu tagħna fuq ir-rakkomandazzjoni li għamilna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna (ara l-***Anness 3.4***). Il-monitoraġġ inadegwat tad-*data* dwar l-importazzjonijiet fil-livell tal-UE jikkomprometti l-effettività tal-ġestjoni tar-riskju li tirfed l-għażla mill-Istati Membri tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni li se jkunu suġġetti għal kontrolli doganali.

**3.19.** Filwaqt li r-rapport speċjali tagħna għaraf li l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-Kummissjoni huwa pass importanti għall-applikazzjoni uniformi tal-kontrolli doganali, aħna kkonkludejna li dan ma jiżgurax armonizzazzjoni suffiċjenti tal-għażla tal-kontroll fil-livell tal-Istati Membri għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE[24]. Dan huwa prinċipalment minħabba dgħufijiet fit-tfassil tal-qafas fil-livell tal-UE, li jippermettu diverġenza sinifikanti fil-mod kif l-Istati Membri jimplimentawh. Aħna osservajna li l-Kummissjoni kompliet taqbad dgħufijiet fid-diversi strateġiji ta' kontroll nazzjonali għall-indirizzar tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati kif ukoll differenzi

[22] Ara, pereżempju, il-paragrafu 3.9 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna, il-paragrafu 4.10 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna, u l-paragrafu 4.15 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

[23] Ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2021 "Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE", il-paragrafu 33.

[24] *Idem*, il-paragrafu 62.

bejniethom, matul l-ispezzjonijiet ta' segwitu tal-RPT li hija wettqet fl-Istati Membri (ara l-*Kaxxa 3.3*).

## Kaxxa 3.3

### Il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-istrateġiji ta' kontroll tal-Istati Membri għall-indirizzar tar-riskju ta' sottovalwazzjoni hija li dawn għadhom kumplessivament inadegwati

Fl-2018 u fl-2019, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet tal-RPT fuq l-istrateġija ta' kontroll doganali għall-indirizzar tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati fl-Istati Membri kollha. Il-valutazzjoni li hija għamlet kienet li l-istrateġija ta' kontroll nazzjonali kienet parzjalment sodisfaċenti jew mhux sodisfaċenti f'24 mit-28 Stat Membru[25]. L-ispezzjonijiet ta' segwitu mwettqa mill-Kummissjoni fl-2019 u fl-2020, li rrieżaminajna, urew li tliet Stati Membri u r-Renju Unit kienu tejbu l-istrateġija ta' kontroll tagħhom (minn mhux sodisfaċenti għal parzjalment sodisfaċenti). Madankollu, is-sitwazzjoni għadha inadegwata b'mod ġenerali.




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq ir-rapporti ta' spezzjoni tal-RPT imwettqa mill-Kummissjoni.

[25] Ara l-paragrafi 3.13 u 3.14 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

# Rapporti annwali tal-attività

**3.20.** L-informazzjoni pprovduta fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2020 ippubblikati mid-DĠ BUDG u mill-Eurostat kienet tikkorrobora b'mod ġenerali s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna. Madankollu, ir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ BUDG ma kienx jinkludi d-dgħufijiet li qbadna fir-rigward tal-kompilazzjoni tar-rapporti dwar l-RPT tad-dazji doganali li nġabru u li għadhom ma nġabrux fin-Netherlands (ara l-*Kaxxa 3.2*).

**3.21.** Għall-ħames sena konsekuttiva, id-DĠ BUDG żamm ir-riżerva li l-ammonti tal-RPT li ġew ittrasferiti għall-baġit tal-UE mhumiex preċiżi minħabba s-sottovalwazzjoni ta' tessuti u żraben importati miċ-Ċina matul il-perjodu mill-2011 sal-2017. Ir-riżerva ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2016, meta kien ġie kkwantifikat it-telf tal-RPT attribwibbli għar-Renju Unit, u mbagħad ġiet estiża għal Stati Membri oħra fl-2018, mingħajr kwantifikazzjoni.

**3.22.** Il-każ ta' ksur li l-Kummissjoni għandha kontra r-Renju Unit rigward it-telf tal-RPT minħabba dawn l-importazzjonijiet sottovalwati li ġejjin miċ-Ċina qed jistenna s-sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-aħħar pass li ttieħed kien is-smigħ tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Diċembru 2020. It-total tat-telf potenzjali li jirriżulta mir-riżerva ta' hawn fuq, li huwa mniżżel bħala ammonti riċevibbli fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020, ammonta għal EUR 2.1 biljun ta' kapital. Tniżżel ukoll imgħax ta' EUR 1.6 biljun minħabba s-sehem kbir tad-dazji doganali stmati li jmorru lura għall-2011 li ma sarx disponibbli.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**3.23.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi relatati mad-dħul li eżaminajna kienu, b'mod ġenerali, effettivi. Madankollu, il-kontrolli interni ewlenin tal-RPT li vvalutajna f'ċerti Stati Membri u l-għeluq taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING li vvalutajna fil-Kummissjoni kienu parzjalment effettivi minħabba dgħufijiet persistenti (ara l-paragrafi ***3.9***-***3.17***).

**3.24.** Aħna qbadna wkoll dgħufijiet importanti fil-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri biex jitnaqqas in-nuqqas doganali fihom li jeħtieġu azzjoni mill-UE. Dawn id-dgħufijiet ma jaffettwawx l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul, billi ma jikkonċernawx it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet iżda pjuttost ir-riskju li l-RPT ma jkunux kompleti. Ir-rapport speċjali reċenti tagħna dwar il-kontrolli doganali rrakkomanda titjib f'dan il-qasam[26] (ara l-paragrafi ***3.18*** u ***3.19***).

## Rakkomandazzjonijiet

**3.25.** L-***Anness 3.4*** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna, u għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2018 tagħna li kellhom jiġu implimentati sa tmiem l-2020. Il-Kummissjoni kienet implimentat rakkomandazzjoni waħda fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u tlieta bis-sħiħ.

**3.26.** Ibbażat fuq din l-analiżi u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2020:

[26] Ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2021 "Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE", ir-Rakkomandazzjoni 1 "Tisħiħ tal-applikazzjoni uniformi tal-kontrolli doganali" u r-Rakkomandazzjoni 2 "Żvilupp u implimentazzjoni ta' kapaċità sħiħa ta' analiżi u ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE".

## Rakkomandazzjoni 3.1 – Rieżaminar u aġġornament tal-approċċ ta’ verifikazzjoni bil-ħsieb li jitqassar it-tul ta’ żmien li matulu d-*data* dwar l-ING tibqa’ miftuħa

Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tirrieżamina u taġġorna l-approċċ tagħha għall-verifikazzjoni tad-*data* dwar l-ING ipprovduta mill-Istati Membri f’ċikli pluriennali futuri bil-ħsieb li jiġi ssimplifikat aktar il-proċess u jitnaqqas il-perjodu li matulu d-*data* dwar l-ING tibqa’ miftuħa wara tmiem iċ-ċiklu.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2024 (tmiem iċ-ċiklu ta’ verifikazzjoni attwali)**

## Rakkomandazzjoni 3.2 – Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa biex jiġi indirizzat b’mod xieraq l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-ING

(a) Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni, f’kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-istatistika tal-Istati Membri, tkompli ttejjeb il-kopertura tal-globalizzazzjoni fil-kontijiet nazzjonali biex tindirizza r-riżerva tal-ING f’dan il-qasam għas-snin mill-2018 ’il quddiem.

(b) Jekk l-impatt tat-tneħħija ta’ din ir-riżerva fuq il-kontijiet nazzjonali kellu jvarja b’mod sinifikanti bejn Stat Membru u ieħor, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-kwalità tad-*data* dwar l-ING tas-snin preċedenti, bil-ħsieb li tinforma lill-awtorità baġitarja dwar l-implikazzjonijiet possibbli tal-istatistika riveduta li tirriżulta għall-baġit tad-dħul mill-2010 ’l hawn.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2023**

## Rakkomandazzjoni 3.3 – Affidabbiltà tar-rapporti Netherlandiżi dwar l-RPT

Aħna nirrakkomandaw li n-Netherlands jiżguraw li r-rapporti annwali u ta’ kull tliet xhur dwar l-RPT tagħhom ikunu affidabbli billi jsolvu d-dgħufijiet attwali fis-sistema tal-IT doganali tagħhom rigward in-nuqqas ta’ rendikont tal-entrati, ir-riskju ta’ entrati doppji, u l-allokazzjoni skorretta tal-pagamenti parzjali.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2022**

# Annessi

## Anness 3.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għad-dħul

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet | **55** | 55 |
| **IMPATT STMAT TA’ ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta’ żball stmat | **Ħieles minn żball materjali** | Ħieles minn żball materjali |

*Sors:* il-QEA.

## Anness 3.2 – Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta’ punti miftuħa tal-RPT, li kienu pendenti fil-31.12.2020, skont l-Istat Membru




| | Punti miftuħa tal-RPT | Riżervi tal-VAT | Riżervi tal-ING |
|---|---|---|---|
| **TOTAL fil-31.12.2020** | **326** | **104** | **157** |
| TOTAL fil-31.12.2019 | 356 | 95 | 29 |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Kummissjoni[27].

[27] Iċ-ċifri għar-riżerva tal-ING jirrappreżentaw biss ir-riżervi speċifiċi għat-tranżazzjoni rigward id-*data* kkompilata fl-2010 f’komponenti tal-kontijiet nazzjonali speċifiċi fl-Istat Membru kkonċernat). Hemm ukoll ħames riżervi trażversali għal kull Stat Membru u għar-Renju Unit, riżerva dwar l-ING speċifika għall-proċess li tkopri d-data dwar l-ING tar-Renju Unit għall-perjodu 2016-2020, u riżerva ġenerali waħda għal Franza.

## Anness 3.3 – Il-proċess tat-tfassil tar-rapporti dwar l-RPT rigward id-dazji (kemm dawk li nġabru kif ukoll dawk li għadhom ma nġabrux) u d-dħul tagħhom fil-kontijiet u fil-baġit tal-UE




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni u r-regoli attwali tal-UE.

# Anness 3.4 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

## Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti relatati mad-dħul

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| 2017 | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**RPT**<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>sa tmiem l-2020, ittejjeb il-monitoraġġ tagħha tal-flussi ta' importazzjoni, billi, fost l-oħrajn, tagħmel użu aktar wiesa' mit-tekniki tal-estrazzjoni tad-*data* biex tanalizza xejriet mhux tas-soltu u r-raġunijiet sottostanti għalihom, u billi taġixxi fil-pront biex tiżgura li l-ammonti dovuti tal-RPT jsiru disponibbli. | | | X | | | |
| | **Riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT**<br>**Rakkommandazzjoni 2:**<br>sa tmiem l-2019, teżamina l-qafas ta' kontroll eżistenti u tiddokumenta aħjar l-applikazzjoni tiegħu meta ssir verifikazzjoni tal-kalkoli li l-Istati Membri jwettqu biex jiddeterminaw il-WARs [Weighted Average Rates - Rati Medji Ponderati] li jintużaw biex jinkisbu l-bażijiet armonizzati tal-VAT. | | X | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| 2018 | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>sa tmiem l-2020, timplimenta valutazzjoni tar-riskju aktar strutturata u dokumentata għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet tagħha tal-RPT, inkluża analiżi tal-livell ta' riskju għal kull Stat Membru kif ukoll tar-riskji relatati mat-tfassil tal-kontijiet A u B. | | | X | | | |
| | **Rakkommandazzjoni 2:**<br>sa tmiem l-2020, tirrinforza l-ambitu tal-kontrolli tagħha ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur tar-rapporti tal-kontijiet A u B tal-RPT billi twettaq analiżi aktar approfondita tal-bidliet mhux tas-soltu sabiex tiżgura reazzjoni fil-pront għal anomaliji potenzjali. | | | X | | | |

*Sors:* il-QEA.

**Noti dwar l-analiżi li wettaqna tal-progress li sar:**

**Rapport Annwali 2017**

**Rakkomandazzjoni 1:**

Attwalment il-Kummissjoni (DĠ BUDG) qed tuża l-bażijiet ta' *data* THESEUS u Surveillance II biex timmonitorja x-xejriet ta' sottovalwazzjoni fl-Istati Membri. F'Diċembru 2020, id-DĠ BUDG ħoloq tim ġdid għall-analiżi tad-*data* biex jappoġġa d-deċiżjonijiet dwar il-politika doganali u l-istrateġija ta' infurzar. Madankollu, ir-responsabbiltajiet tat-tim, il-frekwenza tal-analiżi tad-*data* u l-użu ta' analiżi ta' dan it-tip għad iridu jiġu ddefiniti.

Il-Kummissjoni (DĠ TAXUD) bdiet tistabbilixxi bosta għodod li se jtejbu l-analiżi tad-*data* dwar il-flussi ta' importazzjoni. Madankollu, hija tqis li l-monitoraġġ ta' dawn il-flussi mhuwiex se jitjieb sinifikattivament qabel ma tibda topera l-bażi ta' *data* Surveillance III[28], ħaġa li mhijiex mistennija li sseħħ qabel Jannar 2023.

Fl-2019, is-servizzi tal-Kummissjoni (id-DĠ BUDG, id-DĠ TAXUD u l-OLAF) ġabru flimkien riżorsi biex iwettqu proġett pilota – Kapaċità ta' Analiżi Konġunta – bl-objettiv li jiġi esplorat l-użu ta' tekniki għall-estrazzjoni ta'/analiżi tad-*data*. Is-segwitu ta' din l-azzjoni jinsab għaddej.

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni Doganali tagħha (għas-snin mill-2020 sal-2024) li jipprevedi l-iżvilupp ta' analiżi tad-*data* fil-livell tal-UE. Ġejna infurmati li l-Kummissjoni qed tistenna li tindirizza bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tagħna sa tmiem l-2022.

**Rakkommandazzjoni 2:**

Il-Kummissjoni (DĠ BUDG) irrevediet il-proċeduri ta' kontroll tagħha għall-verifikazzjoni tal-kalkoli li l-Istati Membri jwettqu biex jiddeterminaw ir-Rata Medja Ponderata (WAR) tal-VAT. Dan tejjeb it-trasparenza, it-traċċabbiltà u l-kontinwità tal-kontrolli. Madankollu, aħna sibna li l-valutazzjoni tal-impatt ta' dgħufijiet potenzjali fil-kontijiet nazzjonali (koperti minn riżervi ġenerali tal-ING) fuq il-kalkolu tal-WAR mhijiex evidenzjata b'mod xieraq.

**Rapport Annwali 2018**

**Rakkomandazzjoni 1:**

Aħna nilqgħu l-formalizzazzjoni ulterjuri tal-valutazzjoni tar-riskju introdotta mill-Kummissjoni (DĠ BUDG) għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet tagħha tal-RPT. Madankollu, aħna osservajna li l-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju għadu jonqos milli juri l-valutazzjoni tal-livell ta' riskju ta' kull Stat Membru. L-oqsma tematiċi magħżula għall-ispezzjonijiet tal-RPT għadhom mhumiex ibbażati fuq valutazzjoni usa' tar-riskji relatati mad-dwana, inklużi l-impatt u l-probabbiltà tagħhom.

**Rakkommandazzjoni 2:**

L-ambitu tal-kontrolli ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur, imwettqa mill-Kummissjoni (DĠ BUDG) fuq ir-rapporti dwar id-dazji li nġabru u li għadhom ma nġabrux (il-kontijiet A u B), biex jinqabdu xejriet mhux tas-soltu, ma ġiex estiż f'konformità mar-rakkomandazzjoni tagħna. Dan għadu b'mod ġenerali limitat għal kontrolli fuq il-konsistenza tar-rapporti tal-RPT ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur. L-analiżi ta' dawn ir-rapporti tintuża wkoll għat-tħejjija tal-ispezzjonijiet annwali tal-RPT. Fl-2020, il-Kummissjoni (DĠ BUDG) bdiet twettaq spezzjonijiet *ad hoc* u awditi mhux fuq il-post sabiex tirreaġixxi għal xejriet emerġenti li jaffettwaw il-ġestjoni tal-RPT, bħar-riskji relatati ma' importazzjonijiet sottovalwati f'xi Stati Membri.

[28] Ara l-Kaxxa 3.2 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

# Kapitolu 4

## Kompetitittività għat-tkabbir u l-impjiegi

# Werrej

| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | 4.1.-4.5. |
| Deskrizzjoni qasira | 4.2.-4.4. |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 4.5. |
| **Regolarità tat-tranżazzjonijiet** | 4.6.-4.22. |
| L-ispejjeż għall-persunal jibqgħu jikkostitwixxu s-sors prinċipali ta' żball, notevolment fin-nefqa għar-riċerka | 4.13.-4.17. |
| Problemi relatati mas-sottokuntrattar | 4.18.-4.21. |
| Tipi ta' żbalji fi spejjeż diretti oħra | 4.22. |
| **Rieżaminar tal-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-entitajiet awditjati** | 4.23.-4.29. |
| Il-kampjunar fil-livell tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż awditjati mhux dejjem kien konformi mal-proċeduri stabbiliti | 4.27. |
| Minkejja t-titjib introdott mill-Kummissjoni, ir-rata ta' żball rappreżentattiva hija potenzjalment ddikjarata b'mod insuffiċjenti | 4.28.-4.29. |
| **Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza** | 4.30.-4.37. |
| **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet** | 4.38.-4.42. |
| Konklużjoni | 4.38.-4.40. |
| Rakkomandazzjonijiet | 4.41.-4.42. |
| **Annessi** | |
| Anness 4.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" | |
| Anness 4.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti rigward "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" | |

# Introduzzjoni

**4.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għas-Subintestatura 1a tal-QFP "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Il-*Kaxxa 4.1* tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din is-subintestatura fl-2020.

## Kaxxa 4.1

### Subintestatura 1a tal-QFP "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" – ripartizzjoni fl-2020

**Pagamenti tal-2020 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni**

(EUR biljun)



**Popolazzjoni li awditjajna għall-2020 imqabbla mal-pagamenti**




(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-***paragrafu 11***).

*Sors:* il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

## Deskrizzjoni qasira

**4.2.** Il-programmi li huma ffinanzjati taħt "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" huma diversi u għandhom l-għan li jrawmu soċjetà inklużiva, jistimulaw it-tkabbir, jagħtu spinta lir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u joħolqu l-impjiegi fl-UE.

**4.3.** Il-programmi prinċipali huma Orizzont 2020[1] (H2020) għar-riċerka u l-innovazzjoni (u l-predeċessur tiegħu, is-Seba' Programm Kwadru[2], l-FP7) kif ukoll Erasmus+ għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Is-Subintestatura 1a tinkludi wkoll proġetti kbar ta' infrastruttura, bħall-programmi spazjali Galileo (is-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE) u EGNOS (is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja) kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-UE għar-Reattur Esperimentali Termonukleari Internazzjonali (ITER) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Is-Subintestatura 1a tal-QFP tinkludi wkoll strumenti finanzjarji bħall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS).

---

1 Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020 (Orizzont 2020).

2 Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (2007-2013).

**4.4.** Il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq dawn il-programmi jiġi mmaniġġjat b'mod dirett mill-Kummissjoni, inkluż permezz ta' aġenziji eżekuttivi, u jieħu l-għamla ta' għotjiet lil benefiċjarji pubbliċi jew privati li jipparteċipaw fi proġetti. Il-Kummissjoni tipprovdi pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji mal-iffirmar ta' ftehim ta' għotja, u tirrimborża l-ispejjeż iffinanzjati mill-UE li huma jikkomunikaw, mingħajr ma tinkludi l-pagamenti bil-quddiem. Fil-każ ta' Erasmus+, l-infiq jiġi mmaniġġjat l-aktar minn aġenziji nazzjonali f'isem il-Kummissjoni (madwar 80 % tal-għotjiet).

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**4.5.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din is-subintestatura tal-QFP fl-2020:

(a) kampjun ta' 133 tranżazzjoni, f'konformità mal-paragrafu ***9*** tal-***Anness 1.1***. Il-kampjun kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt is-Subintestatura 1a tal-QFP. Huwa kien jikkonsisti f'84 tranżazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (80 għal Orizzont 2020 u 4 għall-FP7) u 49 tranżazzjoni taħt programmi u attivitajiet oħra, notevolment l-FNE, Erasmus+, u l-programmi spazjali. Il-benefiċjarji li ġew awditjati kienu bbażati fi 22 Stat Membru u fir-Renju Unit kif ukoll f'5 pajjiżi mhux tal-UE. L-objettiv tagħna kien li nipprovdu valutazzjoni speċifika għal din is-subintestatura tal-QFP u li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva, kif deskritt fl-***Anness 1.1***;

(b) l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD), id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ CONNECT) u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Network (INEA), li l-Kummissjoni mbagħad inkludiet fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tagħha;

(c) l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' azzjonijiet li jindirizzaw il-problemi li konna identifikajna fi snin preċedenti fir-rigward tal-affidabbiltà tax-xogħol tal-awditjar *ex post* tagħha dwar ir-regolarità tal-infiq taħt H2020. Aħna niffukaw fuq dawn il-problemi kull sena bil-ħsieb li possibbilment isir użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli dwar ir-regolarità fil-futur.

# Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**4.6.** L-*Anness 4.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-130 tranżazzjoni li eżaminajna, 64 (48 %) kien fihom żbalji. Ibbażat fuq is-37 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3,9 %[3]. Il-*Kaxxa 4.2* tagħti ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2020, b'distinzjoni bejn ir-riċerka u tranżazzjonijiet oħra.

## Kaxxa 4.2

### Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball




*Sors:* il-QEA.

**4.7.** L-infiq taħt l-FP7 u H2020 jibqa' qasam ta' riskju ogħla kif ukoll is-sors prinċipali tal-iżbalji li naqbdu. Aħna sibna żbalji kwantifikabbli li kienu relatati ma' spejjeż ineliġibbli fi 28 mill-84 tranżazzjoni li kkampjunajna fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan jirrappreżenta 66 % tal-livell ta' żball stmat minna għal din is-subintestatura fl-2020.

[3] Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1.9 % u 5.8 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**4.8.** Preċedentement, aħna rrappurtajna dwar it-titjib fit-tfassil tal-programm u fl-istrateġija ta' kontroll użata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' H2020[4]. Ċerti simplifikazzjonijiet iffaċilitaw il-ħajja tal-benefiċjarji u kkontribwew għat-tnaqqis tar-riskju ta' żball. Madankollu, ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar tagħna u l-istima proprja mwettqa mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu *4.32*) juru li dan ma naqqasx ir-rata ta' żball sa taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %.

**4.9.** Fil-każ ta' programmi u attivitajiet oħra, aħna qbadna żbalji kwantifikabbli f'9 mid-49 tranżazzjoni li kkampjunajna. Dawn jinkludu:

(a) każ wieħed ta' irregolarità fi proċedura ta' akkwist (FNE);

(b) nuqqas ta' ssodisfar ta' kundizzjoni essenzjali għall-pagament[5] (il-Programm għas-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi);

(c) spejjeż li ġġarrbu barra l-perjodu ta' eliġibbiltà tal-proġett (il-Programm Ewropew tal-Istatistika);

(d) spejjeż ineliġibbli għall-persunal (il-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u l-FNE).

**4.10.** Il-Kummissjoni kienet applikat miżuri korrettivi li affettwaw direttament sitta mit-tranżazzjonijiet li kkampjunajna. Dawn il-miżuri kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna, billi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu b'0,12 punt perċentwali. F'14-il każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, il-proċeduri ta' kontroll li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni ma rnexxilhomx jipprevienu, jew biex jaqbdu u jikkoreġu, l-iżball qabel ma jaċċettaw l-infiq. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji li ma nqabdux kienu relatati mal-ispejjeż għall-persunal. Li kieku l-Kummissjoni, jew l-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji[6], għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellhom

---

[4] Pereżempju fil-paragrafu 5.13 tar-Rapport Annwali 2018 u fir-Rapport Speċjali Nru 28/2018: "Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaċilitaw il-ħajja tal-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib".

[5] Il-benefiċjarju awditjat ma talabx dikjarazzjoni bil-miktub mingħand l-impjegaturi futuri tal-applikanti għall-impjieg li tiddikjara li l-politika tal-impjiegi tal-kumpanija ma kinitx tkopri l-ispejjeż tar-rilokazzjoni. L-iskop ta' din id-dikjarazzjoni huwa li jiġi evitat il-finanzjament doppju ta' tali spejjeż.

[6] Element wieħed tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni huwa ċ-ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji maħruġa mill-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji (ara l-paragrafu *4.11*).

għad-dispożizzjoni tagħhom, il-livell ta’ żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b’1,6 punt perċentwali.

**4.11.** Fir-rigward tan-nefqa għar-riċerka, awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji nfushom fi tmiem proġett jipprovdu ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji. Dawn iċ-ċertifikati huma intenzjonati biex jgħinu lill-Kummissjoni tivverifika jekk l-ispejjeż iddikjarati fir-rapporti finanzjarji humiex eliġibbli. Madankollu, aħna rrappurtajna ripetutament dgħufijiet f’dawn iċ-ċertifikati[7]. Aħna sibna li 10 mill-14-il każ ta’ żbalji kwantifikabbli li setgħu jinqabdu ma kinux ġew skoperti mill-awdituri li pprovdew iċ-ċertifikati.

**4.12.** Barra minn hekk, ċerti kategoriji ta’ spejjeż unitarji, bħall-ispejjeż għall-għoti ta’ aċċess tranżnazzjonali għall-infrastruttura ta’ riċerka, ma jiġux ittestjati mill-awdituri kkuntrattati, billi l-Kummissjoni ma tirrikjedix minnhom li jwettqu dan it-tip ta’ kontroll. Filwaqt li l-ispejjeż unitarji ġeneralment huma inqas suxxettibbli għal żball milli huwa r-rimborż tal-ispejjeż reali, l-għadd ta’ unitajiet mitluba xorta jista’ jkun skorrett, kif jidher mill-awditi li wettaqna. Għaldaqstant, huwa improbabbli li dawn l-iżbalji jinqabdu mis-sistema ta’ kontroll użata mill-Kummissjoni.

## L-ispejjeż għall-persunal jibqgħu jikkostitwixxu s-sors prinċipali ta’ żball, notevolment fin-nefqa għar-riċerka

**4.13.** Ir-regoli għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-persunal taħt H2020 għadhom kumplessi, minkejja li saru sforzi għas-simplifikazzjoni, u l-kalkolu tagħhom jibqa’ sors prinċipali ta’ żball fit-talbiet dwar l-ispejjeż. Kif irrappurtajna fir-rapporti annwali preċedenti tagħna[8] u fir-Rapport Speċjali Nru 28/2018, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal saret aktar kumplessa f’xi aspetti taħt H2020, u dan żied ir-riskju ta’ żball. Mit-28 tranżazzjoni milquta minn żbalji kwantifikabbli fil-kampjun tagħna ta’ tranżazzjonijiet ta’ riċerka, 20, jiġifieri aktar minn 70 %, kienu jinvolvu l-applikazzjoni skorretta tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal.

[7] Il-paragrafu 5.15 tar-Rapport Annwali 2018 u l-paragrafu 4.10 tar-Rapport Annwali 2019.

[8] Il-paragrafi 5.34 (2017), 5.16 (2018) u 4.11 (2019), u r-Rakkomandazzjoni 1 (2017) li għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ.

**4.14.** F'rapporti annwali preċedenti[9], aħna ġbidna l-attenzjoni għall-fatt li r-regola li tirrikjedi użu tar-rata annwali ta' kull siegħa applikabbli fis-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement, biex jiġu ddikjarati l-ispejjeż relatati mas-sena sussegwenti (mhux magħluqa) tar-rappurtar, twassal għal żbalji. Barra minn hekk, fejn il-persunal ikun ħadem esklussivament fuq proġett partikolari, din ir-regola toħloq piż amministrattiv addizzjonali għall-benefiċjarji u taffettwa l-ispejjeż li se jiġu rimborżati. Ir-rata storika msemmija hawn fuq mhijiex se tirrifletti kwalunkwe żieda fis-salarju fis-sena ta' wara. Għaldaqstant, il-benefiċjarji spiss ma jirrispettawx din ir-regola u jiddikjaraw l-ispejjeż li huma effettivament ġarrbu fis-sena tar-rappurtar mhux magħluqa. Aħna sibna disa' eżempji bħal dawn fl-2020.

**4.15.** Il-benefiċjarji ma jistgħux jiddikjaraw l-ispejjeż reali tas-salarji għas-sena finanzjarja li tkun għaddejja sakemm ma jużawx ir-rata fis-siegħa ta' kull xahar. Madankollu, l-awditi li wettaqna wrew li l-kalkoli involuti f'din l-għażla huma kumplessi wisq u għalhekk rarament korretti. Id-diffikultà prinċipali tinsab fl-allokazzjoni ta' pagamenti li jiġu ġġenerati fuq perjodu ta' aktar minn xahar (bħal paga għall-btajjel u s-salarju għat-13-il xahar) għax-xhur li fihom huma jkunu effettivament tħallsu. Il-benefiċjarji spiss jagħmlu żbalji f'din l-allokazzjoni, u b'hekk joħolqu distorsjoni fir-rati ta' kull xahar.

**4.16.** Żbalji oħra, inqas frekwenti, fl-ispejjeż għall-persunal kienu jinkludu l-użu ta' spejjeż teoretiċi tas-salarji minflok ċifri reali, elementi ineliġibbli tas-salarji, sigħat ineliġibbli maħduma barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà tal-proġett, u dikjarazzjoni skorretta tal-ispejjeż għall-persunal issekondat minn partijiet terzi relatati.

**4.17.** Fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-ħin, minħabba s-simplifikazzjonijiet li l-Kummissjoni introduċiet f'H2020, aħna osservajna inqas każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti formali. Madankollu, l-iċċekkjar tagħna tal-iskedi bil-ħinijiet tax-xogħol meta mqabbla mar-rekords ta' assenza u mal-btajjel statutorji żvela li, f'ħafna każijiet, il-persunal xorta waħda għamel talba għas-sigħat maħduma fuq il-proġetti ffinanzjati matul l-assenzi, il-btajjel pubbliċi u tmiem il-ġimgħa. Il-kwalità baxxa tas-sistemi żżid ir-riskju li r-reġistri ta' bażi tas-sigħat li nħadmu ma jkunux affidabbli u li l-ispejjeż mitluba jkunu ddikjarati b'mod eċċessiv. F'każ wieħed, il-benefiċjarju ma ppreżenta l-ebda reġistru tal-ħin, u għalhekk aħna qisna li l-ispejjeż kollha għall-persunal kienu ineliġibbli.

---

[9] Il-paragrafi 5.17 (2018) u 4.12 (2019).

## Problemi relatati mas-sottokuntrattar

**4.18.** Meta jiffirmaw ftehim ta' għotja mal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-benefiċjarji jiddikjaraw b'mod espliċitu liema partijiet tax-xogħol se jiġu sottokuntrattati, biex b'hekk l-ispejjeż korrispondenti jkunu eliġibbli, u jiġi żgurat l-aħjar valur għall-flus. Id-distinzjoni bejn xogħol proprju u dak sottokuntrattat hija importanti wkoll sabiex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà biex issir talba għal spejjeż indiretti: il-benefiċjarji mhumiex intitolati li jagħmlu talba għal tali spejjeż fejn il-kompiti jiġu sottokuntrattati, filwaqt li huma jistgħu jitolbu 25 % tal-ispejjeż għall-persunal għal kompiti li jwettqu huma stess.

**4.19.** Fix-xogħol tagħna sibna bosta każijiet fejn il-benefiċjarji ma kellhomx biżżejjed persunal u kienu qabbdu konsulenti esterni. Madankollu, huma ma kinux iddivulgaw dan il-fatt lill-Kummissjoni minn qabel, u kienu għamlu talba għall-ispiża tas-servizzi tal-konsulenti bħala spejjeż proprji għall-persunal, flimkien mar-rata fissa korrispondenti għall-ispejjeż indiretti. F'dawn il-każijiet aħna sibna li l-ispejjeż kollha inkwistjoni kienu ineliġibbli.

**4.20.** Dan it-tip ta' żball kien jikkonċerna, l-aktar, benefiċjarji privati, li għalihom hija prattika komuni li jużaw is-servizzi ta' kumpaniji oħra. Dawn il-benefiċjarji mhux dejjem kienu konxji mid-differenza fit-trattament tal-ispejjeż diretti għall-persunal u l-ispiża tal-konsulenti esterni taħt il-programmi ffinanzjati mill-UE (H2020 u l-FNE). Ir-riskju ta' tali żbalji huwa partikolarment għoli fl-SMEs, li huma mħeġġa bil-qawwi biex jieħdu sehem fi programmi ta' riċerka iżda jista' jkollhom ftit jew l-ebda persunal proprju tagħhom. Jingħata eżempju fil-*Kaxxa 4.3*.

### Kaxxa 4.3

### Eżempju ta’ spejjeż ta’ sottokuntrattar iddikjarati bħala spejjeż diretti għall-persunal, li jirriżultaw fi spejjeż indiretti ineliġibbli

Waħda mill-SMEs awditjati kienet fil-fatt kumpanija fittizja. Hija ma kellha l-ebda persunal bil-paga jew bini tagħha stess. L-indirizz tal-kumpanija kien ir-residenza privata ta’ wieħed mis-sidien tal-SME. Il-kumpanija serrħet fuq is-servizzi ta’ ħaddiema freelance li ħadmu minn partijiet oħra tal-pajjiż jew minn barra l-pajjiż. Hija ddikjarat il-pagamenti li saru lill-ħaddiema freelance bħala spejjeż diretti għall-persunal. Fir-rigward tax-xogħol proprju tagħhom fuq il-proġett, is-sidien daħlu fi ftehimiet ta’ konsulenza mal-kumpanija proprja tagħhom. Huma ffatturaw is-servizzi tagħhom lill-kumpanija, u sussegwentement talbu rimborż mill-UE b’rati kważi tliet darbiet ogħla mir-rati H2020 stabbiliti għal sidien ta’ SMEs li ma jirċevux salarju. B’riżultat tal-klassifikazzjoni skorretta tal-ispejjeż ta’ sottokuntrattar bħala spejjeż għall-persunal, il-kumpanija għamlet ukoll talba indebitament għal EUR 115 000 fi spejjeż indiretti għall-persunal u l-bini li ma kellhiex.

**4.21.** Barra minn hekk il-benefiċjarji għandhom diffikultà biex jifhmu d-differenza bejn is-sottokuntrattar ta’ kompiti ta’ azzjoni[10] u l-forniment ta’ “oġġetti u servizzi oħra”[11]. Dan iwassal għal klassifikazzjoni skorretta tal-ispejjeż fit-talbiet tal-benefiċjarji u għandu impatt fuq l-intitolament tagħhom għal spejjeż indiretti, kif deskritt fil-paragrafu *4.18*.

[10] Is-sottokuntratti jiġu konklużi għall-implimentazzjoni tal-kompiti ta’ azzjoni, jew partijiet minnhom, imsemmijin fid-deskrizzjoni tal-azzjoni.

[11] Kuntratti għax-xiri ta’ oġġetti, xogħlijiet jew servizzi li mhumiex marbuta mal-implimentazzjoni ta’ kompiti ta’ azzjoni iżda huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom. Din il-kategorija tkopri entrati mhux relatati mar-riċerka, bħax-xiri ta’ oġġetti konsumabbli, l-ispejjeż ta’ disseminazzjoni, it-traduzzjoni, l-organizzazzjoni ta’ avvenimenti, eċċ.

## Tipi ta’ żbalji fi spejjeż diretti oħra

**4.22.** It-tipi ta’ żbalji li ltqajna magħhom fil-kategoriji l-oħra ta’ spejjeż kienu jinkludu spejjeż ta’ tagħmir ineliġibbli, VAT deduċibbli, spejjeż mhux imġarrba, ivvjaġġar mhux marbut mal-proġett, u rati tal-kambju skorretti. Eżempju ta’ talba dwar l-ispejjeż li jinvolvi bosta minn dawn l-iżbalji huwa pprovdut fil-***Kaxxa 4.4***.

### Kaxxa 4.4

### Eżempju ta’ bosta żbalji f’talba waħda dwar l-ispejjeż

Benefiċjarju fis-settur tal-enerġija ddikjara spejjeż għall-persunal, spejjeż ta’ tagħmir u spejjeż oħra. Il-benefiċjarju ddikjara aktar minn 1 500 siegħa li nħadmu fi tmiem il-ġimgħa u f’festi pubbliċi minn żewġ impjegati, aktar minn EUR 90 000 ta’ spejjeż ta’ deprezzament għal tagħmir li ma kienx proprjetà tiegħu, u 20 % VAT deduċibbli ineliġibbli fuq spejjeż għal oġġetti konsumabbli. Il-benefiċjarju applika wkoll rati tal-kambju differenti skorretti għall-ispejjeż imġarrba fil-munita lokali.

# Rieżaminar tal-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-entitajiet awditjati

**4.23.** Il-Kummissjoni tuża r-riżultati tax-xogħol tal-awditjar *ex post* tagħha bħala bażi għall-kalkolu tal-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament, li hija tiddivulga fir-rapporti annwali tal-awditjar tad-Direttorati Ġenerali. Madwar 20 % tal-awditi *ex post* tas-servizzi kollha għal H2020 jitwettqu mis-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tad-DĠ RTD, u 80 % jitwettqu f'isem l-istess DĠ minn ditti privati tal-awditjar[12] li jintgħażlu permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti. Is-CAS jieħu l-kampjun rappreżentattiv tiegħu ta' dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż li jkunu ġew approvati għal awditu *ex post* f'intervalli ta' madwar 18-il xahar.

**4.24.** Kemm għar-Rapport Annwali 2018 kif ukoll għar-Rapport Annwali 2019, aħna rrieżaminajna kampjun aleatorju ta' 20 awditu *ex post* mill-kampjun rappreżentattiv ta' pagamenti li saru mill-Kummissjoni taħt H2020. Aħna wettaqna dan ix-xogħol bil-ħsieb li possibbilment isir użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli dwar ir-regolarità fil-futur. Mill-40 awditu li rrieżaminajna għas-sentejn, aħna ma stajniex inserrħu fuq il-konklużjonijiet fi 17-il każ[13].

**4.25.** Fl-2020, aħna wettaqna rieżaminar tal-proċeduri tal-awditjar *ex post* tal-Kummissjoni sabiex nagħtu segwitu għad-dgħufijiet li konna identifikajna fi snin preċedenti u li kienu s-suġġett ta' rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Annwali 2018 u fir-Rapport Annwali 2019 tagħna. Aħna osservajna li s-CAS kien ħa azzjoni biex itejjeb il-kwalità tal-awditi *ex post* tiegħu billi, pereżempju, żied ir-rekwiżiti tal-kwalità fir-rigward tad-ditti privati tal-awditjar fis-sejħa għall-offerti l-aktar reċenti, li tniedet fl-2020, u pprovda taħriġ regolari lid-ditti tal-awditjar u lill-awdituri interni.

---

[12] Ditti tal-awditjar esterni li japplikaw l-istess metodoloġija tal-awditjar bħall-awdituri tas-CAS.

[13] Il-paragrafu 5.33 tar-Rapport Annwali 2018 u l-paragrafu 4.27 tar-Rapport Annwali 2019.

**4.26.** Għad-9 awditi *ex post* kollha magħżula b'mod rappreżentattiv (relatati ma' 11-il dikjarazzjoni tal-ispejjeż) li bdew fl-2019 jew fl-2020 u li ġew ikkompletati fl-2020, aħna vverifikajna jekk kienx hemm konformità mal-proċeduri tal-kampjunar u jekk is-CAS kienx irrieżamina l-listi ta' kontroll tal-awditjar standard li jeħtieġ li jiġu kkompletati għal kull awditu. Aħna ħadna wkoll kampjun aleatorju ta' 10 awditi, li għalihom ivverifikajna kif is-CAS kien applika l-korrezzjonijiet għall-metodoloġija tal-kalkolu tar-rata ta' żball.

## Il-kampjunar fil-livell tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż awditjati mhux dejjem kien konformi mal-proċeduri stabbiliti

**4.27.** Aħna sibna li r-rieżaminaturi tal-kwalità tas-CAS ma kinux ivverifikaw il-kampjunar imwettaq internament jew minn awdituri esterni għall-awditi tagħhom. F'żewġ każijiet, aħna qbadna ksur tar-regoli tal-kampjunar tas-CAS, u sibna li, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-informazzjoni meħtieġa biex il-kampjunar jerġa' jitwettaq kienet disponibbli biss fil-livell tal-awdituri, u ma kinitx intalbet mir-rieżaminaturi tas-CAS. Barra minn hekk, aħna sibna li s-CAS ma jivverifikax jekk id-ditti privati tal-awditjar ikunux imlew il-listi ta' kontroll tal-awditjar standard li huwa fassal għad-dokumentazzjoni tax-xogħol tal-awditjar.

## Minkejja t-titjib introdott mill-Kummissjoni, ir-rata ta' żball rappreżentattiva hija potenzjalment ddikjarata b'mod insuffiċjenti

**4.28.** Sabiex jirrettifika l-problema metodoloġika li tqajmet preċedentement mill-QEA, u li wasslet għal dikjarazzjoni insuffiċjenti tar-rata ta' żball[14], is-CAS ikkalkula żieda bbażata fuq 790 awditu li kienu ngħalqu fl-2020. Dan irriżulta f'żieda fir-rata ta' żball ta' 0.41 punt perċentwali, li ġiet iddivulgata fir-Rapporti Annwali tal-Attività li aħna rrieżaminajna (ara l-paragrafu ***4.30***). Aħna ma sibna l-ebda differenza sinifikanti fit-twettiq mill-ġdid tagħna ta' 10 kalkoli. Madankollu, aħna sibna li l-proċeduri tal-kampjunar fi 2 mill-10 każijiet ma kinux jikkonformaw bis-sħiħ mar-regoli tal-kampjunar tas-CAS għall-awditi *ex post* ta' H2020.

[14] Ir-rata ta' żball ġiet ikkalkulata bħala sehem tal-ispejjeż aċċettati kollha, minflok tal-ammont li tassew ġie awditjat. Dan kien ifisser li d-denominatur fil-kalkolu tal-iżball kien ogħla, u għalhekk ir-rata ta' żball ġiet iddikjarata b'mod insuffiċjenti; ara l-paragrafu 5.34 tar-Rapport Annwali 2018.

**4.29.** Biex jindirizza s-sejbiet kwantitattivi tar-rieżamijiet imwettqa mill-QEA fl-2018 u fl-2019 ta' 40 awditu *ex post*, is-CAS ikkalkula żieda addizzjonali ta' 0.13 punt perċentwali fir-rata ta' żball. Din iż-żieda ma ġietx iddivulgata b'mod espliċitu fir-rapporti annwali tal-attività. Aħna nirrikonoxxu l-isforzi li saru mis-CAS biex jikkwantifika l-impatt, minkejja li r-rata riveduta ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn l-iżbalji setgħu seħħew ukoll fl-awditi *ex post* li l-QEA ma rrieżaminatx. Uħud mis-sejbiet tagħna kienu bbażati wkoll fuq aspetti kwalitattivi, bħal dgħufijiet fil-proċeduri tal-awditjar. Għaldaqstant, ir-rata ta' żball hija potenzjalment ddikjarata b'mod insuffiċjenti.

# Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

**4.30.** Ir-rapporti annwali tal-attività (RAA) li eżaminajna[15] rriflettew l-informazzjoni disponibbli u taw valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja eżerċitata mid-Direttorati Ġenerali/mill-Aġenzija Eżekuttiva f'dak li jirrigwarda r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi relatati mal-infiq tas-Subintestatura 1a tal-QFP.

**4.31.** Ix-xogħol tal-awditjar dwar l-FP7 huwa komplet. Ir-RAA tad-DĠ RTD u tad-DĠ CONNECT jikkonfermaw li r-rata tal-iżball residwu kumulattiv għall-FP7 hija ogħla minn 2 %[16]. Minħabba s-soll *de minimis* li ġie introdott fl-2019 għar-riżervi finanzjarji[17], l-ebda wieħed mid-DĠ ma rrapporta riżerva kwantifikata. L-istess kien japplika għall-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (3.13 %) immaniġġjat mid-DĠ RTD.

**4.32.** Fir-rigward ta' H2020, id-DĠ RTD irrapporta rata ta' żball rappreżentattiva mistennija ta' 2.95 % għad-DĠ kollha u għal korpi oħra tal-UE li jimmaniġġjaw l-infiq tal-UE fuq ir-riċerka. Ir-rata tal-iżball residwu hija ta' 2.24 % għad-DĠ RTD u 2.20 % għad-DĠ CONNECT. L-awditi *ex post* li fuqhom huma bbażati r-rati ta' żball koprew il-pagamenti li saru matul il-perjodu 2014-2019. Ir-riżultati tal-awditjar għaż-żewġ DĠ jagħtu x'jifhmu li r-rata ta' żball se tibqa' fil-firxa ta' bejn 2 % u 5 % stabbilita mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tqisx li jeħtieġ li tiġi stabbilita riżerva għan-nefqa ta' Orizzont 2020, billi x-xejra miexja lejn l-objettiv aħħari ta' rata tal-iżball residwu ta' 2 % għall-programm.

**4.33.** Fir-rigward tal-programmi CIP u FNE, id-DĠ CONNECT irrapporta rati ta' żball residwu kumulattivi li jaqbżu bil-bosta s-soll ta' materjalità ta' 2 % (7.6 % u 4.75 %). Minkejja dan, minħabba l-valur baxx ħafna tal-pagamenti u l-impatt finanzjarju baxx, ma saret l-ebda riżerva fuq dawn il-programmi, f'konformità mas-soll *de minimis* għar-riżervi finanzjarji.

---

[15] Id-DĠ RTD, id-DĠ CONNECT u l-INEA.

[16] 3.51 % għad-DĠ RTD u 3.22 % għad-DĠ CONNECT.

[17] Ir-riżervi kwantifikati tar-RAA fir-rigward tar-rati tal-iżball residwu ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 % jitqiesu "mhux sostanzjali" fil-każ ta' segmenti li jirrappreżentaw inqas minn 5 % tal-pagamenti totali tad-Direttorati Ġenerali u b'impatt finanzjarju ta' inqas minn EUR 5 miljun.

**4.34.** Fir-RAA tagħha, l-INEA rrappurtat rata tal-iżball residwu ta' 2.45 % għal H2020 u ta' 4.73% għall-FNE Telekom. L-INEA ma ħarġitx riżervi, la fir-rigward ta' H2020, minħabba s-soll ta' materjalità tal-Kummissjoni għall-programm, u lanqas fir-rigward tal-FNE Telecom, minħabba s-soll *de minimis*.

**4.35.** Fir-RAA 2020 tiegħu, id-DĠ RTD iddivulga 22 rakkomandazzjoni miftuħa maħruġa mill-IAS. Erbgħa minn dawn ġew ikklassifikati bħala "importanti ħafna", fejn tnejn minnhom kienu relatati mal-istrateġija tal-awditjar *ex post* tas-CAS, u t-tnejn l-oħra kienu jikkonċernaw il-ġestjoni tal-esperti. Ir-rakkomandazzjonijiet kollha li kienet għadditilhom id-data mmirata għall-implimentazzjoni kienu ġew implimentati, u l-pjanijiet ta' azzjoni għar-rakkomandazzjonijiet kollha li kienu miftuħa ġew iffinalizzati u approvati.

**4.36.** L-IAS ikkonkluda li s-sistemi ta' kontroll intern fis-seħħ għall-proċessi li huwa awditja huma effettivi fid-DĠ CONNECT, bħalma huma dawk fl-INEA, ħlief għal rakkomandazzjoni waħda importanti ħafna li tirriżulta mill-awditu. Din ir-rakkomandazzjoni tikkonċerna l-metodoloġija tal-awditjar *ex post* tal-INEA għall-valutazzjoni tal-legalità u tar-regolarità tal-emendi għall-kuntratti ta' implimentazzjoni.

**4.37.** Aħna rrieżaminajna l-informazzjoni fl-AMPR 2020 tal-Kummissjoni rigward ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament fl-oqsma ta' politika taħt is-Subintestatura 1a tal-QFP. Il-Kummissjoni ma tikkalkulax rata unika għas-Subintestatura 1a, iżda tnejn: waħda għal Riċerka, Industrija, Spazju, Enerġija u Trasport (1.8 %), u oħra għal Politiki Interni Oħra (1.3 %). Ibbażat fuq iċ-ċifri tal-Kummissjoni, aħna kkalkulajna li r-rata għas-Subintestatura 1a tal-QFP fl-intier tagħha kieku tkun ta' 1,6 %. Dan il-perċentwal huwa kemm taħt is-soll ta' materjalità kif ukoll taħt il-firxa indikata minna tal-livell ta' żball stmat. Għaldaqstant, fil-fehma tagħna, minkejja l-miżuri li ġew applikati diġà mill-Kummissjoni, din ir-rata għadha ddikjarata b'mod insuffiċjenti.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**4.38.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u li ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi", fl-intier tiegħu, kien materjali. Għal din is-subintestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet indika li l-livell kumplessiv ta' żball stmat kien ta' 3,9 % (ara l-***Anness 4.1***). Ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta' żball għadu għoli għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li kien is-sors prinċipali ta' żball, speċjalment l-ispejjeż għall-persunal, u ferm aktar baxx għall-bqija tas-subintestatura.

**4.39.** Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex ittejjeb il-kwalità tal-awditi *ex post* tagħha. Madankollu, is-superviżjoni u r-rieżaminar tagħha għad għandhom dgħufijiet. Hija rrevediet il-metodu għall-kalkolu tar-rata ta' żball rappreżentattiva għal H2020, li wassal għal żieda ta' 0.41 punt perċentwali.

**4.40.** Ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament ippreżentat fl-AMPR (1.6 %, kif ikkalkulat mill-ġdid minna) jinsab kemm taħt is-soll ta' materjalità kif ukoll taħt il-firxa indikata minna tal-livell ta' żball stmat.

## Rakkomandazzjonijiet

**4.41.** L-***Anness 4.2*** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2018 u fir-Rapport Annwali 2019 tagħna, li kellhom jiġu implimentati sal-2020[18]. Il-Kummissjoni kienet implimentat erba' rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li tnejn kienu ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

**4.42.** Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2020, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

[18] Ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna kienu jirrikjedu azzjoni sa tmiem l-2018. Għalhekk, aħna wettaqna segwitu għalihom fir-Rapport Annwali 2018.

## Rakkomandazzjoni 4.1

Testendi l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji biex jiġu inklużi l-kategoriji ta' spejjeż unitarji għall-Programm Qafas għar-Riċerka l-ġdid, Orizzont Ewropa, sabiex jiżdied il-livell ta' detezzjoni u korrezzjoni ta' żbalji fl-ispejjeż unitarji.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022**

## Rakkomandazzjoni 4.2

Timplimenta azzjonijiet, li jinkludu rieżaminar perjodiku tal-kawżi prinċipali ta' żball fir-rapporti finanzjarji, għoti ta' gwida dwar kwistjonijiet kumplessi bħal regoli ta' sottokuntrattar, u twettiq ta' kampanji ta' informazzjoni sabiex titnaqqas ir-rata ta' żball għal H2020.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2021**

## Rakkomandazzjoni 4.3

Tkompli ttejjeb il-kwalità tal-awditi *ex post* billi jiġu indirizzati d-dgħufijiet fil-proċeduri tal-kampjunar fil-livell tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u tapplika l-korrezzjonijiet għall-metodu għall-kalkolu tal-iżbalji għal Orizzont Ewropa.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022**

# Annessi

## Anness 4.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet | **133** | 130 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **3.9 %** | 4.0 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 5.8 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 1.9 % | |

# Anness 4.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti rigward "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| 2018 | Sal-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>twettaq kontrolli aktar immirati tal-klejms għall-ispejjeż li jiġu ppreżentati mill-SMEs u mill-parteċipanti ġodda, u ssaħħaħ il-kampanja ta' informazzjoni tagħha dwar ir-regoli ta' finanzjament, filwaqt li timmira għal dawn il-benefiċjarji importanti. | | X | | | | |
| | Sa tmiem l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni:<br>**Rakkommandazzjoni 2:**<br>fir-rigward tal-Programm Kwadru għar-Riċerka li jmiss, tissimplifika aktar ir-regoli għall-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal u tivvaluta l-valur miżjud tal-mekkaniżmu għall-ispejjeż għall-infrastruttura kbira tar-riċerka, kif ukoll tirrieżamina l-mod kif il-metodoloġija tagħha tista' tittejjeb. | X[19] | | | | | |

[19] Il-Kummissjoni abbozzat il-proposta leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa li skontha l-kunċett ta' sigħat produttivi u d-diversi metodi preskrittivi biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż għall-persunal se jitwaqqfu u jiġi propost kalkolu uniku u aktar sempliċi, ibbażat fuq rata ta' kuljum. Dan il-kalkolu jkun isir għal kull sena kalendarja u ma jkunx jibqa' bbażat fuq is-sena finanzjarja li għalqet l-aktar reċentement. Fir-rigward tal-Infrastruttura Kbira tar-Riċerka (LRI), din il-kategorija tal-ispejjeż kumplessa tiġi sostitwita b'"oġġetti u servizzi fatturati internament", li għalihom il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jieħdu kont tal-prattiki kontabilistiċi tal-ispejjeż tas-soltu tal-benefiċjarji.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | Sa nofs l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 3:** fir-rigward ta' H2020, tindirizza l-osservazzjonijiet li saru fil-kuntest tar-rieżaminar li wettaqna tal-awditi *ex post* rigward id-dokumentazzjoni, il-konsistenza tal-kampjunar u r-rappurtar, kif ukoll il-kwalità tal-proċeduri tal-awditjar. | | X[20] | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** tindirizza fil-pront is-sejbiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni rigward: — is-sistemi ta' kontroll intern li jintużaw mill-EACEA relatati mal-proċess ta' ġestjoni tal-għotjiet għal Erasmus+; | X[21] | | | | | |
| **2018** | **Rakkomandazzjoni 4:** tindirizza fil-pront is-sejbiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni rigward: — il-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi kuntrattwali u mar-rekwiżiti ta' rappurtar dwar id-disseminazzjoni u l-isfruttament fil-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. | X[22] | | | | | |

[20] Il-Kummissjoni introduċiet miżuri li huma maħsuba biex tittejjeb il-kwalità tal-proċedura tal-awditjar *ex post*, iżda xi dgħufijiet jippersistu (ara l-paragrafi ***4.24*** u ***4.27***-***4.28***). Il-QEA se tivverifika l-effettività ta' dawn il-miżuri fis-snin li ġejjin.

[21] Fis-segwitu tiegħu li ngħalaq f'Jannar 2021, l-IAS ikkonkluda b'mod pożittiv dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

[22] Fis-segwitu tiegħu li ngħalaq f'April 2021, l-IAS ikkonkluda b'mod pożittiv dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| **2019** | Sa tmiem l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 3:**<br>tissimplifika aktar ir-regoli dwar l-ispejjeż għall-persunal taħt il-Programm Qafas ta' Riċerka li jmiss (Orizzont Ewropa). | X[23] | | | | | |

*Sors:* il-QEA.

[23] Ara n-Nota [19] f'qiegħ il-paġna.

# Kapitolu 5

## Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **5.1.-5.12.** |
| Deskrizzjoni qasira | **5.2.-5.5.** |
| Objettivi ta’ politika u strumenti ta’ nfiq | **5.2.-5.5.** |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | **5.6.-5.12.** |
| **Regolarità tat-tranżazzjonijiet, rapporti annwali tal-attività, u arranġamenti ta’ governanza oħra** | **5.13.-5.61.** |
| Riżultati tal-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet u r-rieżaminar/it-twettiq mill-ġdid tax-xogħol tal-awditjar | **5.14.-5.36.** |
| Proġetti u spejjeż ineliġibbli | **5.18.-5.26.** |
| Ksur tar-regoli tas-suq intern | **5.27.-5.34.** |
| Nuqqas ta’ dokumenti essenzjali ta’ sostenn | **5.35.-5.36.** |
| Il-valutazzjoni li wettaqna tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar | **5.37.-5.49.** |
| Ix-xogħol ta’ aċċertament imwettaq mill-Kummissjoni u r-rappurtar tar-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha | **5.50.-5.61.** |
| **Konklużjoni u rakkomandazzjoni** | **5.62.-5.68.** |
| Konklużjoni | **5.62.-5.65.** |
| Rakkomandazzjonijiet | **5.66.-5.68.** |
| **Annessi** | |
| Anness 5.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet | |
| Anness 5.2 – Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fis-27 Stat Membru u fir-Renju Unit (2014-2020) | |
| Anness 5.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” | |

# Introduzzjoni

**5.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għas-Subintestatura 1b "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" tal-QFP. Il-*Kaxxa 5.1* tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2020. Għal aktar dettalji dwar il-popolazzjoni li awditjajna għall-2020 ara l-paragrafu *5.7*.

### Kaxxa 5.1

### Subintestatura 1b "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" tal-QFP – ripartizzjoni fl-2020

**Pagamenti tal-2020 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni skont il-fond**

(EUR biljun)



**Popolazzjoni li awditjajna għall-2020 imqabbla mal-pagamenti**




(*) Iċ-ċifra ta' EUR 58.3 biljun tikkonsisti kemm f'pagamenti bil-quddiem kif ukoll pagamenti *interim* annwali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li ma ġewx inklużi fil-kontijiet li fuqhom huma bbażati l-pakketti ta' aċċertament li l-Kummissjoni kienet aċċettat fl-2020. F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***11***), dawn il-pagamenti jitqiesu bħala prefinanzjament u b'hekk ma kinux jagħmlu parti mill-popolazzjoni li awditjajna għar-Rapport Annwali 2020. Dawn se jiġu inklużi fil-popolazzjoni li awditjajna fis-sena meta l-Kummissjoni taċċetta l-kontijiet korrispondenti (eż. fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2021 għal pagamenti li jappartjenu għas-sena kontabilistika 2019/2020).

*Sors:* il-kontijiet *konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

## Deskrizzjoni qasira

### Objettivi ta' politika u strumenti ta' nfiq

**5.2.** L-infiq taħt din is-subintestatura jiffoka fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni differenti tal-UE, u fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tar-reġjuni kollha[1]. Dawn l-objettivi jiġu implimentati:

(a) permezz tal-fondi/tal-istrumenti li ġejjin taħt ġestjoni kondiviża:

[1] Ara l-Artikoli 174 sa 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47).

— il-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)*, li għandu l-għan li jnaqqas l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastruttura u ta' investiment produttiv li joħloq l-impjiegi, prinċipalment min-negozji;

— il-*Fond ta' Koeżjoni (FK)* li, bil-għan li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, jiffinanzja proġetti relatati mal-ambjent u t-trasport fl-Istati Membri li għandhom *ING per capita* ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE;

— il-*Fond Soċjali Ewropew (FSE)*, li għandu l-għan li jħeġġeġ livell għoli ta' impjieg u l-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar, u jinkludi miżuri li jitwasslu permezz tal-*Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI)* immirata lejn reġjuni b'rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ[2];

— skemi oħra li huma iżgħar, bħall-*Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)*;

(b) permezz ta' kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni għall-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)*, li hija mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni u tiffinanzja proġetti li jappartjenu għan-*networks trans-Ewropej*[3].

**5.3.** Taħt din is-subintestatura tal-QFP, l-Istati Membri jippreżentaw *programmi operazzjonali* (PO) pluriennali fil-bidu ta' kull *perjodu ta' programmazzjoni* għad-durata kollha ta' QFP. Wara li l-Kummissjoni tkun tat l-approvazzjoni tagħha, ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' PO tiġi kondiviża bejn il-Kummissjoni (id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (DĠ EMPL)) u l-Istat Membru. Il-*benefiċjarji* jirċievu rimborż permezz tal-awtoritajiet fl-Istat Membru, u l-baġit tal-UE jikkofinanzja l-ispejjeż eliġibbli tal-operazzjonijiet approvati f'konformità mat-termini tal-PO. L-*awtoritajiet maniġerjali* jwettqu verifikazzjonijiet biex jipprevienu li l-infiq ineliġibbli jiġi ċċertifikat lill-Kummissjoni.

---

[2] Il-FEŻR, l-FK u l-FSE huma tlieta mill-ħames *Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej*, li flimkien huma s-suġġett tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni*). Iż-żewġ fondi SIE l-oħra huma koperti mill-***Kapitolu 6*** ta' dan ir-rapport.

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2008 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

**5.4.** Il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament, stabbilit għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020[4], għandu l-għan li jiżgura li r-*rata tal-iżball residwu*[5] fil-kontijiet annwali tal-programmi operazzjonali tibqa' taħt is-*soll ta' materjalità* ta' 2 % stabbilit fir-regolament applikabbli[6]. Biex jiġi żgurat li ma jkun jifdal l-ebda livell materjali ta' irregolaritajiet fil-kontijiet li għandhom jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni wara l-verifikazzjonijiet tal-awtoritajiet maniġerjali, il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament jipprevedi t-tliet elementi li ġejjin:

— Ix-xogħol li twettaq minn *awtoritajiet tal-awditjar* fir-rigward tal-infiq inkluż fil-kontijiet annwali. Dan ix-xogħol jirriżulta f'rapport annwali ta' kontroll li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni bħala parti mill-*pakketti ta' aċċertament* tagħhom. Ir-rapport fih ir-rata tal-iżball residwu għall-PO (jew grupp ta' PO) kif ukoll opinjoni tal-awditjar dwar ir-regolarità tal-infiq iddikjarat u l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

— L-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni twettaq prinċipalment kontrolli amministrattivi tal-kompletezza u l-preċiżjoni tal-kontijiet biex b'hekk tkun tista' taċċettahom, u tirrilaxxa l-ammont ta' 10 % li jkun inżamm preċedentement bħala garanzija[7].

— Analiżijiet mhux fuq il-post li l-Kummissjoni twettaq fir-rigward ta' kull pakkett ta' aċċertament u tal-awditi tal-*konformitá* magħżula fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni twettaq dawn il-kontrolli biex tikkonkludi dwar ir-rati tal-iżball residwu rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar, u biex tivvalidahom; hija tippubblikahom, flimkien ma' medja ponderata biex isservi bħala indikatur ewlieni tal-prestazzjoni, fir-*rapporti annwali tal-attività* (RAA) tagħha għas-sena ta' wara.

---

4 Aħna tajna d-dettalji kollha dwar il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament għall-fondi SIE, inkluża skeda ta' żmien, fir- Rapport Annwali 2017 (il-paragrafi 6.5-6.15) u r-Rapport Annwali 2018 (il-Figura 6.1) tagħna.

5 Fir-rapporti annwali tal-attività tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għal "rata tar-riskju residwu" (RRR) meta tittratta l-għeluq għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u għal "rata tal-iżball residwu totali" (RTER) meta tittratta l-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. F'dan il-kapitolu, aħna nirreferu għat-tnejn li huma bħala "rata/i tal-iżball residwu".

6 L-Artikolu 28(11) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).

7 Ara l-Artikolu 130 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, li jillimita r-rimborż ta' pagamenti *interim* għal 90 %.

**5.5.** Il-proċess li jwassal għall-*għeluq* tal-PO mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kien fil-biċċa l-kbira kumparabbli ma' dak deskritt fil-paragrafu *5.4*.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**5.6.** L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva kif deskritt fl-***Anness 1.1*** u li nipprovdu valutazzjoni tar-regolarità tal-infiq taħt is-Subintestatura 1b tal-QFP. B'kont meħud tal-karatteristiċi tal-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament għal dan il-qasam ta' nfiq, aħna kellna wkoll l-għan li nivvalutaw il-punt sa fejn ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar u mill-Kummissjoni huwa ta' min joqgħod fuqu.

**5.7.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din is-subintestatura tal-QFP fl-2020:

— kampjun ta' 227 tranżazzjoni, li kien maħsub biex ikun statistikament rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din is-subintestatura tal-QFP. Il-kampjun kien jikkonsisti f'213-il tranżazzjoni, li għalihom l-infiq kien ġie ċċertifikat fil-pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq (ilkoll ivverifikati preċedentement minn awtorità tal-awditjar), kif ukoll 8 *strumenti finanzjarji* u 6 proġetti tal-FNE li ġew immaniġġjati direttament mill-Kummissjoni;

— ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar għall-validazzjoni tal-informazzjoni li tinsab fid-29 pakkett ta' aċċertament/ta' għeluq relatati mal-213-il tranżazzjoni li huma kienu vverifikaw preċedentement;

— ix-xogħol imwettaq mill-Kummissjoni biex tirrieżamina u tivvalida r-rati tal-iżball residwu li ġew irrappurtati fil-pakketti ta' aċċertament għall-perjodu 2014-2020, u x-xogħol tal-awditjar imwettaq minnha fuq aspetti li jirrigwardaw ir-regolarità ta' dawk il-pakketti;

— l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, u mbagħad inkluża fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni.

**5.8.** Il-popolazzjoni li awditjajna (EUR 48.4 biljun) kienet tikkonsisti fi nfiq mill-perjodu 2014-2020 li kien inkluż fil-pakketti ta' aċċertament aċċettati għas-sena kontabilistika 2018/2019, infiq mill-perjodu 2007-2013 li kien inkluż fil-pakketti ta' għeluq għall-programmi operazzjonali li l-Kummissjoni kienet għalqet fl-2020, u allokazzjonijiet mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE.

**5.9.** Fl-2020, il-Kummissjoni aċċettat kontijiet li kienu jinkludu nfiq għal 407 minn 418-il PO approvat (EUR 44.5 biljun). Dawn il-kontijiet kienu ġejjin minn pakketti ta' aċċertament li kienu ġew ippreżentati mis-27 Stat Membru kollha u r-Renju Unit għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. L-Istati Membri rrappurtaw żborżi li kienu saru lir-*riċevituri finali*, jew għall-benefiċċju tagħhom, permezz ta' strumenti finanzjarji, fis-sena kontabilistika 2018/2019, taħt 87 minn dawk il-PO (EUR 1.6 biljun). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għalqet kompletament jew parzjalment[8] 24 mill-101 PO li kien jifdal (billi llikwidat EUR 889 miljun) mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dan iħalli 77 mill-PO li jifdal li għad iridu jingħalqu (minn dawn, 63 ingħalqu parzjalment) 3 snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni. Il-kontribuzzjoni mill-FK għall-FNE ammontat għal madwar EUR 1.4 biljun.

**5.10.** Aħna qsamna, f'2 stadji, il-kampjun tagħna ta' 213-il tranżazzjoni li jikkorrispondu għal infiq iċċertifikat fil-pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq. L-ewwel għażilna 29 pakkett (26 mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u 3 mill-perjodu 2007-2013) li jkopru 41 PO. Minn dawn id-29 pakkett, aħna mbagħad ikkampjunajna tranżazzjonijiet li l-awtoritajiet tal-awditjar kienu vverifikaw preċedentement.

**5.11.** Parti mill-kampjun tagħna kienet tikkonsisti minn tmien strumenti finanzjarji mill-perjodu 2014-2020 li minnhom kienu saru pagamenti lir-riċevituri finali jew għall-benefiċċju tagħhom, fis-sena kontabilistika 2018/2019. Aħna eżaminajna 60 selfa, 18-il garanzija, 2 *investimenti ta' ekwità* u 9 elementi ta' spejjeż relatati ma' tariffi ta' ġestjoni imposti minn intermedjarji finanzjarji.

**5.12.** L-***Anness 5.2*** fih ripartizzjoni tal-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u l-għadd ta' żbalji kwantifikabbli li sibna fis-27 Stat Membru u fir-Renju Unit.

---

[8] Jekk problemi b'impatt materjali jibqgħu miftuħa, il-Kummissjoni tillikwida biss l-ammont li ma jkunx ikkontestat. Il-bilanċ jiġi likwidat u l-PO jingħalaq ladarba dawn il-problemi pendenti kollha jiġu riżolti.

# Regolarità tat-tranżazzjonijiet, rapporti annwali tal-attività, u arranġamenti ta' governanza oħra

**5.13.** Din il-parti tal-kapitolu fiha tliet sottotaqsimiet. L-ewwel waħda tikkonċerna l-ittestjar li wettaqna fuq il-kampjun ta' 227 tranżazzjoni li ħadna din is-sena, bil-ħsieb li nipprovdu fehim approfondit dwar is-sorsi prinċipali tal-iżbalji. It-tieni sottotaqsima tikkonċerna l-valutazzjoni li wettaqna tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar, u t-tielet waħda hija relatata max-xogħol tal-Kummissjoni. Il-konklużjoni tagħna rigward l-informazzjoni dwar ir-regolarità fuq l-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni li tinsab fir-rapporti annwali tal-attività taż-żewġ DĠ responsabbli u fl-AMPR hija bbażata fuq is-sejbiet tagħna minn dawn it-tliet sottotaqsimiet.

## Riżultati tal-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet u r-rieżaminar/it-twettiq mill-ġdid tax-xogħol tal-awditjar

**5.14.** L-*Anness 5.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet. Fil-227 tranżazzjoni li eżaminajna, aħna identifikajna u kkwantifikajna 23 żball li ma kinux inqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar. B'kont meħud tal-64 żball li nstabu preċedentement mill-awtoritajiet tal-awditjar u tal-korrezzjonijiet applikati mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi (b'valur totali ta' EUR 834 miljun għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni kkombinati), aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3.5 %[9].

**5.15.** L-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw żbalji kwantifikabbli fil-pakketti ta' aċċertament/ta' għeluq għal 64 mill-213-il tranżazzjoni li kkampjunajna mill-pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq. Dawn l-iżbalji kienu jikkonċernaw spejjeż ineliġibbli (43), akkwist pubbliku (21), żbalji kontabilistiċi u żbalji ta' kalkolu (6), għajnuna mill-Istat (2) u dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa (1)[10]. L-Istati Membri

---

9 Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 0.9 % u 6.1 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

10 Tranżazzjoni waħda tista' tiġi milquta minn aktar minn tip wieħed ta' żball.

kienu applikaw korrezzjonijiet finanzjarji, u estrapolawhom kif kien meħtieġ, bil-ħsieb li jġibu r-rati tal-iżball residwu taħt is-soll ta’ materjalità ta’ 2 %.

**5.16.** Il-*Kaxxa 5.2* turi r-ripartizzjoni tal-iżbalji li sibna skont il-kategorija (qabel ma ttieħed kont tal-korrezzjonijiet finanzjarji). Proġetti u spejjeż ineliġibbli, ksur tar-regoli tas-suq intern (b’mod partikolari nuqqas ta’ konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat) u n-nuqqas ta’ dokumenti essenzjali ta’ sostenn ikkontribwew l-aktar għal-livell ta’ żball stmat minna. Il-paragrafi *5.18*-*5.36* jipprovdu aktar informazzjoni dwar dawn l-iżbalji.

### Kaxxa 5.2

### Ripartizzjoni tal-iżbalji li sibna




*Sors:* il-QEA.

**5.17.** L-għadd u l-impatt tal-iżbalji li nqabdu juru li l-kontrolli fis-seħħ għadhom ma jimmitigawx biżżejjed ir-riskju inerenti għoli ta’ żball f’dan il-qasam. Dan jikkonċerna b’mod partikolari lill-awtoritajiet maniġerjali li l-verifikazzjonijiet tagħhom mhumiex effettivi fil-prevenzjoni jew id-detezzjoni ta’ irregolaritajiet fl-infiq iddikjarat mill-benefiċjarji. Żbalji oħra huma r-riżultat ta’ deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet maniġerjali nfushom.

## Proġetti u spejjeż ineliġibbli

**5.18.** Meta jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiċċertifikaw li dan ikun iġġarrab f'konformità mar-regoli applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali, u li l-għajnuna tkun ingħatat lill-benefiċjarji u lill-operazzjonijiet li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà tal-PO.

**5.19.** Proġetti u spejjeż ineliġibbli huma l-aktar żball frekwenti misjub mill-awtoritajiet tal-awditjar. Skont ir-rappurtar tagħhom, u bl-użu ta' tipoloġija komuni maqbula mal-Kummissjoni[11], 46 % tal-iżbalji kollha identifikati matul is-sena kontabilistika 2018/2019 kienu ta' dan it-tip.

**5.20.** Aħna sibna nfiq ineliġibbli fi 13 mit-tranżazzjonijiet li eżaminajna, u dawn il-każijiet kienu jirrappreżentaw 57 % tal-għadd ta' żbalji kwantifikabbli li sibna, jew madwar 1.4 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat. Il-kawżi prinċipali tal-infiq ineliġibbli kienu elementi ta' spejjeż jew parteċipanti fil-proġetti li ma kinux jissodisfaw ir-regoli ta' eliġibbiltà. Il-***Kaxxa 5.3*** tagħti eżempju ta' dan.

### Kaxxa 5.3

### Spejjeż ineliġibbli għall-persunal

Fi proġett ta' riċerka fil-Polonja, l-ispejjeż għall-persunal għall-maniġer tal-proġett ġew iddikjarati bis-sħiħ lill-proġett. Madankollu, il-ftehim ta' għotja jiddikjara li l-ġestjoni tal-proġett għandha tiġi koperta minn rata fissa għall-ispejjeż indiretti. Għal din ir-raġuni, l-ispejjeż għall-maniġer tal-proġett ma kellhomx jiġu ddikjarati separatament, u huma ineliġibbli.

Aħna sibna wkoll spejjeż ineliġibbli fit-talbiet dwar l-ispejjeż fil-Portugall u fil-Ġermanja.

**5.21.** Aħna identifikajna tliet proġetti li ngħataw għajnuna fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għalkemm ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-programmi operazzjonali korrispondenti. Dawn il-proġetti kienu jirrappreżentaw 13 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha li qbadna, jew madwar 1.5 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat. Il-***Kaxxa 5.4*** tagħti eżempju ta' proġetti ineliġibbli.

---

[11] Ara l-Kaxxi 6.5 u 5.7 tar-Rapport Annwali 2018 u r-Rapport Annwali 2019 rispettivament.

### Kaxxa 5.4

### Eżempju b'żewġ operazzjonijiet ineliġibbli taħt il-PO

L-Artikolu 125(4) tal-RDK jipprovdi li l-awtoritajiet maniġerjali jistgħu biss jagħżlu u jiffinanzjaw operazzjonijiet li jkunu eliġibbli taħt it-termini tal-PO korrispondenti. Aħna awditjajna l-PO tal-FSE fi Spanja dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg, li għalih l-għan tal-objettiv speċifiku kien li jiżdiedu l-impjegabbiltà u l-possibbiltà li jiġu ingaġġati nies li għandhom nuqqas jew ammont żgħir ħafna ta' esperjenza ta' xogħol, permezz ta' azzjonijiet li jikkombinaw taħriġ ma' impjieg, u permezz ta' tipi ta' kuntratti b'taħriġ inkorporat. Għalhekk, l-operazzjonijiet kollha jridu jikkombinaw l-impjieg ma' komponent speċifiku dwar it-taħriġ.

Tnejn mill-operazzjonijiet li eżaminajna kienu jikkonċernaw l-għoti ta' eżenzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali lil impjegaturi li jingaġġaw ħaddiema b'diżabbiltajiet permezz ta' liġi nazzjonali li kienet ġiet adottata fl-2006. Peress li dawn iż-żewġ operazzjonijiet ma kienx fihom komponent ta' taħriġ, aħna nqisu li huma ma kinux eliġibbli taħt dan il-PO.

Dawn l-operazzjonijiet hemm mnejn kienu eliġibbli taħt PO differenti tal-FSE, dwar l-inklużjoni soċjali u l-ekonomija soċjali. Madankollu, l-awtoritajiet Spanjoli diġà kienu impenjaw bis-sħiħ il-baġit għal dak il-PO.

**5.22.** Fil-każ ta' strumenti finanzjarji, l-infiq ineliġibbli prinċipalment jieħu l-forma ta' żborżi jew lir-riċevituri finali ineliġibbli jew inkella għall-investimenti ineliġibbli. Aħna sibna żbalji ta' dan it-tip f'erba' żborżi minn tlieta tat-tmien strumenti li eżaminajna. L-intermedjarji finanzjarji kienu approvaw tliet investimenti mingħajr ma kkonfermaw l-istatus ta' SME tar-riċevituri, u għalhekk aħna nqisu li dawn l-investimenti huma ineliġibbli. L-investiment l-ieħor ma kienx jissodisfa rekwiżiti nazzjonali tal-eliġibbiltà oħra. Dawn l-erba' irregolaritajiet kienu jirrappreżentaw 0.2 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat minna għal dan il-Kapitolu.

**5.23.** Il-benefiċjarji għamlu użu minn *għażliet ta' spejjeż simplifikati (SCOs)* għal 60 operazzjoni jew 26 % tal-kampjun tagħna, u applikaw jew rati fissi, jew skali standard ta' spejjeż għal kull unità jew inkella kombinament tat-tnejn li huma. L-SCOs għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-piż tax-xogħol amministrattiv tal-benefiċjarji u huma meqjusa inqas suxxettibbli għal żball. Ir-regoli tal-UE jirrikjedu li l-metodoloġija biex jintużaw l-SCOs trid tkun stabbilita bil-quddiem, u din trid tkun ġusta, verifikabbli u ekwa. Din is-sena, sibna żbalji relatati ma' SCOs f'żewġ operazzjonijiet. L-ebda wieħed mill-iżbalji ma kien kwantifikabbli.

**L-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament FSE wasslet għal żbilanċ eċċessiv favur Stat Membru fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni**

**5.24.** Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni tirrimborża lill-Istati Membri għall-pagamenti li huma jagħtu lill-benefiċjarji għall-infiq li jġarrbu meta jimplimentaw operazzjonijiet. Għall-FSE, il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi wkoll skali standard ta' spejjeż għal kull unità u somom f'daqqa għar-rimborżi ta' dawn il-pagamenti[12]. Din is-sena, għall-ewwel darba, il-kampjun tagħna kien jinkludi PO (fl-Italja) fejn ġiet applikata din l-għażla ta' rimborż. Din il-kwistjoni kienet tikkonċerna ħames operazzjonijiet minn dak il-PO.

**5.25.** Il-benefiċjarji ta' dawn il-ħames operazzjonijiet iddikjaraw b'mod korrett l-ispejjeż eliġibbli abbażi ta' metodu ta' spejjeż simplifikat iddeterminat mill-awtorità maniġerjali. Madankollu, f'kull każ l-ammont li l-awtorità maniġerjali ddikjarat lill-Kummissjoni kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità użati mill-Kummissjoni[13]. B'riżultat ta' dan, l-ammonti ċċertifikati lill-Kummissjoni u mħallsa mill-baġit tal-UE fil-perjodu kontabilistiku 2018/2019 għal kull operazzjoni kkonċernata kienu aktar minn 20 % ogħla minn dawk maqbula u mħallsa lill-benefiċjarji. Sa issa, dan l-arranġament iġġenera żbilanċ favur l-Istat Membru ta' aktar minn EUR 43 miljun fil-perjodu 2014-2020.

**5.26.** Għalkemm iż-żewġ metodi ta' kalkolu huma differenti, essenzjalment ikopru l-istess spejjeż. Għal din ir-raġuni, l-ammont ta' finanzjament mill-UE riċevut minn Stat Membru u mbagħad imħallas lill-benefiċjarji jenħtieġ li ma jkunx fundamentalment differenti. Kif inhuma attwalment, l-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità użati mill-Kummissjoni għal dan il-PO Taljan huma ġenerużi żżejjed għall-Istat Membru.

---

[12] L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

[13] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2016 tad-29 ta' Awwissu 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri (ĠU L 298, 15.11.2017, p. 1).

## Ksur tar-regoli tas-suq intern

**5.27.** Din is-sena, aħna sibna 11-il każ ta’ ksur tar-regoli tas-suq intern, u 3 minnhom kienu kwantifikabbli. Ħamsa mill-każijiet ta’ ksur kienu relatati mal-għajnuna mill-Istat u sitta mal-akkwist pubbliku.

### Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji fl-għajnuna mill-Istat għadhom jikkonċernaw in-nuqqas ta’ effett ta’ inċentiv

**5.28.** Sakemm ma tkunx taħt limitu massimu “*de minimis*”, l-għajnuna mill-Istat hija fil-prinċipju inkompatibbli mas-suq intern peress li tista’ toħloq distorsjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, hemm eċċezzjonijiet għal din ir-regola, b’mod partikolari jekk il-proġett ikun kopert mir-*Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER)*[14] jew jekk il-Kummissjoni b’mod speċifiku tagħti l-approvazzjoni tagħha.

**5.29.** Din is-sena, aħna identifikajna ħames proġetti li kisru r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Aħna nqisu li tnejn minnhom (proġett wieħed taħt l-FK u wieħed taħt il-FEŻR), ma kellhom jiksbu l-ebda finanzjament pubbliku mill-UE u/jew mill-Istat Membru. Dawn kienu jirrappreżentaw 1.0 punt perċentwali tal-livell ta’ żball stmat. Aħna ma kkwantifikajniex it-tliet żbalji l-oħra, li ma kellhom l-ebda impatt fuq il-livell tal-finanzjament pubbliku. Il-Kummissjoni żviluppat pjan ta’ azzjoni (Pjan ta’ Azzjoni Komuni dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-perjodu 2018-2022) biex tindirizza s-sensibilizzazzjoni u l-għarfien tal-awtoritajiet tal-awditjar. Implimentazzjoni robusta tal-pjan hija essenzjali biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

**5.30.** Tliet żbalji (li tnejn minnhom kienu kwantifikabbli) kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta’ effett ta’ inċentiv. Ir-regoli tal-UE jawtorizzaw l-għajnuna mill-Istat biss f’każijiet fejn hija tissussidja attivitajiet li mingħajrha ma kinux jitwettqu. Skemi taħt il-GBER jitqiesu awtomatikament li għandhom effett ta’ inċentiv jekk ix-xogħlijiet jibdew wara d-data tal-applikazzjoni għal finanzjament[15]. Din il-problema kienet kawża kbira ta’ żbalji fl-għajnuna mill-Istat fl-aħħar tliet snin. Il-***Kaxxa 5.5*** tagħti eżempju wieħed mill-awditu ta’ din is-sena.

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1) (GBER).

[15] L-Artikolu 6 tal-GBER.

**Kaxxa 5.5**

**Eżempju tan-nuqqas ta' effett ta' inċentiv**

Fil-Latvja, intrapriża kbira investiet fl-irkupru tal-enerġija mis-sħana biex tużaha fil-faċilità tal-produzzjoni tagħha. Qabel ma ppreżenta l-applikazzjoni tal-proġett, il-benefiċjarju kien diġà kkompleta proċedura ta' akkwist, ikkonkluda kuntratt ta' forniment u ħallas l-ewwel pagament bil-quddiem lill-fornitur. Dan jikkonferma li l-investiment beda qabel ma l-benefiċjarju kienu għadu biss applika għall-finanzjament mill-UE, li għalhekk ma kellu l-ebda effett ta' inċentiv kif iddefinit mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Aħna sibna operazzjoni oħra fil-Portugall li kienet ineliġibbli minħabba n-nuqqas ta' effett ta' inċentiv.

**L-Istati Membri kienu qabdu ħafna żbalji fil-qasam tal-akkwist**

**5.31.** L-akkwist pubbliku huwa strument ewlieni biex il-fondi pubbliċi jintefqu b'mod ekonomiku u effiċjenti u biex jiġi stabbilit is-suq intern. Aħna eżaminajna 126 proċedura għall-akkwist ta' xogħlijiet, servizzi jew provvisti. Il-maġġoranza l-kbira kienu għal proġetti kkofinanzjati mill-programmi operazzjonali taħt il-FEŻR/l-FK.

**5.32.** F'sitt proċeduri ta' akkwist pubbliku, aħna identifikajna nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali li l-awtoritajiet tal-awditjar ma kinux qabdu. Każ wieħed kien ksur serju li affettwa l-eżitu tal-proċedura, u aħna rrappurtajnieh bħala żball kwantifikabbli. Dan kien jirrappreżenta 4 % tat-total tal-iżbalji kwantifikabbli li sibna, jew madwar 0.1 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat. L-iżbalji li ma kkwantifikajniex kienu relatati mal-użu ta' kriterji jew speċifikazzjonijiet tekniċi li kienu waqqfu lil ċerti kumpaniji milli jitfgħu offerta.

**5.33.** L-akkwist huwa sors ewlieni tal-irregolaritajiet irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar. Huma kienu qabdu 21 każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku fit-tranżazzjonijiet li eżaminajna, u kienu imponew korrezzjonijiet b'rata fissa li jvarjaw minn 5 % sa 100 %, kif previst f'deċiżjoni tal-Kummissjoni[16]. F'termini ta' frekwenza, il-ksur fl-akkwist pubbliku jirrappreżenta 18 % tal-iżbalji kollha li l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw fil-perjodu kontabilistiku 2018/2019, iżda jirrappreżentaw bis-sħiħ 41 % tal-valur tal-irregolaritajiet irrappurtati.

**5.34.** Aħna sibna wkoll li, minbarra l-qbid ta' ksur permezz tal-awditi mwettqa mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi ħadu azzjoni korrettiva b'rispons ukoll għal problemi sistemiċi. Din l-azzjoni korrettiva tippermetti lill-Istati Membri jissostitwixxu l-infiq irregolari. Il-***Kaxxa 5.6*** tagħti eżempju.

### Kaxxa 5.6

### Korrezzjonijiet b'rati fissi orizzontali biex jikkoreġu d-defiċjenzi tas-sistema fil-verifikazzjonijiet tal-akkwist pubbliku

Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet awditu tas-sistema ta' prevenzjoni bikrija fl-Ungerija biex tivverifika l-idoneità tal-verifikazzjonijiet ta' ġestjoni li jitwettqu għall-akkwist pubbliku. L-awditu kopra s-sistema ta' ġestjoni u kontroll li l-Ungerija kienet waqqfet u li kienet qed timplimenta għal sitt PO. Il-Kummissjoni identifikat problemi trażversali sistemiċi bil-verifikazzjonijiet *ex ante* tal-akkwist pubbliku. Hija sabet ukoll li l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi kienu naqqsu milli jidentifikaw għadd ta' irregolaritajiet individwali, jew indirizzawhom b'mod inadegwat. Hija kkonkludiet billi applikat korrezzjoni b'rata fissa ta' 10 % għall-kuntratti kollha affettwati min-nuqqas ta' verifikazzjonijiet *ex ante* xierqa. Il-korrezzjonijiet koprew perjodu ta' erba' snin u kellhom valur stmat ta' madwar EUR 770 miljun. Għall-pakketti ta' aċċertament li eżaminajna, għalhekk, l-Ungerija ġibdet ammont ta' EUR 149 miljun f'finanzjament mill-UE fis-sena kontabilistika 2018/2019.

---

[16] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 li ġiet issostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3452 li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru għan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għal nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

### Nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn

**5.35.** Il-benefiċjarji u l-*awtoritajiet inkarigati mill-programmi* tal-Istati Membri huma meħtieġa li jżommu sistemi u proċeduri li jiżguraw rendikont adegwat tal-entrati. Dan jinkludi ż-żamma ta' reġistri ta' dokumenti. In-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn u ta' informazzjoni kien jirrappreżenta 19 % tal-iżbalji kollha rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena kontabilistika 2018/2019.

**5.36.** Aħna sibna li kien hemm informazzjoni jew dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa f'sitta mill-operazzjonijiet li eżaminajna. Aħna konna kostretti nikkwantifikaw erbgħa minn dawn l-iżbalji minħabba li l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi jew il-benefiċjarji ma setgħux jipprovdu dokumenti essenzjali li juru konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Tlieta minn dawk l-erba' każijiet kienu relatati ma' proġetti tal-FSE mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Ir-riżultat kien jirrappreżenta madwar 17 % tat-tranżazzjonijiet li kkwantifikajna, u 0.1 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

## Il-valutazzjoni li wettaqna tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

**5.37.** Ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar huwa parti kruċjali mill-qafas għall-aċċertament u l-kontroll tal-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni. Mill-2017 'il hawn, aħna vvalutajna x-xogħol ta' 34 minn 116-il awtorità tal-awditjar, fi 22 Stat Membru, inklużi 21 awtorità tal-awditjar fi 17-il Stat Membru din is-sena.

**5.38.** Fil-pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq kollha li eżaminajna, l-awtoritajiet tal-awditjar kienu inizjalment irrappurtaw rata tal-iżball residwu daqs jew taħt it-2 %. L-iżbalji addizzjonali li qbadna fil-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet li kienu ġew ivverifikati preċedentement mill-awtoritajiet tal-awditjar, u r-riżultati tar-rieżaminar u tax-xogħol tal-awditjar imwettqa mill-Kummissjoni, jindikaw li r-rati tal-iżball residwu li l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw mhux dejjem kienu affidabbli. Ix-xogħol tagħna tana evidenza suffiċjenti biex nikkonkludu li r-rata tal-iżball residwu kienet ogħla minn 2 % fi 12 mis-26 pakkett ta' aċċertament (46%) li eżaminajna (47 % tal-infiq ikkampjunat).

**5.39.** Fir-rapporti annwali tal-attività tagħha, b'kont meħud tax-xogħol tal-awditjar proprju tagħha u tar-riżultati preliminari tal-awditi tagħna, il-Kummissjoni aġġustat ir-rata tal-iżball residwu għal 11 mit-12-il pakkett ta' aċċertament fil-kampjun tagħna għal aktar minn 2 %.

**5.40.** Fl-erba' snin li konna qed neżaminaw l-infiq tal-perjodu 2014-2020, il-valur ta' pakketti ta' aċċertament li għalihom l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw rati tal-iżball residwu mhux affidabbli taħt it-2 % kien konsistentement madwar 50 % tal-infiq li għażilna għall-awditjar (ara l-*Figura 5.1*) Is-sehem tal-pakketti b'rata residwa ogħla mill-materjalità wkoll kien konsistentement madwar nofs.

### Figura 5.1 – Valur tal-pakkett ta' aċċertament b'rata residwa ogħla minn 2 %




*Sors:* il-QEA.

**5.41.** Ix-xogħol tagħna fuq it-tliet pakketti ta' għeluq li eżaminajna mill-perjodu 2007-2013 irriżulta f'rata tal-iżball residwu għal tnejn minnhom ta' aktar minn 2 % tas-soll ta' materjalità.

#### Għad hemm nuqqasijiet fil-mod kif l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu u jiddokumentaw ix-xogħol tagħhom

**5.42.** L-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar jirrikjedu li l-awdituri jiddokumentaw il-kontrolli tagħhom, u li jinkludu referenzi ċari għad-dokumenti kollha li jkunu l-aktar rilevanti għall-infiq awditjat[17]. Dan jippermetti li l-awdituri jagħtu rendikont ta' xogħolhom u jgħin lill-eżaminaturi interni jew esterni biex jifformulaw konklużjonijiet dwar l-estent u s-suffiċjenza tal-kontrolli. Mistoqsijiet jew risposti li ma jkunux suffiċjenti jew adegwati fil-listi ta' kontroll iżidu r-riskju li l-irregolaritajiet ma jinqabdux.

[17] ISA 230 Dokumentazzjoni tal-Awditjar.

**5.43.** Għal 104 mit-tranżazzjonijiet fil-kampjun tagħna (49 %), aħna stajna nifformulaw konklużjoni fuq il-bażi tar-rieżaminar li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar. Aħna identifikajna nuqqasijiet fl-ambitu, fil-kwalità u/jew fid-dokumentazzjoni ta’ dan ix-xogħol f’109 tranżazzjonijiet (51 %), li ħtiġulna nerġgħu nwettqu l-proċeduri tal-awditjar korrispondenti. Ir-raġuni prinċipali għan-nuqqasijiet kienet l-insuffiċjenza ta’ dokumentazzjoni tal-awditjar miżmuma mill-awtoritajiet tal-awditjar.

**5.44.** Fil-każ ta’ 43 tranżazzjoni (20 % tat-total) aħna konna obbligati navviċinaw lill-benefiċjarji għad-dokumentazzjoni tal-awditjar meħtieġa. Sibna żbalji kwantifikabbli li ma kinux ġew identifikati preċedentement mill-awtorità tal-awditjar fi 18 mill-109 tranżazzjonijiet (f’9 pakketti, inklużi 7 għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020) fejn wettaqna awditu mill-ġdid.

**Jeħtieġ li l-awtoritajiet tal-awditjar iżommu rekord aħjar tar-riskju ta’ frodi fl-awditi li huma jwettqu fir-rigward tal-operazzjonijiet**

**5.45.** Il-leġiżlazzjoni tal-UE tiddefinixxi l-frodi bħala ksur intenzjonat li huwa, jew li jista’ jkun, ta’ preġudizzju għall-baġit tal-UE. L-informazzjoni disponibbli turi li l-Koeżjoni tippreżenta riskju ogħla ta’ frodi minn oqsma ta’ politika oħra[18]. Filwaqt li d-detezzjoni tal-frodi mhijiex ir-responsabbiltà prinċipali tal-awditur, jeħtieġ li l-awdituri jkunu għassa għall-eżistenza ta’ indikaturi potenzjali ta’ frodi u ta’ kunflitti ta’ interess. Bħalma kkonkludejna fir-Rapport Speċjali tagħna “L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni tal-UE”, il-kontrolli fuq il-post imwettqa mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi huma l-aktar mezz frekwenti ta’ detezzjoni tal-frodi[19].

**5.46.** Matul ir-rieżaminar li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar, aħna vvalutajna jekk il-listi ta’ kontroll li użaw biex jawditjaw l-operazzjonijiet tal-awditjar kinux jindirizzaw b’mod adegwat ir-riskju ta’ frodi. Aħna sibna li 21 % biss tal-operazzjonijiet mill-perjodu 2014-2020 (40 minn 192) ġew awditjati bl-użu ta’ lista ta’ kontroll li tagħmel referenza espliċita għar-riskju ta’ frodi.

**5.47.** Ir-regoli tal-UE jirrikjedu li l-Istati Membri jirrappurtaw il-każijiet kollha ta’ frodi suspettata lill-Kummissjoni. F’żewġ każijiet fil-kampjun tagħna aħna sibna li inizjalment huma kienu naqsu milli jikkonformaw ma’ dan ir-rekwiżit.

---

[18] Il-31 Rapport Annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Il-ġlieda kontra l-frodi – 2019 (COM(2020) 363 final).

[19] Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2019.

**Mhuwiex faċli li jingħata segwitu għal ammonti li tkun qed issirilhom valutazzjoni kontinwa**

**5.48.** Skont l-Artikolu 137(2) tal-RDK, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kontijiet tagħhom ammonti li preċedentement kienu ġew inklużi f'talba għall-pagament iżda li għaliha hemm valutazzjoni tar-regolarità li għadha għaddejja. Kwalunkwe parti minn ammonti bħal dawn li sussegwentement tinstab li hija regolari tista' tiġi inkluża f'talba għall-pagament futura.

**5.49.** Il-formola standard għar-rappurtar tal-kontijiet ma tinkludix taqsima dettaljata għall-ammonti deskritti fl-Artikolu 137(2). L-Istati Membri huma meħtieġa li jiddivulgaw dawn l-ammonti bħala total, iżda mhux fil-livell ta' kull operazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni biex iżommu rekords dettaljati tal-operazzjonijiet u tal-ammonti li tkun qed issirilhom valutazzjoni kontinwa, u biex jimmonitorjaw jekk dawn humiex inklużi f'talbiet għall-pagament sussegwenti. Fejn dan ikun il-każ, jenħtieġ li l-infiq ikkonċernat ikun suġġett għall-istess verifikazzjonijiet u kontrolli bħal kull infiq ieħor ġdid[20]. Aħna sibna li l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni adegwata biex timmonitorja suffiċjentement jekk dawn l-ammonti humiex qed jiġu trattati b'mod xieraq.

## Ix-xogħol ta' aċċertament imwettaq mill-Kummissjoni u r-rappurtar tar-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha

**5.50.** Ir-RAA huma l-għodda prinċipali tad-DĠ tal-Kummissjoni biex jirrappurtaw jekk għandhomx aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll jiżguraw ir-regolarità tal-infiq.

**Il-Kummissjoni żiedet l-għadd ta' awditi tal-konformità tagħha**

**5.51.** L-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-regolarità rrappurtata fir-rapporti annwali tal-attività tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi. Il-Kummissjoni twettaq awditi tal-konformità biex tirrieżamina u tivvaluta x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar. Kif iddikjarat mill-Kummissjoni fir-rapporti annwali tal-attività, l-objettiv ta' dawn l-awditi huwa li jinkiseb aċċertament raġonevoli li fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ma jkunx hemm dgħufijiet

[20] Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.34 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna.

serji li jibqgħu ma jinqabdux u ma jiġux irrappurtati – u għalhekk ma jiġux ikkoreġuti – saż-żmien meta hija tirċievi l-kontijiet.

**5.52.** Fl-2020, il-Kummissjoni żiedet l-għadd ta' awditi tal-konformità tagħha għal 57 (25 mid-DĠ REGIO u 32 mid-DĠ EMPL). Dan meta mqabbel ma' 26 kemm fl-2019 kif ukoll fl-2018. Fi 38 minn dawn l-awditi, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rati tal-iżball residwu rrappurtati fir-rapporti annwali ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena kontabilistika 2018/2019 kienu ġew stmati b'mod insuffiċjenti; għalhekk il-Kummissjoni żiedet dawk ir-rati. F'20 każ, (11 fid-DĠ REGIO u 9 fid-DĠ EMPL), dan wassal biex ir-rata tal-iżball residwu tkun ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %.

**5.53.** L-awditi tal-konformità tal-Kummissjoni koprew 30 mill-operazzjonijiet li eżaminajna din is-sena (10 fl-2019). Qabel ma bdejna l-eżaminar tagħna, il-Kummissjoni qabdet tmien żbalji kwantifikabbli f'dawk l-operazzjonijiet (sitta relatati mal-akkwist pubbliku, wieħed ma' spejjeż ineliġibbli u wieħed mal-applikazzjoni żbaljata tal-għażliet ta' spejjeż simplifikati). Aħna ħadna kont ta' kemm il-Kummissjoni kienet kapaċi taqbad dawn l-iżbalji u tal-impenn tagħha li tikkoreġihom fi żmien debitu, element li naqqas il-livell ta' żball stmat minna b'0.7 punt perċentwali.

**L-indikatur tar-regolarità juri li r-rata ta' żball medja kumplessiva kienet ogħla mill-materjalità**

**5.54.** Il-Kummissjoni tuża rati tal-iżball residwu individwali rrappurtati mill-Istati Membri, ir-riżultati tax-xogħol tagħha stess relatat mar-regolarità u informazzjoni disponibbli oħra biex tikkalkula rata ta' żball medja ponderata. Hija tirrapporta dik ir-rata bħala indikatur ewlieni tal-*prestazzjoni* (KPI) dwar ir-regolarità. Il-KPI għall-2020 huwa bbażat fuq rati individwali rrappurtati għas-sena kontabilistika 2018/2019, iżda jeskludi l-impatt ta' pagamenti bil-quddiem imħallsa lill-istrumenti finanzjarji.

**5.55.** Id-DĠ REGIO rrapporta KPI ta' 2.1 % u "rata massima" ta' 2.6 % (it-tnejn ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %). Ir-rati tad-DĠ EMPL kienu 1.4 % għall-KPI u 1.9 % għar-riskju massimu. Iż-żewġ RAA jispjegaw li r-rati massimi jieħdu kont tar-riżultati tal-awditjar li għadhom qed jiġu diskussi mal-Istati Membri, kif ukoll ta' kwalunkwe żball li jaqa' barra mill-kampjun tal-operazzjonijiet fil-PO li jew il-Kummissjoni jew inkella aħna konna awditjajna matul is-sena. Filwaqt li d-DĠ REGIO japplika l-approċċ kif deskritt fir-RAA, id-DĠ EMPL ma ħax kont sħiħ tal-iżbalji potenzjali lil hinn minn dawk li nqabdu. Li kieku d-DĠ EMPL kien applika l-istess approċċ bħad-DĠ REGIO, ir-rata massima tiegħu kienet tkun 2.1 %.

**5.56.** Fir-Rapport Annwali 2018 tagħna, aħna kkonkludejna li, għal diversi raġunijiet[21], jenħtieġ li r-rata kumplessiva tal-iżball residwu li tidher bħala KPI titqies bħala rata minima. Peress li huwa ddeterminat fuq il-bażi tal-KPI, ir-riskju fil-waqt tal-għeluq ukoll huwa rata minima, u korrezzjonijiet futuri jistgħu ma jkunux suffiċjenti biex jiġi żgurat li ma jibqa' l-ebda livell materjali ta' żball fl-għeluq.

**5.57.** Il-*Figura 5.2* tagħti stampa ġenerali tal-KPIs irrappurtati mill-Kummissjoni fir-rapporti annwali tal-attività tagħha tal-2020.

## Figura 5.2 – KPI tal-Kummissjoni mqabbla mar-rata ta' żball stmata minna




*Sors:* il-QEA.

[21] Il-paragrafi 6.62 u 6.63 tar-Rapport Annwali 2018.

**5.58.** Fl-AMPR 2020, il-Kummissjoni rrappurtat riskju kumplessiv ikkombinat fil-waqt tal-pagament ta' bejn 1.9 % u 2.4 %[22] għal din is-subintestatura tal-QFP ibbażat fuq l-ammonti f'riskju li kienu ġew stmati miż-żewġ DĠ kif ukoll il-KPI tagħhom. Għalhekk, għat-tieni sena konsekuttiva, l-istimi tal-iżball imwettqa mill-Kummissjoni jaqgħu fi ħdan l-istima proprja li wettaqna tal-firxa tal-iżball. Fl-istess ħin, ir-rati rrappurtati fl-AMPR (kif ukoll ir-rati speċifiċi rrappurtati fiż-żewġ RAA) huma taħt il-livell ta' żball stmat minna (ara l-***Figura 5.2***).

**5.59.** Aħna qed niffinalizzaw rapport speċjali li fih se nipprovdu aktar dettall dwar ir-rilevanza, l-affidabbiltà u l-konsistenza tal-livell ta' żball annwali rrappurtat fir-rapporti annwali tal-attività u fl-AMPR għall-infiq taħt il-Koeżjoni.

**Ir-*riżervi*, hemm mnejn mhux neċessarjament ikopru r-riskji materjali kollha**

**5.60.** Fir-Rapport Annwali 2019 tagħna[23] aħna kkonkludejna li r-riżervi hemm mnejn ma jkoprux ir-riskji materjali kollha, billi kienu prinċipalment ibbażati fuq ir-rati ta' żball għall-kontijiet għall-2018/2019, li kienu għadhom ma ġewx ikkonfermati fir-rapporti annwali tal-attività tal-2019. L-analiżi tagħna għal din is-sena tal-kontijiet għall-2018/2019 ikkonfermat li 63 PO mid-DĠ REGIO u 36 mid-DĠ EMPL kienu tassew milquta minn żbalji materjali. Madankollu, fir-rapporti annwali tal-attività tal-2019 il-Kummissjoni ma ħarġitx riżervi għal 39 minn dawn il-PO fid-DĠ REGIO, u lanqas għal 28 minnhom fid-DĠ EMPL fir-rapporti annwali tal-attività tal-2019.

**5.61.** Is-sena l-oħra, iż-żewġ DĠ ħadu l-istess approċċ għar-riżervi bħal fir-rapporti annwali tal-attività tal-2019. Għalhekk huwa possibbli li r-rapporti annwali tal-attività tal-2020 reġgħu ma koprewx ir-riskji materjali kollha.

[22] Il-paġna 72 tal-Volum II tal-AMPR 2020.

[23] Il-paragrafu 5.62 tar-Rapport Annwali 2019.

# Konklużjoni u rakkomandazzjoni

## Konklużjoni

**5.62.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f’dan il-kapitolu tindika li l-livell ta’ żball fl-infiq fuq “Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” kien materjali. Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet indika li l-livell kumplessiv ta’ żball stmat kien ta’ 3.5 % (ara l-*Anness 5.1*).

**5.63.** Id-dgħufijiet li nstabu fix-xogħol ta’ bosta awtoritajiet tal-awditjar li kienu koperti mill-kampjun tagħna (ara l-paragrafi *5.37*-*5.49*), attwalment jillimitaw il-fiduċja li tista’ titqiegħed fuq dan ix-xogħol. Ir-rata li kkalkulajna mill-ġdid kienet ogħla mis-soll ta’ materjalità ta’ 2 % fi 12 minn 26 pakkett ta’ aċċertament għall-perjodu 2014-2020. Il-Kummissjoni aġġustat ir-rati tal-iżball residwu għal 11 minn dawn it-12-il pakkett ta’ aċċertament għal ċifra ogħla minn 2 %. B'dan il-mod, hija ħadet kont ukoll tax-xogħol tal-awditjar tagħna. Din ir-rata għolja ta’ aġġustamenti hija f’konformità ma’ dak li rrappurtajna fl-aħħar erba’ snin, kif jidher fil-*Figura 5.2*.

**5.64.** Iċ-ċifri relatati mal-informazzjoni dwar ir-regolarità ppreżentati fl-AMPR għas-sena kontabilistika 2018/2019 jikkonfermaw livell materjali ta’ żball fil-qasam tal-politika ta’ Koeżjoni (2.4 %). Minħabba l-problemi rrappurtati fil-paragrafu *5.56*, iż-żewġ rati tal-Kummissjoni msemmijin fil-paragrafu *5.58* jistgħu jitqiesu biss stimi minimi. F’dan il-kuntest, aħna nosservaw il-fatt li r-rati tal-Kummissjoni jaqgħu fin-nofs inferjuri tal-firxa ta’ żball stmat minna (ara l-*Figura 5.2*).

**5.65.** Il-qafas ta’ kontroll u ta’ aċċertament għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 tfassal biex jiġi żgurat li r-rati annwali tal-iżball residwu jkunu taħt is-soll ta’ materjalità. L-awditu tagħna wera li jeħtieġ isir aktar titjib fil-mod ta’ kif il-qafas jiġi applikat, kemm mill-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-programmi kif ukoll mill-Kummissjoni.

## Rakkomandazzjonijiet

**5.66.** L-*Anness 5.3* juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna tas-sitt rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna. Minn dawn, il-Kummissjoni kienet implimentat erba' rakkomandazzjonijiet fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u waħda f'xi wħud mill-aspetti, filwaqt li ma kienet ittieħdet l-ebda azzjoni fir-rigward ta' rakkomandazzjoni waħda.

**5.67.** Aħna rrieżaminajna wkoll ir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2018 u 2019 tagħna li kienu jeħtieġu azzjoni immedjata jew li kienu immirati għall-implimentazzjoni matul l-2020.

**5.68.** Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2020, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

## Rakkomandazzjoni 5.1 – Skali standard ibbilanċjati ta' spejjeż għal kull unità għar-rimborż tal-pagamenti li jkunu saru mill-Istati Membri

Timmonitorja mill-qrib lill-Istati Membri bl-użu tal-iskali standard tagħha ta' spejjeż għal kull unità, biex tiżgura li l-iskema ma tirriżultax fi żbilanċi eċċessivi favur l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jaġġustaw ir-rati eċċessivi u jikkoreġu l-iżbilanċi biex jiġi evitat kwalunkwe gwadann f'għeluq il-programmi.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Immedjatament**

## Rakkomandazzjoni 5.2 – Jinżamm rekord tar-riskju ta’ frodi fl-awditi li l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu fir-rigward tal-operazzjonijiet

Tħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-awditjar b’mod espliċitu biex jintroduċu mistoqsijiet speċifiċi fil-listi ta’ kontroll tagħhom dwar riskji ta’ frodi u jiddokumentaw il-passi li jittieħdu biex jiġu indirizzati riskji bħal dawn li jiġu skoperti matul awditu.

Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-awditjar jaħdmu f’kollaborazzjoni mas-servizzi ta’ koordinazzjoni kontra l-frodi nazzjonali (AFCOSs) u jieħdu kont ta’ każijiet ta’ frodi suspettata jew stabbilita rrappurtati lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS). Nirreferu wkoll għar-rakkomandazzjonijiet tagħna fir-Rapport Speċjali Nru 6/2019.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2022**

## Rakkomandazzjoni 5.3 – Segwitu tal-ammonti li tkun qed issirilhom valutazzjoni kontinwa

Titlob lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni suffiċjenti fis-sommarju annwali dwar il-konklużjonijiet u s-segwitu tal-operazzjonijiet li għalihom ikunu ġibdu ammonti li tkun qed issirilhom valutazzjoni kontinwa mill-kontijiet. Dan ikun isaħħaħ it-trasparenza dwar il-mod kif l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi jimmonitorjaw dawn l-ammonti.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022**

# Annessi

## Anness 5.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

**RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI"**

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet | **227** | 236 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **3.5 %** | 4.4 % |
| Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | 6.1 % | |
| Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | 0.9 % | |

## Anness 5.2 – Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fis-27 Stat Membru u fir-Renju Unit (2014-2020)

| Stati Membri | Kontribuzzjoni mill-UE (miljun EUR) | Tranżazzjonijiet awditjati 2014-2020 | Żbalji kkwantifikati |
|---|---|---|---|
| Il-Polonja | 11 354 | 42 | 2 |
| L-Italja | 4 266 | 15 | 0 |
| L-Ungerija | 4 238 | 16 | 1 |
| Iċ-Ċekja | 3 318 | 14 | 0 |
| Spanja | 3 196 | 14 | 5 |
| Il-Portugall | 2 860 | 11 | 3 |
| Ir-Rumanija | 2 344 | 7 | 1 |
| Il-Ġermanja | 2 219 | 8 | 0 |
| Franza | 1 828 | 7 | 0 |
| Ir-Renju Unit | 1 593 | 7 | 1 |
| Il-Greċja | 1 204 | 7 | 0 |
| Is-Slovakkja | 1 112 | 8 | 0 |
| Il-Bulgarija | 1 061 | 8 | 0 |
| Il-Kroazja | 922 | 14 | 0 |
| Il-Litwanja | 662 | | |
| Il-Latvja | 655 | 8 | 2 |
| Is-Slovenja | 443 | 7 | 0 |
| L-Estonja | 420 | | |
| L-Irlanda | 315 | | |
| Il-Belġju | 306 | 7 | 0 |
| Il-Finlandja | 280 | | |
| L-Iżvezja | 255 | | |
| Ċipru | 158 | | |
| L-Awstrija | 139 | | |
| In-Netherlands | 135 | | |
| Malta | 133 | | |
| Id-Danimarka | 40 | | |
| Il-Lussemburgu | 12 | | |
| **TOTAL** | | 200 | 15 |




*Sors:* il-QEA.

# Anness 5.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| **2017** | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 1:** tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-FEI jkunu adegwati fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji. Meta l-BEI/il-FEI jirrikorru għal proċeduri miftiehma ma' awdituri esterni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi l-kundizzjonijiet minimi ta' kuntratti ta' dan it-tip bil-ħsieb tal-ħtieġa li tipprovdi aċċertament, b'mod partikolari l-obbligu li jitwettaq xogħol tal-awditjar suffiċjenti fil-livell tal-Istat Membru; | | X[24] | | | | |

[24] Ir-*Regolament Omnibus* introduċa rekwiżit biex l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi tas-sistemi u awditi tal-operazzjonijiet fuq l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, inkluż l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Grupp tal-BEI, iżda jeskludi l-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs, li ġew stabbiliti qabel it-2 ta' Awwissu 2018. Il-Kummissjoni ħadet miżuri addizzjonali billi inkludiet, fil-metodoloġija tal-awditjar għall-istrumenti finanzjarji, rakkomandazzjoni biex l-awtoritajiet tal-awditjar jawditjaw lill-intermedjarji finanzjarji għall-istrumenti implimentati mill-Grupp tal-BEI, irrispettivament minn meta ġew stabbiliti. Madankollu, il-metodoloġija ma tistax testendi l-mandat regolatorju tal-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni pprovdiet provi tal-fatt li, f'xi Stati Membri, l-awtoritajiet tal-awditjar diġà jwettqu kontrolli fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji. Madankollu, l-awditu li wettaqna fl-2020 żvela li dawn il-kontrolli għadhom ma jitwettqux b'mod konsistenti (fl-Istat Membru li awditjajna, la l-awditur estern u lanqas l-awtoritajiet tal-awditjar ma kienu wettqu kwalunkwe awditu fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji).

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament) | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** tipproponi li, għall-qafas finanzjarju wara l-2020, isiru bidliet leġiżlattivi li jkunu jeskludu l-possibbiltà li jsir rimborż tal-VAT lil korpi pubbliċi mill-fondi tal-UE;<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: qabel l-approvazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għal wara l-2020) | | | | X[25] | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** tindirizza d-dgħufijiet li identifikajna fil-verifikazzjoni li twettaq tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fil-kuntest tal-awditi tagħha tar-regolarità;<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament) | | X[26] | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** tindirizza l-kumplessità tal-informazzjoni ppreżentata, fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, dwar il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament 2014-2020, billi: | | X | | | | |

[25] Fl-2018 il-Kummissjoni għamlet proposta alternattiva biex il-VAT tkun eliġibbli għal proġetti bi spiża totali ta' inqas minn EUR 5 miljun. Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni l-ġdid għall-perjodu 2021-2017 (ir-Regolament (UE) 2021/1060) ma indirizzax il-problema.

[26] Ara l-paragrafi 6.58-6.64 tar-Rapport Annwali 2018 u l-paragrafi 5.48-5.62 tar-Rapport Annwali 2019. Għalkemm il-Kummissjoni żiedet l-għadd ta' awditi tal-konformità li hija wettqet fl-2020, aħna xorta niltaqgħu ma' dgħufijiet fix-xogħol li jitwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | (i) tiffoka fuq l-infiq li jkun għadda miċ-ċiklu ta' kontroll, jiġifieri l-pakketti ta' aċċertament li jkopru l-infiq qabel it-30 ta' Ġunju tas-sena "n-1". Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġusta r-rappurtar tagħha biex tiżgura li ma tippreżentax stimi proviżorji; | X[27] | | | | | |
| | (ii) tindika b'mod ċar liema nfiq ikun għadu ma ġiex eżaminat fil-fond (inkluż permezz ta' kontrolli tar-regolarità). Jenħtieġ li hija tindika liema azzjonijiet preventivi jipproteġu l-baġit tal-UE u jekk dawn l-azzjonijiet ikunux suffiċjenti biex jipprovdu aċċertament, iżda toqgħod lura milli tikkalkula rata tal-iżball residwu għal infiq li jkun għadu ma ġiex eżaminat. | X27 | | | | | |
| | (iii) tiddivulga rata kumplessiva tal-iżball residwu għas-Subintestatura 1b tal-QFP għal kull sena kontabilistika.<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2019) | | X[28] | | | | |

[27] Il-Punti (i) u (ii) huma implimentati bis-sħiħ peress li l-Kummissjoni aġġustat ir-rappurtar li hija twettaq u adottat KPI li jiffoka fuq l-infiq li jkun għadda miċ-ċiklu ta' kontroll.

[28] Il-Punt (iii) huwa implimentat fil-biċċa l-kbira mill-aspetti peress li fl-AMPR il-Kummissjoni tipprovdi rata kumplessiva tal-iżball residwu għall-qasam ta' politika li ma tikkorrispondix bis-sħiħ mas-Subintestatura 1b tal-QFP.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar jinbidlu skont il-proposta li tkun għamlet għall-istrumenti finanzjarji fil-qafas regolatorju wara l-2020, biex, għall-kalkolu tar-rati tal-iżball residwu, jintużaw biss il-fondi li verament ikunu ntużaw fil-livell tar-riċevituri finali.<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: qabel tibda l-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għal wara l-2020) | | X[29] | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** twettaq kontrolli tar-regolarità li jkunu suffiċjenti biex tkun tista' tifformula konklużjonijiet dwar l-effettività tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar ir-regolarità tal-infiq sa mhux aktar tard milli fir-rapporti annwali tal-attività li tippubblika s-sena ta' wara dik li fiha taċċetta l-kontijiet;<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament) | | | X[30] | | | |

[29] Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni l-ġdid għall-perjodu 2021-2017 (ir-Regolament (UE) 2021/1060) jipprevedi li pagament uniku bil-quddiem għal strumenti finanzjarji jiġi inkluż fl-ewwel applikazzjoni għall-pagament. Qabel tmiem l-2021 il-Kummissjoni biħsiebha tadotta att delegat li jkun jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-awditjar jeskludu dan il-pagament bil-quddiem mill-popolazzjoni awditjata.

[30] Ara l-paragrafu 6.64 tar-Rapport Annwali 2018. Għalkemm il-Kummissjoni żiedet l-għadd ta' kontrolli tar-regolarità, dan ix-xogħol relatat mar-regolarità ma jistax jitqies lest fiż-żmien meta l-Kummissjoni tippubblika r-RAA tagħha fis-sena ta' wara dik li fiha taċċetta l-kontijiet.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| 2018 | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 6.1 – Arranġamenti tal-awditjar għall-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs**<br>Tiżgura li:<br>(a) kontrolli regolari, ibbażati fuq kampjun rappreżentattiv ta' żborżamenti favur ir-riċevituri finali, jitwettqu fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji jew mill-awtorità tal-awditjar jew inkella minn awditur magħżul mill-Grupp tal-BEI;<br>(b) fejn dawn il-kontrolli ma jkunux suffiċjenti, tiżviluppa u timplimenta miżuri ta' kontroll xierqa għall-prevenzjoni ta' nfiq irregolari materjali fl-għeluq.<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament) | | X[31] | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6.2 – Żamma irregolari ta' pagamenti**<br>Tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-listi ta' kontroll użati mill-awtoritajiet maniġerjali u mill-awtoritajiet tal-awditjar jinkludu verifikazzjonijiet tal-konformità mal-Artikolu 132 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, li jiddikjara li l-benefiċjarji jridu jirċievu l-ammont totali ta' nfiq eliġibbli dovut | X[32] | | | | | |

[31] L-awditi preċedenti tagħna kkonfermaw li l-FEI diġà għamel jew qed jagħmel titjib fis-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll tiegħu u estenda b'mod volontarju l-użu ta' rapporti ta' aċċertament raġonevoli għall-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs. Filwaqt li nirrikonoxxu l-fatt li xi awtoritajiet tal-awditjar diġà wettqu verifikazzjonijiet fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, għadu kmieni wisq biex l-effettività sħiħa ta' dawn il-miżuri tiġi vvalutata.

[32] Il-Kummissjoni tivverifika b'mod konsistenti li l-pagamenti jsiru lill-benefiċjarji fil-ħin u toħroġ rakkomandazzjonijiet korrettivi lill-Istati Membri kif meħtieġ.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | mhux aktar tard minn 90 jum li fiha tiġi ppreżentata klejm għall-pagament korrispondenti. Fejn ikun rilevanti, tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa indirizzati lill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi u tħeġġiġhom biex isegwu prattiki korretti fil-futur.<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament) | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6.3 – Arranġamenti tal-għeluq 2014-2020**<br>Tindirizza d-dgħufijiet u tiżgura li l-ebda programm ma jkun jista' jingħalaq jekk ikun jippreżenta livell materjali ta' nfiq irregolari. Jenħtieġ li l-Kummissjoni:<br>(a) tidentifika r-riskji prinċipali li jistgħu jaffettwaw l-għeluq regolari tal-programmi;<br>(b) (…)<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: (a) Mejju 2020) | X[33] | | | | | |

[33] Il-Kummissjoni identifikat ir-riskji prinċipali li jistgħu jaffettwaw l-għeluq tal-programmi u ħadithom inkunsiderazzjoni meta kienet qed tabbozza l-linji gwida dwar l-għeluq.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| **2019** | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 5.1 – Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-proġetti**<br>Tikkjarifika xi jfissru operazzjonijiet li "tlestew fiżikament" u/jew li ġew "implimentati bis-sħiħ". Dan ikun jgħin lill-Istati Membri biex jivverifikaw li l-operazzjonijiet jikkonformaw mal-Artikolu 65(6) tal-RDK u jevitaw in-nuqqas ta' detezzjoni ta' operazzjonijiet ineliġibbli. Jenħtieġ li jiġi kkjarifikat li din il-kundizzjoni tirrelata biss ma' xogħlijiet jew attivitajiet li huma meħtieġa biex jinkiseb l-output tal-operazzjoni, u mhux ma' aspetti finanzjarji u amministrattivi.<br>(Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament) | | X[34] | | | | |

*Sors:* il-QEA.

[34] Aħna nirrikonoxxu l-miżuri li diġà ngħataw bidu mill-Kummissjoni sabiex tikkjarifika l-kunċetti ta' operazzjonijiet li "tlestew fiżikament" u/jew li ġew "implimentati bis-sħiħ". Madankollu, il-Kummissjoni ma xerrditx dawk il-kjarifiki mal-Istati Membri kollha.

# Kapitolu 6

## Riżorsi naturali

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **6.1.-6.6.** |
| Deskrizzjoni qasira | **6.2.-6.5.** |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | **6.6.** |
| **Regolarità tat-tranżazzjonijiet** | **6.7.-6.33.** |
| Pagamenti diretti: sistema ta' kontroll effettiva tillimita r-riskju ta' żball | **6.10.-6.17.** |
| Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll tirrestrinġi l-livelli ta' żball fil-pagamenti diretti | **6.15.-6.17.** |
| Verifiki permezz tal-monitoraġġ: kopertura limitata fl-2020 | **6.18.-6.22.** |
| Żvilupp rurali, miżuri tas-suq u oqsma oħra ta' nfiq għal "Riżorsi Naturali": kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà aktar kumplessi jżidu r-riskju ta' żball | **6.23.-6.33.** |
| Żvilupp rurali | **6.25.-6.31.** |
| Miżuri tas-suq | **6.32.** |
| Sajd, ambjent u azzjoni klimatika | **6.33.** |
| **Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza** | **6.34.-6.39.** |
| Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI, dwar ir-regolarità tal-infiq taħt il-PAK | **6.34.-6.37.** |
| L-AMPR tal-Kummissjoni | **6.38.** |
| Politiki u proċeduri kontra l-frodi fir-rigward tal-PAK | **6.39.** |
| **Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet** | **6.40.-6.42.** |
| Konklużjoni | **6.40.-6.41.** |
| Rakkomandazzjonijiet | **6.42.** |

# Annessi

## Anness 6.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

## Anness 6.2 – Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri u fir-Renju Unit

## Anness 6.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

# Introduzzjoni

**6.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 2 "Riżorsi naturali" tal-QFP. Il-***Kaxxa 6.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2020.

## Kaxxa 6.1

## Intestatura 2 "Riżorsi naturali" tal-QFP – ripartizzjoni fl-2020

**Pagamenti tal-2020 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni**



**Popolazzjoni li awditjajna għall-2020 imqabbla mal-pagamenti**




(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***11***).

*Sors:* il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

## Deskrizzjoni qasira

**6.2.** L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali jirrappreżentaw 97 % tal-infiq fuq "Riżorsi naturali" u jiġu implimentati permezz tal-*politika agrikola komuni* (PAK). Il-PAK għandha tliet objettivi ġenerali[1]:

- produzzjoni vijabbli tal-ikel, b'enfasi fuq l-introjtu agrikolu, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;
- ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, b'enfasi fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma;
- żvilupp territorjali bbilanċjat.

[1] L-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**6.3.** Filwaqt li l-Kummissjoni, b'mod partikolari d-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI), hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-PAK, hija tikkondividi l-ġestjoni ta' din tal-aħħar mal-*aġenziji tal-pagamenti* fl-Istati Membri. Mill-2015 'il hawn, il-*korpi taċ-ċertifikazzjoni* indipendenti fl-Istati Membri jipprovdu opinjonijiet annwali dwar ir-regolarità tal-infiq tal-aġenziji tal-pagamenti.

**6.4.** L-infiq taħt il-PAK jinqasam fi tliet kategoriji ġenerali:

- *pagamenti diretti* lill-bdiewa, li huma ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE;
- *miżuri tas-suq* fis-settur agrikolu, li huma *wkoll* iffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE, bl-eċċezzjoni ta' ċerti miżuri kofinanzjati mill-Istati Membri, inklużi l-miżuri ta' promozzjoni;
- *programmi tal-iżvilupp rurali* nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, kofinanzjati mill-baġit tal-UE u mill-Istati Membri.

**6.5.** Din l-intestatura tal-QFP tkopri wkoll l-infiq tal-UE fuq il-*politika komuni tas-sajd*, kif ukoll parti mill-infiq tal-UE fuq l-ambjent u l-azzjoni klimatika.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**6.6.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna:

(a) kampjun ta' 218-il tranżazzjoni[2], f'konformità mal-paragrafu ***9*** tal-***Anness 1.1***. Il-kampjun kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Huwa kien jikkonsisti fi tranżazzjonijiet minn 19-il Stat Membru[3] u mir-Renju Unit. Minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, u sabiex niksbu fehim approfondit addizzjonali dwar is-sistema ta' kontroll, għall-pagamenti diretti aħna ħadna l-kampjun tagħna mill-ispezzjonijiet aleatorji fuq il-post imwettqa mill-aġenziji tal-pagamenti. Billi konna ksibna mingħand l-Istati Membri kampjun ta' pagamenti lill-benefiċjarji li kienu suġġetti għal kontrolli aleatorji fuq il-post, aħna kellna naġġustaw ir-rata ta' żball tagħna biex tieħu kont tat-talbiet li kienu ġew eżaminati mill-aġenziji tal-pagamenti, li għalihom ma kinux għamlu pagament jew ma kinux għamlu pagament fiż-żmien meta ħadna l-kampjun tagħna. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva kif deskritt fl-***Anness 1.1***.

(b) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ AGRI u tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV), u li mbagħad ġiet inkluża fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni.

(c) is-sistemi magħżula, li kienu jikkonċernaw l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' "verifiki permezz tal-monitoraġġ"[4].

---

[2] Il-kampjun kien jikkonsisti fi 88 pagament dirett, 16-il miżura tas-suq, 104 pagamenti taħt programmi tal-iżvilupp rurali, rifużjoni waħda ta' korrezzjoni finanzjarja preċedenti taħt il-PAK, li saret lil Stat Membru mill-Kummissjoni, u 9 pagamenti għall-ambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd.

[3] Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, u l-Iżvezja. Il-kampjun kien jinkludi wkoll erba' tranżazzjonijiet taħt *ġestjoni diretta*.

[4] Il-paragrafi 6.16 sa 6.17 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

# Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**6.7.** L-*Anness 6.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-218-il tranżazzjoni li ġew eżaminati, 180 (83 %) kienu ħielsa minn żball u 38 kien fihom żbalji. Ibbażat fuq il-25 żball[5] li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball għal "Riżorsi naturali" huwa ta' 2.0 %[6].

**6.8.** Il-*Kaxxa 6.2* tagħti ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2020.

### Kaxxa 6.2

### Riżorsi naturali: tipi ta' żbalji




*Sors:* il-QEA.

**6.9.** Il-Kummissjoni (għan-nefqa diretta) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kienu applikaw miżuri korrettivi li naqqsu l-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu b'0.5 punti perċentwali.

---

[5] Aħna sibna wkoll 13-il problema ta' konformità, li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju.

[6] Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1.0 % u 3.0 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

## Pagamenti diretti: sistema ta' kontroll effettiva tillimita r-riskju ta' żball

**6.10.** Ix-xogħol tagħna jappoġġa l-konklużjoni li l-pagamenti diretti fl-intier tagħhom kienu ħielsa minn żball materjali. Dawn jirrappreżentaw 69 % tal-infiq taħt l-intestatura "Riżorsi naturali" tal-QFP.

**6.11.** Hemm 4 skemi li jirrappreżentaw 90 % tal-pagamenti diretti kollha fl-2020:

(a) 2 skemi li jipprovdu appoġġ għall-introjtu bbażat fuq l-erja tal-art agrikola ddikjarata mill-bdiewa: l-"iskema ta' pagament bażiku" (EUR 17.1 biljun) u l-"iskema ta' pagament uniku skont l-erja" (EUR 4.4 biljun);

(b) skema waħda maħsuba biex tappoġġa prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, (il-pagament ta' "ekoloġizzazzjoni") (EUR 11.9 biljun);

(c) appoġġ akkoppjat volontarju, marbut ma' tipi speċifiċi ta' prodotti agrikoli (eż. iċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib jew l-għelejjel li fihom il-proteini) (EUR 4.1 biljun).

**6.12.** Aħna ttestjajna 88 pagament dirett, li jkopru l-iskemi prinċipali. Sibna li 76 tranżazzjoni ma kinux milquta minn żball. Il-pagamenti diretti lill-bdiewa huma bbażati fuq drittijiet: il-benefiċjarji jirċievu pagament jekk jissodisfaw ċertu kundizzjonijiet. Pagamenti bħal dawn jippreżentaw riskju aktar baxx ta' żball jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti ma jkunux kumplessi (ara l-paragrafu ***1.18***).

**6.13.** L-10 żbalji kwantifikati f'dawn l-iskemi rriżultaw minn bdiewa li ddikjaraw b'mod eċċessiv l-erja tal-art agrikola jew l-għadd ta' annimali eliġibbli fit-talbiet tagħhom għall-għajnuna.

**6.14.** F'żewġ pagamenti diretti, aħna qbadna problemi ta' konformità mingħajr impatt finanzjarju.

### Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll tirrestrinġi l-livelli ta' żball fil-pagamenti diretti

**6.15.** L-għodda prinċipali ta' ġestjoni għall-pagamenti diretti hija s-*Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll* (SIAK)[7], li tinkorpora s-*Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art* (LPIS). Is-SIAK torbot flimkien il-bażijiet ta' *data* tal-azjendi agrikoli, it-talbiet għall-għajnuna, l-erjas agrikoli u r-reġistri tal-annimali, li l-aġenziji tal-pagamenti jużaw biex iwettqu kontroverifiki amministrattivi fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-għajnuna. L-LPIS hija sistema ta' informazzjoni ġeografika b'settijiet ta' *data* spazjali minn bosta sorsi, li flimkien jiffurmaw rekord ta' erjas agrikoli fl-Istati Membri.

**6.16.** Is-sejbiet tagħna jikkonfermaw l-osservazzjonijiet li għamilna preċedentement[8], jiġifieri li s-SIAK, u l-LPIS b'mod partikolari, tifforma sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva biex tiżgura li l-pagamenti ta' għajnuna diretta fl-intier tagħhom ma jiġux milquta minn żball materjali.

**6.17.** Skont ir-regoli tal-UE[9], jenħtieġ li l-aġenziji tal-pagamenti jwettqu kontrolli fuq il-post ta' mill-inqas 5 % tal-applikanti. Bejn 1 % u 1.25 % tal-applikanti jridu jintgħażlu b'mod aleatorju. Fl-2020, aħna ħadna l-kampjun tagħna ta' pagamenti diretti mill-kampjuni aleatorji tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-aġenziji tal-pagamenti u rrieżaminajna x-xogħol tagħhom biex nivvalutaw il-livell ta' żball fil-pagamenti. Dan ipprovda fehim approfondit addizzjonali dwar ix-xogħol tal-aġenziji tal-pagamenti. Għat-tranżazzjonijiet li eżaminajna sibna li l-aġenziji tal-pagamenti kienu aġġornaw b'mod xieraq l-LPIS u, b'eċċezzjoni waħda, kienu qabdu u kkoreġew kull dikjarazzjoni eċċessiva li kien jifdal wara l-kontrolli amministrattivi tagħhom.

---

7 https://ec.europa.eu/agriculture/direct-support/iacs_en.

8 Il-paragrafu 6.15 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

9 L-Artikoli 30 sa 31 u 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).

## Verifiki permezz tal-monitoraġġ: kopertura limitata fl-2020

**6.18.** Mill-2018 'il hawn, l-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri jistgħu jwettqu "verifiki permezz tal-monitoraġġ". Dan l-approċċ juża proċessi awtomatizzati li huma bbażati fuq id-*data* tas-satelliti Sentinel tal-programm Copernicus tal-UE għall-verifikazzjoni tal-konformità ma' ċerti regoli tal-PAK. Sa issa, l-aġenziji tal-pagamenti użaw prinċipalment il-verifiki permezz tal-monitoraġġ biex jivvalutaw it-talbiet għall-għajnuna bbażati fuq l-erja taħt skemi ta' pagament dirett. Fejn il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha ta' skema ta' pagament partikolari jkunu jistgħu jiġu evalwati mill-ispazju, dan jippermetti li l-aġenziji tal-pagamenti jimmonitorjaw mill-bogħod il-popolazzjoni kollha tal-benefiċjarji tal-għajnuna.

**6.19.** Fir-rapport speċjali reċenti tagħna dwar l-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal-PAK, aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni tippromwovi l-verifiki permezz tal-monitoraġġ bħala sistema ta' kontroll ewlieni għall-PAK ta' wara l-2020[10].

**6.20.** Matul ix-xogħol li wettaqna għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2020, aħna rrieżaminajna kif żewġ aġenziji tal-pagamenti użaw il-verifiki permezz tal-monitoraġġ, filwaqt li ffukajna fuq l-iskema ta' appoġġ akkoppjat volontarju għall-produtturi tat-tadam f'Malta u fuq l-iskema ta' pagament bażiku fil-Belġju (Flanders). Sibna li dawn l-aġenziji tal-pagamenti kienu użaw verifiki permezz tal-monitoraġġ biex jipprevienu għadd ta' pagamenti eċċessivi. Il-***Kaxxa 6.3*** turi eżempju ta' kif il-verifiki permezz tal-monitoraġġ intużaw mill-aġenzija tal-pagamenti Maltija.

---

[10] Ara r-Rapport Speċjali Nru 04/2020 "L-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni: b'mod ġenerali sar progress kostanti, iżda għall-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent dan seħħ aktar bil-mod", il-paragrafu 82.

## Kaxxa 6.3

### Il-verifiki permezz tal-monitoraġġ fil-prattika

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali f'Malta użat verifiki permezz tal-monitoraġġ biex tivvaluta t-talbiet għal appoġġ akkoppjat volontarju magħmula mill-produtturi tat-tadam. Is-sistema ta' monitoraġġ tuża b'mod regolari osservazzjonijiet bis-satellita tal-irqajja' agrikoli matul l-istaġun tat-tkabbir biex tistabbilixxi sensiela ta' markaturi tat-tkabbir tal-għelejjel (il-kurva blu fiċ-ċart ta' hawn taħt). Dawn il-markaturi jistgħu jitqabblu max-xejra tat-tkabbir mistenni għal għalla tat-tadam (l-"indiċi ta' veġetazzjoni" li jintwera permezz tal-kurva ħadra). Jekk ma jkunx hemm korrelazzjoni suffiċjenti bejn il-markaturi derivati mill-osservazzjonijiet bis-satellita u x-xejra tat-tkabbir mistenni, is-sistema awtomatikament tissenjala dawn l-irqajja' art għal aktar investigazzjoni (eż. żjara fuq il-post). L-ortoritratt korrispondenti fl-LPIS jikkonferma l-kultivazzjoni tat-tadam.




*Sors:* l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Malta.

**6.21.** Il-verifiki permezz tal-monitoraġġ jipprovdu osservazzjonijiet regolari tal-attività agrikola u jistgħu jintużaw biex iwissu lill-bdiewa dwar nuqqas ta' konformità potenzjali mar-regoli tal-iskema ta' pagament fi kwalunkwe ħin matul l-istaġun tat-tkabbir. Dan jipprovdi lill-bdiewa aktar opportunitajiet biex jirrettifikaw it-talbiet tagħhom qabel ma jiġu ffinalizzati.

**6.22.** Il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-approċċ il-ġdid tal-verifiki permezz tal-monitoraġġ. Fi tmiem l-2020, l-erja tal-iskemi prinċipali ta' għajnuna diretta (pagamenti bażiċi u pagamenti uniċi skont l-erja) suġġetta għal verifiki permezz tal-monitoraġġ kienet ta' 5.7 %[11].

[11] Ir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI, l-Anness 2, il-paġna 25.

## Żvilupp rurali, miżuri tas-suq u oqsma oħra ta' nfiq għal "Riżorsi Naturali": kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà aktar kumplessi jżidu r-riskju ta' żball

**6.23.** Aħna ttestjajna 104 tranżazzjonijiet taħt il-programmi tal-iżvilupp rurali, 16-il tranżazzjoni relatati ma' miżuri tas-suq, rifużjoni lil Stat Membru ta' korrezzjoni finanzjarja preċedenti taħt il-PAK mill-Kummissjoni[12], u 9 tranżazzjonijiet[13] taħt oqsma ta' nfiq barra mill-PAK. Meta mqabbel mal-pagamenti diretti, il-biċċa l-kbira mill-infiq għall-iżvilupp rurali, għall-miżuri tas-suq u għal oqsma oħra ta' politika tal-Intestatura 2 tal-QFP (inkluż ir-rimborż tal-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarji) huwa suġġett għal kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kumplessi, li jżidu r-riskju ta' żball (ara l-paragrafu ***1.18***).

**6.24.** L-***Anness 6.2*** jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-pagamenti taħt ġestjoni kondiviża li saru fl-2020 u r-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet f'dawn l-oqsma ta' riskju ogħla, għal kull Stat Membru u għar-Renju Unit.

### Żvilupp rurali

**6.25.** Għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni approvat 118-il programm tal-iżvilupp rurali fl-Istati Membri[14]. Il-programmi jinkludu 20 miżura[15] u 67 sottomiżura, li jinqasmu f'żewġ kategoriji ġenerali ta' nfiq:

(a) għajnuna għall-proġetti ta' investiment maħsuba biex jagħtu appoġġ lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'żoni rurali;

---

[12] B'segwitu għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2018, Spanja vs Il-Kummissjoni, T-459/16 u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2019, Spanja vs Il-Kummissjoni, T-237/17.

[13] Aħna awditjajna erba' tranżazzjonijiet taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, tranżazzjoni waħda relatata ma' pagament tal-għeluq għall-Fond Ewropew għas-Sajd 2007-2013, żewġ tranżazzjonijiet taħt il-Ftehimiet ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd, u żewġ tranżazzjonijiet relatati mal-programm LIFE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika.

[14] B'segwitu għad-dewmien fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-PAK ta' wara l-2020, il-programmi ġew estiżi sa tmiem l-2022. Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, il-programmi tal-iżvilupp rurali tar-Renju Unit se jibqgħu għaddejjin sakemm dawn jingħalqu fl-2023.

[15] Fl-2020 żdiedet miżura oħra biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 (ir-Regolament (UE) 2020/872 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

(b) pagamenti li jsiru lill-bdiewa abbażi tal-kriterji ambjentali u dawk relatati mal-klima applikati għall-erja agrikola jew għall-għadd ta' annimali fl-azjenda agrikola.

**6.26.** L-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet kopra pagamenti taħt 19-il programm fi 15-il Stat Membru.

**6.27.** Mill-104 tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali li ttestjajna, 87 ma kinux milquta minn żball. Minn 11-il każ fejn sibna u kkwantifikajna żbalji, 5 minnhom kellhom impatt li jaqbeż l-20 %. F'sitt pagamenti, aħna qbadna problemi ta' konformità mingħajr impatt finanzjarju.

**6.28.** Aħna eżaminajna 54 pagament għal proġetti ta' investiment, bħall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet tal-ipproċessar għall-prodotti agrikoli, l-appoġġ għal żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, il-bidu ta' negozju minn bdiewa żgħażagħ f'żona rurali, jew l-appoġġ għal servizzi bażiċi u għat-tiġdid ta' rħula f'żoni rurali.

**6.29.** Aħna sibna żbalji kwantifikati f'seba' pagamenti għal proġetti ta' investiment, li fil-biċċa l-kbira rriżultaw minn benefiċjarji li ddikjaraw infiq jew attivitajiet li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-proġett tagħhom (ara l-***Kaxxa 6.4***). F'2 każijiet l-iżball kien taħt 2 %, u f'2 każijiet oħra dan kien bejn 2 % u 20 %. Sibna wkoll 3 tranżazzjonijiet milquta minn żbalji li jaqbżu l-20 %.

### Kaxxa 6.4

### Eżempju ta' nfiq ineliġibbli fi proġett tal-iżvilupp rurali

Aħna awditjajna pagament għal proġett tal-iżvilupp rurali fil-Kroazja li appoġġa l-kultivazzjoni tat-tuta żerqa, inkluża l-installazzjoni ta' sistema ta' tisqija.

L-investimenti fit-tisqija huma eliġibbli biss għall-finanzjament mill-UE jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE li tippromwovi użu sostenibbli tal-ilma. Dawn jinkludu l-eżistenza jew l-installazzjoni ta' miter tal-ilma.

Il-benefiċjarju kien ippreżenta dokumenti li jindikaw li miter tal-ilma kien jagħmel parti mill-proġett u li l-aġenzija tal-pagamenti aċċettat in-nefqa relatata mas-sistema ta' tisqija. Madankollu, aħna sibna li l-ebda miter ma kien ġie installat, u dan jagħmel il-komponent tat-tisqija ineliġibbli għall-finanzjament mill-UE.

---

L-ewwel żborż li sar mill-Kummissjoni abbażi tal-infiq iddikjarat mill-Istati Membri taħt il-miżura l-ġdida seħħ fl-2021.

**6.30.** Aħna eżaminajna 50 pagament li kienu bbażati fuq l-erja jew l-għadd ta' annimali ddikjarati mill-bdiewa, u marbuta mar-rekwiżiti għall-konformità mal-kriterji relatati mal-ambjent u l-klima, kif ukoll mat-trattament xieraq tal-annimali. Dawn jinkludu pagamenti ta' kumpens favur bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, u pagamenti għall-issodisfar ta' *impenji agroambjentali klimatiċi* speċifiċi, jew għall-biedja organika.

**6.31.** L-aġenziji tal-pagamenti jużaw is-SIAK biex jivverifikaw l-element ibbażat fuq l-erja tat-talbiet għall-għajnuna ppreżentati mill-bdiewa taħt dawn il-miżuri, b'hekk jillimitaw ir-riskju ta' żbalji relatati mal-erja eliġibbli. Aħna sibna żewġ każijiet ta' dikjarazzjonijiet eċċessivi minuri (taħt 2 %) tal-erja eliġibbli. Madankollu, sibna 2 tranżazzjonijiet li kienu milquta minn żbalji li jaqbżu l-20 %: f'każ wieħed, il-bidwi ma kkonformax mad-densità ta' ħażna minima għall-annimali, u f'każ ieħor l-aġenzija tal-pagamenti kkalkulat b'mod skorrett il-penali għal dikjarazzjoni eċċessiva.

## Miżuri tas-suq

**6.32.** Il-miżuri tas-suq fis-settur agrikolu jiffurmaw għadd ta' skemi differenti, li huma suġġetti għal diversi kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Aħna ttestjajna 16-il tranżazzjoni u sibna 3 każijiet fejn l-aġenziji tal-pagamenti kienu rrimborżaw spejjeż ineliġibbli. Fi 2 minn dawn il-każijiet, l-iżball kien jaqbeż l-20 %. F'każ wieħed, aħna qbadna problema ta' nuqqas ta' konformità mingħajr impatt finanzjarju.

## Sajd, ambjent u azzjoni klimatika

**6.33.** Il-kriterji tal-għażla u r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għal proġetti fil-qasam tas-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika jvarjaw ukoll. Fost id-9 tranżazzjonijiet li eżaminajna, aħna sibna żball kwantifikat wieħed li rriżulta mid-dikjarazzjoni u mir-rimborż ta' nfiq ineliġibbli. F'erba' każijiet, aħna qbadna problemi ta' konformità mingħajr impatt finanzjarju.

# Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

## Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI, dwar ir-regolarità tal-infiq taħt il-PAK

**6.34.** Id-direttur ta' kull aġenzija tal-pagamenti jipprovdi lid-DĠ AGRI dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-aġenzija tiegħu, kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tagħhom. L-Istati Membri jirrappurtaw dwar il-kontrolli amministrattivi u l-kontrolli fuq il-post ("statistika ta' kontroll") imwettqa minnhom.

**6.35.** Mill-2015 'il hawn, sabiex jipprovdu aċċertament addizzjonali, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni kienu meħtieġa jagħtu opinjoni annwali għal kull aġenzija tal-pagamenti dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq li għalih l-Istati Membri jkunu talbu rimborż.

**6.36.** Id-DĠ AGRI juża r-rati ta' żball irrappurtati fl-istatistika ta' kontroll, filwaqt li jagħmel aġġustamenti bbażati fuq ir-riżultati tal-awditi mwettqa mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni u fuq il-kontrolli proprji tiegħu tas-sistemi u l-infiq tal-aġenziji tal-pagamenti, biex jikkalkula ċifra għar-"riskju fil-waqt tal-pagament" għall-pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u l-miżuri tas-suq. L-aġġustamenti li rriżultaw mix-xogħol proprju tad-DĠ AGRI ġeneralment ikkonsistew f'ammonti b'rata fissa, billi applika sett ta' kriterji li huwa għandu biex jagħmel *korrezzjonijiet finanzjarji*, u billi fittex li jistandardizza t-trattament tiegħu tal-problemi li ġew identifikati fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri. Id-DĠ AGRI jnaqqas l-istima tiegħu ta' korrezzjonijiet finanzjarji u ta' rkupri futuri mir-"riskju fil-waqt tal-pagament" biex jistma l-"ammont finali f'riskju".

**6.37.** L-istatistika ta' kontroll irrappurtata mill-aġenziji tal-pagamenti indikat livell ta' żball li huwa ekwivalenti għal 0.9 % tal-infiq tal-PAK fl-intier tiegħu. Id-DĠ AGRI, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni x-xogħol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, ikkalkula li r-"riskju fil-waqt tal-pagament" huwa ta' madwar 1.9 % għall-infiq taħt il-PAK fl-intier tiegħu fl-2020.

## L-AMPR tal-Kummissjoni

**6.38.** Għal "Riżorsi naturali", l-istima tar-riskju fil-waqt tal-pagament, imwettqa mill-Kummissjoni u ppreżentata fl-AMPR tagħha, hija ta' 1.9 %.

## Politiki u proċeduri kontra l-frodi fir-rigward tal-PAK

**6.39.** L-aġenziji tal-pagamenti huma meħtieġa li jkollhom fis-seħħ sistemi għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi, u l-Kummissjoni trid tikseb aċċertament raġonevoli dwar l-operat ta' dawn is-sistemi. Fir-Rapport Annwali 2019 tagħna, aħna identifikajna xi dgħufijiet fil-politiki u fil-proċeduri kontra l-frodi fir-rigward tal-PAK, u għamilna rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati l-problemi[16]. Fl-2021, aħna wettaqna awditu tal-prestazzjoni fir-rigward tal-miżuri, tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, kontra l-frodi fil-PAK. Sa tmiem din is-sena, qed nippjanaw li nippubblikaw rapport speċjali dwar din il-problema, li jkopri wkoll il-problema relatata tal-"ħtif tal-art".

[16] Il-paragrafi 6.34 sa 6.41 u l-paragrafu 6.44 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**6.40.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Riżorsi naturali" kien qrib is-soll ta' materjalità. Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet indika li l-livell kumplessiv ta' żball stmat kien ta' 2.0 % (ara l-***Anness 6.1***).

**6.41.** Ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta' żball ma kienx materjali għall-pagamenti diretti, li jirrappreżentaw 69 % tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP, u li, meħud fl-intier tiegħu, kien materjali għall-oqsma ta' nfiq li konna identifikajna bħala li huma ta' riskju ogħla (l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika), li jirrappreżentaw 31 % tal-infiq.

## Rakkomandazzjonijiet

**6.42.** L-***Anness 6.3*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 4 li għamilna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna, li d-data mmirata għall-implimentazzjoni tagħha kienet fl-2020[17]. Il-Kummissjoni kienet implimentat ir-rakkomandazzjoni bis-sħiħ.

[17] Aħna għamilna tliet rakkomandazzjonijiet oħra fl-2017, li wettaqna segwitu għalihom fl-Anness 6.3 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

# Annessi

## Anness 6.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet | 218 | 251 |
| **IMPATT STMAT TA’ ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta’ żball stmat | 2.0 % | 1.9 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 3.0 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 1.0 % | |

# Anness 6.2 – Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri u fir-Renju Unit

**Pagamenti u riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet fl-2020 għal kull Stat Membru u r-Renju Unit għall-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq u s-sajd taħt ġestjoni kondiviża**

(EUR miljun)

| Stati Membri | Total tal-pagamenti | Żvilupp rurali | Miżuri tas-Suq | Sajd | Tranżazzjonijiet awditjati | Żbalji kkwantifikati |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Franza** | **2 555** | 1 934 | 551 | 70 | **13** | **1** |
| **L-Italja** | **2 294** | 1 526 | 678 | 90 | **12** | **3** |
| **Spanja** | **1 960** | 1 222 | 600 | 138 | **12** | **2** |
| **Il-Ġermanja** | **1 502** | 1 356 | 117 | 29 | **6** | - |
| **Il-Polonja** | **1 342** | 1 206 | 38 | 98 | **13** | **1** |
| **Ir-Rumanija** | **1 243** | 1 151 | 66 | 26 | **12** | **1** |
| **Ir-Renju Unit** | **837** | 767 | 41 | 29 | **10** | - |
| **Il-Portugall** | **744** | 580 | 108 | 56 | **10** | **1** |
| **Il-Greċja** | **628** | 528 | 59 | 41 | - | - |
| **L-Ungerija** | **613** | 565 | 40 | 8 | **4** | - |
| **L-Awstrija** | **596** | 573 | 22 | 1 | **8** | **2** |
| **Iċ-Ċekja** | **425** | 404 | 17 | 4 | - | - |
| **L-Irlanda** | **417** | 334 | 59 | 24 | **4** | **1** |
| **Il-Kroazja** | **412** | 359 | 13 | 40 | **4** | **1** |
| **L-Iżvezja** | **348** | 326 | 12 | 10 | **8** | **2** |
| **Il-Bulgarija** | **332** | 303 | 18 | 11 | - | - |
| **Il-Finlandja** | **325** | 305 | 6 | 14 | **4** | - |
| **Is-Slovakkja** | **205** | 194 | 11 | - | - | - |
| **Il-Litwanja** | **200** | 190 | 3 | 7 | - | - |
| **In-Netherlands** | **170** | 129 | 23 | 18 | **2** | - |
| **Il-Latvja** | **167** | 150 | 3 | 14 | - | - |
| **Il-Belġju** | **159** | 89 | 61 | 9 | - | - |
| **Is-Slovenja** | **135** | 126 | 7 | 2 | **4** | - |
| **Id-Danimarka** | **133** | 96 | 12 | 25 | - | - |
| **L-Estonja** | **116** | 101 | 1 | 14 | - | - |
| **Ċipru** | **33** | 22 | 6 | 5 | - | - |
| **Malta** | **21** | 18 | - | 3 | - | - |
| **Il-Lussemburgu** | **15** | 14 | 1 | - | - | - |

**Stati Membri bi tranżazzjonijiet awditjati**



*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

# Anness 6.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| **2017** | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 4:**<br>Timmonitorja l-progress li sar mill-aġenziji tal-pagamenti fl-għoti ta' appoġġ lill-bdiewa li kienu għadhom mhumiex qed jużaw il-GSAA u tippromwovi l-aħjar prattiki, sabiex timmassimizza l-benefiċċji tas-sistema l-ġdida u tikseb l-implimentazzjoni sħiħa tagħha fi ħdan id-dati ta' skadenza regolatorji. | X | | | | | |

*Sors:* il-QEA.

# Kapitolu 7

## Sigurtà u ċittadinanza

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **7.1.-7.8.** |
| Deskrizzjoni qasira | **7.2.-7.7.** |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | **7.8.** |
| **Regolarità tat-tranżazzjonijiet** | **7.9.-7.10.** |
| **Eżaminar ta’ elementi tas-sistemi ta’ kontroll intern** | **7.11.-7.13.** |
| Rieżaminar tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta’ kontroll u l-awditi tal-infiq tagħhom | **7.11.-7.13.** |
| **Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza** | **7.14.-7.15.** |
| **Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet** | **7.16.-7.17.** |
| Konklużjoni | **7.16.** |
| Rakkomandazzjonijiet | **7.17.** |
| Anness 7.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Sigurtà u ċittadinanza” | |

# Introduzzjoni

**7.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 3 "Sigurtà u ċittadinanza" tal-QFP. Il-*Kaxxa 7.1* tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2020.

**Kaxxa 7.1**

**Intestatura 3 "Sigurtà u ċittadinanza" tal-QFP – ripartizzjoni fl-2020**



**Popolazzjoni li awditjajna għall-2020 imqabbla mal-pagamenti**




(*) Id-*data* tinkludi nfiq fuq l-oqsma ta' "konsumaturi", "ġustizzja", "drittijiet", "ugwaljanza u ċittadinanza".

(**) Il-prefinanzjamenti jinkludu l-pagamenti relatati mal-ġestjoni kondiviża għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li ma ġewx inklużi fil-kontijiet li fuqhom huma bbażati l-pakketti ta' aċċertament li l-Kummissjoni kienet aċċettat fl-2020.

(***) L-approvazzjonijiet ta' prefinanzjamenti huma f'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***11***).

*Sors:* il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

## Deskrizzjoni qasira

**7.2.** Din l-intestatura tkopri firxa ta' politiki li l-objettiv komuni tagħhom huwa li jissaħħaħ il-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea billi tinħoloq żona ta' libertà, ġustizzja u sigurtà mingħajr fruntieri interni.

**7.3.** Kif jidher fil-*Kaxxa 7.1*, il-qasam l-aktar sinifikanti ta’ nfiq jikkonċerna l-Istrument għall-Appoġġ ta’ Emerġenza (ESI). Huwa twaqqaf f’April 2020[1] biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 billi jiffinanzja, fost affarijiet oħra, it-trasferiment u t-trasport transfruntier tal-pazjenti, tal-persunal mediku u tal-oġġetti mediċi essenzjali; ir-riċerka dwar l-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ vaċċini u trattamenti; u l-iżvilupp, ix-xiri u d-distribuzzjoni tal-provvisti tal-ittestjar.

**7.4.** Il-migrazzjoni u sigurtà wkoll jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-intestatura tal-baġit. L-infiq f'dan il-qasam jirriżulta minn żewġ fondi – il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), u l-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI). Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira tal-finanzjament mill-AMIF u l-FSI hija kondiviża bejn l-Istati Membri (jew il-pajjiżi assoċjati) u d-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) tal-Kummissjoni. L-objettiv tal-AMIF[2] huwa li jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji u li jwassal għal approċċ komuni fil-livell tal-UE f’dak li jirrigwarda l-ażil u l-immigrazzjoni. L-għan kumplessiv tal-FSI huwa li jiżgura s-sigurtà fl-UE, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu u jiġu rrispettati l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa jopera permezz ta’ żewġ strumenti[3]: FSI - Fruntieri u Viżi u FSI - Pulizija.

**7.5.** Taħt l-arranġament ta’ ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri jimplimentaw programmi nazzjonali pluriennali tal-AMIF u l-FSI li kienu approvati mill-Kummissjoni. Sitt snin wara l-bidu tal-perjodu ta’ programmazzjoni ta’ seba’ snin, l-Istati Membri reġgħu tejbu l-programmi nazzjonali tagħhom. Minkejja dan, hemm ammonti sinifikanti li għadhom ma ġewx żborzati, u l-pressjoni fuq l-awtoritajiet nazzjonali tista’ tkompli tiżdied aktar hekk kif il-programmi joqorbu lejn l-għeluq tagħhom. Il-*Kaxxa 7.2* tagħti sommarju tal-infiq li l-Istati Membri rrappurtaw lill-Kummissjoni għar-rimborż minn meta beda l-perjodu ta’ programmazzjoni.

---

[1] Ara ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/521 tal-14 ta’ April 2020 li jattiva l-appoġġ ta’ emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2016/369 u li jemenda d-dispożizzjonijiet tiegħu filwaqt li jqis it-tifqigħa tal-COVID-19.

[2] Ara r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

[3] Ara r-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, u r-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji.

### Kaxxa 7.2

L-infiq fuq il-programmi nazzjonali taħt l-AMIF u l-FSI aċċellera, iżda għad fadal ħafna mill-baġit allokat




(*) L-infiq taħt l-AMIF/FSI li jsir fil-livell tal-Istati Membri jiġi ddikjarat lill-Kummissjoni u approvat minnha fis-sena ta' wara li jkun iġġarrab. Għaldaqstant, il-kontijiet tal-Kummissjoni għall-2020 jinkludu l-infiq tal-Istati Membri mill-2019.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq id-*data* tal-Kummissjoni Ewropea (programmi nazzjonali u deċiżjonijiet ta' approvazzjoni sa tmiem l-2020)

**7.6.** Fil-każ ta' azzjonijiet tal-Unjoni taħt l-AMIF u l-FSI (azzjonjiet tranżnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-UE fl-intier tagħha), li huma mmaniġġjati direttament mid-DG HOME, ir-restrizzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19 dewmu l-attivitajiet tal-proġett. B'riżultat ta' dan, u tal-fatt li sar għadd kbir ta' pagamenti bil-quddiem fl-2019, kien hemm sinifikattivament inqas pagamenti fl-2020 milli fi snin reċenti.

**7.7.** Oqsma sinifikanti ta' nfiq oħra huma:

- il-finanzjament għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u 12-il aġenzija deċentralizzata[4] li huma attivi fl-implimentazzjoni ta' prijoritajiet ewlenin tal-UE fl-oqsma tal-migrazzjoni u s-sigurtà, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u s-saħħa;
- il-programm "Ikel u Għalf", li għandu l-għan li jiżgura s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti fl-istadji kollha tal-katina alimentari;
- "Ewropa Kreattiva", il-programm qafas tal-UE li jipprovdi appoġġ għas-settur tal-kultura u dak awdjoviżiv; u
- għadd ta' programmi li l-objettiv komuni tagħhom huwa li jissaħħaħ il-qasam ta' sigurtà u ċittadinanza fl-UE billi jkun hemm fokus fuq l-oqsma ta' ġustizzja, konsumaturi, il-protezzjoni ċivili, jew drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**7.8.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2020:

(a) kampjun ta' 27 tranżazzjoni, li kien maħsub biex jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva tagħna aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Għalhekk, ma stajniex nagħmlu stima tar-rata ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP. Il-kampjun kien jikkonsisti f'14-il tranżazzjoni taħt "ġestjoni kondiviża" mal-Istati Membri[5] (żewġ tranżazzjonijiet għal kull Stat Membru), 8 taħt "ġestjoni diretta" u 2 taħt "ġestjoni indiretta" mill-Kummissjoni, kif ukoll 3 li kienu jinvolvu l-approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem lil aġenziji.

[4] Saħħa: ECDC, EFSA, EMA. Affarijiet Interni: EASO, Frontex, EMCDDA , Europol, CEPOL, eu-LISA. Ġustizzja: EIGE, Eurojust, FRA. Ir-rapporti annwali speċifiċi, li jinkludu l-opinjoni tagħna dwar il-legalità u r-regolarità ta' kull waħda mill-operazzjonijiet ta' dawn l-aġenziji, jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-QEA.

[5] Fil-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Polonja u r-Renju Unit.

(b) is-sistemi magħżula, li kienu jikkonċernaw:

(i) ir-rapporti annwali ta’ kontroll ta’ erba’ awtoritajiet tal-awditjar[6] li jakkumpanjaw il-kontijiet annwali tal-AMIF u l-FSI għall-2019, u jekk dawk ir-rapporti kinux konformi mal-leġiżlazzjoni[7];

(ii) il-ħidma tal-istess awtoritajiet tal-awditjar, u jekk l-awditi tal-infiq u l-proċeduri tagħhom għall-għoti ta’ opinjonijiet tal-awditjar kinux xierqa.

(c) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ HOME u tad-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija (DĠ CNECT), u l-inklużjoni tagħha fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni.

---

6 Fi Spanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Finlandja.

7 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1291 tas-16 ta’ Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta’ Delega (UE) Nru 1042/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-responsabbiltajiet tan-nomina u tal-ġestjoni u tal-kontroll ta’ Awtoritajiet Responsabbli u fir-rigward tal-istatus u tal-obbligi tal-Awtoritajiet tal-Awditjar.

# Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**7.9.** Mis-27 tranżazzjoni li eżaminajna, 8 (30 %) kienu milquta minn żbalji. Aħna identifikajna 4 tranżazzjonijiet bi żbalji kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati għall-baġit tal-UE. Eżempju wieħed huwa ppreżentat fil-*Kaxxa 7.3*.

### Kaxxa 7.3

### Spejjeż iddikjarati b'mod eċċessiv għat-trasport tat-tagħmir mediku

Azzjoni waħda tas-SIE li awditjajna ġiet implimentata minn dipartiment ministerjali fir-Renju Unit[8]. Hija kienet tikkonsisti fit-trasport mill-Asja (eż. iċ-Ċina, Singapore) lejn ir-Renju Unit ta' tagħmir protettiv personali għall-użu mediku bejn April u Lulju 2020 biex tiġi indirizzata l-emerġenza li nħolqot minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19. L-awtoritajiet tar-Renju Unit akkwistaw is-servizzi ta' tliet trasportaturi tal-merkanzija bl-ajru għal dan il-għan, billi użaw proċeduri ta' akkwist ta' emerġenza (proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel).

Aħna awditjajna wieħed minn dawn il-kuntratti, li żied il-kapaċità ta' merkanzija għal aktar minn dik li kienet diġà disponibbli taħt kuntratt eżistenti, iżda l-awtoritajiet tar-Renju Unit naqsu milli jipprovdu dokumenti tal-akkwist ewlenin. Għalhekk ma stajniex nivverifikaw jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit kinux verament wettqu proċedura ta' akkwist f'dan il-każ. Fin-nuqqas ta' evidenza li juru l-kuntrarju, aħna nqisu li l-kuntratt ingħata direttament lit-trasportatur. Għalhekk l-ispejjeż tat-trasport koperti minn dan il-kuntratt kienu ineliġibbli għall-finanzjament mill-UE.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet tar-Renju Unit applikaw rata tal-kambju skorretta meta kkonvertew l-ispejjeż tat-trasport ta' trasportatur wieħed minn dollari għal euro. Dan irriżulta f'dikjarazzjoni eċċessiva ta' 20 % tal-ispejjeż tal-proġett għal dak it-trasportatur.

L-awtoritajiet tar-Renju Unit talbu wkoll l-ispejjeż għal titjira li fil-fatt kienet ġiet ikkanċellata u għalhekk kienet ineliġibbli għall-finanzjament.

B'mod ġenerali, l-ispejjeż totali tal-proġett ippreżentati lil DĠ ECHO kienu ddikjarati b'mod eċċessiv b'30 %. Għalkemm l-awtoritajiet tar-Renju Unit ippreżentaw ċertifikat tal-awditjar biex jakkumpanja t-talba dwar l-ispejjeż, l-iżbalji li sibna ma kinux inqabdu mill-awditur estern indipendenti. Barra minn hekk, il-kontrolli mwettqa mid-DĠ ECHO qabel ma sar il-pagament ma żvelawx l-iżbalji kollha li kien hemm fit-talba dwar l-ispejjeż iċċertifikata.

---

[8] Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, b'xi eċċezzjonijiet, id-dritt tal-UE kien "applikabbli għar-Renju Unit u fih" matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Ir-Renju Unit għalhekk kien intitolat għal finanzjament mill-UE sal-aħħar tal-2020.

**7.10.** Aħna sibna wkoll erba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, iżda li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE. Dawn kienu relatati mal-għażla tal-proġetti u l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist, il-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni mhux kompleta li tappoġġa t-talba dwar l-ispejjeż, u l-funzjonament difettuż ta' sistema tal-IT (żball sistemiku). In-nuqqas ta' osservanza tar-regoli jista' jdgħajjef il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-infiq tal-UE u jista' potenzjalment jaffettwa l-eliġibbiltà tal-ispejjeż mitluba. Il-*Kaxxa 7.4* tippreżenta eżempji ta' nuqqas bħal dan.

**Kaxxa 7.4**

**Id-dokumentazzjoni tas-servizzi pprovduti lil minorenni mhux akkumpanjati mhijiex dejjem sodisfaċenti**

Fil-Greċja, aħna awditjajna proġett iffinanzjat mill-AMIF li kien qed jiġi implimentat minn organizzazzjoni nongovernattiva (NGO). Huwa kien jikkonsisti mill-provvista ta' akkomodazzjoni u ta' servizzi oħra (ikel, prodotti tal-iġjene personali, attivitajiet ta' divertiment, konsulenza, eċċ.) lil minorenni mhux akkumpanjati f'postijiet ta' kenn li jinsabu f'erba' rħula Griegi. L-NGO irċeviet finanzjament ibbażat fuq spiża unitarja standard ta' kuljum għal kull minorenni mhux akkumpanjat.

Ir-regoli interni tal-postijiet ta' kenn ma kinux jinkludu indikaturi ċari dwar kif l-NGO kellu juri li ċerti servizzi koperti mill-ispiża unitarja standard (eż. is-superviżjoni, l-organizzazzjoni tal-attivitajiet, it-tindif, l-ikel) kienu ngħataw u li kienu ta' kwalità suffiċjenti. Għalhekk l-NGO ma setax juri li kien verament ipprovda dawn is-servizzi fuq livell xieraq. Problema oħra kienet li ż-żagħżagħ baqgħu joqgħodu fil-postijiet ta' kenn mingħajr ġustifikazzjoni xierqa (eż. tagħlim, problemi tas-saħħa) wara li laħqu l-età adulta.

# Eżaminar ta’ elementi tas-sistemi ta’ kontroll intern

## Rieżaminar tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta’ kontroll u l-awditi tal-infiq tagħhom

**7.11.** Aħna rrieżaminajna x-xogħol li sar minn erba’ awtoritajiet li huma responsabbli kemm mill-awditjar tal-kontijiet annwali tal-AMIF/FSI tal-Istati Membri rispettivi tagħhom[9] kif ukoll mill-għoti ta’ rapport annwali ta’ kontroll (RAK) lill-Kummissjoni. L-iskop tagħna kien li nivvalutaw jekk dawn l-awtoritajiet tal-awditjar kinux:

(a) koprew t-tipi kollha ta’ pagamenti li saru mill-korpi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-fondi,

(b) użaw metodu tal-kampjunar li kien xieraq,

(c) ikkampjunaw biżżejjed tranżazzjonijiet biex jinsiltu konklużjonijiet dwar il-popolazzjoni totali,

(d) ikkalkulaw ir-rata ta’ żball b’mod korrett[10], u

(e) stabbilew proċeduri adegwati sabiex tingħata opinjoni affidabbli tal-awditi u għat-tħejjija tar-rapporti[11].

**7.12.** L-awtoritajiet tal-awditjar kollha li eżaminajna kienu żviluppaw u implimentaw proċeduri dettaljati u ta’ kwalità suffiċjenti biex jirrappurtaw dwar ix-xogħol tagħhom fir-RAK. Aħna identifikajna xi nuqqasijiet, li l-impatt tagħhom fuq il-kontijiet ma kienx materjali biżżejjed biex inaqqas mill-konklużjonijiet tal-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni kienet diġà identifikat uħud minn dawn in-nuqqasijiet fil-

---

[9] Il-Lussemburgu u l-Awstrija għall-AMIF; Spanja u l-Finlandja għall-FSI.

[10] Kif meħtieġ mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1291.

[11] F’konformità mar-Rekwiżit Prinċipali 14 tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll – ara l-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (EU) 2017/646 tal-5 ta’ April 2017 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-implimentazzjoni għall-ikklerjar tal-proċedura ta' kontijiet u fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-ikklerjar tal-konformità.

valutazzjoni tar-RAK tagħha għas-sena finanzjarja 2019. Aħna nippreżentaw is-sejbiet tagħna fil-*Kaxxa 7.5*.

## Kaxxa 7.5

## Nuqqasijiet fir-rapporti annwali ta' kontroll

| Nuqqasijiet | Stat Membru tal-awtorità tal-awditjar | Impatt potenzjali |
| --- | --- | --- |
| Problemi fil-kampjunar: l-unità tal-kampjunar mhijiex definita b'mod ċar, ftit wisq elementi fil-kampjun tal-awditjar. | Il-Lussemburgu | Ix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar jipprovdi aċċertament limitat<br>Id-*data* rrappurtata mhijiex affidabbli |
| L-awtorità responsabbli ppreżentat l-abbozz ta' kontijiet lill-awtorità tal-awditjar qabel ikkompletat il-kontrolli fuq il-post proprji tagħha, u qabel inkludiet il-pagamenti għall-assistenza teknika. Dan ippreżenta riskju li l-awtorità tal-awditjar twettaq l-awditi tagħha fuq is-sett żbaljat ta' kontijiet.<br>Ir-RAK spjega parzjalment biss id-differenzi bejn l-abbozz ta' kontijiet u l-kontijiet finali. | Spanja | |
| Ir-rati ta' żball ġew ikkalkulati u ppreżentati b'mod mhux preċiż fil-korp tar-RAK. | L-Awstrija | |
| Il-valur u l-kopertura tal-kampjun tal-awditjar ġew irrappurtati b'mod skorrett. | L-Awstrija | |
| Ir-RAK ma rrappurtax b'mod xieraq ir-riżultati tal-awditi tal-infiq u tas-sistemi jew il-livell kumplessiv tal-aċċertament.<br>Nuqqas ta' rappurtar li xi xogħol tal-awditjar ġie esternalizzat. | Il-Lussemburgu | |

**7.13.** Aħna għażilna 23 fajl tal-awditjar mill-istess 4 awtoritajiet tal-awditjar. Ma rġajniex wettaqna bis-sħiħ ix-xogħol tal-awditjar tagħhom, iżda użajna l-fajls biex nivverifikaw li l-proċeduri tal-awditjar kienu xierqa u kienu jkopru l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-regolamenti dwar l-AMIF/FSI[12]. B'mod ġenerali, aħna sibna li l-awtoritajiet tal-awditjar kellhom programmi tal-awditjar dettaljati u użaw listi ta' kontroll biex jappoġġaw il-konklużjonijiet tagħhom. Madankollu, identifikajna wkoll in-nuqqasijiet ippreżentati fil-*Kaxxa 7.6*.

## Kaxxa 7.6

## Nuqqasijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

<table>
<tr><th>Nuqqasijiet</th><th>Stat Membru tal-awtorità tal-awditjar</th><th>Impatt potenzjali</th></tr>
<tr><td>Il-proċess tal-għażla tal-proġett ma ġiex ivverifikat kif xieraq.</td><td>Il-Lussemburgu</td><td rowspan="6">Ma nqabdux każijiet ta' nfiq ineliġibbli<br>Il-konklużjonijiet tal-awditjar mhumiex affidabbli<br>Ix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar jipprovdi aċċertament limitat</td></tr>
<tr><td>Ittestjar mhux adegwat tal-eliġibbiltà tan-nefqa.</td><td>Il-Lussemburgu</td></tr>
<tr><td>Rendikont tal-entrati insuffiċjenti jew dokumentazzjoni mhux sodisfaċenti tax-xogħol tal-awditjar.</td><td>Spanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Finlandja</td></tr>
<tr><td>Fejn ġew identifikati, l-ispejjeż ineliġibbli mhux dejjem ġew irrappurtati.</td><td>Il-Lussemburgu</td></tr>
<tr><td>Xi kwistjonijiet relatati mal-akkwist ġew ikklassifikati b'mod żbaljat.</td><td>Il-Finlandja</td></tr>
<tr><td>Rieżaminar mhux adegwat tax-xogħol tal-awditjar esternalizzat.</td><td>Il-Lussemburgu</td></tr>
</table>

[12] Ara r-Rekwiżit Prinċipali 12 fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/646.

# Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

**7.14.** Aħna rrieżaminajna r-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ HOME u d-DĠ CNECT[13] u ma sibna l-ebda informazzjoni li għandha mnejn tikkontradixxi s-sejbiet tagħna. Madankollu, il-kampjun limitat tagħna għall-2020 (27 tranżazzjoni) mhuwiex suffiċjenti biex inkunu nistgħu nqabblu r-riżultati tal-awditjar tagħna mal-informazzjoni dwar ir-regolarità tal-infiq, li ġiet irrappurtata miż-żewġ DĠ.

**7.15.** Aħna rrieżaminajna l-istimi li ġew prodotti mid-DĠ HOME u d-DĠ CNECT, kemm għar-riskji fil-waqt tal-pagament kif ukoll għal dawk fil-waqt tal-għeluq. Aħna sibna li dawn ġew ikkalkulati skont il-metodoloġija interna u li ġew irrappurtati b'mod korrett fl-AMPR.

[13] Fil-każ tad-DĠ CNECT, irrieżaminajna biss l-informazzjoni li ngħatat fuq l-infiq ta' "Ewropa Kreattiva".

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**7.16.** Il-kampjun ta' tranżazzjonijiet kien maħsub biex jgħinna niffurmaw opinjoni dwar l-infiq għall-2020 mill-baġit fl-intier tiegħu aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-Intestatura 3 "Sigurtà u ċittadinanza" tal-QFP. Ma awditjajniex biżżejjed tranżazzjonijiet biex nistmaw il-livell ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP (ara l-paragrafu ***7.8***). Minkejja dan, l-eżaminar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u tas-sistemi ġibed l-attenzjoni għal żewġ oqsma fejn jista' jsir titjib (ara l-paragrafi ***7.9*** u ***7.10***).

## Rakkomandazzjonijiet

**7.17.** L-***Anness 7.1*** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna. Minn dak iż-żmien 'il hawn il-Kummissjoni implimentat iż-żewġ rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ. Aħna rrieżaminajna wkoll ir-rakkomandazzjoni li konna għamilna fir-Rapport Annwali 2018 tagħna, li kienet immirata għall-implimentazzjoni matul l-2020 u ġiet implimentata bis-sħiħ. Ibbażat fuq din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2020, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

### Rakkomandazzjoni 7.1 – Eliġibbiltà tal-ispejjeż tal-proġett SIE

Tivverifika bir-reqqa l-eliġibbiltà tal-ispejjeż ippreżentati mill-benefiċjarji tal-azzjonijiet SIE - b'mod partikolari r-regolarità tal-proċedura ta' akkwist.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021**

## Rakkomandazzjoni 7.2 – Dokumentazzjoni fejn il-finanzjament huwa bbażat fuq l-ispejjeż unitarji standard

Tipprovdi gwida għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-fondi tad-DĠ HOME, kemm fil-QFP 2014-2020 kif ukoll fil-QFP 2021-2027, dwar id-dokumentazzjoni tal-kompletezza u l-kwalità tas-servizzi fejn il-finanzjament huwa bbażat fuq l-ispejjeż unitarji standard.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2022**

# Anness 7.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Sigurtà u ċittadinanza"

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| 2017 | Jenħtieġ li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 1:** tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar l-użu ta' fondi tal-UE skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-linji gwida tal-AMIF/FSI jispeċifikaw li, meta l-korpi pubbliċi jimplimentaw l-azzjonijiet tal-UE, il-kofinanzjament mill-UE ma jistax jaqbeż l-infiq eliġibbli totali eskluż il-VAT. | X[14] | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** tirrikjedi li l-Istati Membri, fil-kontijiet annwali tal-programmi nazzjonali tagħhom taħt l-AMIF u l-FSI, jisseparaw l-ammonti li jirrappurtaw skont jekk dawn ikunux irkupri, prefinanzjamenti jew infiq li verament ikun iġġarrab; u, fir-RAA tagħha mill-2018 'il quddiem, tirrapporta l-infiq reali minn kull fond. | X[15] | | | | | |

[14] F'Awwissu 2019 u f'Lulju 2020, il-Kummissjoni bagħtet komunikazzjonijiet biex tfakkar lill-Istati Membri dwar ir-regoli ta' eliġibbiltà tal-VAT.

[15] Il-Kummissjoni biddlet il-mudell għall-kontijiet annwali tal-AMIF/FSI biex tieħu kont tar-rekwiżiti tagħna.

<table>
<tr><th rowspan="3">Sena</th><th rowspan="3">Rakkomandazzjoni tal-QEA</th><th colspan="6">Analiżi mill-QEA tal-progress li sar</th></tr>
<tr><th rowspan="2">Implimentata bis-sħiħ</th><th colspan="2">Qed tiġi implimentata</th><th rowspan="2">Mhux implimentata</th><th rowspan="2">Mhux applikabbli</th><th rowspan="2">Evidenza insuffiċjenti</th></tr>
<tr><th>Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti</th><th>F'xi wħud mill-aspetti</th></tr>
<tr><td>2018</td><td>Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tiżgura li, meta tkun qed twettaq kontrolli amministrattivi tat-talbiet għall-pagament, tuża b'mod sistematiku d-dokumentazzjoni li hija tkun talbet lill-benefiċjarji tal-għotjiet tagħha biex jipprovdu, sabiex teżamina b'mod xieraq il-legalità u r-regolarità tal-proċeduri ta' akkwist li dawn il-benefiċjarji jkunu organizzaw.<br>Jenħtieġ ukoll li, meta tkun qed twettaq kontrolli amministrattivi tat-talbiet għall-pagamenti li jkunu twettqu mill-benefiċjarji tal-fondi, il-Kummissjoni tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-programmi nazzjonali taħt l-AMIF u l-FSI biex jivverifikaw b'mod adegwat il-legalità u r-regolarità tal-proċeduri ta' akkwist li l-istess benefiċjarji jkunu organizzaw.<br>Data mmirata għall-implimentazzjoni: matul l-2020.</td><td>X[16]</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
</table>

*Sors:* il-QEA

[16] Il-Kummissjoni aġġornat l-istrateġija ta' kontroll tagħha u żiedet is-sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mal-akkwist.

# Kapitolu 8

## Ewropa Globali

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **8.1.-8.5.** |
| Deskrizzjoni qasira | **8.2.-8.4.** |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | **8.5.** |
| **Regolarità tat-tranżazzjonijiet** | **8.6.-8.14.** |
| **Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza** | **8.15.-8.29.** |
| Rapport annwali tal-attività tal-FPI | **8.15.-8.18.** |
| L-istudju tal-2020 dwar ir-RER imwettaq mid-DĠ NEAR | **8.19.-8.28.** |
| Rapport annwali tal-attività u studju dwar ir-RER tad-DĠ INTPA | **8.29.** |
| **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet** | **8.30.-8.32.** |
| Konklużjoni | **8.30.** |
| Rakkomandazzjonijiet | **8.31.-8.32.** |
| **Annessi** | |
| Anness 8.1 – Pagamenti mid-DĠ NEAR u d-DĠ INTPA skont id-delegazzjoni | |
| Anness 8.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti | |

# Introduzzjoni

**8.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-QFP. Il-*Kaxxa 8.1* tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2020.

## Kaxxa 8.1

## Intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-QFP – ripartizzjoni fl-2020



**Popolazzjoni li awditjajna għall-2020 imqabbla mal-pagamenti**




(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***11***).

*Sors:* il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

## Deskrizzjoni qasira

**8.2.** "Ewropa Globali" tkopri n-nefqa fuq l-azzjoni esterna kollha (politika barranija) iffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-UE. Dawn il-politiki għandhom l-għan li:

— jippromwovu l-valuri tal-UE lil hinn mit-territorju tagħha, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali;

— jindirizzaw l-isfidi globali ewlenin, bħat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità;

— iżidu l-impatt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, bl-għan li jgħinu biex jinqered il-faqar u jippromwovu l-prosperità;

— irawmu l-istabbiltà u s-sigurtà fil-pajjiżi kandidati u f'dawk tal-viċinat;

— isaħħu s-solidarjetà Ewropea wara li jkunu seħħew diżastri naturali jew diżastri kkawżati mill-bniedem;

— itejbu l-prevenzjoni ta' kriżijiet u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti, jippreżervaw il-paċi, isaħħu s-sigurtà internazzjonali u jippromwovu l-kooperazzjoni internazzjonali;

— jippromwovu l-interessi tal-UE u dawk reċiproċi f'pajjiżi barranin billi jappoġġaw id-dimensjoni esterna tal-politiki tal-UE.

**8.3.** Id-direttorati ġenerali u s-servizzi prinċipali li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit għall-azzjoni esterna huma d-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA)[1], id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR), id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO), id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI).

**8.4.** Fl-2020, il-pagamenti għal "Ewropa Globali" ammontaw għal EUR 11.4 biljun[2] u ġew żborżati bl-użu ta' bosta strumenti (ara l-***Kaxxa 8.1***) u metodi ta' twassil bħal pereżempju kuntratti ta' xogħlijiet/provvisti/servizzi, għotjiet, self speċjali, garanziji ta' self u assistenza finanzjarja, appoġġ baġitarju u forom immirati oħra ta' għajnuna baġitarja f'iktar minn 150 pajjiż (ara l-***Anness 8.1***).

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**8.5.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2020:

(a) kampjun ta' 75 tranżazzjoni, li kien maħsub biex jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva tagħna aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Għalhekk, ma stajniex nagħmlu stima tar-rata ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP. Aħna kkampjunajna 32 tranżazzjoni tad-DĠ NEAR, 14 tad-DĠ INTPA, 13 tad-DĠ ECHO, 10 tal-FPI u 6 tranżazzjonijiet oħra.

(b) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ NEAR u tad-DĠ INTPA, u mbagħad inkluża fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni.

---

[1] Li qabel kien id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DĠ DEVCO).

[2] Implimentazzjoni finali tal-pagamenti, inkluż id-dħul assenjat.

# Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**8.6.** Mill-75 tranżazzjoni li eżaminajna, 28 (37.3 %) kienu milquta minn żbalji. Aħna identifikajna 17-il żball kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati għall-baġit tal-UE. Sibna wkoll 11-il każ fejn kien hemm nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji.

**8.7.** Il-kategoriji ġenerali tas-sejbiet għal "Ewropa Globali" huma l-ispejjeż ineliġibbli, l-ispejjeż mhux imġarrba, l-iżbalji fl-akkwist pubbliku u n-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn. Il-***Kaxxa 8.2*** tippreżenta eżempji ta' żbalji li kkwantifikajna. Il-***Kaxxa 8.3*** turi eżempju ta' ftehimiet ta' delega u ta' għotja li ma kinux ġew implimentati kif xieraq. F'dan il-każ, ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat l-ammont ineliġibbli eżatt.

## Kaxxa 8.2

### Provvisti li ma ntużawx għall-azzjoni ffinanzjata

DĠ NEAR

Aħna awditjajna l-infiq mitlub minn benefiċjarju taħt kuntratt ta' għotja ffirmat f'Ottubru 2016 mal-Kummissjoni. L-azzjoni kienet immirata biex ittejjeb is-saħħa tar-refuġjati taħt il-protezzjoni tal-pajjiż benefiċjarju, inkluż permezz tat-tilqim. L-għotja kienet iffinanzjata kollha kemm hi mill-baġit tal-UE u, mill-ispejjeż totali stmati tagħha ta' EUR 300 miljun, it-tagħmir u l-provvisti kienu jirrappreżentaw 47 % jew EUR 142 miljun. Sabiex jimplimenta l-kuntratt ta' għotja, il-benefiċjarju ffirma kuntratt ma' fornitur mediku f'Diċembru 2017 biex jakkwista l-vaċċini.

Għall-infiq li ġie rimborżat mill-Kummissjoni qabel ma seħħ il-kuntratt mal-fornitur mediku, aħna ma ngħatajniex evidenza b'rabta mal-akkwist, l-ispiża reali u l-għadd ta' dożi tal-vaċċin li ngħataw. B'mod ġenerali, aħna qisna li EUR 4.4 miljun tal-infiq kienu ineliġibbli.

### Spejjeż ineliġibbli fit-talba dwar l-ispejjeż

DĠ NEAR

Aħna awditjajna l-infiq mitlub minn benefiċjarju taħt kuntratt ta' għotja ffirmat mal-Kummissjoni. L-azzjoni ffinanzjata mill-għotja kienet immirata biex issaħħaħ il-komunitajiet lokali fil-pajjiż benefiċjarju biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tal-persuni Rom. Il-Kummissjoni ffinanzjat l-għotja ta' EUR 4 miljun kollha kemm hi mill-baġit tal-UE.

Aħna eżaminajna d-dokumenti ta' sostenn u sibna li l-Kummissjoni kienet approvat pagamenti bil-quddiem għar-rimborż b'valur ta' EUR 269 531, minkejja li l-benefiċjarju ma kien wettaq l-ebda attività korrispondenti. Il-Kummissjoni kienet aċċettat darbtejn ukoll talba dwar l-ispejjeż li kienet tammonta għal EUR 270 537. B'mod kumplessiv, aħna qisna li 64 % tal-ammont awditjat kien ineliġibbli.

### Kaxxa 8.3

### Allokazzjoni tal-ispejjeż kondiviżi mhux ibbażata fuq l-infiq realment imġarrab

DĠ ECHO

Parti mill-infiq li awditjajna kienet relatata ma’ 4 ftehimiet ta' għotja speċifiċi u ftehim ta’ delega wieħed bi spiża totali stmata ta’ EUR 11.2 miljun.

Xi ftit mill-infiq li awditjajna kien jikkonċerna l-ispejjeż kondiviżi bejn il-proġett iffinanzjat mill-UE u l-organizzazzjonijiet sħab. Il-ftehimiet iddikjaraw li dawn l-ispejjeż jenħtieġ li jiġu kkondiviżi fuq il-bażi tal-infiq realment imġarrab. Aħna eżaminajna l-politiki ta’ allokazzjoni tal-ispejjeż u d-dokumenti ta’ sostenn tal-organizzazzjonijiet sħab, li wrew li huma kienu bbażaw l-allokazzjoni tal-ispejjeż tagħhom fuq l-ammonti tal-baġit jew fuq l-ammonti stmati.

Pereżempju, f’każ wieħed l-ispejjeż tal-elettriku għal uffiċċju lokali ma ġewx ikkalkulati fuq il-bażi tal-infiq realment imġarrab iżda bħala proporzjon tal-baġit disponibbli għal kull kuntratt. F’każ ieħor, l-allokazzjoni tal-ispejjeż għar-rinnovazzjoni ta’ maħżen ta’ uffiċċju, l-operat tal-vetturi u l-kera wkoll kienet ibbażata fuq il-baġit disponibbli li kien jifdal kull xahar biex ikopri t-tipi differenti ta’ spejjeż komuni. Madankollu, ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat l-impatt finanzjarju eżatt.

Dan l-approċċ ta’ allokazzjoni tal-ispejjeż jikser il-kundizzjonijiet tal-ftehim.

**8.8.** Fl-eżaminar ta’ dawn it-tranżazzjonijiet, aħna identifikajna eżempji fejn is-sistemi ta’ kontroll intern kienu effettivi, bħal dak deskritt fil-*Kaxxa 8.4*.

### Kaxxa 8.4

### Kontrolli effettivi mill-Kummissjoni fuq it-talbiet għall-pagamenti taħt ġestjoni diretta

DĠ INTPA

L-UE, permezz ta’ kuntratt ta’ servizz ma’ ditta ta’ konsulenza internazzjonali speċjalizzata fil-politika pubblika u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, iffinanzjat azzjoni b’valur ta’ EUR 13.8 miljun biex tappoġġa assoċjazzjoni li tippromwovi l-integrazzjoni reġjonali fl-Asja.

Aħna eżaminajna l-pagament tal-Kummissjoni relatat mal-fattura maħruġa mill-konsulent taħt dan il-kuntratt ta’ servizz. Meta pproċessat it-talba għall-pagament, id-delegazzjoni lokali tal-UE identifikat spejjeż ineliġibbli b’valur ta’ EUR 35 500 li ġew irrappurtati bħala tariffi tal-esperti. Għalhekk hija talbet lill-konsulent biex joħroġ nota ta’ kreditu għal dan l-ammont u naqqset il-pagament.

Matul il-perjodu ta’ implimentazzjoni tal-kuntratt, il-Kummissjoni identifikat u rkuprat spejjeż ineliġibbli li kienu jammontaw għal aktar minn EUR 113 700. Aħna ma identifikajna l-ebda żball ulterjuri.

**8.9.** Hemm żewġ oqsma ta’ nfiq fejn it-tranżazzjonijiet huma inqas suxxettibbli għal żball minħabba l-kundizzjonijiet tal-pagament. Dawn l-oqsma huma (i) l-appoġġ baġitarju u (ara l-paragrafu *8.10*) (ii) il-proġetti implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u suġġetti għall-“approċċ nozzjonali” (ara l-paragrafu *8.12*). Fl-2020, aħna awditjajna 3 tranżazzjonijiet tal-appoġġ baġitarju u 14-il proġett immaniġġjati minn organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi 6 tranżazzjonijiet tal-approċċ nozzjonali. Ma qbadna l-ebda żball f’dawn l-oqsma.

**8.10.** L-appoġġ baġitarju huwa kontribuzzjoni għall-baġit ġenerali ta' Stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Il-pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju li ġew iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE fl-2020 ammontaw għal EUR 1.7 biljun. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx irrispettat il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju li saru favur pajjiżi sħab u jekk kinitx ivverifikat li dawn il-pajjiżi ssodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħal titjib sodisfaċenti fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku).

**8.11.** Madankollu, minħabba li hemm marġni wiesa' għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali, il-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli biex tiddeċiedi jekk il-pajjiżi sħab jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet ġenerali. L-awditu tar-regolarità li wettaqna ma jistax ikopri dak li jiġri wara l-mument meta l-Kummissjoni tħallas l-għajnuna lill-pajjiż riċevitur, peress li dawn il-fondi mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji proprji ta' dak il-pajjiż[3].

**8.12.** Taħt l-"approċċ nozzjonali", meta l-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-Kummissjoni għal proġetti ffinanzjati minn bosta donaturi jinġabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jkunux assenjati għal elementi identifikabbli u speċifiċi ta' nfiq, il-Kummissjoni tassumi li r-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE jkunu ġew irrispettati dment li l-ammont totali miġbur flimkien ikun jinkludi biżżejjed infiq eliġibbli biex ikopri l-kontribuzzjoni li ssir mill-UE. Aħna ħadna inkunsiderazzjoni dan l-approċċ fl-ittestjar sostantiv li wettaqna.

**8.13.** Fl-2020, il-pagamenti li saru mill-baġit ġenerali tal-UE favur organizzazzjonijiet internazzjonali ammontaw għal EUR 3.2 biljun. Aħna ma nistgħux ngħidu x'inhu l-proporzjon ta' dan l-ammont li għalih kien japplika l-"approċċ nozzjonali", peress li l-Kummissjoni ma timmonitorjahx separatament.

---

[3] L-effiċjenza u l-effettività tal-appoġġ baġitarju huma indirizzati f'għadd ta' rapporti speċjali tagħna, fejn dawk l-aktar reċenti huma r-Rapport Speċjali Nru 9/2019: "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk - sa issa riżultati limitati" u r-Rapport Speċjali Nru 25/2019: "Il-kwalità tad-*data* fil-qasam tal-appoġġ baġitarju: dgħufijiet f'xi indikaturi u fil-verifikazzjonijiet tal-pagament għas-segmenti varjabbli" (http://eca.europa.eu).

**8.14.** Xi organizzazzjonijiet internazzjonali[4] pprovdew biss aċċess limitat għad-dokumenti, bħal f'format li jinqara biss, li jfisser li ma stajniex nagħmlu kopji tad-dokumenti rrieżaminati. Barra minn hekk, xi organizzazzjonijiet internazzjonali kkontestaw il-mandat tagħna. Dawn il-kwistjonijiet fixklu l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-awditu tagħna u wasslu għal dewmien eċċessiv sakemm it-tim tal-awditjar irċieva d-dokumentazzjoni mitluba u wettaq xogħlu. F'każ minnhom, l-organizzazzjoni internazzjonali ħadet aktar minn tmien xhur biex tipprovdi d-dokumenti ta' sostenn mitluba. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE[5] jistabbilixxi li l-QEA għandha d-dritt li tintbagħat kull dokument jew informazzjoni meħtieġa sabiex twettaq ix-xogħol tagħha. Preċedentement aħna għamilna osservazzjonijiet relatati fir-Rapport Annwali 2018[6] u fl-Opinjoni Nru 10/2018[7] tagħna.

[4] L-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF) u l-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (IBRD).

[5] Id-dritt tal-QEA li jkollha aċċess għad-dokumentazzjoni huwa stabbilit fl-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE): "Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirċievu pagamenti mill-baġit, għandhom jgħaddu lill-Qorti tal-Awdituri, fuq talba tagħha stess, kull dokument jew informazzjoni meħtieġa sabiex twettaq ix-xogħol tagħha." (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 170).

[6] Ara l-paragrafu 9.13 fil-Kapitolu 9 "Ewropa Globali" tar-Rapport Annwali 2018 tagħna.

[7] L-Opinjoni Nru 10/2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, il-paragrafu 18.

# Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

## Rapport annwali tal-attività tal-FPI

**8.15.** Għas-sena finanzjarja 2020, aħna rrieżaminajna r-rapporti annwali tal-attività (RAA) tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI).

**8.16.** L-analiżi tagħna ffukat fuq jekk l-FPI kienx ippreżenta l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-RAA tiegħu skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u jekk kienx applika b'mod konsistenti l-metodoloġija biex jiġu stmati l-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri.

**8.17.** Mill-infiq totali aċċettat fl-2020 (EUR 730 miljun), l-FPI stma li l-ammont totali f'riskju fil-waqt tal-pagament kien ta' EUR 8.0 miljun (1.10 %). Huwa stma li l-valur tal-korrezzjonijiet li rriżultaw mill-kontrolli tiegħu fis-snin sussegwenti kien ta' EUR 3.5 miljun (43.8 % tal-ammont totali f'riskju). Dan wassal lill-Kap tal-FPI biex jiddikjara li l-esponiment finanzjarju tas-servizz kien taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %.

**8.18.** Il-Kummissjoni tista' tafda lil ċerti entitajiet bil-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit dment li jkunu kapaċi jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE f'livell għoli. F'dawn il-każijiet, ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi valutazzjoni ta' dawn l-entitajiet sabiex jiżgura li jħarsu l-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE. Dan huwa magħruf bħala l-"valutazzjoni tal-pilastri"[8]. L-FPI jrid jiżgura li l-missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) tiegħu jiġu akkreditati b'dan il-mod. Fi tmiem l-2020, 2 [9]mill-11-il missjoni tal-PSDK li kienu jinsabu għaddejjin kienu għadhom ma rċevewx valutazzjoni tal-pilastri sħiħa u pożittiva. B'mod partikolari, il-valutazzjoni tal-missjoni tal-Unjoni

---

[8] L-Artikolu 154 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ir-"Regolament Finanzjarju"), kif emendat. Ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-pilastri evolvew matul iż-żmien u ġew aġġornati fir-Regolament Finanzjarju mill-ewwel inklużjoni tagħhom fl-2002.

[9] EUBAM Libya u l-missjoni konsultattiva tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA).

Ewropea ta' assistenza fil-fruntieri (EUBAM) fil-Libja ilha għaddejja għal żmien twil[10], li jindika dgħufija potenzjali fil-kontroll intern. L-FPI ħa miżuri speċifiċi biex jimmitiga r-riskji assoċjati. Madankollu, il-valutazzjonijiet tal-pilastri huma meħtieġa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE[11].

### L-istudju tal-2020 dwar ir-RER imwettaq mid-DĠ NEAR

**8.19.** Fl-2020, id-DĠ NEAR kellu s-sitt studju tiegħu dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER) imwettaq minn kuntrattur estern f'ismu. L-iskop tal-istudju huwa li tiġi stmata r-rata ta' dawk l-iżbalji li ma nqabdux mill-kontrolli kollha ta' ġestjoni tad-DĠ NEAR għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' tali żbalji fil-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tiegħu, sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività ta' dawk il-kontrolli. Dan huwa element importanti li fuqu d-Direttur Ġenerali jibbaża d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, u li jikkontribwixxi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità fuq l-"Azzjoni Esterna" ddivulgata fl-AMPR.

**8.20.** Id-DĠ NEAR ippreżenta r-riżultati tal-istudju tal-2020 dwar ir-RER fir-RAA tiegħu[12]. L-istudju rrieżamina kampjun rappreżentattiv ta' 375 tranżazzjoni li saru taħt kuntratti li kienu ngħalqu bejn Settembru 2019 u Awwissu 2020. Ir-RER kumplessiva għad-DĠ kienet stmata li kienet ta' 1.36 %, jiġifieri taħt is-*soll ta' materjalità* ta' 2 % ssettjat mill-Kummissjoni. Ir-RER għas-sentejn preċedenti kienu ta' 0.72 % fl-2018 u 0.53 % fl-2019.

**8.21.** L-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix *inkarigu ta' aċċertament* jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mal-istudju dwar ir-RER u l-manwal ipprovdut mid-DĠ NEAR. Aħna identifikajna limitazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-istima b'mod insuffiċjenti tar-RER.

---

[10] Il-Kunsill approva l-missjoni EUBAM Libya f'Mejju 2013. Il-missjoni attwalment hija skjerata f'Tuneż minħabba s-sitwazzjoni politika fil-Libja.

[11] L-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju.

[12] Ir-rata tal-iżball residwu (RER) hija msejħa wkoll ir-"rata tal-iżball globali (idderivata mid-DĠ)" fir-RAA.

**8.22.** Fl-awditu ta’ din is-sena, aħna erġajna qbadna bosta fatturi ewlenin li ħolqu distorsjoni fir-RER. L-ewwel fattur kien li d-DĠ NEAR ma kienx stratifika l-popolazzjoni ta’ tranżazzjonijiet użati għall-kampjunar biex ikopri f’aktar dettall lil dawk l-oqsma li huma aktar suxxettibbli għal żball jew biex jiffoka inqas fuq dawk fejn huwa kkonfermat li r-riskju huwa aktar baxx[13]. It-tranżazzjonijiet tal-appoġġ baġitarju għandhom riskju baxx u fl-2020 kienu jirrappreżentaw 26 % biss (f’termini ta’ valur) tal-popolazzjoni totali tar-RER. Madankollu, kienu jirrappreżentaw 39 % (fil-valur) tal-kampjun tar-RER. Fi snin reċenti rrappreżentaw proporzjon dejjem jiżdied tal-kampjun tar-RER: 29 % fl-2018, 31 % fl-2019 u 39 % fl-2020.

**8.23.** Barra minn hekk, id-DĠ NEAR introduċa rata ta’ żball addizzjonali fl-2018 għall-għotjiet taħt ġestjoni diretta (ir-“rata tal-għotja”). Din ipprovdiet bażi addizzjonali għad-Direttur Ġenerali biex iżomm ir-riżerva li kienet saret qabel minħabba r-riskju għoli f’għotjiet bħal dawn. Ġeneralment, għall-kampjun dwar ir-RER, il-kuntrattur japplika livell ta' materjalità ta’ 2 % u livell ta’ fiduċja ta’ 95 %[14]. Għar-rata tal-għotja, madankollu, il-livell ta’ fiduċja huwa ta’ 80 %, li wassal għal stima inqas preċiża tar-rata ta' żball reali għal din il-parti tal-popolazzjoni. Dan l-approċċ ma jirriflettix ir-riskju għoli f’dan il-qasam.

**8.24.** It-tieni fattur kien li l-proporzjon ta’ tranżazzjonijiet li għalihom l-istudju dwar ir-RER iddependa kompletament jew parzjalment fuq ix-xogħol ta’ kontroll preċedenti żdied mill-2016 ’il hawn, u laħaq aktar minn 60 % fl-2020. Għal dawn it-tranżazzjonijiet, il-kuntrattur iddependa fuq xogħol preċedenti li sar bħala parti mill-qafas ta’ kontroll tad-DĠ NEAR, bħal awditi finanzjarji tal-proġetti u verifikazzjonijiet tal-infiq imwettqa minn partijiet terzi indipendenti, filwaqt li ħa kont ukoll tax-xogħol ta’ kontroll preċedenti mill-Kummissjoni. Fl-istess ħin, l-għadd totali ta’ tranżazzjonijiet irrieżaminati taħt l-istudju dwar ir-RER naqas b’aktar minn 25 %. Id-dipendenza żejda fuq xogħol ta’ kontroll preċedenti tmur kontra l-iskop tal-istudju dwar ir-RER, li huwa li jidentifika l-iżbalji li ma jkunux inqabdu minn tali kontrolli.

---

13 Ara l-Kapitolu 9 “Ewropa Globali” tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

14 Il-probabbiltà li l-livell ta’ żball fil-popolazzjoni jaqa’ fi ħdan ċertu intervall (l-“intervall ta’ fiduċja”).

**8.25.** Barra minn hekk, il-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER poġġa fiduċja fuq il-verifikazzjonijiet tal-infiq li twettqu taħt il-limitazzjonijiet stabbiliti mill-ftehim qafas finanzjarju u amministrattiv (FAFA) li ġie konkluż ma' ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan il-ftehim jillimita l-għadd ta' elementi li jistgħu jiġu vverifikati matul il-verifikazzjoni tal-infiq, kif ukoll l-aċċess għall-evidenza għall-awditjar.

**8.26.** It-tielet fattur kien il-metodu ta' stima użat mid-DĠ NEAR għar-RER. L-ewwel nett, huwa jagħti lill-kuntrattur diskrezzjoni wiesgħa biex jiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet loġistiċi u legali li huma suffiċjenti biex jipprevienu l-aċċess f'waqtu għad-dokumenti ta' tranżazzjoni u, b'hekk, l-istimar tar-rata ta' żball. It-tieni nett, il-Kummissjoni żiedet primjum tar-riskju ta' 5 % mar-rata tal-iżball residwu, kif għamlet fl-2019. Madankollu, mhuwiex ċar kif il-Kummissjoni waslet għal primjum tar-riskju ta' 5 %. Konsegwentement, dan il-metodu mhux neċessarjament jirrifletti l-iżball residwu reali għat-tranżazzjoni inkwistjoni[15].

**8.27.** Ir-raba' fattur kien l-għadd għoli ta' tranżazzjonijiet li ġew sostitwiti fil-popolazzjoni tal-kampjunar[16]. Dawn is-sostituzzjonijiet, u r-raġunijiet li ngħataw għalihom, jikkonfermaw li l-verifikazzjoni tad-*data* meħtieġa mill-manwal tal-istruzzjonijiet ma twettqitx bid-diliġenza meħtieġa f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u li l-popolazzjonijiet tad-*data* użati għall-kampjunar fil-fażijiet differenti kienu affidabbli jew korretti b'mod parzjali biss. Is-sostituzzjonijiet u l-aġġustamenti għall-popolazzjoni tal-kampjunar iwasslu għal riżultati ta' kampjunar differenti.

**8.28.** Barra minn hekk, il-qafas regolatorju li jirregola l-istudju dwar ir-RER u l-kuntratt bejn id-DĠ NEAR u l-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER ma jindirizzawx jew isemmu r-riskju ta' frodi. Ma hemm l-ebda proċedura li tirrikjedi li l-kuntrattur jirrapporta lill-Kummissjoni każijiet ta' frodi suspettata kontra l-baġit tal-UE li jkunu nqabdu matul ix-xogħol tiegħu dwar ir-RER.

### Rapport annwali tal-attività u studju dwar ir-RER tad-DĠ INTPA

**8.29.** Ir-rieżaminar tagħna tar-Rapport Annwali tal-Attività 2020 tad-DĠ INTPA u tal-istudju tiegħu dwar ir-RER huwa ppreżentat fid-dettall fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

---

[15] Fl-2020, żball kien ġie stmat b'mod parzjali f'każ wieħed.

[16] Kien hemm 36 għall-istudju tal-2020 dwar ir-RER.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**8.30.** Il-kampjun ta' tranżazzjonijiet kien maħsub biex jgħinna niffurmaw opinjoni dwar l-infiq għall-2020 mill-baġit fl-intier tiegħu aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt l-intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-QFP. Ma awditjajniex biżżejjed tranżazzjonijiet biex nistmaw il-livell ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP (ara l-paragrafu *8.5*). Minkejja dan, l-eżaminar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u tas-sistemi ġibed l-attenzjoni għal tliet oqsma fejn jista' jsir titjib (ara l-paragrafi *8.7*, *8.14* u *8.28*).

## Rakkomandazzjonijiet

**8.31.** L-*Anness 8.2* juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għall-erba' rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwal 2017 tagħna. Il-Kummissjoni kienet implimentat tliet rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li waħda ma kinitx ġiet implimentata. Aħna rrieżaminajna wkoll dawk ir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2018 u 2019 tagħna li kienu jeħtieġu implimentazzjoni immedjata jew qabel tmiem l-2020.

**8.32.** Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2020, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

### Rakkomandazzjoni 8.1 – Aċċess komplet u f'waqtu għad-dokumenti

Tieħu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-QEA aċċess komplet, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq ix-xogħol tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux biss f'format li jinqara.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021**

## Rakkomandazzjoni 8.2 – Allokazzjoni tal-ispejjeż kondiviżi, min-naħa tal-organizzazzjonijiet sħab

Tistabbilixxi proċedura biex tiżgura li l-organizzazzjonijiet sħab jibbażaw l-allokazzjoni tagħhom tal-ispejjeż kondiviżi fuq l-infiq realment imġarrab.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021**

## Rakkomandazzjoni 8.3 – Rappurtar ta' każijiet ta' frodi suspettata, mill-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER

Tistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER biex jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe frodi suspettata kontra l-baġit tal-UE li tkun inqabdet matul il-xogħol tiegħu fuq l-istudju dwar ir-RER.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2022**

# Annessi

## Anness 8.1 – Pagamenti mid-DĠ NEAR u d-DĠ INTPA skont id-delegazzjoni

**L-ogħla 5 tad-DĠ NEAR**
**(miljun EUR)**




* Din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tinftiehem bħala rikonoxximent ta' Stat Palestinjan u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.

*Sorsi:* sfond tal-mappa ©OpenStreetMap - kontributuri liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-Share Alike 2.0 (CC BY-SA) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

**L-ogħla 5 tad-DĠ INTPA**
**(miljun EUR)**




*Sorsi:* sfond tal-mappa ©OpenStreetMap - kontributuri liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-Share Alike 2.0 (CC BY-SA) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

## Anness 8.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| 2017 | Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>Mill-istudju dwar ir-RER tal-2019 'il quddiem, jipprovdi linji gwida aktar preċiżi dwar il-kontroll tal-proċeduri ta' akkwist tat-tieni livell lill-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER. | X[17] | | | | | |
| | **Rakkommandazzjoni 2:**<br>Mill-istudju dwar ir-RER tal-2019 'il quddiem, jistratifika l-popolazzjoni RER fuq il-bażi tar-riskju inerenti għall-proġetti, u jagħti aktar importanza lil għotjiet taħt ġestjoni diretta u anqas lil tranżazzjonijiet relatati mal-appoġġ baġitarju. | | | | X | | |

[17] Il-Kummissjoni inkludiet struzzjonijiet addizzjonali għall-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER dwar kif għandu jivverifika l-proċeduri ta' akkwist tat-tieni livell fil-Manwali ta' Struzzjonijiet dwar ir-RER għall-2019 u l-2020.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br>Fir-RAA 2018 u 'l quddiem, jiddivulga l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER. | X[18] | | | | | |
| | Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ DEVCO:<br>**Rakkomandazzjoni 4:**<br>Sal-2020, jirrevedi l-gwida eżistenti li tiġi pprovduta lill-benefiċjarji tal-proġetti implimentati taħt ġestjoni indiretta bl-għan li jiżgura li l-attivitajiet ippjanati jitwettqu b'mod f'waqtu u jikkontribwixxu għall-użu prattiku tal-outputs tal-proġetti, sabiex jinkiseb l-aħjar valur għall-flus. | X[19] | | | | | |
| **2018** | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>Sal-2020, tieħu passi biex tirrinforza l-obbligu fuq l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jgħaddu lill-QEA, fuq talba tagħha stess, kull dokument jew informazzjoni meħtieġa sabiex twettaq ix-xogħol tagħha, kif previst fit-TFUE. | | | X | | | |

[18] Il-Kummissjoni ddivulgat il-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER fir-RAA tal-2018 u l-2020, iżda mhux fl-2019. Hija infurmatna li n-nuqqas seħħ minħabba ommissjoni fl-editjar.

[19] Il-Kummissjoni ppreżentat tibdil għar-Regolament Finanzjarju tal-2018, aġġornat il-linji gwida u ħarġet struzzjonijiet addizzjonali bejn l-2018 u l-2021.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR:<br>**Rakkommandazzjoni 2:**<br>Sal-2020, jieħu passi biex jadatta l-metodoloġija tad-DĠ NEAR relatata mar-RER biex jillimita d-deċiżjonijiet dwar li titpoġġa fiduċja sħiħa fuq xogħol preċedenti, u jimmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħha. | X[20] | | | | | |
| | Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ ECHO:<br>**Rakkomandazzjoni 3:**<br>Jirrevedi l-kalkolu tad-DĠ ECHO tal-kapaċità korrettiva għall-2019, billi jeskludi l-irkupru ta' prefinanzjament li ma jkunx intefaq. | X[21] | | | | | |

[20] Il-Kummissjoni aġġornat il-Manwal ta' Struzzjonijiet dwar ir-RER għall-2020.

[21] Il-Kummissjoni aġġornat il-linji gwida u ħarġet struzzjonijiet addizzjonali għall-kontroll tal-kwalità bejn l-2018 u l-2020.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| **2019** | Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>Jiddivulga l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER fir-RAA 2020 tad-DĠ NEAR u fir-RAA futuri tiegħu.<br>Data mmirata għall-implimentazzjoni: saż-żmien meta jiġi ppubblikat ir-RAA li jmiss fl-ewwel tliet xhur tal-2021 | X[22] | | | | | |

*Sors:* il-QEA.

[22] Ara n-nota 19 f'qiegħ il-paġna. Il-Kummissjoni ddivulgat il-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER fir-RAA 2020.

# Kapitolu 9

## Amministrazzjoni

# Werrej

| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | 9.1.-9.5. |
| Deskrizzjoni qasira | 9.3. |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 9.4.-9.5. |
| **Regolarità tat-tranżazzjonijiet** | 9.6.-9.10. |
| Osservazzjonijiet dwar il-kampjun tat-tranżazzjonijiet | 9.7.-9.9. |
| Il-Parlament Ewropew | 9.8. |
| Il-Kummissjoni Ewropea | 9.9. |
| Osservazzjonijiet dwar sistemi ta' superviżjoni u kontroll | 9.10. |
| **Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza** | 9.11. |
| **Osservazzjonijiet dwar il-proċeduri ta’ akkwist pubbliku għall-akkwist ta’ tagħmir ta’ protezzjoni personali** | 9.12.-9.15. |
| **Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet** | 9.16.-9.18. |
| Konklużjoni | 9.16. |
| Rakkomandazzjonijiet | 9.17.-9.18. |
| **Annessi** | |
| Anness 9.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal “Amministrazzjoni” | |
| Anness 9.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti | |

# Introduzzjoni

**9.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 5 "Amministrazzjoni" tal-*QFP*. Il-***Kaxxa 9.1*** tagħti stampa ġenerali tal-infiq tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE taħt din l-intestatura fl-2020.

**Kaxxa 9.1**

**Intestatura 5 "Amministrazzjoni" tal-QFP – ripartizzjoni fl-2020**

**Pagamenti tal-2020 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni**



**Popolazzjoni li awditjajna għall-2020 imqabbla mal-pagamenti**




(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***10***).

*Sors:* il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2020.

**9.2.** Aħna noħorġu rapporti separati dwar l-aġenziji tal-UE, l-entitajiet l-oħra u dwar l-Iskejjel Ewropej[1]. Il-mandat tagħna ma jkoprix l-awditu finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## Deskrizzjoni qasira

**9.3.** In-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani, li fl-2020 kienet tirrappreżenta madwar 68 % tat-total, u fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni u teknoloġija tal-informazzjoni. Ix-xogħol li wettaqna fuq medda ta' ħafna snin jindika li dan l-infiq huwa ta' riskju baxx.

[1] Ir-rapporti annwali speċifiċi tagħna dwar l-aġenziji, l-entitajiet l-oħra u l-Iskejjel Ewropej huma ppubblikati fuq is-sit web tagħna.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**9.4.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP:

(a) kampjun ta’ 48 *tranżazzjoni*, li kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta’ nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Aħna ħadna tranżazzjonijiet minn kull istituzzjoni u korp tal-UE. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni* kumplessiva, kif deskritt fl-***Anness 1.1***;

(b) is-*sistemi ta’ superviżjoni u kontroll* tal-Kunsill u tal-Ombudsman Ewropew, inklużi l-istandards ta' kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, il-kontrolli *ex ante* u *ex post*, ir-reġistri tal-eċċezzjonijiet, is-superviżjoni tal-ġestjoni, ir-rapporti dwar l-awditjar intern u l-miżuri kontra l-frodi;

(c) l-informazzjoni dwar ir-*regolarità* fir-rapporti annwali tal-attività tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, inklużi dawk tad-Direttorati Ġenerali u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva[2], u li mbagħad ġiet inkluża fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni;

(d) il-proċeduri ta’ *akkwist pubbliku* organizzati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex jakkwistaw tagħmir ta’ protezzjoni personali (PPE) għall-persunal tagħhom.

**9.5.** L-infiq proprju tagħna jiġi awditjat minn ditta esterna[3]. Ir-riżultati tal-awditu li din wettqet tar-rapporti finanzjarji tagħna għas-sena li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2020 huma koperti mill-paragrafu ***9.7***.

---

[2] Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell u fil-Lussemburgu u d-DĠ Informatika.

[3] PricewaterhouseCoopers SRL.

# Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**9.6.** L-*Anness 9.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mit-48 tranżazzjoni li ġew eżaminati, 10 (21 %) kien fihom *żbalji*. Ibbażat fuq is-seba' żbalji li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball jinsab taħt is-*soll ta' materjalità*.

## Osservazzjonijiet dwar il-kampjun tat-tranżazzjonijiet

**9.7.** Il-kwistjonijiet diskussi fil-paragrafi *9.8* u *9.9* jikkonċernaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni. Aħna ma identifikajniex xi problemi speċifiċi li jikkonċernaw lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew lis-SEAE. Ibbażat fuq ix-xogħol li wettaq, l-awditur estern tagħna ma rrapporta l-ebda problema speċifika.

### Il-Parlament Ewropew

**9.8.** Qbadna żbalji f'żewġ pagamenti li saru mill-Parlament Ewropew. Wieħed kien jikkonċerna pagament eċċessiv għal servizzi tal-IT ikkawżat mill-applikazzjoni skorretta tat-termini kuntrattwali. L-ieħor kien jikkonċerna pagament skorrett ta' allowance għas-sussistenza lil MEP, b'segwitu għal żball f'lista ta' attendenza. Aħna sibna li s-sistema ta' kontroll fis-seħħ ma pprevenietx u lanqas ma qabdet dawn l-iżbalji, iżda l-Parlament attwalment qed jaħdem fuq sistema ġdida biex itejjibha.

### Il-Kummissjoni Ewropea

**9.9.** Sibna ħames żbalji fil-pagamenti li saru mill-Kummissjoni. Wieħed minnhom kien jikkonċerna pagament eċċessiv żgħir relatat mal-ispejjeż għal-liċenzji tas-software. L-erbgħa l-oħra kienu relatati ma' allowances tal-membri tal-persunal li ma kinux iddikjaraw bidliet reċenti fis-sitwazzjoni personali tagħhom jew li kienu intitolati li jitolbu allowances simili minn sorsi oħra. Il-membri tal-persunal huma meħtieġa li l-ewwel jitolbu tali allowances u mbagħad jinnotifikawhom lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tiħodhom inkunsiderazzjoni meta tikkalkula l-pagi. Il-kontrolli ta' konsistenza tal-Kummissjoni fuq il-kalkolu tagħha ma qabdux dawn l-erba' każijiet. Aħna sibna żbalji simili fir-rigward tal-allowances tal-familja fi snin preċedenti[4].

## Osservazzjonijiet dwar sistemi ta' superviżjoni u kontroll

**9.10.** Ma sibna l-ebda problema sinifikanti bis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li eżaminajna fil-Kunsill u l-Ombudsman.

---

[4] Ara l-paragrafu 9.9 tar-Rapport Annwali 2019 u l-paragrafu 10.8 tar-Rapport Annwali 2018. L-iżbalji kollha ġew ikkoreġuti aktar tard mill-Kummissjoni.

# Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

**9.11.** Ir-*rapporti annwali tal-attività* li rrieżaminajna ma identifikawx livelli materjali ta’ żball, li huwa konsistenti mas-sejbiet tal-awditjar tagħna (ara l-paragrafu ***9.6***).

# Osservazzjonijiet dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku għall-akkwist ta' tagħmir ta' protezzjoni personali

**9.12.** Il-miżuri tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jissalvagwardjaw lill-persunal tagħhom[5] matul il-pandemija tal-COVID-19 kienu jinkludu x-xiri ta' PPE, bħal maskri, ingwanti u detetturi tat-temperatura. Aħna eżaminajna 15-il proċedura ta' akkwist għall-provvisti tal-PPE organizzati fl-2020 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja u mis-SEAE. Tmienja kienu jikkonċernaw maskri u sebgħa kienu jikkonċernaw tagħmir protettiv ieħor. F'kull każ, aħna eżaminajna kemm il-ġustifikazzjoni mogħtija għall-użu ta' tip partikolari ta' proċedura ta' akkwist kif ukoll il-proċess tal-għoti nnifsu. L-eżaminar ta' dawn il-proċeduri ma kienx parti mill-kampjun rappreżentattiv tagħna u għalhekk ma kkontribwiex għal-livell ta' żball stmat minna.

**9.13.** L-akkwist urġenti ta' PPE fl-istadji bikrija tal-pandemija tal-COVID-19 kien ta' sfida, minħabba ż-żieda fid-domanda. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet li eżaminajna, l-istituzzjonijiet użaw proċeduri ta' akkwist innegozjati, kif previst fir-Regolament Finanzjarju, biex jakkwistaw provvisti[6].

**9.14.** Aħna sibna xi problemi fil-proċeduri użati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mis-SEAE meta sar l-akkwist ta' maskri protettivi li kienu meħtieġa b'mod urġenti. Dawn l-istituzzjonijiet kienu stabbilew rekwiżiti minimi stretti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta (inklużi standards ta' referenza Ewropej għall-kwalità għall-maskri mediċi tal-wiċċ u d-dati tal-konsenja). Madankollu, f'erba' każijiet, l-offerent rebbieħ ma inkludiex evidenza sħiħa li r-rekwiżiti minimi kollha tal-kwalità kienu ġew issodisfati fiż-żmien tal-ikkuntrattar, bħal evidenza relatata mad-durabbiltà tal-maskri jew dokumentazzjoni dwar il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

---

[5] L-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal: "L-uffiċjali [...] għandhom jingħataw l-kondizzjonijiet tax-xogħol, konformi mal-istandards xierqa tas-saħħa u tas-sigurtà [...]."

[6] Ir-Regolament Finanzjarju (UE, EURATOM) 2018/1046, l-Artikolu 164 tiegħu u l-Artikolu 11.1(c) tal-Anness I – Akkwist.

**9.15.** Sussegwentement, il-Kummissjoni u l-Kunsill organizzaw testijiet tal-laboratorju fuq konsenji magħżula ta' maskri. Dawn it-testijiet wasslu lill-Kummissjoni biex tirrifjuta l-ewwel lott ta' maskri li rċeviet, għalkemm konsenja sussegwenti kienet ta' kwalità sodisfaċenti. L-ittestjar għall-Kunsill wera li l-maskri kienu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità meħtieġa.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**9.16.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Amministrazzjoni" ma kienx materjali (ara l-***Anness 9.1***).

## Rakkomandazzjonijiet

**9.17.** L-***Anness 9.2*** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għar-rakkomandazzjonijiet li għamilna lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni fir-Rapport Annwali 2017 tagħna. Minn dak iż-żmien l-istituzzjonijiet ikkonċernati implimentaw ir-rakkomandazzjonijiet f'xi wħud mill-aspetti, iżda għar-Rakkomandazzjoni 3, l-osservazzjoni tagħna fil-paragrafu ***9.9*** twassalna biex din is-sena nagħmlu rakkomandazzjoni simili (ara r-***Rakkomandazzjoni 9.2***).

**9.18.** Ibbażat fuq din l-analiżi u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2020, aħna nirrakkommandaw kif ġej:

### Rakkomandazzjoni 9.1 – Il-Parlament Ewropew

Jenħtieġ li l-Parlament jimplimenta l-bidliet meħtieġa biex jiżgura li jħallas biss allowances għas-sussistenza għal kull jum lill-MEPs li jikkwalifikaw għalihom (ara l-paragrafu ***9.8***).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2022**

### Rakkomandazzjoni 9.2 – Il-Kummissjoni

Sabiex ittejjeb is-sistema tagħha għall-ġestjoni tal-allowances statutorji tal-familja, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-kontrolli tal-konsistenza fuq id-dikjarazzjonijiet tal-persunal rigward l-allowances riċevuti minn sorsi oħra u tqajjem kuxjenza fost il-persunal dwar din il-problema (ara l-paragrafu ***9.9***).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2022**

# Annessi

## Anness 9.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Amministrazzjoni"

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet | **48** | 45 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **Ħieles minn żball materjali** | **Ħieles minn żball materjali** |

*Sors:* il-QEA.

# Anness 9.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| 2017 | Aħna nirrakkomandaw li:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, il-Parlament Ewropew itejjeb il-linji gwida għall-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni dwar it-tfassil u l-kontrolli tal-kriterji tal-għażla u tal-għoti għall-proċeduri ta' akkwist. | x[7] | | | | | |
| | Aħna nirrakkomandaw li:<br>**Rakkomandazzjoni 2:**<br>matul ir-reviżjoni li jmiss tar-regoli li jirregolaw l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi, il-Parlament Ewropew isaħħaħ il-proċedura għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq billi jitlob li l-gruppi jipprovdu dokumentazzjoni ta' sostenn flimkien mat-talbiet dwar l-ispejjeż tagħhom. | | | x | | | |

[7] Il-Parlament aġġorna l-*Vademecum* dwar l-akkwist pubbliku għall-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni u l-persunal, inklużi l-linji gwida relatati mal-kriterji tal-għażla u tal-għoti.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | Aħna nirrakkomandaw li:<br>**Rakkomandazzjoni 3:**<br>il-Kummissjoni Ewropea ttejjeb malajr kemm jista' jkun is-sistemi tagħha għall-ġestjoni tal-allowances statutorji tal-familja billi ssaħħaħ il-kontrolli tal-konsistenza fuq id-dikjarazzjoni mill-membri tal-persunal tal-allowances riċevuti minn sorsi oħra. | | | x[8] | | | |

*Sors:* il-QEA.

8 Il-monitoraġġ tal-allowances riċevuti minn bnadi oħra huwa kumpless, pereżempju minħabba sitwazzjonijiet familjari dejjem aktar varjati u bidliet frekwenti fl-allowances nazzjonali fi Stati Membri partikolari. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex ittejjeb is-sistemi tal-IT rilevanti tagħha u ssaħħaħ il-kontrolli tal-konsistenza, kif ukoll biex tirkupra l-ammonti li sabet li kienu tħallsu b'mod eċċessiv. Ix-xogħol tal-awditjar tagħna kompla jsib żbalji.

# Risposti tal-Istituzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2020

# Kontenut

| | | Paġna |
|---|---|---|
| Kapitolu 1 | Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 248 |
| Kapitolu 2 | Ġestjoni baġitarja u finanzjarja | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 257 |
| Kapitolu 3 | Dħul | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 266 |
| | Risposti tan-Netherlands | 271 |
| Kapitolu 4 | Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 272 |
| Kapitolu 5 | Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 277 |
| Kapitolu 6 | Riżorsi naturali | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 287 |
| Kapitolu 7 | Sigurtà u ċittadinanza | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 291 |
| Kapitolu 8 | Ewropa Globali | |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 295 |
| Kapitolu 9 | Amministrazzjoni | |
| | Risposti tal-Parlament Ewropew | 301 |
| | Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | 303 |

# TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

## KONTRIBUT GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2020 – KAPITOLU 1 – ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI U L-INFORMAZZJONI TA' SOSTENN

INTRODUZZJONI

1.1 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.1 sa 1.6:

Is-sena 2020 kienet ikkaratterizzata minn waħda mill-aktar pandemiji globali severi fl-istorja reċenti. Dan kien jinvolvi sfidi u ostakli speċifiċi li l-Kummissjoni kellha tegħleb sabiex timplimenta l-baġit bid-diliġenza, l-effiċjenza u l-effettività tas-soltu.

Il-baġit tal-UE jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ekonomija Ewropea, speċjalment fid-dawl tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-pandemija, u jagħmilha aktar reżiljenti.

Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-iżgurar li l-baġit tal-UE jintefaq b'mod responsabbli u korrett, u lill-ħidma mal-partijiet kollha involuti sabiex tiżgura li dan jagħti riżultati tanġibbli fil-prattika.

Il-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Jekk jinstab li l-Istati Membri, l-intermedjarji jew il-benefiċjarji finali jkunu nefqu l-flus tal-UE b'mod skorrett, il-Kummissjoni tieħu passi immedjati biex tikkoreġi dawn l-iżbalji u tirkupra l-fondi skont kif ikun meħtieġ.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex issib il-bilanċ it-tajjeb bejn livell baxx ta' żbalji, pagamenti rapidi u spejjeż raġonevoli tal-kontrolli.

Filwaqt li l-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE tjiebet maż-żmien, xi tipi ta' nfiq għadhom aktar suxxettibbli għall-iżbalji. Fil-biċċa l-kbira, dawn huma rregolati minn regoli u skemi ta' rimborż aktar kumplessi. Il-Kummissjoni tkompli tieħu miżuri preventivi u ta' rimedju biex tindirizza d-dgħufijiet identifikati u tiżgura li l-iżbalji jiġu evitati u identifikati aħjar matul iż-żmien għall-programmi kollha.

SEJBIET TAL-AWDITJAR GĦAS-SENA FINANZJARJA 2020

**L-iżball ikompli jkun preżenti f'tipi speċifiċi ta' nfiq**

1.17 a) Rigward in-**naħa tad-dħul** tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni taqbel mal-QEA li dan il-qasam huwa ħieles minn żbalji materjali.

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) u r-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni biex tintensifika s-segwitu dwar punti tar-RPT miftuħa u tneħħi r-riżervi tal-VAT fejn possibbli, kif ukoll biex issegwi d-dgħufijiet tal-kontabbiltà tar-RPT identifikati mill-awditi tal-QEA.

Fir-rigward tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (ibbażati fuq l-ING), il-Kummissjoni qed tieħu azzjonijiet komprensivi dwar it-trattament tal-globalizzazzjoni inkluż ir-riċerka u l-iżvilupp (R & D), għall-ING għall-iskop tar-riżorsi proprji.

b) L-istima proprja tal-Kummissjoni tar-**riskju fil-waqt tal-pagament**, jiġifieri l-livell ta' żball li jifdal fiż-żmien tal-pagament, wara l-kontrolli preventivi tagħha, hija ta' 1.9 % b'mod ġenerali għan-nefqa rilevanti tal-2020, li tirrappreżenta tnaqqis meta mqabbel mal-2019.

Minħabba n-natura pluriennali tan-nefqa tagħha u tal-istrateġiji ta' kontroll tagħha, il-Kummissjoni tagħmel sforzi sostanzjali biex twettaq kontrolli wara l-pagamenti u biex tkompli tagħmel korrezzjonijiet sal-għeluq tal-programmi ta' finanzjament. Dawn l-isforzi huma riflessi fir-riskju stmat fl-għeluq tal-programm[1] li jikkorrispondi għar-riskju fil-waqt tal-pagament nieqes il-korrezzjonijiet futuri mbassra tal-Kummissjoni, stmati għal 1 % fl-2020.

Għall-2020, il-Kummissjoni tistma li r-**riskju fl-għeluq** huwa ta' 0.9 % b'mod ġenerali. Dan huwa ferm taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 %, f'konformità kemm mal-livelli milħuqa fis-snin preċedenti sa mill-2016 kif ukoll mal-objettiv tal-Kummissjoni.

Abbażi tal-approċċ dettaljat u minn isfel għal fuq tagħha, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li turi s-sitwazzjoni differenzjata għall-fondi ġestiti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li:

- **nefqa b'riskju aktar baxx**, b'riskju fil-waqt tal-pagament ta' inqas minn 1.9 %, jirrappreżentaw 56 % tan-nefqa totali,
- **nefqa b'riskju medju**, b'riskju fil-waqt tal-pagament bejn 1.9 % u 2.5 %, tirrappreżenta 16 % tan-nefqa totali u,
- **nefqa b'riskju ogħla**, b'riskju fil-waqt tal-pagament ta' aktar minn 2.5 % jew dgħufijiet serji identifikati, tirrappreżenta 28 % tal-infiq totali.

Dan jikkontribwixxi għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li għal mill-inqas aktar minn nofs in-nefqa rilevanti, ir-riskju fil-waqt tal-pagament huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità. *(Ara d-dettall fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2020, Volum II, paġna 78).*

Dan il-livell dettaljat ta' informazzjoni, li huwa rrappurtat b'mod komprensiv u trasparenti fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) u fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR), jippermetti lill-Kummissjoni, bħala maniġer tal-fondi tal-UE, biex tidentifika d-dgħufijiet tas-sistema, tidentifika l-kawżi ewlenin tagħhom (eż. il-kumplessità tar-regoli) u tieħu azzjonijiet korrettivi mmirati. Ittejjeb ukoll l-azzjonijiet preventivi u tiżgura li kwalunkwe tagħlim meħud jiġi kkunsidrat fit-tfassil ta' programmi finanzjarji futuri.

**Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif huma żbursati il-fondi tal-UE iħalli impatt fuq ir-riskju ta' żball**

1.18 L-ewwel inċiż - Il-Kummissjoni taqbel mal-konklużjoni li r-riskju ta' żball huwa aktar baxx għal infiq soġġett għal regoli simplifikati (prinċipalment f'infiq ibbażat fuq drittijiet).

It-tieni inċiż - Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-kumplessità tar-regoli tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal riskju ogħla ta' żball.

Minbarra li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri, il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni biex tindirizza d-dgħufijiet li jwasslu għal riskji medji u ogħla. Dan jinkludi **azzjonijiet ta' rimedju mmirati**, bħas-sensibilizzazzjoni dwar ir-regoli applikabbli tal-UE fost il-benefiċjarji u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji. Dan ifisser ukoll użu aħjar

[1] Billi ma hemm l-ebda għeluq tal-miżuri tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, fil-qasam tan-nefqa agrikola, ir-riskju fl-għeluq huwa sostitwit bl-ammont finali f'riskju.

tal-kontrolli u tar-riżultati tal-awditjar biex jiġu aġġustati u ffukati l-istrateġiji ta' kontroll, filwaqt li tiżdied il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali li għandhom nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom flimkien mal-applikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda għall-programmi futuri.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex **tissimplifika r-regoli** sa fejn ikun possibbli u żżid l-użu ta' mekkaniżmi ta' twettiq aktar sempliċi bħal għażliet ta' spejjeż simplifikati fejn dan jirrappreżenta l-aktar mod effettiv biex jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piż tal-kontroll u r-riskju ta' żbalji. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha wkoll l-għan li tistabbilixxi objettivi ambizzjużi biex iżżid il-prestazzjoni tal-programmi. Kundizzjonijiet kumplessi u regoli ta' eliġibbiltà japplikaw fejn, sabiex jinkisbu objettivi ta' politika ambizzjużi, ikun meħtieġ li l-għajnuna tiġi mmirata, jew sabiex jiġu rispettati l-prinċipji bażiċi tas-Suq Uniku (l-akkwist pubbliku jew ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

Il-legalità u r-regolarità għandhom għalhekk ikunu bbilanċjati mal-kisba tal-objettivi tal-politika filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-konsenja.

1.19 il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-QEA li skontha l-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt fuq ir-riskju ta' żball. Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni dettaljata għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis li r-riskji fil-waqt tal-pagament mhumiex materjali b'mod uniformi għall-pagamenti bbażati fuq ir-rimborż.

Kif jidher fl-analiżi li saret mill-Kummissjoni fl-AMPR, l-esponiment għar-riskju jista' jkun baxx, medju jew għoli fi ħdan l-istess qasam ta' politika u anke fi ħdan l-istess programm ta' nfiq, anke fejn ir-rata ġenerali ta' żball għal Stat Membru jew qasam ta' politika tkun taħt il-materjalità, pereżempju bejn żewġ programmi operazzjonali għall-FEŻR fi ħdan l-istess Stat Membru. Barra minn hekk, għall-**infiq b'riskju għoli (prinċipalment pagamenti bbażati fuq rimborżi)**, ir-riskji mal-pagament għal għadd kbir ta' programmi individwali u l-aġenziji tal-pagamenti huma wkoll taħt il-livell limitu ta' materjalità minħabba l-istrateġiji ta' kontroll fis-seħħ kif ukoll l-azzjonijiet ta' rimedju mmirati li ttieħdu.

**Proporzjon sostanzjali tal-popolazzjoni li awditjajna huwa milqut minn żball materjali**

1.21 Analiżi dettaljata tal-ġestjoni għal kull programm turi li s-sitwazzjoni mhijiex omoġenja f'oqsma ta' politika, programmi ta' nfiq jew saħansitra Stati Membri partikolari.

Abbażi ta' din il-valutazzjoni dettaljata (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 1.17 b) kif irrappurtat fir-RAA u l-AMPR 2020, Volum II, p. 78), il-Kummissjoni taqsam in-nefqa tagħha skont ir-riskju stmat tagħhom **fil-waqt tal-pagament**. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tqis li għal inqas minn 44 % tan-nefqa rilevanti tagħha, ir-riskju fil-waqt tal-pagament huwa ogħla minn 1.9 %.

Dan huwa relatat ma' xi programmi operazzjonali għal "Koeżjoni" li juru nuqqasijiet serji u/jew għandhom rati ta' żball ogħla minn 1.9 %; l-għotjiet għall-programm ta' riċerka Orizzont 2020; aġenziji tal-pagamenti individwali tal-PAK għall-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali u għal xi Stati Membri għal miżuri tas-suq li għandhom rati ta' żball 'il fuq minn 1.9 %; u għotjiet kumplessi taħt l-intestatura "Kompetittività" tal-QFP.

1.23 fir-rigward tal-**"Koeżjoni"**, il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball ikkalkulat mill-QEA, li kompla jitjieb, meta mqabbel mas-snin preċedenti. Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha misjuba mill-QEA u titlob korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, fejn xieraq u legalment possibbli.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-istima tagħha tal-livell ta' żball, inklużi r-riskji massimi (l-agħar xenarji possibbli) divulgati fir-RAA REGIO u EMPL tal-2020, li jirriżultaw minn analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni ta' kull programm. Il-Kummissjoni tinnota li l-istima tagħha taqa' fi ħdan il-firxa ta'

żball ikkalkulata mill-QEA u temmen li l-valutazzjoni dettaljata tagħha tirrifletti stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm u b'mod kumulattiv għall-programmi kollha.

Rigward tal-azzjonijiet meħuda biex jitnaqqsu l-iżbalji, il-Kummissjoni indirizzat gwida aġġornata lill-Istati Membri għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li, flimkien mal-użu meħtieġ ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati, għandhom l-għan li jtejbu aktar il-kwalità tal-verifiki ta' ġestjoni. Il-Kummissjoni elaborat Pjan ta' Azzjoni għall-Akkwist Pubbliku, aġġornat diversi drabi mill-2014 u Pjan ta' Azzjoni komuni dwar l-Għajnuna mill-Istat. Dawn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jgħinu lill-amministraturi u lill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE jtejbu l-prattiki tal-akkwist pubbliku tagħhom u jnaqqsu r-riskju ta' irregolaritajiet marbuta mal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, permezz ta' programmi ta' taħriġ u t-tixrid ta' informazzjoni rilevanti lill-partijiet ikkonċernati tal-Fondi SIE.

Kif jidher hawn fuq, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni dettaljata dwar l-esponiment għar-riskju, li tikkonferma li s-sitwazzjoni mhijiex uniformi: il-programmi operazzjonali li jimplimentaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Fond ta' Koeżjoni, jaqgħu fit-tliet kategoriji ta' riskju.

1.24 Fir-rigward tar-**'Riżorsi Naturali'**, il-Kummissjoni hija sodisfatta bis-sejba tal-QEA fil-Kapitolu 6 li l-pagamenti diretti tal-FAEG, li jirrappreżentaw 69 % tal-infiq taħt ir-riżorsi naturali, għadhom ħielsa minn żbalji materjali.

Għall-miżuri tas-suq (riskju ta' 2.4 % fil-pagament) u l-iżvilupp rurali (riskju ta' 2.9 % meta jsir il-pagament) il-Kummissjoni tqis li, għalkemm ir-rati ta' żball kienu fuq xejra 'l isfel matul dawn l-aħħar snin, fl-insegwiment ta' livelli aktar baxxi ta' żbalji huwa meħtieġ li l-legalità u r-regolarità jiġu bbilanċjati mal-kisba tal-objettivi ta' politika filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tat-twassil. Fi kwalunkwe każ, meta titqies il-kapaċità korrettiva, hemm assigurazzjoni li r-riskju finali li jifdal għall-baġit tal-UE huwa ferm taħt il-materjalità.

1.25 Fir-rigward tal-**"Kompetittività"**, il-Kummissjoni tqis li n-nefqa b'riskju ogħla taħt dan il-kapitolu hija relatata ma' partijiet ta' Orizzont 2020 u tikkondividi l-opinjoni li l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti oħra huma s-sorsi ewlenin ta' żball.

Min-naħa l-oħra, xi partijiet tal-programmi ta' riċerka huma ta' riskju baxx, pereżempju l-azzjoni Marie Skłodowska-Curie u l-għotjiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka.

1.26 B'referenza għal **'Ewropa Globali'**, abbażi tal-valutazzjoni dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2020, p. 61–62), il-Kummissjoni tqis li n-nefqa b'riskju aktar baxx taħt dan il-kapitolu mhijiex limitata biss għas-segment tal-appoġġ baġitarju. Kif irrappurtat b'mod trasparenti fir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-Direttorati Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni, il-biċċa l-kbira tas-segmenti tal-ġestjoni diretta u indiretta għandhom riskju baxx fil-waqt tal-pagament minbarra l-għotjiet tal-ġestjoni diretta tal-ENI-IPA, li għalihom id-DĠ NEAR ħareġ riżerva u stabbilixxa pjan ta' azzjoni.

**L-iżbalji ta' eliġibbiltà għadhom jikkontribwixxu l-aktar għal-livell ta' żball stmat għall-infiq b'riskju għoli**

1.27 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li r-**regoli kumplessi** tabilħaqq jikkontribwixxu għal riskju ogħla ta' żball. Għalhekk, qed taħdem kontinwament biex tissimplifika r-regoli sa fejn ikun possibbli u biex iżżid l-użu ta' mekkaniżmi ta' twassil aktar sempliċi bħal opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati. It-tnaqqis tal-burokrazija għall-benefiċjarji u t-tnaqqis tal-kumplessità huwa wieħed mill-prinċipji gwida għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 1.23.

1.28 il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni preventiva biex tindirizza l-aktar żbalji frekwenti u titlob miżuri ta' rimedju hekk kif jiġu identifikati n-nuqqasijiet.

Fl-2020, l-awtoritajiet tal-awditjar tal-**politika ta' Koeżjoni** rrappurtaw, għat-tielet sena, l-irregolaritajiet li sabu fl-awditi tal-operazzjonijiet tagħhom wara tipoloġija komuni maqbula mal-Kummissjoni u maqsuma bejn l-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-irregolaritajiet identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni jikkonċernaw l-istess kategoriji ewlenin: nefqa ineliġibbli, akkwist pubbliku, rendikont tal-entrati u għajnuna mill-Istat.

It-tipoloġija tas-sejbiet tal-awditi irrappurtati sena wara l-oħra lill-awtoritajiet ta' ġestjoni mill-awtoritajiet tal-awditjar jenħtieġ li tippermettilhom jintegraw is-sorsi iktar frekwenti ta' żbalji fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom u li jadattaw l-approċċi tagħhom għall-verifiki ta' ġestjoni u l-istrumenti relatati.

Fir-rigward tal-**Politika Agrikola Komuni**, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha fil-Kapitolu 6, inkluż il-paragrafu 6.31. Il-Kummissjoni hija impenjata li tindirizza r-riskji ewlenin għall-Fondi tal-PAK tal-kawżi ewlenin eżistenti tal-iżbalji permezz ta' inkjesti tal-awditjar u pjanijiet ta' azzjoni f'ċerti Stati Membri. Il-Kummissjoni qed tindirizza wkoll dawn il-kwistjonijiet permezz ta' miżuri preventivi, bħas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri, kif deskritt fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI.

**Ma sibniex livell materjali ta' żball f'infiq b'riskju baxx**

1.31 Abbażi tal-valutazzjoni dettaljata tagħha (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2020, Volum II, p. 78), il-Kummissjoni tqis li l-(partijiet mill-) programmi ta' finanzjament li huma ta' riskju baxx, li jfisser li r-riskju assoċjat mal-pagament huwa inqas minn 1.9 %, jirrappreżentaw 56 % tan-nefqa rilevanti fl-2020.

Dan jinkludi n-nefqa tal-aġenziji tal-pagamenti tal-PAK u tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd kif ukoll il-programmi operazzjonali għall- "Koeżjoni" b'rata baxxa ta' żball; nefqa relatata mal-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie; l-għotjiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka; l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija Ewropea GNSS; il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; Erasmus+; il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni; u appoġġ baġitarju, sussidji u nefqa amministrattiva.

Fir-rigward tal-**PAK**, il-Kummissjoni hija sodisfatta bis-sejba tal-QEA fil-Kapitolu 6 li l-pagamenti diretti tal-FAEG, li jirrappreżentaw 69 % tal-infiq taħt ir-riżorsi naturali, għadhom ħielsa minn żbalji materjali. Din is-sejba hija konformi mas-sejbiet tal-Kummissjoni fir-Rapport ta' Attività Annwali tad-DĠ AGRI.

**L-istima mill-Kummissjoni tal-livell ta' żball tinsab fil-limitu inferjuri tal-firxa indikata minna**

1.34 il-Kummissjoni tibni l-**assigurazzjoni** tagħha minn isfel għal fuq u fuq livell dettaljat. Dan ifisser li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu mijiet ta' eluf ta' kontrolli kull sena u jintużaw biex jiddeterminaw ir-riskju fil-waqt tal-pagament. Abbażi tal-approċċ fil-fond tagħha, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li turi s-sitwazzjoni differenzjata għall-fondi ġestiti. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tiffoka l-isforzi tagħha b'mod xieraq, tipprovdi l-appoġġ tagħha b'mod effiċjenti u tindirizza dgħufijiet speċifiċi anke għal politiki jew programmi li, meħuda globalment, huma ta' riskju baxx, bħall-Politika Agrikola Komuni.

L-objettiv tal-Kummissjoni jibqa' li r-**riskju fl-għeluq** huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Ir-riskju huwa stima tal-iżbalji li se jibqgħu fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi, ladarba jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet ex post kollha (dawk li se jseħħu bejn iż-żmien tar-rappurtar u t-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja tal-programm).

Għall-2020, huwa stmat għal 0.9 %, ferm inqas minn 2 %, anki għal kull sena ta' rappurtar.

**Għad fadal kwistjonijiet dwar il-proċess għat-tħejjija tal-AMPR u l-informazzjoni dwar ir-regolarità fih**

1.35 Diretturi Ġenerali jirċievu delegazzjoni mill-Kulleġġ biex jimplimentaw is-sehem tagħhom tal-baġit tal-UE. Il-Kummissarji jinżammu regolarment infurmati dwar it-tħejjija tar-RAA. Bl-istess mod, il-Kulleġġ jiġi infurmat regolarment matul it-tħejjija tal-AMPR.

1.36 l-**adozzjoni tal-AMPR** issegwi proċedura stretta u robusta, li tinkludi djalogi bejn id-DĠ u l-kummissarji, konsultazzjonijiet bejn is-servizzi, laqgħat fil-livell tal-kabinett u noti ta' informazzjoni lill-Kulleġġ. Il-Kulleġġ fl-aħħar mill-aħħar jieħu r-responsabbiltà għall-AMPR wara diskussjoni orali.

F'mumenti ewlenin fit-tħejjija tal-AMPR, il-Bord ta' Ġestjoni Korporattiva jipprovdi lis-servizzi ċentrali b'orjentazzjonijiet dwar il-kontenut u l-istruttura tal-AMPR.

Is-Segretarju Ġenerali u d-Direttur Ġenerali għall-Baġit jipprovdu struzzjonijiet, gwida u taħriġ dettaljati dwar il-produzzjoni tar-Rapporti Annwali tal-Attività.

L-ambitu tar-reviżjoni tal-kwalità tal-abbozz tar-RAA u tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari huwa definit fl-istruzzjonijiet maħruġa mis-Segretarju Ġenerali u mid-Direttur Ġenerali għall-Baġit. Ir-rwol tas-servizzi ċentrali fil-proċess ta' rieżami tar-RAA jirrifletti d-diviżjoni tar-responsabbiltà kif stabbilita fl-arranġamenti ta' governanza tal-Kummissjoni.

1.37 Tweġiba komuni għall-paragrafi 1.37 sa 1.39:

Il-Kummissjoni hija kunfidenti dwar l-informazzjoni rigward il-livelli ta' żball u r-riskji fil-pagament ippreżentata fl-AMPR. Huma bbażati fuq il-kontrolli u l-awditi mwettqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri abbażi tal-istrateġiji ta' kontroll stabbiliti bir-reqqa tagħhom, imfassla skont l-ispeċifiċitajiet tal-programmi ta' nfiq.

Barra minn hekk, l-approċċ tal-Kummissjoni, bħala maniġer tal-baġit tal-UE, huwa differenti minn dak segwit mill-QEA fir-rwol tal-awditur tagħha. Dan jista' jirriżulta f'xi differenzi bejn l-istima tal-livell ta' żball miż-żewġ istituzzjonijiet.

Fir-rigward tal-PAK taħt "Riżorsi Naturali", il-Kummissjoni ma tqisx li hemm kwistjonijiet li jaffettwaw l-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-istima tagħha għar-riskju fil-waqt tal-pagament, kif ippreżentata fir-RAA tad-DĠ AGRI u fl-AMPR, tibqa' 1.9 %, konsistenti mal-istima tal-QEA ta' 2 % għall-kapitolu tar-Riżorsi Naturali, simili għas-snin preċedenti (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 1.39). Dan kien possibbli mill-mudell robust ta' assigurazzjoni tal-PAK inkluż is-sistemi ta' governanza ġenerali li jiffunzjonaw tajjeb fl-Istati Membri.

Bl-istess mod, għal "**Koeżjoni**", il-Kummissjoni tipprovdi assigurazzjoni b'mod dettaljat fil-livell ta' kull programm operazzjonali. Kif spjegat fil-Kapitolu 5, dan jippermetti lid-Diretturi Ġenerali jipprovdu aċċertament u joħorġu riżervi kif meħtieġ, fuq kull wieħed mill-418 PO individwali, skont l-obbligi tagħhom. Dan jippermetti l-aġġustament tar-rati ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri meta

jkun meħtieġ u għalhekk, ir-rappurtar ta' perspettiva sfumata tal-livell ta' żball differenzjat għal kull programm u, b'mod ġenerali, fil-qasam ta' politika kollu. Il-Kummissjoni tinnota li l-istima tagħha dwar l-iżball għal "Koeżjoni" taqa' fi ħdan l-intervall ikkalkulat mill-QEA.

Dan l-approċċ speċifiku għall-programm jippermetti wkoll li fir-RAA tiġi identifikata l-ħtieġa għal korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali potenzjali għal programmi individwali, u li jiġu identifikati l-parti(jiet) speċifiċi tal-programmi u l-pagamenti li jsiru li huma l-aktar probabbli li jiġu affettwati.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għal 5.37-5.49.

Għall-'**Kompetittività**' Il-Kummissjoni tqis li l-possibilità ta' riskju ta' dikjarazzjoni insuffiċjenti tar-rata ta' żball huwa kopert u li r-riskju aggregat mal-ħlas u r-riskju fl-għeluq iddivulgati fl-AMPRs huma affidabbli. Il-Kummissjoni segwiet ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA mir-Rapporti Annwali tal-QEA tal-2018 u l-2019. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrappurtat żieda fir-rata ta' żball rappreżentattiva fir-RAA relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni implimentat xi azzjonijiet biex ittejjeb il-kwalità tax-xogħol tal-awditjar u l-QEA rrikonoxxiet it-titjib bħala riżultat ta' dawn l-azzjonijiet. Madankollu, għadd ta' każijiet identifikati mill-QEA kellhom impatt finanzjarju mhux kwantifikabbli jew mhux materjali.

Fir-rigward ta' "**Ewropa Globali**", il-Kummissjoni tqis li l-istudju dwar ir-RER huwa adattat għall-iskop tiegħu. Il-Kummissjoni ma tqisx li l-istudju huwa soġġett għal limitazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tal-iżbalji.

1.39 it-tieni inċiż - Rigward il-"**Koeżjoni**", il-Kummissjoni tinnota li l-istima tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament taqa' fi ħdan l-intervall ta' żball ikkalkulat mill-QEA.

It-tielet inċiż - Rigward "**Riżorsi naturali**", il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-istima tad-DĠ AGRI tar-riskju fil-waqt tal-pagament (1.9 %) hija qrib ħafna u fi ħdan il-firxa tar-rata ta' żball tal-QEA (2.0 %).

**Ir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri huwa kumpless u mhux dejjem ċar**

1.40 Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tal-**miżuri preventivi u korrettivi** biex jiġi żgurat li n-nefqa li ssir skont il-qafas legali biss tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-UE, u b'hekk jiġi protett l-interess finanzjarju tal-Unjoni u tintwera l-kapaċità korrettiva tagħha. Dawn il-miżuri jinċentivaw ukoll lill-Istati Membri biex itejbu s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom.

Filwaqt li għandhom l-istess objettiv aħħari, il-mekkaniżmi previsti fil-bażi legali tal-programmi differenti jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti bejn oqsma differenti ta' nfiq. Barra minn hekk, l-impatt tal-miżuri korrettivi jista' jvarja wkoll peress li l-bażijiet ġuridiċi rispettivi jistgħu jipprevedu l-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti u/jew is-sostituzzjoni ta' ammonti ineliġibbli bi proġetti eliġibbli.

Għalhekk, sabiex tingħata ħarsa ġenerali sħiħa u trasparenti tal-miżuri preventivi u korrettivi, jeħtieġ li jiġi ppreżentat l-impatt ta' dawn il-mekkaniżmi differenti kollha.

Ir-rappurtar attwali tfassal biex iwieġeb it-talbiet ta' partijiet ikkonċernati differenti. Il-Kummissjoni se tanalizza jekk ir-rappurtar dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri jistax jiġi ssimplifikat aktar għall-QFP 2021–2027.

1.41 il-Kummissjoni tqis il-**korrezzjonijiet u l-irkupri "kkonfermati"** bħala l-aktar informazzjoni importanti għall-finijiet ta' rappurtar peress li dawn jirrappreżentaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew l-aċċettazzjoni tal-Istati Membri li japplikaw korrezzjoni. Madankollu, jista' jkun hemm differenza ta' żmien bejn din id-deċiżjoni u l-implimentazzjoni tal-miżura korrettiva, għal raġunijiet li jirriżultaw direttament mill-oqfsa legali applikabbli. Għalhekk, kemm "ikkonfermat" kif ukoll "implimentat" huma kunċetti importanti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tuża kemm għodod preventivi kif ukoll korrettivi. It-tnaqqis ex ante huwa l-aktar mekkaniżmu effiċjenti biex jiġi evitat li nefqa ineliġibbli tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-UE. Il-korrezzjonijiet ex post ġeneralment huma relatati mal-kontroll ex post jew mas-sejbiet tal-awditjar.

Il-Kummissjoni tenfasizza li kemm il-korrezzjonijiet netti kif ukoll is-sostituzzjonijiet huma miżuri korrettivi li jiżguraw li l-infiq irregolari jiġi eskluż mill-finanzjament tal-UE u jagħmlu pressjoni fuq l-Istati Membri biex jindirizzaw id-dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom.

1.43 Taħt **"Koeżjoni"**, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-Istati Membri japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji fil-kontijiet annwali tal-programmi tagħhom ippreżentati lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni hija aggregata bi trasparenza sħiħa fir-RAA, kull sena (EUR 1.5 biljun u EUR 0.5 biljun irtirati minn kontijiet fis-sena kontabilistika, rispettivament għall-FEŻR/FK u l-FSE/YEI fl-2020). Dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji mhumiex inklużi fl-ammont ta' EUR 1 098 miljun. Il-korrezzjonijiet finanzjarji netti, minkejja kriterji kumplessi li għandhom jiġu ssodisfati kif stabbilit mill-koleġiżlatur, ikomplu jaħdmu bħala inċentiv għall-Istati Membri biex iwettqu korrezzjonijiet finanzjarji fl-ewwel istanza, qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet.

1.50 Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li d-dgħufija fl-**istudju dwar ir-RER** identifikata mill-QEA fil-Kapitolu 8 tirrigwarda l-fatt li l-proċedura għar-rappurtar ta' frodi suspettata lill-Kummissjoni mhijiex formalizzata biżżejjed. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni relatata (jekk jogħġbok ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafu 8.28 u għar-rakkomandazzjoni 8.3).

<u>KONKLUŻJONIJIET</u>

1.53 Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE. Bħala l-maniġer tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni stabbiliet **strateġiji robusti ta' kontroll pluriennali** mfassla biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji. Tieħu wkoll azzjoni biex tistinka għal aktar simplifikazzjonijiet fil-programmi kollha.

Rigward in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tikkunsidra, f'konformità mal-QEA, li huwa ħieles minn żbalji materjali.

Fir-rigward tal-infiq, il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' żball li tirrappreżenta l-aħjar l-isforzi kollha li saru, kemm mill-Istati Membri kif ukoll mis-servizzi tagħha, hija r-riskju fl-għeluq (ara wkoll it-tweġiba fil-paragrafu 1.35) li tkejjel il-livell ta' żball li jifdal ladarba jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet ex post kollha. Għall-2020, r-riskju globali fl-għeluq huwa stmat għal 0.9 %, ferm taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %, u f'konformità mal-livell kemm tas-snin preċedenti (0.7 % in 2019).

Barra minn hekk, bis-saħħa tal-**analiżi dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm** (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 1.17 b), il-Kummissjoni tista' jkollha stampa sfumata tal-livell ta' riskju fi ħdan l-oqsma ta' politika u fi ħdan il-programmi ta' nfiq. Dan juri li r-riskji mal-pagament fuq in-nefqa għal kull qasam ta' politika mhumiex baxxi, medji jew għoljin b'mod omoġenju (ara

AMPR 2020, Volum II, p 78). Dan jippermetti li jiġi identifikat b'mod preċiż fejn huma r-riskji u l-kawżi ewlenin tagħhom u li jittieħdu miżuri korrettivi mmirati:

- **nefqa b'riskju aktar baxx**, dawk b'riskju fil-waqt tal-pagament ta' inqas minn 1.9 %, jirrappreżentaw 56 % tan-nefqa totali,
- **nefqa b'riskju medju**, b'riskju fil-waqt tal-pagament bejn 1.9 % u 2.5 %, tirrappreżenta 16 % tan-nefqa totali u,
- **nefqa b'riskju ogħla**, b'riskju fil-waqt tal-pagament ta' aktar minn 2.5 % jew dgħufijiet serji identifikati, tirrappreżenta 28 % tal-infiq totali.

Dan jikkontribwixxi għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li r-**riskju fil-waqt tal-pagament huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità** għal aktar minn nofs in-nefqa rilevanti.

# TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI "KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2020 KAPITOLU 2 — ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA"

## INTRODUZZJONI

2.1 Il-baġit tal-UE kien fil-qalba tar-**rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19**. Il-Kummissjoni damet biss tliet ġimgħat mindu l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-11 ta' Marzu 2020 kklassifikat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija biex tressaq proposti għal **rispons koordinat u komprensiv** permezz tal-baġit tal-UE. Dan kien jinvolvi l-**mobilizzazzjoni tal-finanzjament** b'mod rapidu u flessibbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar urġenti, mingħajr ma jsir ebda kompromess dwar l-applikazzjoni tal-**ogħla standards ta' ġestjoni finanzjarja**. Dan ir-rispons kien jinkludi l-miżuri li ġejjin:

- **l-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus** (CRII) skont il-politika ta' koeżjoni biex jiffaċilitaw l-arranġamenti ta' flessibbiltà u jimmobilizzaw madwar **EUR 23 biljun għall-Istati Membri**. Dawn l-inizjattivi jgħinu fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 billi jappoġġaw **il-kura tas-saħħa, in-negozji ż-żgħar u l-ħaddiema**;

- ir-riattivazzjoni tal-**Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza**, b'baġit ta' EUR 2.7 biljun – ikkomplementat minn EUR 750 miljun ulterjuri ta' **kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri** – biex jikkumbatti l-**emerġenza sanitarja transfruntiera**;

- EUR 415-il miljun f'finanzjament addizzjonali għall-**Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**/ rescEU biex tingħata **għajnuna immedjata f'każ ta' diżastru** liż-żoni l-aktar milquta;

- l-**estensjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE** biex ikopri kriżijiet tas-saħħa maġġuri flimkien ma' diżastri naturali; kif ukoll

- strument finanzjarju ġdid – il-**programm għall-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza** (SURE) – li għandu baġit sa **EUR 100 biljun**.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni **ħadmu flimkien bla intoppi u malajr biex jadottaw dawn il-miżuri** f'ħin rekord u daħlu fis-seħħ **sa tmiem April 2020**. SURE, programm innovattiv ħafna, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2020.

Il-finanzjament ta' dawn il-miżuri kien jeħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-mezzi u l-flessibbiltajiet kollha. B'kollox, **il-baġit tal-2020 żdied b'aktar minn EUR 10 biljun f'pagamenti**, li attivaw ir-riżorsi kollha li kien fadal taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 u **għamel disponibbli sa EUR 70 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn** biex **tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19**. B'mod partikolari, l-inizjattivi ta' investiment fir-rispons għall-coronavirus għamluha aktar faċli biex l-Istati Membri jkollhom aċċess għall-finanzjament malajr, filwaqt li l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza ppermetta lill-Kummissjoni tikkoordina u tassisti l-isforzi tal-akkwist meħtieġa biex jikkumbattu l-kriżi.

**Il-ġestjoni baġitarja proattiva** żgurat l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-baġit tal-2020. **Ġew adottati disa' baġits emendatorji** kif proposti mill-Kummissjoni; aktar minn kwalunkwe sena oħra fil-perjodu 2014-2020, u spiss f'ħin rekord. Barra minn hekk, saru 28 trasferiment mill-awtorità tal-

baġit u mijiet ta’ trasferimenti mill-Kummissjoni. **B’riżultat, il-baġit tal-UE għall-2020 intefaq kważi kollu**, kemm f’impenji kif ukoll f’pagamenti – l-aħjar eżitu mill-2014, u nkiseb minkejja l-ambjent diffiċli.

**Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2020**

2.3 Il-Kummissjoni tissottolinja li **t-tisħiħ** introdott bil-baġits emendatorji fl-2020 – li kellu l-għan li jipprovdi rispons għall-kriżi tal-COVID – kien ukoll **relatat ħafna mal-mobilizzazzjoni ta’ strumenti speċjali “mhux tematiċi”**, pereżempju l-**Istrument ta’ Flessibbiltà** (EUR 1.1 biljun) u l-**Marġini Globali għall-Impenji** (EUR 2.7 biljun). Għaldaqstant, il-finanzjament addizzjonali indirizza wkoll sfidi oħrajn, b’mod partikolari b’rabta mal-**migrazzjoni u s-sigurtà**.

2.7 Mindu faqqgħet il-pandemija, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni qablu dwar **pakkett ta’ rkupru mingħajr preċedent (Next Generation EU) ta’ madwar EUR 800 biljun** (fi prezzijiet kurrenti) bħala rispons immirat għall-pandemija; dan se jkun is-suġġett ta’ **rapportar regolari** kif stipulat fil-leġiżlazzjoni.

2.8 Il-Kummissjoni tinnota li r-rapport dwar in-nefqa fuq ir-rispons immedjat għall-COVID-19 li l-QEA rreferiet għalih f’dan il-paragrafu kien ikopri programmi u strumenti li għalih saru wegħdiet, riallokazzjonijiet u/jew rinforzi tul l-2020 għal skopijiet relatati mal-COVID-19. Pereżempju, l-impenji mmarkati taħt l-Intestatura 5 ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Il-**coronavirus dashboard** jipprovdi ħarsa ġenerali tar-rispons tal-politika ta’ koeżjoni tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19, inkluż **ir-riprogrammazzjoni tematika** (li juri r-riallokazzjonijiet tar-riżorsi disponibbli tal-politika ta’ koeżjoni għal azzjonijiet sanitarji, l-appoġġ għan-negozji, l-appoġġ biex in-nies jikkumbattu l-effetti tal-pandemija) flimkien mal-**miri kwantifikati stipulati għal indikaturi ġodda speċifiċi għall-COVID-19**, kif ukoll adozzjoni tal-flessibbiltà finanzjarja u **miżuri ta’ likwidità CRII(+)**.

2.11 Wara bidu tardiv, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta’ koeżjoni **miexja sew**. Il-Kummissjoni tisħaq li r-**rati għoljin ta’ assorbiment** fl-2019 u l-2020 juru li parti mid-dewmien fil-bidu tal-programmi qed tiġi rkuprata.

2.17 Wara bidu tardiv, l-implimentazzjoni tal-programmi ta’ politika ta’ koeżjoni 2014-2020 miexja sew. Ir-**rata ta’ għażla tal-proġetti** għall-FEŻR u l-Fond ta’ Koeżjoni fi tmiem l-2018, li l-Kummissjoni tqis bħala waħda mill-prekondizzjonijiet u indikazzjonijiet tal-assorbiment futur, qabżet lil dik tal-istess perjodu ta’ referenza fl-2007-2013. Din ix-**xejra pożittiva** ġiet ikkonfermata fi tmiem Diċembru 2020, u r-rata tal-għażla għall-politika ta' koeżjoni ġeneralment laħqet 107 % (jiġifieri madwar 10 punti perċentwali aktar milli għall-2007-2013).

Il-Kummissjoni barra minn hekk tisħaq li r-**rati għoljin ta’ assorbiment** fl-2019 u l-2020 juru li parti mid-dewmien fil-bidu tal-programmi qed tiġi rkuprata.

L-**impatt kumplessiv** ta’ fatturi marbutin mal-kriżi tal-COVID-19 għad irid joħroġ u **se jkun jidher kompletament ċar fl-2021**.

Il-Kummissjoni tqis li konklużjonijiet minn tqabbil li sar mal-QFP preċedenti għandhom isiru bi prudenza minħabba li ċerti **differenzi rilevanti bejn** ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) għall-**perjodi ta’ programmazzjoni** tal-2007-2013 u tal-2014-2020 (bħal livell għoli ta’ prefinanzjament annwali, ir-regola n+3 u l-proċess annwali tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet) jimplikaw li **r-rata ta’ pagamenti** għal dan tal-aħħar aktarx **iddum aktar**.

Il-Kummissjoni tissottolinja wkoll li s-sena **2013** tal-QFP preċedenti **kienet sena eċċezzjonali minħabba l-arranġamenti tranżizzjonali** tal-Istati Membri ġodda mit-tkabbir tal-UE li sar fl-2004 u 2007. Għall-maġġoranza ta' dawn l-Istati Membri[1] r-regola "n+3" applikat għall-impenji tal-2008–2010, u r-regola "n+2" applikat b'mod parallel għall-impenji tal-2011-2013. Dan **għolla b'mod sinifikanti l-livell tal-pagamenti** meħtieġ biex jiġi evitat id-diżimpenn. Ma kien hemm l-ebda effett paragunabbli fi tmiem l-2020. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni mhijiex għalkollox paragunabbli wkoll minħabba **d-data tat-tmiem differenti għall-eliġibbiltà tan-nefqa**: filwaqt li fl-2013 kien fadal biss sentejn għall-implimentazzjoni (sal-31 ta' Diċembru 2015), fl-2020 kien fadal tliet snin għall-programmi tal-FSIE għall-2014-2020 (31 ta' Diċembru 2023) – ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), fejn il-programmi eżistenti se jkomplu sa tmiem l-2025. Barra minn hekk, kif indikat ukoll mill-QEA fil-paragrafu 2.15 ta' dan ir-rapport kif ukoll tar-Rapport Annwali tagħha tal-2019, **ir-rati ta' implimentazzjoni tal-FAEŻR** (65 %) **kienu ogħla milli għal Fondi SIE oħrajn**. Il-Kummissjoni għalhekk tinnota li **d-dewmien fl-implimentazzjoni** deskritt f'dan il-paragrafu tar-rapport **ma jirrelatawx mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** (FAEŻR).

2.20 It-tagħlimiet meħuda mit-**Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar**, imwaqqfa biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni fir-rigward tal-perjodu 2007-2013 ġew integrati għal programmi f'diffikultà fil-perjodu attwali.

Il-Kummissjoni qed **timmonitorja mill-qrib il-programmi** meqjusa li huma f'riskju ta' dewmien **biex tgħin biex tipprevjeni li ma jkunx hemm biżżejjed assorbiment** Qiegħda **fi djalogu mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati** biex ittejjeb is-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni ttenni li l-problemi tal-prestazzjoni huma indirizzati tul il-perjodu ta' programmazzjoni, kif diġà qalet fit-tweġibiet tagħha għar-rapport speċjali tal-QEA 17/2018.

Fl-2014–2020, saret **enfasi qawwija fuq l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati** u fuq qafas ta' prestazzjoni **b'objettivi intermedji u miri** biex jiġi żgurat li l-progress isir kif ippjanat. Fit-tul tar-**rieżami tal-prestazzjoni tal-2019** ingħatat attenzjoni partikolari għall-programmi f'riskju ta' prestazzjoni insuffiċjenti u/jew diżimpenn, sabiex tappoġġa l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi fil-prattika.

Il-Kummissjoni tagħti appoġġ sostanzjali lill-Istati Membri, inkluż **assistenza teknika u servizzi ta' konsulenza** biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' assorbiment tagħhom u r-riżultati miksuba (pereżempju skambju tal-aħjar prattiki u għarfien espert bejn il-pari fil-qafas ta' "REGIO TAIEX"; "JASPERS", li jgħin fit-tħejjija ta' proġetti ta' kwalità li jistgħu jtejbu l-assorbiment għall-2014-2020).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet bosta miżuri biex tgħin lill-Istati Membri jkampaw mal-kriżi relatata mal-COVID, inkluż **bidliet leġiżlattivi** taħt l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u taħt l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+). L-emendi ġew adottati u pprevedew **flessibbiltà u likwidità addizzjonali** biex jiġi skjerat l-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni malajr, u kienu mmirati biex inaqqsu l-piż amministrattiv.

F'Marzu 2020, il-Kummissjoni waqqfet it-Task Force CRII biex tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri kontra l-kriżi. Sa tmiem l-2020, **twieġbu kważi 500 mistoqsija relatati mal-interpretazzjoni tas-CRII** mid-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL **b'mod rapidu** u t-tweġibiet ġew ippubblikati fuq sit web iddedikat aċċessibbli għall-awtoritajiet ta' ġestjoni kollha.

[1] L-eċċezzjonijiet kienu l-Kroazja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, li għalihom ir-regola "n+3" kienet tapplika għall-perjodu sħiħ.

Fl-2020 sar sforz sinifikanti ta' **riprogrammazzjoni**. Il-Kummissjoni adottat l-emendi rilevanti għall-programmi **f'ħin rekord** sabiex tindirizza l-ħtiġijiet urġenti ta' kull Stat Membru minħabba l-kriżi tal-coronavirus. Minbarra r-riprogrammazzjoni tal-fondi, huma disponibbli **simplifikazzjonijiet oħrajn** u **qed jintużaw mill-Istati Membri**, bħall-estensjoni tal-iskadenzi, pagamenti aċċellerati, eliġibbiltà retroattiva tan-nefqa relatata mal-COVID, eċċ. Miżuri proposti mill-Kummissjoni għall-"**Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU)**" ukoll mistennija li **jaċċelleraw l-implimentazzjoni** ta' dawn ir-riżorsi addizzjonali; tali miżuri jinkludu dispożizzjonijiet skont liema l-kofinanzjament tal-UE jista' jilħaq il-100 %, dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-ambitu tal-appoġġ b'biżżejjed wisa' biex i**l-ħtiġijiet jiġu koperti b'mod komprensiv**, u għadd ta' restrizzjonijiet normalment applikabbli għall-politika ta' koeżjoni li mhumiex se japplikaw għal REACT-EU.

Barra minn hekk, minħabba li l-Istati Membri qed jidderieġu r-riżorsi ta' REACT-EU fis-sistema ta' kunsinna għall-politika ta' koeżjoni, dan għandu jiżgura **l-implimentazzjoni tajba** tagħha.

**Riskji u sfidi**

2.21 Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 2.20.

2.22 L-introduzzjoni ta' għadd ta' **miżuri ta' simplifikazzjoni**, kif ukoll **it-tnaqqis sinifikanti tal-prefinanzjament**, jistgħu jipprovdu inċentiv għal sottomissjonijiet aktar rapidi ta' pretensjonijiet għal pagamenti interim fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid. Fir-rigward tar-riskju ta' bidu tardiv tal-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-QFP tal-2021-2027 imsemmi fl-ewwel inċiż ta' dan il-paragrafu, hu meħtieġ li jiġi previst **perjodu ta' eliġibbiltà ta' nefqa li jikkoinċidi bejn iż-żewġ programmi ta' programmazzjoni** minħabba li bosta operazzjonijiet jieħdu bosta snin biex jiġu implimentati u dejjem ikun hemm fażi tal-bidu u oħra ta' konklużjoni. Il-Kummissjoni ttejjeb il-kontinwità bejn il-perjodi permezz ta' għadd ta' miżuri, inkluż **it-tqassim f'fażijiet ta' proġetti akbar**.

2.24 Il-pandemija fl-2020 u l-**prijorità** li bħala konsegwenza ngħatat **għall-approvazzjoni tal-Istrument Ewropew għall-irkupru** hija r-raġuni prinċipali tal-adozzjoni tardiva. Madankollu, mindu ġew konklużi n-negozjati bejn il-koleġiżlaturi dwar il-kontenut tal-qafas leġiżlattiv tal-politika ta' koeżjoni fi Frar 2021, il-Kummissjoni u l-Istati Membri wettqu **djalogu informali intens**. Dan se jippermetti **sottomissjoni formali rapida** tal-ftehimiet ta' sħubija u programmi mad-dħul fis-seħħ, **kif ukoll l-approvazzjoni tagħhom**.

2.25 Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 2.22 u 2.24.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal-leġiżlazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 saret f'Mejju 2018, **kważi nofs sena qabel** mill-ekwivalenti fl-2011.

2.26 Il-Kummissjoni tinnota li d-dewmien fl-implimentazzjoni deskritt f'dan il-paragrafu mhuwiex marbut mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 2.18.

2.27 Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jinvesti fil-**bini tal-kapaċità amministrattiva fl-Istati Membri** taħt "l-Objettiv Tematiku 11" fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u taħt l-Assistenza Teknika għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni tal-fondi. L-investimenti fil-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri se jkomplu jiġu ffinanzjati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-assistenza teknika "standard" mat-tieni tip ta' assistenza teknika, jiġifieri assistenza teknika relatata mal-

**finanzjament mhux marbut mal-kostijiet** (l-Artikolu 37 tar-RDK). Barra minn hekk, bosta Stati Membri se jiżviluppaw pjanijiet direzzjonali għall-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-perjodu 2021–2027, **inkluż riorjentament biex tiġi inkluża firxa akbar ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità**. Dan, flimkien ma' simplifikazzjonijiet sinifikanti tal-politika ta' koeżjoni fl-2021-2027, għandu jippermetti implimentazzjoni soda tal-fondi tal-UE.

2.29 Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 2.22.

Rigward il-FAEŻR, il-Kummissjoni tinnota li minkejja li fil-ħin li nkitbet din it-tweġiba ma kien hemm l-ebda ftehim dwar ir-Regolamenti tal-PAK, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP ta' Lulju 2020 kienu qablu dwar ir-regola ta' n+2 għall-FAEŻR.

2.30 Il-Kummissjoni tisħaq li **hija l-prerogattiva ta' kull Stat Membru li jagħżel liema programm juża għal investiment jew riforma speċifika**. Barra minn hekk, fl-implimentazzjoni tal-RRF, l-Istat Membru huwa benefiċjarju, u mhux sieħeb ta' implimentazzjoni mal-Kummissjoni.

L-RRF titlob li l-Istati Membri jipproponu pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza bir-riformi u l-investimenti u **jirċievu l-finanzjament biss jekk ikunu għamlu progress** fl-implimentazzoni tagħhom.

Il-Kummissjoni tqis li l-fatt li **l-RRF jipprovdi finanzjament sħiħ tal-kost stmat** tal-pjan (sal-allokazzjoni massima) huwa xieraq minħabba l-ħtieġa qawwija ta' finanzjament li għandhom l-Istati Membri minħabba l-effetti tal-COVID-19. Barra minn hekk, il-finanzjament mill-RRF **jeħtieġ li jiġu rrispettati għadd ta' kundizzjonijiet** (kriterji ta' valutazzjoni, objettivi intermedji u miri) u jista' jkun aktar xieraq għal Stati Membri f'ċerti sitwazzjonijiet li kollox ma' kollox jista' jirriżulta f'użu aktar immirat tal-istrumenti ta' finanzjament differenti disponibbli.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni hija tal-fehma li **l-attraenza ta' strument ta' finanzjament** meta mqabbel ma' ieħor (eż. RRF vs. fondi b'ġestjoni kondiviża) **ma tistax tiġi vvalutata biss skont is-sehem ta' kostijiet** li jkunu koperti minn parti jew oħra. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri huma mitluba jiżguraw li ma jkunx hemm finanzjament doppju.

2.32 Il-Kummissjoni, ikkonfrontata bil-**pandemija tal-COVID-19**, ipprovdiet **appoġġ immirat ulterjuri lill-awtoritajiet tal-programmi** biex jindirizzaw is-sitwazzjoni u ħadmet mal-awtoritajiet tal-awditjar biex jiġi żgurat approċċ robust u armonizzat. Fid-dawl tas-sitwazzjoni, ingħadda messaġġ ċar lill-awtoritajiet tal-programm li **l-konformità mar-regoli għadha prerekwiżit**. **Riskji possibbli ġodda** introdotti mir-rispons ta' politika għall-pandemija tal-COVID-19, inklużi riskji inerenti marbutin mat-tipi ġodda ta' nefqa jew proċeduri maqbula, **jiġu vvalutati mal-awtoritajiet tal-awditjar**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet proattiva u ħolqot **sit web għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet dwar is-CRII** biex tgħin lill-awtoritajiet tal-ġestjoni u tal-awditjar b'risposti konkreti għall-mistoqsijiet tagħhom huma u jadottaw il-miżuri tas-CRII. Twieġbu mijiet ta' mistoqsijiet. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll lill-awtoritajiet tal-awditjar b'riflessjoni ddedikata biex jiġu analizzati xenarji possibbli li jinħolqu mill-kuntest tal-kriżi u biex **taġġorna l-valutazzjoni tar-riskji** fid-dawl tal-ippjanar u x-xogħol ta' awditjar tagħhom. Finalment, il-Kummissjoni, bħala parti mill-**aġġornament kontinwu tas-sistema ta' kontroll intern tagħha**, irrevediet ir-reġistru tar-riskji tagħha u identifikat riskji speċifiċi ġodda, u bdiet tindtroduċi **inizjattivi ta' mitigazzjoni** konkreti fl-eżerċizzji ta' ġestjoni attwali u se tkompli tintroduċihom fil-futur.

**Rigward il-FAEŻR**, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2020/532 li jipprevedi regoli b'**rekwiżiti ta' kontroll realistiċi u ottenibbli** għall-Istati Membri. **Ir-regoli emendati kienu limitati fiż-żmien u fl-ambitu** u l-metodi alternattivi proposti biex l-Istati Membri jwettqu l-kontrolli

fil-qafas tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19 u flimkien max-xogħol tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni, komplew jipprovdu bażi tajba għal assigurazzjoni.

2.33 L-RRF huwa **strument ibbażat fuq il-prestazzjoni**, fejn il-pagamenti jsiru abbażi tat-twettiq ta' objettivi intermedji u miri. Għaldaqstant, il-legalità u regolarità tal-pagamenti hija marbuta esklussivament mal-kisba b'suċċess tal-objettivi intermedji u miri maqbula.

L-Artikolu 22 tar-Regolament jimponi fuq **l-Istati Membri**, bħala benefiċjarji tal-fondi tal-UE, obbligu li **jipprovdu sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti**, inkluż il-verifika tal-konformità mad-dritt tal-UE u nazzjonali applikabbli u l-**evitar ta' finanzjament doppju**. F'dan il-kuntest, **il-Kummissjoni tista' twettaq awditi tas-sistemi** tas-sistema ta' kontrolli interni tal-Istati Membri tul il-ħajja tal-istrument sabiex tiżgura li l-Istati Membri jimxu mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 22. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, tul l-implimentazzjoni tal-pjan, se twettaq kontrolli u awditi abbażi tar-riskji **f'każijiet ta' suspett ta' irregolaritajiet serji** li ma kinux ikkoreġuti mill-Istati Membri (jiġifieri frodi, korruzzjoni jew **kunflitti ta' interess**) jew **ksur serju** tal-obbligi tal-ftehim ta' finanzjament jew tal-ftehim ta' self.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li **tnaqqas proporzjonalment u tirkupra** ammonti tal-appoġġ mhux ripagabbli jew li titlob ripagament kmieni ta' self **f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta' interess** li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma ġewx korretti mill-Istat Membru, u/jew ksur serju ta' obbligi stipulati fil-ftehim ta' finanzjament u/jew ta' self (li jinkludu l-finanzjament doppju).

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 2.30.

2.37 Minkejja li l-Istrument SURE żied l-iskopertura nominali tal-baġit tal-UE għal riskji finanzjarji billi żied il-volum tas-self tal-UE bi kważi EUR 90 biljun sa tmiem Mejju 2021, il-kostruzzjoni tiegħu kienet **imfassla** sabiex **ir-riskju għall-baġit tal-UE jiġi minimizzat** fil-prattika.

Minbarra l-garanziji pprovduti mill-Istati Membri kollha, hemm għadd ta' **regoli prudenzjali** fir-Regolament SURE bħal i) **limitu ta' konċentrazzjoni** fuq it-tliet l-akbar selfiet ta' 60 % tal-ammont massimu mogħti taħt SURE, ii) **skopertura annwali massima ta' 10 %** (jiġifieri l-pagament dovut kull sena ma jaqbiżx EUR 10 biljun) u iii) il-possibbiltà li l-Kummissjoni tirriporta t-teħid b'self tagħha jekk meħtieġ.

2.39 L-iskopertura annwali għar-riskju tal-baġit tal-UE għall-2020 u l-2021 kif diskuss f'dan il-paragrafu għandha tinqasam f'żewġ komponenti: **skopertura** li għaliha l-proviżjonament huwa **pprovdut minn fond ta' garanzija** (ez. pagamenti relatati ma' pajjiżi terzi) u **skopertura mingħajr proviżjonament** (eż. pagamenti dovuti mill-Istati Membri).

Madankollu, iċ-ċifri jinkludu r-riskju marbut **mal-iskopertura għal pajjiżi terzi** (EUR 3,1 u 3 biljun għall-2020 u l-2021, rispettivament) li huwa mġarrab primarjament mill-**Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni**.

2.40 Minbarra li ssaħħaħ il-qafas tagħha biex timmaniġja r-riskju li jiġi mis-sorsi differenti ta' obbligazzjonijiet kontinġenti, il-Kummissjoni diġà qed timplimenta **strateġija ta' finanzjament diversifikata** biex tirrispondi adegwatament għall-approċċ aktar impenjattiv biex Next Generation EU jiġi ffinanzjat **fis-swieq kapitali**[2].

[2] Komunikazzjoni dwar strateġija ta' finanzjament ġdida għall-finanzjament tan-NextGenerationEU, COM (2021) 250 final tal-14.4.2021

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 2.37.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

2.42 Il-Kummissjoni tisħaq li **t-tisħiħ** introdott mill-baġits emendatorji fl-2020 kien parzjalment **immirat biex jipprovdi rispons għall-kriżi tal-COVID-19**, kif ukoll biex jimmobilizza għadd ta' strumenti speċjali biex jiġu indirizzati sfidi oħrajn, b'mod partikolari dawk relatati mal-**migrazzjoni u s-sigurtà**.

2.44 Il-Kummissjoni tissottolinja li **r-rapport intern tagħha dwar in-nefqa fuq ir-rispons immedjat għall-COVID-19** – li juri l-impenn ta' EUR 12,9 biljun taħt ġestjoni diretta u indiretta bħala l-ammont li sar disponibbli għall-finijiet relatati mal-COVID-19 sa tmiem l-2020 – kien limitat għal programmi u strumenti li għalihom saru wegħdiet, riallokazzjonijiet u/jew rinforzi tul l-2020 għal finijiet relatati mal-COVID-19. Għaldaqstant, ċerti impenji – bħal pereżempju dawk immarkati taħt l-Intestatura 5 – ma ġewx inklużi fih.

Il-Kummissjoni bdiet tagħmel **traċċar** intern tal-**fondi tal-UE użati għal finijiet relatati mal-COVID-19** mill-ewwel nofs tal-2020, inkluż għal impenji li kienu saru minn qabel.

2.45 Il-Kummissjoni tissottolinja li l-livell ta' impenji pendenti (**RAL**) dejjem **jiżdied jekk** id-differenza bejn il-livell tal-impenji u l-livell tal-pagamenti tkun pożittiva u **ma tkunx immitigata mid-diżimpenji**. Il-livell ta' pagamenti jiddependi fuq **il-ħtiġijiet ta' nefqa tal-programmi**. L-ixprun ewlieni huwa l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża. Il-pagamenti jiddependu wkoll fuq li **l-Awtorità Baġitarja** tagħti l-mezzi neċessarji fil-baġits annwali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 2.11.

2.46 Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 2.46 u 2.47;

Il-Kummissjoni tinnota li **d-dewmien fl-implimentazzjoni** deskritt f'dan il-paragrafu **mhuwiex marbut mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** (FAEŻR).

Wara bidu tardiv, l-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni 2014-2020 **miexja sew**.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 2.17, 2.18 u 2.20.

2.48 Rigward ir-riskju ta' **dewmien fl-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża** fil-QFP 2021-2027, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 2.22.

Rigward **ir-riskju akbar minħabba l-RRF**, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 2.33.

Barra minn hekk, kif innutat fit-tweġiba tagħha għall-paragrafi 2.19 u 2.26, u kif indikat mill-QEA fil-paragrafu 2.24, il-Kummissjoni tinnota li **d-dewmien fl-adozzjoni** tal-leġiżlazzjoni meħtieġa **u l-assorbiment bil-mod** (u riskji assoċjati oħrajn) deskritti f'dan il-paragrafu **mhumiex relatati mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** (FAEŻR), minħabba l-adozzjoni ta' regolament ta' tranżizzjoni (ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020) u l-estensjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali.

2.49 Il-Kummissjoni tinnota li, sabiex jiġi indirizzat l-għadd li qed jikber ta' **obbligazzjonijiet kontinġenti** (u r-riskju relatat li għalih huwa espost il-baġit tal-UE), qed tiżviluppa **għodod ta'**

**ġestjoni tar-riskju ġodda** inkluż, fost l-oħrajn, l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Tmexxija trans-DG dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti[3].

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 2.37.

**Rakkomandazzjoni 2.1 – Rappurtar dwar il-fondi tal-UE għal skopijiet relatati mal-COVID-19**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni **parzjalment**.

Mill-2021, il-Kummissjoni **se tiffoka fuq l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19** u se tissodisfa l-obbligi ta' **rapportar** tagħha, b'mod partikolari għal **Next Generation EU**. Il-Kummissjoni mhix beħsiebha tipprepara rapportar ulterjuri dwar ir-rispons immedjat lil hinn mir-**rapporti li diġà jeżistu** dwar l-istrumenti varji.

**Rakkomandazzjoni 2.2– Tnaqqis gradwali tal-impenji pendenti**

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se **timmonitorja l-implimentazzjoni tal-baġit** u l-evoluzzjoni tal-livell ġenerali tal-impenji pendenti (RAL), kif ukoll il-fatturi sottostanti relatati. Hija **tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew regolarment** dwar il-ħtiġijiet previsti u r-riskji potenzjali għall-futur. Din l-informazzjoni tiġi inkluża b'mod partikolari f'**rapport annwali dwar previżjoni fit-tul** għall-pagamenti tal-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni tħejji l-**previżjoni tagħha abbażi ta' firxa wiesgħa ta' *data* disponibbli** (l-eżekuzzjoni tal-baġits tas-snin preċedenti, l-implimentazzjoni u l-aħħar żviluppi tal-baġit preżenti u l-ħtiġijiet futuri ppreżentati fl-abbozz ta' baġit għas-sena ta' wara). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis il-previżjonijiet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (**Fondi SIE**) – **l-ixprun ewlieni** għall-istimi ġenerali għall-pagamenti skont il-QFP.

Għall-perjodu 2021–2027, il-Kummissjoni pproponiet sensiela ta' **miżuri ta' simplifikazzjoni** biex tiffaċilita u taċċellera l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tagħhom inżammu fil-ftehim politiku milħuq bejn il-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni tesprimi d-dispjaċir tagħha li **r-ritorn għar-regola ta' diżimpenn n+2 ma ġiex approvat**. F'dan l-istadju bikri taċ-ċiklu baġitarju l-ġdid, il-Kummissjoni tqis li **l-effetti li tinżamm ir-regola tad-diżimpenn n+3**, flimkien mal-ftehim tard dwar il-leġiżlazzjoni li tirregola l-biċċa l-kbira tal-fondi f'ġestjoni kondiviża, kif ukoll l-enfasi tal-awtoritajiet nazzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' Next Generation EU fis-snin li ġejjin minħabba l-iskeda ta' żmien aktar limitat tiegħu, **se jwasslu biex iżommu x-xejra ta' RAL li jikber nominalment tul il-QFP 2021-2027**.

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li minn naħa, **l-adozzjoni** tal-baġit **taqa'** fl-aħħar mill-aħħar **taħt l-ambitu tal-awtorità baġitarja**, li tinvolvi l-għoti ta' livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, u min-naħa l-oħra, din l-implimentazzjoni, b'mod partikolari għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża, hija ġestita mill-**awtoritajiet nazzjonali** u tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq ir-regoli stabbiliti mill-koleġiżlaturi fl-atti bażiċi rilevanti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tkompli **tikkoopera mill-qrib** mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri.

**Rakkomandazzjoni 2.3 – Promozzjoni tal-użu tajjeb tal-finanzjament li jingħata mill-UE**

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24.7.2020 dwar it-twaqqif tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar ir-Responsabbiltajiet Kontinġenti li jirriżultaw minn Garanziji Baġitarji (C (2020) 5154)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni u diġà bdiet timplimentatha.

As regards **cohesion policy** in shared management, the Commission is already providing significant **advisory support to Member States**, and will continue to do so. As regards additional risks that could arise in the context of the crisis and of the additional funds allocated to Member States, the Commission stresses that it has provided further **targeted support to programme managing authorities** to address the situation and worked in parallel with the audit authorities to ensure a **robust** and harmonised **audit approach**. Minkejja s-sitwazzjoni, ingħadda messaġġ ċar lill-awtoritajiet tal-programm li **l-konformità mar-regoli** għadha prerekwiżit.

Il-Kummissjoni **tkompli tivvaluta bir-reqqa s-sitwazzjoni** u **l-impatt** possibbli ta' **kriżi mtawla** fuq il-proċess ta' assigurazzjoni u tipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet tal-programmi fuq bażi kontinwa **biex itejbu l-kapaċitajiet amministrattivi** tagħhom.

Rigward il-**FAEŻR**, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' assistenza teknika disponibbli fil-FAEŻR u fl-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI), kif ukoll permezz ta' **networks eżistenti tal-PAK** u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità, inkluż tixrid ta' linji gwida u tal-aħjar prattiki.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha fil-paragrafu 2.32.

Rigward l-**RRF**, bħala l-akbar strument ta' finanzjament ġdid, il-benefiċjarji huma **l-Istati Membri** li min-naħa tagħhom iġarrbu **r-responsabbiltà prinċipali** għall-użu tajjeb tal-fondi - ara wkoll il-paragrafu 2.33. Is-servizzi tal-Kummissjoni **pprovdew gwida** u ħadmu mal-Istati Membri biex jimplimentaw **sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll tajbin**.

Dan sar b'mod partikolari permezz ta' gwida ġenerali dwar l-abbozzar ta' **Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza** (RRPs) b'taqsimiet iddedikati għall-kontrolli u l-awditjar u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, tweġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi mill-Istati Membri, feedback għall-ewwel pjanijiet jew abbozzi ta' sistemi ta' monitoraġġ u kontroll, u l-provvediment ta' lista ta' kontroll ta' awtovalutazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll u awditu għall-Istati Membri.

**Il-Kummissjoni se tivvaluta ulterjorment is-sistemi ta' kontroll** deskritti mill-Istati Membri fil-pjanijiet għall-irkpuru u r-reżiljenza finali tagħhom. Tul l-implimentazzjoni tal-Faċilità, il-Kummissjoni tista' tibda verifiki u awditi u **tirkupra l-fondi** jekk l-Istati Membri jiksru l-obbligi tagħhom jew **jonqsu milli jikkoreġu xi irregolaritajiet serji**.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jitolbu appoġġ tekniku mill-**Istrument ta' Appoġġ Tekniku** tul il-perjodu ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, **l-uffiċjali tas-Semestru Ewropew** fl-Istati Membri se jkunu kapaċi jipprovdu assistenza tul l-implimentazzjoni tal-RRF.

Rigward **SURE**, il-Kummissjoni pprovdiet **appoġġ ta' konsulenza lill-Istati Membri** billi interaġġiet magħhom kmieni fil-livell tekniku biex tiddetermina liema nefqiet ikunu eliġibbli għall-finanzjament SURE, u l-istima tal-kostijiet tagħhom, **qabel ma jsiru talbiet formali għal finanzjament**. Il-Kummissjoni regolarment **timmonitorja l-użu tas-self SURE** permezz ta' rapporti biannwali, u wkoll fuq il-bażi tal-obbligi tar-rapportar tal-Istati Membri meta tkun ingħatat assistenza finanzjarja ex-ante għal nefqa ppjanata. Il-Kummissjoni qagħdet attenta għal diskrepanzi fir-rapportar mill-Istati Membri **sabiex ittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni rrapportata**. Meta l-Kummissjoni tidentifika kwistjonijiet potenzjali ta' assorbiment fl-Istati Membri, tinteraġġixxi b'mod bilaterali ma' dawn l-Istati Membri **biex tiddiskuti soluzzjonijiet potenzjali** u tiżgura li l-assistenza finanzjarja sħiħa tintuża kif xieraq.

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**
**KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 KAPITOLU 3 – DĦUL**

INTRODUZZJONI

3.1 Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li **l-kapitolu dwar id-dħul huwa ma fihx żbalji materjali** u li **s-sistemi relatati mad-dħul li ġew eżaminati kienu ġeneralment effettivi**.

Fir-rigward **tar-riżorsi proprji tradizzjonali** (RPT) u **r-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud** (VAT), il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni biex tintensifika s-segwitu dwar il-punti pendenti tar-RPT u tneħħi r-riżervi tal-VAT fejn possibbli u biex issegwi d-dgħufijiet fil-kontabbiltà tal-RPT identifikati mill-awditi tal-QEA fi Franza, Spanja u n-Netherlands. L-ammonti mhux irkuprati fil-kont B se jkomplu jiġu mmonitorjati mill-qrib fl-Istati Membri kollha. Id-dgħufijiet identifikati mill-QEA fir-Rapport Speċjali Nru 4/2021 tagħha "*Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE*" se jiġu indirizzati permezz tat-tisħiħ tal-estrazzjoni tad-*data* u tal-valutazzjoni tar-riskju fl-UE kollha u l-iżvilupp ta' kapaċità analitika konġunta. Se tittieħed azzjoni ulterjuri biex tittejjeb il-valutazzjoni tar-riskji għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet tar-RPT u l-Kummissjoni qed tikkunsidra analiżijiet dokumentarji annwali dwar il-kontabbiltà tar-RPT separati mill-programm ta' spezzjoni normali tagħha. Se jiġu esplorati approċċi u għodod ġodda biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-kummerċ elettroniku u l-istrateġija ta' infurzar dwar is-sottovalwazzjoni se tiġi implimentata f'konformità mas-sentenza, mistennija fil-bidu tal-2022, tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ kontra r-Renju Unit.

Fir-rigward **tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING)**, il-Kummissjoni qed tieħu azzjonijiet komprensivi dwar it-trattament tal-globalizzazzjoni, inkluż dwar ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), fir-rigward tal-ING għall-finijiet tar-riżorsi proprji. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-azzjonijiet meħuda huma proporzjonati billi jibbilanċjaw l-assigurazzjoni li diġà ngħabret mar-riskji identifikati għall-kwistjonijiet tal-globalizzazzjoni.

ANALIŻI TAL-ELEMENTI TAS-SISTEMI TA' KONTROLL INTERN

3.8 il-Kummissjoni nnutat, matul l-ispezzjoni tagħha tar-RPT f'Marzu 2021, nuqqas ta' progress reali fir-rimedju tan-nuqqasijiet **tad-dikjarazzjonijiet tar-RPT fin-Netherlands**.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-dgħufijiet imsemmija mill-QEA ma jixħtux dubju fuq **l-effettività ġenerali tas-sistemi fis-seħħ** biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fil-kuntest tar-riżorsi proprji.

3.9 il-Kummissjoni tqis li **r-riżervi** jippermettu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Istati Membri tagħha sabiex, jekk ikun meħtieġ, il-korrezzjonijiet tad-*data* meħtieġa jsiru mill-pajjiż ikkonċernat skont il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Fil-każ partikolari msemmi mill-QEA, kien meħtieġ li l-Kummissjoni tinnotifika riżerva biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE u l-Istati Membri tagħha, u titlob li tingħata deskrizzjoni tal-proċeduri ta' kompilazzjoni tal-ING li ssegwi l-Gwida tal-Inventarju tal-ING miftiehma. Id-deskrizzjoni riveduta ngħatat fil-31 ta' Marzu 2020 u l-verifikazzjoni tagħha hija avvanzata sew.

3.10 L-implimentazzjoni tal-ESA (is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali) 2010 wasslet għal titjib metodoloġiku importanti fil-Kontijiet Nazzjonali, li jirrikjedi skrutinju fil-fond mill-Kummissjoni. Fejn kien meħtieġ, saru riżervi, filwaqt li d-*data* tal-ING għas-snin mill-2010 'il

quddiem baqgħet miftuħa għal bidliet potenzjali. Sabiex tillimita l-għadd ta' **riżervi tal-ING**, il-Kummissjoni ddefiniet punti ta' azzjoni fi stadju bikri taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni, li ħafna minnhom diġà ġew implimentati, u ħarġet ir-riżervi msemmija hawn fuq dwar kwistjonijiet speċifiċi biss. L-isforzi f'din id-direzzjoni se jiġu segwiti.

3.11 Matul iċ-ċiklu li għadda, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet komprensivi dwar **it-trattament tal-globalizzazzjoni inkluż dwar ir-R&Ż, għall-ING għall-finijiet tar-riżorsi proprji**. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ċċekkjat li n-nefqa fuq ir-R&Ż kienet kapitalizzata fil-kontijiet nazzjonali u vvalutata skont ir-regoli applikabbli. Fejn meħtieġ, saru riżervi speċifiċi għat-tranżazzjonijiet għal xi pajjiżi. It-tieni nett, hija stabbiliet Sistema ta' Twissija Bikrija biex tirrifletti l-impatt fil-Kontijiet Nazzjonali ta' ristrutturar sinifikanti tal-intrapriżi multinazzjonali (multinational enterprises, MNEs). It-tielet nett, fl-2016 tnieda skrutinju tal-MNEs segwit minn analiżi fil-fond ta' selezzjoni ta' MNEs, u ma ġiet identifikata l-ebda evidenza ta' distorsjonijiet kbar fil-valur miżjud. Abbażi ta' dawk l-azzjonijiet, il-Kummissjoni għamlet riżerva trasversali fuq il-globalizzazzjoni mill-2018 'il quddiem. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan iż-żmien huwa proporzjonat billi jippreżenta bilanċ l-assigurazzjoni diġà miksuba u r-riskji identifikati.

3.12 Il-Kummissjoni se tkompli tintensifika **s-segwitu tal-punti tar-RPT** li għadhom miftuħa fejn tagħti prijorità lil punti li ilhom pendenti għal żmien twil u li jista' jkollhom impatt finanzjarju. Fl-ewwel kwart tal-2021 biss, ingħalqu 41 punt addizzjonali (minn 326). Madankollu, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-aċċellerazzjoni tal-għeluq tal-punti miftuħa tiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri.

Ir-riżervi huma miżura protettiva biex jitnaqqas ir-riskju li kalkolu skorrett tar-riżorsa roprja bbażata fuq il-VAT, jiġi preskritt.

Il-Kummissjoni taħdem fi sħubija mill-qrib mal-Istati Membri, biex tidentifika b'mod attiv modi kif jiġu solvuti l-kwistjonijiet u tieħu azzjoni kull meta jkun possibbli. Dan isir skont il-proċeduri tal-Kummissjoni u l-leġiżlazzjoni applikabbli, bil-għan li jingħalqu r-riżervi li jkunu ilhom pendenti.

**Kaxxa 3.2 - Dgħufijiet persistenti fis-sistemi nazzjonali ta' kontroll għall-kumpilazzjoni tar-rapporti dwar ir-RPT**

Il-Kummissjoni se twettaq segwitu tal-problemi identifikati **mill-awditi tal-QEA fi Spanja, Franza u n-Netherlands** fis-segwitu abitwali tagħha għall-konklużjonijiet tal-QEA, u dawn l-Istati Membri se jkunu obbligati jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw u jsibu tarf tan-nuqqasijiet identifikati.

Is-segwitu tas-sejbiet tal-awditjar tal-QEA identifikati fi Spanja diġà beda u n-Netherlands diġà ntalbu jieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Matul l-ispezzjoni tagħha tar-RPT f'Marzu 2021, il-Kummissjoni nnutat nuqqas ta' progress reali fir-rimedju tan-nuqqasijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-RPT fin-Netherlands.

Jekk ma jsir l-ebda progress jew ma jsirx biżżejjed progress f'perjodu ta' żmien stabbilit biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet kontabilistiċi, is-servizzi tal-Kummissjoni mhux se joqogħdu lura milli jikkunsidraw il-fajl skont il-proċedimenti ta' ksur stabbiliti fl-Artikolu 258 tat-TFUE.

3.16 Il-Kummissjoni tfakkar li dan it-tip ta' kont, min-natura tiegħu, għandu riskju għoli ta' nuqqasijiet u ta' kumplessitajiet involuti fih. Il-Kummissjoni se tkompli teżamina l-kont B **fl-ispezzjonijiet tar-PRT** tagħha. Barra minn hekk, il-programm ta' spezzjoni tar-RPT tal-2020/2021 jiffoka b'mod partikolari fuq il-kontabilità tar-RPT b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni li saret fis-snin li għaddew tal-QEA.

3.17 Il-Kummissjoni **ssegwi l-problemi identifikati** mill-awditi tal-QEA fi Spanja, Franza u fin-Netherlands fis-segwitu abitwali tagħha għall-konklużjonijiet tal-QEA, u dawn l-Istati Membri se jkunu obbligati jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw u jsibu tarf tan-nuqqasijiet identifikati. Kif tirrimarka ġustament il-QEA, nuqqasijiet identiċi u simili ġew identifikati mill-Kummissjoni u se jiġu segwiti bl-istess mod permezz tar-rapporti ta' spezzjoni tagħha.

3.18 Fir-rigward tar-**rapport speċjali Nru 04/2021 dwar il-kontrolli doganali**, il-Kummissjoni tirreferi għar-risposti tagħha pprovduti f'dan ir-rapport. Il-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjoni dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kapaċità sħiħa ta' koordinazzjoni u ta' analiżi fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni se tagħmel il-proposti meħtieġa u tfittex l-appoġġ u, fejn xieraq, l-approvazzjoni tal-Istati Membri. Fir-rigward tal-ħolqien ta' funzjoni ċentrali kif imħabbar **fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali**, il-Kummissjoni beħsiebha ssaħħaħ il-kapaċità ta' analiżi tagħha billi tiżviluppa **Kapaċità Analitika Konġunta (Joint Analytics Capacity, JAC)**.

3.19 il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dgħufijiet identifikati mill-QEA fir-Rapport Speċjali Nru 04/2021 tagħha u tirreferi għat-tweġibiet tagħha pprovduti f'dak ir-rapport. Il-Kummissjoni se tfittex l-appoġġ u, fejn meħtieġ, l-approvazzjoni tal-Istati Membri sabiex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.

Il-Kummissjoni qed tippjana li ssaħħaħ il-qafas legali, kif ukoll tesplora approċċi u għodod ġodda biex tindirizza r-riskji relatati mal-kummerċ elettroniku, u ssaħħaħ il-kapaċità ta' analiżi tagħha billi tiżviluppa Kapaċitajiet Analitiċi Konġunti, u b'hekk toħloq ċentru analitiku tal-UE għall-ġbir, l-analiżi u l-kondiviżjoni ta' *data* doganali ewlenija.

L-Istrateġija Ġdida għall-Ġestjoni tar-Riskji se tippromwovi approċċ strutturat ġdid għall-ġestjoni tar-riskji li jinkludi, fost l-oħrajn, elementi għall-kondiviżjoni b'mod aktar sistematiku ta' informazzjoni relatata mal-operaturi ta' interess, kwistjonijiet relatati mal-kummerċ elettroniku, għodod u prattiki ġodda biex jittejbu l-analiżi u l-ġestjoni tar-riskji u l-kontrolli assoċjati.

Ara wkoll it-tweġiba għall-Kaxxa 3.3.

**Kaxxa 3.3**

**Il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-istrateġiji ta' kontroll tal-Istati Membri għall-indirizzar tar-riskju ta' sottovalwazzjoni hija li, kumplessivament, dawn għadhom inadegwati**

Il-Kummissjoni taqbel mal-QEA li fil-passat l-interessi finanzjarji ma kinux protetti kif xieraq minħabba l-istrateġiji ta' kontroll inadegwati tal-Istati Membri fuq **il-valur doganali**. Madankollu, l-ispezzjonijiet ta' segwitu tal-Kummissjoni u l-azzjonijiet ulterjuri kollha meħuda fl-2020 biex jindirizzaw ir-riskji ta' sottovalwazzjoni fil-livell tal-UE taw il-frott, peress li hemm tnaqqis sinifikanti fil-livell tal-UE fit-telf potenzjali tar-RPT minħabba sottovalwazzjoni għall-2020.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet passi ulterjuri biex tikkwantifika **t-telf preċedenti tar-RPT** fl-Istati Membri kollha u infurmathom dwar l-ammonti preliminari rispettivi tagħhom tat-telf stmat tal-RPT.

Fil-futur, il-ħidma ta' sottovalwazzjoni se tkompli u l-Kummissjoni qieset bir-reqqa **r-riskji ta' sottovalwazzjoni għall-kummerċ elettroniku u l-konsenji ta' valur baxx** meta stabbiliet il-programm annwali tagħha ta' spezzjoni tar-RPT għall-2021. Awditu pilota dwar il-kummerċ elettroniku huwa skedat f'żewġ Stati Membri u jista' jiġi varat fl-2022 skont ir-riżultati tal-eżerċizzji pilota.

RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ

3.20 il-Kummissjoni tirrikonoxxi li **l-kontabbiltà tar-RPT fin-Netherlands** hija kwistjoni li ilha teżisti u li osservazzjonijiet simili dwar l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet A u B tqajmu preċedentement mill-QEA u fir-rapporti ta' spezzjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, għas-sena 2020 ma setgħetx titwettaq valutazzjoni xierqa tal-kwistjonijiet kontabilistiċi fin-Netherlands, peress li l-ispezzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-kontabbiltà tar-RPT skedata għall-2020 kellha tiġi posposta għal Marzu 2021 minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Din il-kwistjoni qed jiġi segwita u r-rapportar dwar id-dgħufijiet persistenti relatati mal-kontabbiltà tal-RPT u l-kompilazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tar-RPT fin-Netherlands se jsir fl-2021.

3.21 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Kaxxa 3.3.

3.22 il-Kummissjoni tixtieq tinforma li l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali hija mistennija għall-9 ta' Settembru 2021. Għalhekk, huwa improbabbli li tinħareġ **sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja** dwar il-każ tar-Renju Unit qabel l-2022.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

3.23 Il-Kummissjoni se twettaq **segwitu** tal-problemi identifikati mill-**awditi tal-QEA fi Spanja, Franza u n-Netherlands** fis-segwitu abitwali tagħha għall-konklużjonijiet tal-QEA, u dawn l-Istati Membri se jkunu obbligati jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw u jsibu tarf tan-nuqqasijiet identifikati.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-dgħufijiet imsemmija mill-QEA ma jixħtux dubju fuq **l-effettività ġenerali tas-sistemi fis-seħħ** biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fil-kuntest tar-riżorsi proprji.

3.24 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-punti 3.18 u 3.19.

3.25 Ir-rakkomandazzjoni 1 tar-rapport annwali tal-QEA 2018

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li **l-ispezzjonijiet li jkopru s-snin 2017-2021** dwar il-frodi fil-valutazzjoni ta' tessuti u żraben (inklużi spezzjonijiet ta' segwitu), l-istrateġija ta' kontroll tad-Dazji Anti-Dumping, inkluża l-evażjoni ta' Dazji Anti-Dumping fuq il-pannelli solari, il-kontabbiltà tar-RPT u proġetti pilota dwar il-kummerċ elettroniku u kunsinni ta' valur baxx jindirizzaw l-ogħla riskji attwali tat-RPT.

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm lok għal aktar titjib **fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet tar-RPT**, b'mod partikolari fir-rigward tad-dokumentazzjoni tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tistabbilixxi skedi tal-pajjiżi li jindikaw ir-rekord ta' kull Stat Membru fil-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-RPT. Il-kumpilazzjoni ta' indikaturi tar-riskju f'skeda waħda jew tnejn ta' paġni tal-pajjiż ċertament tkun utli u tiffaċilita l-valutazzjoni tar-riskju għal kull pajjiż. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistenniex li tali skedi tal-pajjiżi jbiddlu l-għażla tas-suġġetti ta' spezzjoni jew l-Istat Membru li għandu jiġi spezzjonat.

Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni se tkompli teżamina dan is-suġġett u se tqis l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA biex tkompli ttejjeb il-valutazzjoni tar-riskju u l-ippjanar tal-ispezzjoni tal-RPT.

Ir-rakkomandazzjoni 2 tar-rapport annwali tal-QEA 2018

**L-affidabbiltà tal-kontabbiltà tar-RPT** hija s-suġġett ewlieni ta' spezzjoni fil-programmi ta' spezzjoni tar-RPT tal-2020 u l-2021. Sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni biħsiebha tiffinalizza l-ispezzjonijiet dwar dan is-suġġett fl-Istati Membri kollha u n-nuqqasijiet misjuba se jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tar-riskji għas-snin ta' wara.

**Rakkomandazzjoni 3.1 – Rieżami u aġġornament tal-approċċ ta' verifikazzjoni bil-għan li jitqassar it-tul ta' żmien li d-*data* dwar l-ING tibqa' miftuħa**

Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li **ċ-ċiklu ta' verifikazzjoni 2016-2019** ġie msaħħaħ b'mod sinifikanti b'mod partikolari bl-użu estiż ta' verifikazzjoni orizzontali u analiżi transfruntiera kif ukoll verifikazzjoni diretta msaħħa filwaqt li tqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-passat tal-QEA. Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli tesplora, flimkien mal-Grupp ta' Esperti tal-ING, modi biex tkompli ttejjeb il-proċess u tnaqqas il-perjodu li matulu d-*data* dwar l-ING tibqa' miftuħa, fejn fattibbli.

**Rakkomandazzjoni 3.2 – Jeħtieġ li tittieħed aktar azzjoni biex jiġi indirizzat l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-ING**

a) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed timplimentaha f'kooperazzjoni mal-Istati Membri bl-użu tal-mekkaniżmu tar-riżerva tal-globalizzazzjoni.

b) Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni. Hija tqis li ż-żmien tar-riżerva dwar il-globalizzazzjoni, jiġifieri għas-snin mill-2018 'il quddiem, huwa xieraq.

Matul iċ-ċiklu li għadda, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet komprensivi dwar **it-trattament tal-globalizzazzjoni, inkluż dwar ir-R&Ż, fir-rigward tal-ING għall-finijiet ta' riżorsi proprji**, kif spjegat fil-paragrafu 3.11. B'mod partikolari, fl-2016 tnieda skrutinju tal-MNEs, segwit minn analiżi fil-fond ta' selezzjoni ta' MNEs, u ma ġiet identifikata l-ebda evidenza ta' distorsjoni maġġuri tal-valur miżjud. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li ż-żmien **tar-riżerva tal-ING dwar il-globalizzazzjoni** huwa proporzjonat, meta wieħed iqis l-assigurazzjoni diġà miġbura dwar din il-kwistjoni fir-rigward tar-riskji identifikati, filwaqt li jiġi evitat piż mhux ġustifikat fuq l-Istati Membri. Ir-riżerva dwar il-globalizzazzjoni nnifisha tagħmel referenza għal metodoloġija statistika robusta. Barra minn hekk, il-ħidma li għandha titwettaq mill-Istati Membri biex jindirizzaw din ir-riżerva tal-ING hija ddefinita sew u ġiet diskussa fil-Grupp ta' Esperti tal-ING.

**Rakkomandazzjoni 3.3 – Affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet Netherlandiżi tar-RPT**

Il-Kummissjoni tosserva li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lin-Netherlands.

Ara t-tweġiba għall-Kaxxa 3.2.

**TWEĠIBIET MIN-NETHERLANDS GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2020 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI, KAPITOLU 3 — DĦUL**

*Rakkomandazzjoni 3.3 — Affidabbiltà tar-rapporti tal-RPT tan-Netherlands*

*Aħna naċċettaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħkom b'impenn li s-sistemi tal-IT tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana Olandiża jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fi ħdan l-iskadenza li tkun stipulajt.*

# TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 TAL-QORTI TAL-AWDITURI BĦALA KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020

# "KAPITOLU 4 – KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"

INTRODUZZJONI

4.1 F'Orizzont Ewropa, l-akbar programm ta' riċerka u innovazzjoni globalment, b'baġit ta' EUR 95.5 biljun, il-Kummissjoni se tikkapitalizza fuq l-esperjenza miksuba taħt Orizzont 2020 u se tkompli tinforza l-politika ta' simplifikazzjoni tagħha. Fost l-oħrajn, se tuża mudell standard ta' ftehim ta' għotja għall-programmi kollha ta' finanzjament tal-UE; jagħmlu użu estensiv mill-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati (kost unitarju, rata fissa u somom f'daqqa) u skemi ta' rimborż tal-ispejjeż aktar sempliċi f'oqsma xierqa u jimplimentaw sistema tal-awditjar simplifikata.

IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

4.6 Ir-rata ta' żball irrappurtata mill-QEA għas-sena 2020 hija simili għar-rati ta' żball irrappurtati fis-snin l-imgħoddija (bl-eċċezzjoni tar-Rapport Annwali tal-2018).

Il-QEA tistma r-rata ta' żball fuq bażi annwali li tikkontabilizza biss il-korrezzjonijiet introdotti mill-Kummissjoni, bħala riżultat tal-kontrolli tagħha stess, sat-tnedija tal-awditu. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni timplimenta strateġija pluriennali għall-kontroll għan-nefqa fuq ir-riċerka. Fuq din il-bażi, is-servizzi tagħha jieħdu stima tar-rata tal-iżbalji residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u tal-awditjar kollha li saru matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-programm.

F'dan ir-rigward, l-objettiv tal-Kummissjoni għal Orizzont 2020 huwa li ġġib ir-rata ta' żball taħt jew qrib kemm jista' jkun ta' 2 % fl-għeluq tal-programm, ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 4.32.

4.7 il-Kummissjoni tirrikonoxxi li għalkemm Orizzont 2020 huwa aktar sempliċi mill-Programm Qafas 7, xorta għadu soġġett għal regoli kumplessi. Matul l-aħħar stadji ta' Orizzont 2020, il-Kummissjoni intensifikat l-isforzi ta' simplifikazzjoni u għamlet użu usa' mill-opzjonijiet issimplikati tal-kostijiet bħal finanzjament b'somma f'daqqa, filwaqt li ssaħħaħ il-komunikazzjoni mal-benefiċjarji u ttejjeb b'mod kostanti l-mekkaniżmi ta' kontroll tagħha. Orizzont Ewropa se jmur lil hinn billi jibni fuq l-esperjenza miksuba f'Orizzont 2020.

4.8 Is-simplifikazzjoni huwa proċess kontinwu. Madankollu, minkejja l-azzjonijiet tal-Kummissjoni ċċentrati fuq kampanji ta' komunikazzjoni sistematiċi, mifruxa u mmirati, għad hemm ċerti tipi ta' benefiċjarji bħall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll parteċipanti ġodda li huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji.

4.10 Tweġiba għall-paragrafi 4.10 u 4.11

Bħala parti mill-istrateġija ta' kontroll komprensiva tagħha, il-Kummissjoni Ewropea tagħti attenzjoni speċjali lill-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji biex jiċċertifikaw il-klejms tal-ispejjeż tagħhom. Għalkemm dawn l-awdituri li jiċċertifikaw mhumiex parti mill-istruttura tal-Kummissjoni, huma għandhom rwol importanti fil-kontroll intern tagħha.

Il-Kummissjoni tieħu nota li f'[10 minn 14]-il każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru mill-benefiċjarji, is-servizzi tal-Kummissjoni ma kinux konxji mill-iżbalji peress li l-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji ma sabuhomx.

L-osservazzjoni tal-QEA ġiet indirizzata f'rapporti preċedenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' laqgħat għall-benefiċjarji u għall-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji biex titqajjem kuxjenza dwar l-aktar żbalji komuni li jirriżultaw mill-awditi mwettqa fuq il-benefiċjarji. Il-

Kummissjoni ħolqot taħriġ online dwar il-webinar għall-fornituri tas-CFS. Minbarra l-mudell espliċitu għaċ-ċertifikati tal-awditjar ta' Orizzont 2020, il-Kummissjoni tipprovdi feedback lill-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji dwar l-iżbalji identifikati. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi indikat li għalkemm l-awdituri kkuntratti mill-benefiċjarji ma jidentifikawx kull żball fil-pretensjonijiet għall-ispejjeż, huma għandhom rwol importanti biex ir-rata globali ta' żbalji tonqos.

4.12 Għalkemm il-kostijiet unitarji użati f'Orizzont 2020 urew li huma inqas suxxettibbli għall-iżbalji, il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib l-iskjerament tal-kostijiet unitarji u għażliet oħra ta' kostijiet simplifikati.

4.13 Orizzont 2020 kien pass' il quddiem fis-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba. Madankollu, l-ispejjeż tal-persunal baqgħu s-sors ewlieni ta' żbalji. Din tidher li hija, tal-inqas parzjalment, konsegwenza loġika tal-fatt li l-ispejjeż tal-persunal jammontaw għall-akbar sehem tal-ispiża totali ddikjarata mill-benefiċjarji ta' Orizzont 2020.

Għall-QFP attwali (2021-2027), li jinkludi l-programm Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni stabbiliet Mudell ta' Ftehim ta' Għotja korporattiv li jipprevedi metodu sempliċi ħafna għall-impożizzjoni tal-ispejjeż tal-persunal, ibbażat fuq kalkolu tar-rata ta' kuljum (*spejjeż annwali tal-persunal għall-persuna diviżi bi 215*).

Il-kunċett tas-sigħat produttivi u d-diversi metodi preskrittivi, li wrew li huma suxxettibbli għall-iżbalji f'Orizzont 2020 mhux se jibqgħu jintuża f'Orizzont Ewropa.

4.14 Minkejja gwida ċara dwar l-użu tar-rata unika "annwali fis-siegħa" (ikkalkulata fuq is-sena finanzjarja sħiħa), xorta waħda saru żbalji mill-benefiċjarji. Kif diġà ġie nnutat hawn fuq (ara l-paragrafu 4.13), il-kostijiet tal-persunal taħt Orizzont Ewropa se jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' formola tar-rata ta' kuljum bl-użu tas-sena kalendarja. L-użu tal-aħħar sena finanzjarja magħluqa se jitwaqqaf f'Orizzont Ewropa.

4.15 il-Kummissjoni stabbiliet sistema ġdida għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż annwali tas-salarji taħt Orizzont Ewropa (ara t-tweġiba għal 4.13)

4.17 il-Kummissjoni ssimplifikat ir-rekwiżiti formali ta' Orizzont Ewropa relatati mar-reġistrazzjoni tal-ħin għall-ispejjeż tal-persunal relatati mal-proġett. Madankollu, għad jista' jkun hemm nuqqasijiet fir-reġistrazzjoni tal-ħin fl-għotjiet ta' Orizzont 2020 kif juru l-eżempji rrappurtati mill-QEA. In-nuqqasijiet misjuba mhux dejjem kellhom impatt finanzjarju materjali (eż. firma nieqsa fuq l-iskeda ta' żmien). F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni lill-benefiċjarju u tapplika l-korrezzjonijiet jekk ikunu meħtieġa.

4.18 il-każijiet misjuba mill-QEA relatati mal-osservazzjonijiet irrappurtati f'dan il-kapitolu se jiġu segwiti kif xieraq mill-Kummissjoni.

4.19 Tweġiba għal 4.19 u 4.20

Minkejja l-gwida dettaljata disponibbli, il-benefiċjarji żbaljatament jassumu li l-persuni kollha li huma jimpjegaw biex jaħdmu fl-azzjoni jistgħu jiġu ddikjarati awtomatikament bħala spejjeż tal-persunal. Huwa biss meta r-relazzjoni kuntrattwali u l-arranġamenti ta' ħidma bejn il-konsulent estern u l-benefiċjarju jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' għotja ta' Orizzont 2020 (persuni fiżiċi li jaħdmu taħt kuntratt dirett) li l-ispejjeż jistgħu jiġu ddikjarati taħt l-ispejjeż tal-persunal.

**Kaxxa 4.3 - Eżempju ta' spejjeż ta' sottokuntrattar iddikjarati bħala spejjeż diretti tal-persunal li jirriżultaw fi spejjeż indiretti ineliġibbli**

Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib il-każ irrappurtat mill-QEA, li huwa dovut għal dikjarazzjoni żbaljata tal-ispejjeż tas-sottokuntrattar bħala spejjeż tal-persunal.

Kif rikonoxxut mill-QEA, l-introduzzjoni f'Orizzont 2020 ta' rata fissa unika għall-ispejjeż indiretti kienet waħda mill-miżuri ewlenin ta' simplifikazzjoni applikati għal ġabra ta' spejjeż diretti eliġibbli (inklużi l-ispejjeż tal-persunal).

L-eliġibilità tal-ispiża indiretta hija, għalhekk, dipendenti biss fuq l-eliġibbiltà tal-ispejjeż diretti li fuqhom tiġi applikata r-rata fissa. L-ispejjeż indiretti attwali tal-benefiċjarju huma irrilevanti, u anki jekk il-benefiċjarju ma jkollu l-ebda spiża indiretta reali, bl-applikazzjoni tar-rata fissa xorta waħda jkun intitolat għall-kontribuzzjoni korrispondenti tal-UE.

4.21 id-differenza bejn is-sottokuntrattar tal-kompiti tal-azzjoni u l-forniment ta' "prodotti u servizzi oħra" hija spjegata b'mod ċar fil-Mudell tal-Ftehim tal-Għotja Annotat Orizzont 2020. Din id-differenza hija enfasizzata fil-kampanji ta' komunikazzjoni rilevanti kollha ta' Orizzont 2020.

ANALIŻI TAL-INFORMAZZJONI DWAR IR-REGOLARITÀ PPROVDUTA MINN MIN QED JIĠI AWDITJAT

Tweġiba għall-paragrafi 4.24 u 4.25:

Il-Kummissjoni ħadet nota tar-riżultati tal-ħidma tal-QEA kif ippreżentati fir-rapporti annwali tal-2018 u l-2019. Tenfasizza l-fatt li għadd ta' każijiet identifikati mill-QEA bħala mhux affidabbli kellhom impatt finanzjarju mhux kwantifikabbli jew mhux materjali. Barra minn hekk, għal xi wħud minn dawn il-każijiet il-metodoloġija użata mill-QEA fit-twettiq mill-ġdid ta' dawn l-awditi kienet differenti minn dik użata mill-Kummissjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet konkreti biex ittejjeb il-kwalità tal-verifiki tagħha. Il-Kummissjoni tieħu nota li l-QEA tirrikonoxxi t-titjib fil-proċess tal-awditjar bħala riżultat ta' dawn l-azzjonijiet.

4.27 il-Kummissjoni qed issegwi l-każijiet imqajma mill-QEA.

Fir-rigward tal-awditi li jsiru minn barra (esternalizzati), is-CAS ma jwettaqx sistematikament rieżami dettaljat tad-dokumenti ta' ħidma tal-awditjar imħejjija mid-Ditti tal-Awditjar Estern. Dan inaqqas l-effiċjenza tal-esternalizzazzjoni. Madankollu, l-awdituri esterni jikkonfermaw b'mod espliċitu fir-rapport tal-awditjar li t-testijiet twettqu skont il-programm ta' awditjar indikattiv (inkluż il-kampjunar). Minflok rieżami sistematiku tad-dokumenti ta' ħidma, f'każ ta' kwalunkwe dubju jew diskussjoni, il-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali u dokumentazzjoni ta' sostenn mid-ditti tal-awditjar. Dan intwera lill-QEA permezz ta' eżempji konkreti.

Fir-rigward tal-awditi interni, ix-xogħol tal-awditjar tal-awditur ewlieni jiġi vverifikat/rieżaminat fid-dettall minn awditur ieħor (il-prinċipju ta' erba' għajnejn). Iż-żewġ awdituri jikkonfermaw b'mod espliċitu fir-rapport tal-awditjar li t-testijiet twettqu skont il-programm indikattiv tal-awditjar (inkluż il-kampjunar).

Tweġiba għall-paragrafi 4.28 u 4.29:

Rigward il-kalkolu tar-rata ta' żball u ż-żieda tagħha, il-Kummissjoni tinnota li l-QEA ma sabet l-ebda differenza sinifikanti fit-twettiq mill-ġdid tal-kalkoli tagħha. Dan jipprovdi aċċertament mhux biss dwar il-korrettezza tal-kalkoli iżda wkoll dwar il-metodoloġija użata għall-kalkolu tar-rata ta' żball supplimentari.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-QEA tirrikonoxxi l-isforzi li saru biex jiġi kkwantifikat l-impatt tal-każijiet speċifiċi identifikati mill-QEA fuq ir-rata ta' żball pluriennali. Din kienet sfida sinifikanti, minħabba li mhux is-sejbiet kollha tal-QEA setgħu jiġu kkwantifikati bis-sħiħ. Minħabba li l-iżbalji mhux kwantifikati identifikati mill-QEA mhumiex inklużi fil-kalkoli tar-rata ta' żball, il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' żball pluriennali mhijiex iddikjarata b'mod insuffiċjenti.

Bħala konklużjoni, abbażi tal-metodoloġija riveduta tagħha u r-rieżami limitat tal-IAS dwar il-kalkolu tar-rata ta' żball ta' H2020, il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' żball pluriennali kif ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-Attività tirrappreżenta b'mod ġust u fl-aspetti materjali kollha l-livell reali ta' żball fil-programm.

4.30 Il-Kummissjoni hi sodisfatta bl-osservazzjoni tal-QEA li r-Rapporti Annwali tal-Attività eżaminati jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja tad-DĠ/Aġenziji Eżekuttivi rispettivi fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

4.32 il-Kummissjoni ma toħroġx riżervi għal H2020 minħabba li l-korpi ta' implimentazzjoni jistinkaw biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli ta' riskju ta' żball (matul il-perjodu ta' nfiq pluriennali), fuq bażi annwali, f'firxa ta' 2-5 %. Madankollu l-għan aħħari jibqa dak li wieħed jilħaq livell residwu ta' żball kemm jista' jkun qrib it-2 % mal-għeluq tal-programm, ladarba jkunu kkunsidrati l-impatt finanzjarju tal-verifiki, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru kollha.

4.35 Il-Kummissjoni hija impenjata li timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern fil-ħin.

L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet miftuħa msemmija mill-QEA huwa relatat mar-rapporti tal-awditjar maħruġa mill-awditur intern. F'dan ir-rigward, id-DĠ RTD diġà approva pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħhom.

Fi tmiem l-2020, id-DĠ RTD kellu biss żewġ (2) rakkomandazzjonijiet miftuħa. Għoxrin (20) oħra ġew sottomessi lid-DĠ RTD f'Jannar 2021.

4.36 Ir-rakkomandazzjoni li saret lill-INEA wasslet għall-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni. L-azzjonijiet korrettivi ġew implimentati bis-sħiħ u fil-ħin fl-2021 u l-IAS iqis li r-riskju sottostanti ġie indirizzat.

4.37 Il-Kummissjoni tqis li l-possibilità ta' riskju ta' dikjarazzjoni insuffiċjenti tar-rata ta' żball huwa kopert u li r-riskju aggregat mal-ħlas u r-riskju fl-għeluq iddivulgati fl-AMPRs huma affidabbli.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

4.38 Ir-rata ta' żball stmata rrappurtata mill-QEA, ikkulkulata fuq bażi annwali, hija indikatur wieħed tal-effettività tal-implimentazzjoni tan-nefqa tal-UE. Kif issemma qabel, ir-rata ta' żball fl-2020 irrappurtata mill-QEA (3,9 %) hija simili għar-rati ta' żball irrappurtati fis-snin preċedenti (bl-eċċezzjoni tas-sena 2018).

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed timplimenta strateġija pluriennali għall-kontroll tal-awditjar ex post għan-nefqa fuq ir-riċerka. Fuq din il-bażi, is-servizzi tagħha jieħdu stima tar-rata tal-iżbalji residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u tal-awditjar kollha tagħhom matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-programm.

4.39 Il-Kummissjoni stmat l-impatt tal-osservazzjonijiet tal-QEA fir-Rapporti Annwali tal-imgħoddi u dan ġie kkunsidrat għar-rata ta' żball tal-2020 irrappurtata fir-Rapporti Annwali tal-Attività.

Il-Kummissjoni hi sidisfatta bil-fatt li l-QEA tirrikonoxxi l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni biex iżżid il-kwalità tal-awditi ex post tagħha. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli bil-miżuri mmirati tagħha (taħriġ għall-awdituri, kampanji ta' komunikazzjoni, eċċ.) bil-ħsieb li jkun hemm aktar titjib.

**Rakkomandazzjoni 4.1**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija impenjata li żżid il-livell ta' detezzjoni u korrezzjoni tal-iżbalji mwettqa mill-benefiċjarji meta huma jitolbu għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji fl-istrateġija ta' kontroll attwali u għal Orizzont Ewropa.

**Rakkomandazzjoni 4.2**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni intensifikat il-kampanja ta' komunikazzjoni tagħha dwar ir-regoli ta' finanzjament matul l-ewwel nofs tal-2021, filwaqt li tat attenzjoni speċjali lill-aktar żbalji rikorrenti misjuba fl-awditi ex post.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi gwida speċifika lill-awdituri, kemm interni kif ukoll esterni, kif ukoll lill-benefiċjarji, fil-forma ta' taħriġ, kampanji ta' komunikazzjoni, linji gwida bil-miktub, eċċ.

**Rakkomandazzjoni 4.3**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tieħu nota li l-QEA tirrikonoxxi l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni biex iżżid il-kwalità tal-awditi ex post tagħha. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli bil-miżuri mmirati tagħha (taħriġ għall-awdituri, kampanji ta' komunikazzjoni, eċċ.) bil-ħsieb li jkun hemm aktar titjib.

L-istrateġija tal-awditjar ex post tal-Kummissjoni Orizzont Ewropa se tkun ibbażata fuq l-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni ta' dik attwali għal H2020 u fuq l-osservazzjonijiet maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwarha.

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2020 KAPITOLU 5 – KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI**

INTRODUZZJONI

5.4 It-tielet inċiż - Bħala parti mill-approċċ tagħha f'żewġ stadji li jinvolvi rieżami dokumentarju sistematiku u awditjar fuq il-post ibbażat fuq ir-riskju, kull sena l-Kummissjoni twettaq **aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha** biex tiddetermina liema awtoritajiet u programmi tal-awditjar se jkunu soġġetti għal **awditi fuq il-post** jew **rieżami ulterjuri dokumentarju estiż**. L-objettiv ewlieni ta' dawn l-awditi huwa li jinkiseb aċċertament raġonevoli li l-ebda nuqqas serju fis-sistema ma baqa' mistur jew mhux irrappurtat mill-Istati Membri u li l-**opinjonijiet tal-awditjar irrappurtati u r-rati ta' żbalji residwi huma affidabbli**. Fejn jitqies neċessarju, il-Kummissjoni tapplika **korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali** sabiex iġġib ir-rata ta' żball residwu tal-programmi kkonċernati taħt it-2%.

REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET, RAA U ARRANĠAMENTI OĦRA TA' GOVERNANZA

5.14 Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball ikkalkulat mill-QEA li tjieb aktar meta mqabbel mas-snin preċedenti. Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha misjuba mill-QEA u titlob korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, fejn xieraq u legalment possibbli.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-**istima tagħha tal-livell ta' żball**, inklużi r-riskji massimi (l-agħar xenarji possibbli) **divulgati fir-RAA tal-2020** tad-DĠ REGIO u EMPL, li jirriżultaw minn analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni ta' kull programm minflok estrapolazzjoni ta' żbalji f'418-il programm. Il-Kummissjoni tinnota li l-istima tagħha taqa' fl-intervall ikkalkulat mill-QEA u temmen li l-valutazzjoni dettaljata tagħha tirrifletti stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm u b'mod kumulattiv għall-programmi kollha.

5.15 Il-Kummissjoni tisħaq dwar l-importanza **tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar** fil-kxif tal-iżbalji li wasslu għal **korrezzjonijiet finanzjarji** sostanzjali u rtiri qabel ma ġew ippreżentati lill-Kummissjoni l-kontijiet relatati mal-perjodu 2018-2019. Ix-xogħol bir-reqqa tal-awditjar imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar matul u sa ma ntemm l-istess xogħol, wassal ukoll għal korrezzjonijiet finanzjarji sostanzjali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013.

Permezz tal-awditi tagħhom ta' aktar minn 11.000 operazzjoni jew partijiet ta' operazzjonijiet taħt il-Politika ta' Koeżjoni, **l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw rata ta' żball totali ogħla minn 2% għal madwar terz tal-programmi**, u b'hekk urew il-kapaċità ta' detezzjoni tagħhom (mingħajr preġudizzju għal programmi oħra li fihom ir-rata kienet inqas minn 2 %). Il-Kummissjoni taqbel li xi żbalji baqgħu ma nstabu jew kienu kkunsidrati b'mod mhux xieraq fil-kalkolu tar-rata ta' żball irrappurtata. Qiegħda kontinwament **taħdem mal-awtoritajiet tal-awditjar** ikkonċernati biex ittejjeb il-kapaċità ta' detezzjoni u l-fehim tagħhom tar-regoli applikabbli.

5.16 Fl-2020, **l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw**, għat-tielet sena, **irregolaritajiet** li sabu fl-awditi tal-operazzjonijiet tagħhom (aktar minn 6.600 irregolarità) wara **tipoloġija komuni** maqbula mal-Kummissjoni u maqsuma bejn l-Istati Membri.

Il-biċċa l-kbira tal-irregolaritajiet identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni **jikkonċernaw l-istess kategoriji ewlenin**: nefqa ineliġibbli, akkwist pubbliku, rendikont tal-entrati u Għajnuna mill-Istat. Dan **jikkorrispondi wkoll għat**-tipi l-aktar komuni ta' irregolaritajiet identifikati mill-**QEA** għas-sejbiet addizzjonali tagħha, kif muri fil-Kaxxa 5.2. Dan juri li l-awtoritajiet tal-awditjar jidentifikaw it-tipi differenti ta' irregolaritajiet li jikkontribwixxu għar-rata ta' żball, iżda mhux fil-każijiet kollha. Il-**Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha** rrappurtati mill-Qorti u se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn ikun xieraq u legalment possibbli. Il-Kummissjoni tinnota li f'xi każijiet ir-**regoli nazzjonali jew reġjonali** applikati għan-nefqa taħt programmi kofinanzjati mill-Fondi SIE **huma aktar eżiġenti minn dawk previsti** fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal nefqa simili ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Għalhekk, **dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu jitqiesu bħala każ ta' regolamentazzjoni żejda**, piż amministrattiv awtoimpost mhux meħtieġ u kumplessità għan-nefqa iffinanzjata mill-Koeżjoni.

5.17 Il-Kummissjoni taqbel li l-**verifiki ta' ġestjoni** huma l-ewwel linja ta' difiża kontra l-iżbalji u għandha tkun aktar effettiva fil-**prevenzjoni u fl-individwazzjoni ta' żbalji fl-ewwel istanza**.

Il-Kummissjoni indirizzat **gwida aġġornata lill-Istati Membri** għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li, flimkien mal-użu meħtieġ ta' **għażliet ta' kostijiet simplifikati**, għandhom l-għan li jtejbu aktar l-effiċjenza tal-verifiki ta' ġestjoni. Madankollu, dan jiddependi fuq il-persunal disponibbli biex jittratta l-ammonti dejjem jiżdiedu ta' nefqa ddikjarata matul il-perjodu ta' programmazzjoni, u l-**istabbiltà meħtieġa ta' persunal b'esperjenza** fl-amministrazzjonijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni preventiva biex **tindirizza l-aktar żbalji frekwenti** u **titlob miżuri ta' rimedju** hekk kif jiġu identifikati n-nuqqasijiet. Hija tiżgura **segwitu** mill-qrib **biex tivverifika** li dawk il-miżuri jiġu **implimentati** b'mod effettiv u f'waqtu biex tiġi ffissata s-sistema u jiġi mmitigat kwalunkwe riskju għal infiq futur. Il-miżuri ta' rimedju mitluba jinvolvu titjib tal-**għodod metodoloġiċi**, **reklutaġġ** ta' persunal addizzjonali inklużi esperti, attivitajiet ta' **taħriġ** dwar għodod żviluppati ġodda jew dwar l-interpretazzjoni korretta tal-iżbalji l-aktar frekwenti, **titjib fil-kwalità tal-proċeduri tal-għażla** jew **verifiki tal-ġestjoni** biex jiġu ffiltrati l-irregolaritajiet.

Barra minn hekk, it-**tipoloġija tas-sejbiet tal-awditi irrappurtati** sena wara l-oħra lill-awtoritajiet ta' ġestjoni mill-awtoritajiet tal-awditjar għandha tippermettilhom jintegraw is-sorsi iktar frekwenti ta' żbalji fil-**valutazzjonijiet tar-riskju** tagħhom u li jadattaw l-approċċi tagħhom għall-verifiki ta' ġestjoni u l-istrumenti relatati. Sabiex il-verifiki ta' ġestjoni jsiru aktar effiċjenti u mmirati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet lill-koleġiżlaturi li l-verifiki jsiru bbażati fuq ir-riskju sabiex jiffukaw aħjar ir-riżorsi amministrattivi disponibbli għal **sorsi ta' żbalji fil-mira**. Dan jeħtieġ id-definizzjoni bir-reqqa u l-aġġustament kontinwu tal-approċċi tal-**ġestjoni tar-riskju mill-awtoritajiet maniġerjali**, abbażi tar-riżultati tal-kontroll u tal-awditjar preċedenti kollha disponibbli.

5.20 Fir-rigward tal-iżbalji individwati mill-QEA, il-**Kummissjoni se tagħmel is-segwitu meħtieġ** u tieħu kull azzjoni li tqis meħtieġa.

Kaxxa 5.4

Il-Kummissjoni tqis li l-operazzjonijiet huma speċifikament deskritti bħala azzjoni "Inċentivi għal kuntratti temporanji għal persuni b'diżabilità" li għandhom jiġu appoġġati taħt l-objettiv speċifiku fil-PO. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-**operazzjonijiet magħżula**, kif oriġinarjament ippjanati, **qed jikkontribwixxu għall-objettivi tal-programm u jikkonformaw mal-kriterji tal-għażla**.

It-taħriġ fuq il-post tax-xogħol jista' jiġi preżunt taħt miżuri ta' impjieg bħal dawn u jikkontribwixxi għar-riżultati mistennija "Żieda fil-kompetenzi jew il-kwalifiki professjonali, permezz ta' esperjenza professjonali għal gruppi li ma għandhomx jew għandhom ftit esperjenza".

5.22 Il-Kummissjoni se ssegwi mal-awtoritajiet tal-programm ikkonċernati. Fl-aħħar mill-aħħar l-**eliġibbiltà** tiġi vvalutata **fl-għeluq**, f'konformità mas-CPR. Għalhekk, il-programm xorta jista' jissostitwixxi self ineliġibbli u s-servizzi tal-Kummissjoni se jivvalutaw l-eliġibbiltà tas-self kollu ddikjarat fl-għeluq tal-programm.

5.23 Il-Kummissjoni ħadmet b'mod attiv minn mindu ġew introdotti l-**għażliet ta' kostijiet simplifikati** sabiex gradwalment jiżdied l-użu tagħhom u tqis li dawn l-isforzi diġà wasslu għal riżultati pożittivi.

Il-Kummissjoni **se tkompli tippromwovi b'mod attiv** l-użu ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, fejn dawn ġew imsaħħa aktar fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) 2021/1060) li ġie adottat dan l-aħħar, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, tiġi promossa l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati u jitnaqqas aktar ir-riskju ta' żball.

5.24 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.24 sa 5.26:

Skont is-CPR, ma hemm **l-ebda rabta diretta** bejn il-kontribuzzjoni mill-Fondi **għal** programm operazzjonali u **l-finanzjament għal operazzjoni speċifika**. Għaldaqstant fil-prinċipju ma hemm l-ebda korrispondenza diretta bejn il-metodi applikati fil-livell nazzjonali għad-determinazzjoni tal-kostijiet eliġibbli tal-benefiċjarji għar-rimborż ta' operazzjonijiet speċifiċi u l-metodi ta' kalkolu applikati bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni biex jiġi ddeterminat l-ammont tan-nefqa eliġibbli bil-ħsieb li tiġi riċevuta l-kontribuzzjoni mill-Fondi ESI.

Metodu ta' aġġustament huwa previst b'mod espliċitu fir-regolament delegat fl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-FSE, u l-**Kummissjoni diġà talbet lill-awtoritajiet tal-programm biex jaġġustaw** l-SCO, sabiex dan l-iżbilanċ ma jerġax iseħħ fis-snin kontabilistiċi sussegwenti.

5.29 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.29 u 5.30:

Il-Kummissjoni tinnota li matul l-aħħar snin l-iżbalji relatati mal-**għajnuna mill-Istat** identifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni baqgħu inqas frekwenti, kif muri mit-**tipoloġija konġunta ta' żbalji** maqbula mal-awtoritajiet tal-awditjar (madankollu, l-impatt tagħhom jista' jkun għoli jekk operazzjoni tinstab li hija kompletament ineliġibbli

minħabba li l-effett ta' inċentiv ma jiġix irrispettat, pereżempju, kif kien il-każ fis-snin preċedenti minħabba liġi nazzjonali dwar l-għajnuna mill-Istat li ma kinitx konformi, minn dak iż-żmien 'l hawn ikkoreġuta b'mod xieraq).

Għas-sena kontabilistika l-aktar reċenti 2019–2020, **3% biss tas-sejbiet** identifikati mill-Istati Membri, u 4% ta' dawk identifikati mill-Kummissjoni, kienu jikkonċernaw għajnuna mill-Istat.

Il-Kummissjoni tkompli timplimenta l-miżuri mfassla skont il-**pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat** li jidentifika u **jxerred prattiki tajba u joffri taħriġ** lill-partijiet ikkonċernati kollha tal-fondi SIE.

5.31 **L-akkwist pubbliku** jibqa' sors importanti ta' sejbiet ta' żbalji rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni nnifisha identifikat aktar minn nofs is-sejbiet tagħha tal-iżbalji fl-awditjar tal-konformità fil-qasam, li jfisser li jeħtieġ li jittieħdu **azzjonijiet kontinwi** biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji (l-awtoritajiet kontraenti) u l-awtoritajiet tal-programm itejbu l-konformità ma' dawn ir-regoli kumplessi. Il-Kummissjoni qed tkompli timplimenta b'mod sistematiku l-**pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-akkwist pubbliku** u b'hekk tgħin lill-amministraturi u lill-benefiċjarji tal-Fondi SIE biex ikomplu jtejbu l-prattiki tal-akkwist tagħhom u jżidu l-kapaċità amministrattiva relatata. B'dan l-objettiv f'moħħhom, f'Diċembru 2020, id-DĠ REGIO u EMPL organizzaw **sessjoni ta' ħidma** mal-awtoritajiet tal-awditjar **iddedikata** b'mod aktar speċifiku **għas-sejbiet tal-awditjar tal-Kummissjoni fl-akkwist pubbliku u** dwar kif il-**kondiviżjoni tal-esperjenza** bejn l-awdituri tista' tikkontribwixxi għal proċess ta' tagħlimiet meħuda, filwaqt li jiġu evitati sejbiet tal-awditjar rikorrenti dwar l-akkwist fil-futur. Ġiet offruta wkoll preżentazzjoni mill-kollegi tal-Kummissjoni u tal-OECD fil-**laqgħa teknika lill-awtoritajiet tal-awditjar** li tispjega l-potenzjal tal-akkwist pubbliku bħala strument ta' politika strateġika biex ikomplu jiżdiedu l-konformità u l-prestazzjoni fl-implimentazzjoni ta' proġetti taħt il-programmi tal-Fond SIE.

5.32 Il-Kummissjoni se ssegwi każijiet li baqgħu ma nqabdux u se tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali meħtieġa meta japplikaw il-kundizzjonijiet rilevanti.

5.33 Il-Kummissjoni tenfasizza l-**gwida għall-korrezzjoni finanzjarja dwar l-iżbalji fl-akkwist pubbliku** li ġiet aġġornata fl-2019 biex **toffri approċċ armonizzat** lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-programm tal-Istati Membri **meta jittrattaw l-irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku** (id-Deċiżjoni C (2019) 3452). Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li tinkiseb **prattika ta' implimentazzjoni omoġenja u trattament ugwali** fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tinnota li l-Istati Membri qabdu u rrappurtaw l-iżbalji kwantifikati kollha minbarra wieħed f'dan il-qasam, li juri kapaċità kumplessivament tajba ta' detezzjoni għall-iżbalji fl-akkwist pubbliku.

5.36 Fir-rigward tal-iżbalji misjuba mill-QEA, il-Kummissjoni se tagħmel is-segwitu meħtieġ u se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji, kif meqjus meħtieġ.

5.37 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.37 u 5.38:

Taħt ġestjoni kondiviża, l-**awtoritajiet maniġerjali jikkontrollaw in-nefqa** ddikjarata mill-benefiċjarji fl-ewwel istanza, u l-**awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi tat-tieni livell**

biex jittestjaw il-kwalità tal-verifiki ta' ġestjoni. Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet **tikkoopera** b'mod konsistenti u estensiv mal-awtoritajiet tal-awditjar tal-programm **biex tiżgura qafas ta' kontroll konsistenti u robust**, inkluż taħt kundizzjonijiet ta' restrizzjonijiet prattiċi għall-awditi **waqt il-pandemija**, u **biex ittejjeb il-kwalità tax-xogħol ta' assigurazzjoni** kif meħtieġ, filwaqt li saħħet il-kapaċitajiet ta' detezzjoni u korrettivi meħtieġa. Kif ġie rrappurtat fir-RAA tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, il-Kummissjoni identifikat b'mod partikolari dgħufijiet u talbet titjib għal sbatax-il awtorità tal-awditjar jew korp responsabbli mill-awditjar minn 116 awtorità tal-awditjar.

5.40 Il-Kummissjoni tqis li għandha **aċċertament raġonevoli fuq ix-xogħol tal-parti l-kbira tal-awtoritajiet tal-awditjar, ħlief għal** minoranza li teħtieġ titjib kbir fil-kapaċitajiet tal-awditjar tagħhom biex tirrimedja d-dgħufijiet misjuba (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.37 u 5.38 hawn fuq). Inkiseb titjib konkret ibbażat fuq **azzjonijiet ta' rimedju mmirati** rakkomandati f'diversi każijiet, inkluż għal korpi li jwettqu awditi għall-awtoritajiet tal-awditjar fi Franza, il-Polonja u l-Portugall kif muri fir-RAA rispettivi.

Tabilħaqq, il-Kummissjoni tivvaluta l-**affidabbiltà tal-awtoritajiet tal-awditjar mhux biss** abbażi tar-**rati ta' żball** ikkalkulati mill-ġdid (li jistgħu jiġu influwenzati minn żbalji uniċi li għandhom impatt statistiku importanti) **iżda abbażi ta' għadd ta' kriterji** li, jekk ma jiġux ivvalutati b'mod sodisfaċenti, jirriflettu l-preżenza ta' dgħufijiet sistemiċi fil-ħidma tagħhom u fis-sistemi ta' kontroll. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni **tikkalkula mill-ġdid** ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar **abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli** u tirrapporta dawn ir-rati fir-RAA rispettivi. Il-Kummissjoni **tkompli taħdem mal-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati** biex tkompli ttejjeb il-kontrolli tagħhom, b'mod partikolari biex tidentifika b'mod xieraq it-tip ta' żbalji misjuba mill-awditi tal-prestazzjoni mill-ġdid tal-QEA jew tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiżgura kooperazzjoni kontinwa b'saħħitha mal-awtoritajiet tal-awditjar kollha. Dan jinkludi l-kondiviżjoni ta' għodod komuni tal-awditjar, bħal listi ta' kontroll dettaljati, il-kondiviżjoni ta' prattiki tajba bejn il-pari u żvilupp professjonali kontinwu tal-persunal tal-awtoritajiet tal-programm.

5.42 Informazzjoni ta' sostenn jew dokumentazzjoni nieqsa tkompli f'ċertu numru ta' każijiet tkun dgħufija **misjuba fl-awditi tal-konformità** tal-Kummissjoni.

Kif indikat fit-tweġiba tagħha għall-paragrafu 5.40, il-Kummissjoni qed **taħdem kontinwament mal-awtoritajiet tal-awditjar** sabiex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu u jikkoreġu l-iżbalji, biex jiddokumentaw aħjar ix-xogħol tal-awditjar tagħhom u għalhekk biex jikkontribwixxu għall-proċess ta' aċċertament.

Illustrazzjoni ta' din il-kooperazzjoni hija l-isforzi kkoordinati li l-Kummissjoni implimentat mal-awtoritajiet tal-awditjar fl-2019 u fl-2020, bl-appoġġ u l-għarfien espert tal-QEA, biex ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-awditjar (anki meta ma jkunx hemm sejbiet) u tiżgura analiżi tal-kwalità xierqa u dokumentata tas-sejbiet tal-awditjar (ara d-"**Dokument ta' riflessjoni dwar id-dokumentazzjoni tal-awditjar**" elaborat b'mod konġunt minn grupp ta' ħidma magħmul minn awtoritajiet tal-awditjar u rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif irrappurtat fir-rapport annwali tal-QEA tal-2019 fil-Kaxxa 5.8). Il-Kummissjoni se tkompli **tippromwovi l-prattiki tajba** rrappurtati f'dan id-dokument ta' riflessjoni konġunt.

5.45 Il-Kummissjoni għandha **tolleranza żero għall-frodi**. Ittieħdu diversi inizjattivi fl-2020 biex tiġi implimentata l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi kif ukoll l-**Istrateġija Konġunta Kontra l-Frodi** żviluppata mid-DĠ REGIO, EMPL u MARE.

5.46 Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-listi ta' kontroll użati għall-awditjar tal-operazzjonijiet jkun fihom indikazzjoni dwar jekk kienx identifikat suspett ta' frodi.

Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet tal-awditjar jiżguraw verifika speċifika tal-funzjonament effettiv tar-rekwiżit ewlieni 7 (Implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati kontra l-frodi) permezz ta' **awditi ddedikati tas-sistema**, bl-użu ta' listi ta' kontroll speċifiċi. Taħt l-Istrateġija Kontra l-Frodi konġunta tagħhom, id-DĠ REGIO u EMPL f'April 2021 żiedu referenza għas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) f'dawn il-listi ta' kontroll tal-awditjar, bil-għan li **jiżguraw mekkaniżmi ċari ta' rappurtar** kemm dwar suspetti ta' frodi kif ukoll dwar dgħufijiet fil-kontroll.

Fiż-żewġ każijiet imsemmija mill-QEA l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat sadanittant ikkoreġew l-iżball inizjali tagħhom u rrappurtaw il-każijiet ta' irregolaritajiet u frodi possibbli fl-IMS.

5.49 Taħt ġestjoni kondiviża ta' programmi fil-Politika ta' Koeżjoni, **l-implimentazzjoni** ta' operazzjonijiet taħt il-programmi, inkluża l-kontabbiltà, **hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri**. Tabilħaqq, **l-awtoritajiet ta' ġestjoni** jwettqu verifiki ta' ġestjoni fuq in-nefqa annwali sal-preparazzjoni tal-kontijiet annwali. **L-awtoritajiet tal-awditjar** iwettqu awditi tal-operazzjonijiet (kważi 11000 operazzjoni jew parti mill-operazzjonijiet awditjati għas-sena kontabilistika 2018-2019). Parti minn dawn il-verifiki u l-awditi jistgħu jirriżultaw fl-użu mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 137(2) (li jwarrbu n-nefqa mill-kontijiet sa meta tiġi kkonfermata l-legalità u r-regolarità ta' tali nefqa ddikjarata matul is-sena). Dan ifisser li tali nefqa hija **eskluża mill-aċċettazzjoni tal-kontijiet u mill-ħlas tal-bilanċ** mill-Kummissjoni.

L-**ammonti taħt valutazzjoni kontinwa** huma tabilħaqq kodifikati fis-sistemi kontabilistiċi tal-**awtoritajiet li jiċċertifikaw** il-programmi u huma inklużi fil-popolazzjoni tal-awditjar jekk jiġu introdotti mill-ġdid fi pretensjonijiet ta' pagament sussegwenti ladarba l-legalità u r-regolarità tagħhom tkun ġiet ikkonfermata. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-mekkaniżmi ta' kontroll inkorporati fis-sistemi ta' **ġestjoni u kontroll jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli dwar** il-monitoraġġ u s-segwitu ta' **tali ammonti**.

5.51 Minbarra awditi komprensivi tal-konformità biex terġa' titwettaq il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar, il-Kummissjoni wettqet ukoll **missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni** qabel u wara r-rapport ta' kontroll annwali li **jikkompletaw** l-għodod disponibbli taħt l-**awditi tal-konformità**. Dawn l-awditi tabilħaqq jikkontribwixxu wkoll għar-rieżami u l-valutazzjoni tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar (flimkien mal-valutazzjoni estensiva fl-uffiċċju ta' kull rapport annwali ta' kontroll ippreżentat) peress **li jippermettu li jiġu ċċarati l-mistoqsijiet** dwar ir-rapporti annwali ta' kontroll iżda wkoll li jinstabu żbalji fil-kwantifikazzjoni u l-projezzjoni tal-iżbalji.

5.52 Minbarra l-awditi tal-konformità tagħha, il-Kummissjoni twettaq ukoll missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni u dokumentazzjoni li wassluha biex taġġusta r-rati tal-iżball residwu ogħla minn 2 % f'żewġ każijiet oħra.

**L-awditi tal-konformità** tal-Kummissjoni **huma bbażati fuq ir-riskju**. Għalhekk, hija tqis li r-riżultati tal-awditjar tagħha kif irrappurtati mill-QEA f'dan il-paragrafu jindikaw li l-**valutazzjoni tar-riskju** tagħha fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar **kienet pertinenti**. Il-Kummissjoni tivvalida s-sejbiet tal-awditjar tagħha mal-awtoritajiet tal-awditjar fi **proċedura kontradittorja** u timmonitorja r-riżultati finali tagħha bil-ħsieb li tidentifika l-kawżi ewlenin tal-iżbalji addizzjonali li tkun identifikat, u li ttejjeb il-kapaċità ta' detezzjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati. Dan wassalha biex toħroġ **ittri ta' prevenzjoni** lil xi awtoritajiet tal-awditjar qabel ir-rapporti ta' kontroll annwali tal-2021, f'xi każijiet. F'każijiet oħra, żbalji addizzjonali identifikati huma aktar okkażjonali u minkejja impatt estrapolat importanti possibbli fuq ir-rata ta' żball **ma jindikax dgħufija sistemika** fil-livell tal-awtorità tal-awditjar.

Bħala riżultat tal-attivitajiet tagħha ta' awditjar fl-uffiċċju u fuq il-post, il-Kummissjoni **rrappurtat fir-RAA** rispettivi tad-DĠ REGIO u EMPL li għal sbatax-il awtorità tal-awditjar kien hemm bżonn li jiġu kkoreġuti dgħufijiet serji fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar jew tal-korpi ta' kontroll tagħhom.

5.56 Il-Kummissjoni ddisinjat is-**sistema ta' aċċertament** tagħha b'**tali mod li d-Diretturi Ġenerali jkunu jistgħu jipprovdu aċċertament** fuq kull wieħed mill-418 OP individwali, kif huma obbligati jagħmlu bħala uffiċjali awtorizzanti b'delega. Il-Kummissjoni tqis **li għandha aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa sottostanti, ħlief għal** programmi li għalihom hija rrappurtat il-ħtieġa għal korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali potenzjali fir-RAA, abbażi ta' metodoloġija dettaljata u robusta applikata għal kull programm operazzjonali.

Barra minn hekk, fir-RAA **l-IEP aggregat** huwa rrappurtat bħala **medja ponderata tar-rati ta' żball ikkonfermati kollha**. Il-Kummissjoni rrappurtat ukoll livell massimu ta' dan il-KPI (l-agħar xenarju possibbli), filwaqt li qieset l-informazzjoni pendenti kollha li għadha qed tiġi vvalidata. Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet applikabbli jipprevedu l-possibbiltà li l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni **jwettqu awditi** u jimplimentaw kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja addizzjonali meħtieġa f'perjodu pluriennali (inkluż permezz ta' awditi mwettqa **sa tliet snin wara s-sena li fiha l-kontijiet ġew aċċettati**). Din il-possibbiltà offruta mill-koleġiżlatur hija importanti għall-Kummissjoni biex tkun tista' **twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha** fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE taħt programmi pluriennali.

Għas-snin kontabilistiċi preċedenti, wara l-konklużjoni tal-proċeduri kontradittorji u, fejn meħtieġ, l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tal-korrezzjonijiet finanzjarji rilevanti, kemm id-DĠ REGIO kif ukoll id-DĠ EMPL jistgħu jikkonkludu li **r-riskju fl-għeluq huwa stmat bejn 1.2 % u 1.5 %**.

5.60 Il-Kummissjoni tenfasizza li **ż-żewġ DĠ għandhom joħorġu riżervi fir-RAA rispettivi tagħhom** fir-rigward tan-nefqa rilevanti fis-sena, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-istruzzjonijiet korporattivi, kif spjegat fit-tweġiba tagħha għall-paragrafu 5.62 tar-Rapport Annwali 2019 tal-QEA.

**Ir-riżervi** li saru fir-RAA **huma marbuta mas**-sena ta' rappurtar tan-nefqa bil-ħsieb li **jiġi protett il-baġit tal-UE** jekk jiġu identifikati riskji. Tali riskji huma bbażati fuq l-informazzjoni kollha disponibbli tal-awditjar, ir-rati ta' żball ikkonfermati tas-sena preċedenti b'impatt possibbli fuq l-aġġustament tar-rati ta' żball irrapportati fl-aħħar rapport annwali ta' kontroll fejn meqjus meħtieġ, kif ukoll l-aħħar valutazzjonijiet disponibbli tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll b'kont meħud tat-titjib possibbli mwettaq jew, għall-kuntrarju, dgħufijiet ġodda identifikati u opinjonijiet tal-awditjar tal-Kummissjoni fiż-żmien tar-RAA. Dawn l-opinjonijiet ikopru l-kontijiet, il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa, **abbażi tal-informazzjoni kollha akkumulata** mir-RAA preċedenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-kriterji tagħha biex toħroġ riżervi huma komprensivi u bbażati fuq l-informazzjoni tal-awditjar kollha disponibbli u l-aktar aġġornata, **divulgata b'mod sħiħ u trasparenti** fir-RAA. **Ir-riżervi jinżammu sakemm** jiġu applikati l-azzjonijiet ta' rimedju kollha (inklużi korrezzjonijiet finanzjarji jekk ikun meħtieġ) u **l-kwistjoni tkun ġiet indirizzata**.

Barra minn hekk, fir-rigward tas-snin kontabilistiċi preċedenti, il-Kummissjoni tirrapporta fir-RAA bi trasparenza sħiħa l-**korrezzjonijiet finanzjarji applikati jew varati** / li għandhom jitnedew wara l-aċċettazzjoni tal-kontijiet, b'rispett sħiħ tal-proċeduri legali applikabbli għal proċeduri kontradittorji bir-reqqa.

5.61 Il-Kummissjoni teħtieġ qafas stabbli fis-seħħ biex tkun tista' tirrapporta b'mod konsistenti l-proċess ta' assigurazzjoni tagħha maż-żmien.

**B' kont meħud tal-kummenti li saru mill-QEA** s-sena l-oħra (il-paragrafu 5.62), kemm id-DĠ REGIO kif ukoll id-DĠ EMPL qiesu aħjar ir-riżultati tal-awditi tal-konformità tagħhom fuq il-kontijiet preċedenti 2018/2019 għall-valutazzjoni tagħhom tal-kontijiet 2019/2020 li għadhom kif ġew ippreżentati, b'impatt possibbli fuq ir-rati ta' żball rapportabbli. F'xi każijiet dan wassal għal **riżervi addizzjonali**.

<u>KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONI</u>

5.62 Il-Kummissjoni tieħu nota tal-**livell ta' żball ikkalkulat mill-QEA** li huwa inqas mis-sena l-oħra. Il-Kummissjoni **se ssegwi l-iżbalji kollha** rrappurtati mill-Qorti u se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn ikun xieraq u legalment possibbli.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-istima tagħha tal-livell ta' żball, inklużi r-**riskji massimi (l-agħar xenarji possibbli)** divulgati fir-RAA tal-2020 tad-DĠ REGIO u EMPL, li jirriżultaw minn analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni ta' kull programm minflok estrapolazzjoni ta' żbalji f' 418 programm. Il-Kummissjoni tinnota li **l-istima tagħha taqa' fl-intervall ikkalkulat mill-QEA** u temmen li l-valutazzjoni dettaljata tagħha tirrifletti stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm u b'mod kumulattiv għall-programmi kollha.

5.63 Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, tista' ssir **dipendenza fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar**, bl-eċċezzjoni ta' ftit każijiet kif spjegat b'mod ċar fir-RAA fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha tal-awditjar disponibbli.

F'xi każijiet, żbalji addizzjonali misjuba huma okkażjonali u minkejja impatt estrapolat importanti possibbli fuq ir-rata ta' żball ma jindikawx dgħufija sistemika fil-livell tal-awtorità tal-awditjar.

Il-Kummissjoni se tkompli **taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar** tal-programmi kkonċernati, biex issegwi l-konklużjonijiet miftiehma u biex maż-żmien tikseb livell residwu ta' żball ta' inqas minn 2 % għall-programmi kollha, billi tuża l-istrumenti regolatorji biex tapplika korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali fejn ikun meħtieġ.

5.64 Minħabba s-segmentazzjoni aktar dettaljata tan-nefqa tagħha skont il-profili tar-riskju u s-sistemi ta' kontroll, il-Kummissjoni, meta tidentifika l-iżbalji, u filwaqt li tqis ukoll ix-xogħol tal-QEA, tista' tidentifika l-parti speċifika tal-popolazzjoni tal-programm li x'aktarx tkun l-aktar affettwata. B'hekk, hija **tista' tagħti fehma aktar sfumata tal-livell ta' żball fost il-pagamenti** li jsiru u tidentifika b'mod ċar l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li **l-istima tagħha taqa' kompletament fl-intervall ikkalkulat mill-QEA** (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5.62).

5.65 L-objettiv tal-**mudell ta' aċċertament** attwali huwa tabilħaqq **li jkollu rata tal-iżball residwu ta' inqas minn 2 % għal kull programm individwalment**, aktar milli bħala medja, u l-Kummissjoni għandha l-għodod biex tapplika l-**korrezzjonijiet finanzjarji** meħtieġa meta l-iżbalji residwi individwali kkonfermati jkunu ogħla minn 2 %.

5.66 Dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jiġu rrappurtati mill-QEA bħala li ma ttieħdet ebda azzjoni dwarhom b'mod ġenerali jew li ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-Anness 5.3.

**Rakkomandazzjoni 5.1 – Skali standard ibbilanċjati ta' kostijiet għal kull unità għar-rimborż ta' pagamenti magħmula mill-Istati Membri**

Il-Kummissjoni **tilqa'** din ir-rakkomandazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 5.2 – Żamma tar-rotta tar-riskju ta' frodi fl-awditi tal-operazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar**

Il-Kummissjoni **tilqa'** din ir-rakkomandazzjoni u **se taħdem mal-awtoritajiet tal-awditjar** bil-ħsieb li timla l-listi ta' kontroll għall-operazzjonijiet tal-awditjar u tiddokumenta aħjar il-passi meħuda biex jiġi indirizzat kwalunkwe riskju ta' frodi skopert.

**Rakkomandazzjoni 5.3 – Segwitu tal-ammonti taħt valutazzjoni kontinwa**

Il-Kummissjoni **tilqa'** din ir-rakkomandazzjoni, għalkemm **ma għandha l-ebda bażi legali biex timponi** tali obbligu ta' rappurtar addizzjonali fuq l-awtoritajiet tal-programm.

**Anness 5.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"**

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 2 tal-2017, il-Kummissjoni tinnota li hija pproponiet għall-2021-2027 li tagħmel il-VAT eliġibbli għal proġetti taħt kost totali ta’ EUR 5 miljun. Dan huwa approċċ alternattiv għal dak irrakkomandat mill-QEA.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 6 tal-2017, il-Kummissjoni tenfasizza li l-qafas regolatorju jagħti l-possibbiltà lill-programmi tal-awditu mill-inqas tliet snin wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet, fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tikkonkludi dwar ir-regolarità tan-nefqa fir-RAA wara s-sena tas-sottomissjoni tal-kontijiet, u tirrapporta b’mod trasparenti dwar il-programmi kollha kkonċernati fl-anness tar-RAA, iżda dan mhuwiex dejjem possibbli.

# TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# "KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2020 KAPITOLU 6 - RIŻORSI NATURALI"

INTRODUZZJONI

6.1 **Il-Politika Agrikola Komuni** (PAK) hija politika ġenwinament Ewropea peress li l-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi biex joperaw politika komuni unika b'baġit Ewropew uniku. L-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fit-Trattat u fir-regolamenti tal-PAK huma: li tiżdied il-produttività agrikola; li jiġi żgurat livell xieraq ta' għajxien ġust għall-komunitajiet agrikoli; l-istabbilità tas-swieq; li tiggarantixxi d-disponibilita' tal-provvisti, li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

B'**6.7 miljun benefiċjarju** tal-PAK, in-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija **implimentata taħt ġestjoni kondiviża** permezz ta' **sistema komprensiva ta' ġestjoni u kontroll**, li hija mfassla biex tiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fil-livell tal-benefiċjarji finali. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit b'ġestjoni kondiviża, il-kompiti ta' implimentazzjoni jiġu kondiviżi mal-Istati Membri. Dawn tal-aħħar huma mitluba jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tal-UE jiġu implimentati b'mod korrett u b'mod effettiv u f'konformità mar-regoli tal-UE. Huma obbligati li jkollhom fis-seħħ sistemi li jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi. Il-leġiżlazzjoni tal-PAK tipprevedi li huma għandhom **jakkreditaw l-aġenziji tal-pagamenti li huma korpi ddedikati** responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-pagamenti lill-benefiċjarji u r-rappurtar finanzjarju lill-Kummissjoni.

**Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni** maħtura mill-Istati Membri għandhom jipprovdu kull sena opinjoni li tkopri l-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali tal-aġenzija tal-pagamenti kkonċernata, il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kontroll intern tagħha u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni.

**Fl-2020, l-Ewropa ntlaqtet ħafna mill-pandemija tal-COVID-19** Bis-saħħa tal-qafas ta' politika sod li ilu jeżisti tal-PAK kif ukoll il-kooperazzjoni tajba stabbilita matul is-snin madwar l-UE, is-settur agrikolu wera li kien reżiljenti biżżejjed biex jilqa' għall-kriżi tal-COVID-19.

**Il-Kummissjoni adattat ukoll il-metodi ta' ħidma tagħha** u indirizzat l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-assigurazzjoni tal-PAK permezz ta' sensiela ta' miżuri. Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2020/532, li jipprovdi regoli b'rekwiżiti ta' kontroll realistiċi u li jistgħu jintlaħqu għall-Istati Membri. Barra minn hekk, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni komplew jagħmlu x-xogħol tal-awditjar tagħhom filwaqt li użaw ukoll metodi alternattivi, bħall-aġenziji tal-pagamenti, u rrappurtaw lill-Kummissjoni dwar is-sejbiet tagħhom bħal fis-snin preċedenti.

6.6 a) Il-Kummissjoni tinnota l-bidla fl-approċċ tal-kampjunar tal-QEA għall-pagamenti diretti, u l-inklużjoni fil-kalkolu tar-rata kumplessiva ta' żball għall-kapitolu ta' aġġustament tekniku ta' 0,12 % relatat mal-pagamenti diretti. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-aġġustament huwa bbażat fuq żbalji misjuba mill-aġenziji tal-pagamenti (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 6.13).

6.10 Il-Kummissjoni tilqa' s-sejba tal-QEA li **l-pagamenti diretti tal-FAEG, li jirrappreżentaw EUR 41.6 biljun fis-sena finanzjarja 2020, għadhom ħielsa minn żbalji materjali**. Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li dan ir-riżultat pożittiv, f'konformità mar-Rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI, ġie kkonfermat minkejja l-bidla fil-metodoloġija tal-kampjunar mill-QEA (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 6.13).

6.13 Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li, **fil-każijiet kollha minbarra wieħed** indikat mill-QEA, l-iżbalji msemmija kienu **dikjarazzjonijiet eċċessivi li kienu ġew debitament identifikati mill-aġenziji tal-pagamenti matul il-kontrolli tagħhom fuq il-post** u għalhekk ma sar l-ebda pagament mhux dovut lill-benefiċjarji. Il-Kummissjoni tixtieq tinnota wkoll li l-bidla fil-metodoloġija tal-QEA din is-sena wasslet għal approċċ doppju:

Il-QEA kompliet tuża r-riżultati tagħha stess meta pproduċiet l-istima statistika tagħha tar-rata ta' żball għal tranżazzjoni bbażata fuq kampjun ta' 10 pakketti għal kull benefiċjarju. Għalhekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-QEA f'każ wieħed fejn din ir-rata ta' żball estrapolata fil-livell tat-tranżazzjoni ġiet iddikjarata b'mod eċċessiv b'mod sinifikanti meta mqabbla mar-riżultat reali tal-kontroll fuq il-post tal-aġenzija tal-pagamenti li jkopri l-pakketti kollha għal dak il-benefiċjarju. Il-QEA u l-aġenzija tal-pagamenti waslu għall-istess riżultat għall-pakketti magħżula iżda l-QEA estrapolat ir-rata ta' żball tagħha fil-pakketti kkampjunati għat-tranżazzjoni sħiħa.

Fl-istess ħin, il-QEA użat ir-riżultati tal-kontrolli tal-aġenziji tal-pagamenti biex tistma l-impatt f'każijiet fejn l-aġenziji tal-pagamenti kkonkludew li ma għandu jsir l-ebda pagament lill-benefiċjarju, billi applikat aġġustament ikkalkulat ta' 0.12 % għall-pagamenti diretti fir-rata kumplessiva ta' żball għall-kapitolu.

6.16 Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-QEA tar-**rwol tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) u tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS)** fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żball.

6.18 Il-Kummissjoni tirreleva li l-qafas legali għall-approċċ ta' **kontroll permezz ta' monitoraġġ** jipprevedi minn naħa l-iċċekkjar ta' kampjuni ta' bdiewa meta l-kriterji ma jkunux jistgħu jiġu evalwati mill-bogħod, u min-naħa l-oħra l-possibbiltà li jitwettqu żjarat immirati fuq il-post f'każ li l-analiżi tad-*data* satellitari ma tkunx konklużiva.

Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni tqis li l-kontrolli permezz tal-monitoraġġ huma eżempju tajjeb ħafna ta' kif it-teknoloġija tista' tiġi applikata biex is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll isiru aktar effettivi.

Risposta komuni għal 6.21-6.22:

Il-Kummissjoni tagħmel **sforzi kontinwi biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-adozzjoni tal-kontrolli permezz tal-monitoraġġ**, fost l-oħrajn billi tiġbor problemi ta' implimentazzjoni permezz ta' laqgħat bilaterali, ta' esperti jew tal-kumitati, u tindirizza kwistjonijiet emerġenti jew permezz ta' linji gwida ta' implimentazzjoni jew fejn ikun rilevanti b'emendi għall-qafas legali. Barra minn hekk, l-Indikatur tar-riżultat 3.5: Il-qasam taħt Monitoraġġ bis-Satellita, definit bħala l-proporzjon bejn l-ettari tal-iskema ta' pagament bażiku (BPS)/l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE) koperti mill-kontrolli permezz tal-monitoraġġ jew is-Sistema ta' Monitoraġġ taż-Żona, għandha stadju intermedju ekwivalenti għal 10 % fl-2022. Abbażi tan-notifiki tal-Istati Membri għall-kontrolli permezz tal-monitoraġġ fl-2021, l-adozzjoni tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq dan l-istadju interim. Lil hinn mill-2022, l-użu tas-Sistema ta' Monitoraġġ taż-Żona jsir obbligatorju u dan huwa mistenni li jżid malajr iż-żona taħt monitoraġġ bis-satellita.

6.23 **Japplikaw kundizzjonijiet kumplessi u regoli ta' eliġibbiltà fejn**, sabiex jinkisbu objettivi ta' politika ambizzjużi, **huwa meħtieġ li l-għajnuna tiġi mmirata**. Huwa meħtieġ li l-legalità u r-regolarità jiġu bbilanċjati mal-kisba tal-objettivi tal-politika filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tat-twettiq. Is-simplifikazzjoni, eż. għażliet ta' spejjeż simplifikati, hija mfittxija fejn tirrappreżenta l-aktar mod effettiv biex jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piż tal-kontroll u r-riskju ta' żbalji.

6.27 Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-QEA fi tranżazzjoni waħda (ara t-tweġiba għall-paragrafu 6.31).

6.31 Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-konstatazzjoni tal-QEA li f'każ wieħed l-aġenzija tal-pagamenti kkalkulat b'mod skorrett il-penali għal dikjarazzjoni eċċessiva.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, **l-aġenzija tal-pagamenti applikat b'mod korrett il-leġiżlazzjoni rilevanti matul il-kontrolli tagħha** (qabel l-awditu tal-QEA), speċifikament l-Artikolu 19a(1) tar-Regolament 640/2014 u l-Artikolu 10 tad-Digriet Ministerjali nazzjonali Nru 24/2015, u stabbiliet b'mod korrett l-ammont li għandu jitħallas lill-bidwi. Barra minn hekk, l-aġenzija tal-pagamenti ġustament ikkonkludiet li ma hemm l-ebda ammont li għandu jiġi rkuprat skont ir-regola de minimis, peress li l-ammont imħallas żejjed kien ta' EUR 31,94. Anki l-ammont totali mħallas (EUR 91,01), meqjus bħala żball ta' 65 % mill-QEA u li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-rata ta' żball tal-kapitolu, kien taħt il-livell limitu de minimis ta' EUR 100.

<u>RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U ARRANĠAMENTI OĦRA TA' GOVERNANZA</u>

6.35 F'din is-sitt sena ta' għoti ta' opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa, **il-korpi taċ-ċertifikazzjoni pproduċew riżultati tajbin u sostanzjali** dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa għall-popolazzjonijiet kollha. Abbażi tal-ħidma sostanzjali mwettqa mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni u ż-żieda fl-għadd ta' sejbiet, id-DĠ AGRI straħ fuq ir-riżultati tal-ħidma tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità. Ir-riżultati tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni kienu l-bażi għall-kalkolu tar-rata ta' żball aġġustata tad-DĠ AGRI għas-sena finanzjarja 2020. F'każijiet fejn ġew identifikati nuqqasijiet matul l-awditi, l-impatt tagħhom fuq l-affidabbiltà tar-riżultati ġie vvalutat bħala limitat. Barra minn hekk, fil-każijiet kollha, l-awdituri tad-DĠ AGRI pproponew azzjonijiet korrettivi immedjati, li ġew implimentati matul is-sena finanzjarja mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni. Ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi ġew ivvalutati matul l-eżerċizzju tal-approvazzjoni finanzjarja u d-DĠ AGRI xorta jista' jserraħ fuq xogħolhom u xorta jista' jqis l-iżbalji rrappurtati.

6.37 Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li **l-istima tar-riskju fil-waqt tal-pagament mid-DĠ AGRI (1,9 %) hija qrib ħafna u fi ħdan il-firxa tar-rata ta' żball tal-QEA (2,0 %)** (ara wkoll il-paragrafu 1.39 u t-tweġiba tal-Kummissjoni).

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-rati tar-riskju meta jsiru l-pagamenti (madwar 1,6 % għall-pagamenti diretti, 2,9 % għall-iżvilupp rurali u 2,4 % għall-miżuri tas-suq) irrapportati fir-Rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI għall-2020, bħall-QEA, juru li l-pagamenti diretti huma ħielsa minn żbalji materjali, filwaqt li r-riskju ogħla huwa għall-iżvilupp rurali u għall-miżuri tas-suq (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 6.23). Bħala riżultat tal-azzjonijiet korrettivi kollha, il-Kummissjoni tistma li l-ammont finali f'riskju għall-PAK fl-2020 huwa ta' 0,5 %.

6.38 Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li **r-riskju fil-waqt tal-pagament għal "Riżorsi naturali" fl-AMPR tagħha huwa konformi** mal-livell ta' żball stmat tal-QEA għal dan il-kapitolu.

6.39 Id-DĠ AGRI jingħata assigurazzjoni dwar l-operat xieraq tas-sistemi stabbiliti mill-aġenziji tal-pagamenti biex jipprevjenu u jidentifikaw il-frodi permezz tal-ħidma tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni. Dawn il-korpi indipendenti jivvalutaw kull sena l-konformità tal-aġenziji tal-pagamenti mal-kriterji ta' akkreditazzjoni, inklużi dawk l-aspetti speċifikament relatati ma' kwistjonijiet ta' frodi, jiġifieri jridu jiżguraw li l-aġenziji tal-pagamenti jkollhom fis-seħħ sistemi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi.

F'Settembru 2020, **id-DĠ AGRI aġġorna l-Istrateġija Kontra l-Frodi tiegħu**, biex iqis ukoll l-Istrateġija l-ġdida Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni għall-2019.

Huwa previst rieżami tal-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi fil-kuntest tar-riforma tal-PAK (2023–2027), bid-data fil-mira tkun l-1.1.2023.

Rigward **l-użu ta' Arachne fil-PAK**, il-Kummissjoni appoġġat l-estensjoni tal-użu u l-kapaċitajiet ta' tali għodda, kif rikonoxxut ukoll mill-QEA fir-Rapport Annwali tal-2019. In-negozjati tar-riforma tal-PAK wasslu biex ikun obbligatorju li l-Kummissjoni tagħmel din l-għodda disponibbli għall-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2023 u l-Istati Membri se jiġu mħeġġa jużaw din l-għodda.

<u>KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET</u>

6.40 Il-Kummissjoni tinnota wkoll b'mod pożittiv li **r-rata globali ta' żbalji għall-kapitolu kif stabbilit fl-Anness 6.1 hija qrib il-materjalità (2,0 %)**. Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 6.37.

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**KONTRIBUT GĦAR-RAPPORT ANNWALI tal-2020 KAPITOLU 7 – SIGURTÀ U ĊITTADINANZA**

REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

***Kaxxa 7.3 - Spejjeż dikjarati b'mod eċċessiv għat-trasport tat-tagħmir mediku***

Fir-rigward tal-"Ispejjeż dikjarati b'mod eċċessiv għat-trasport tat-tagħmir mediku", l-azzjoni implimentata tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (Emergency Support Instrument, ESI) seħħet fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 meta kien meħtieġ b'mod urġenti tagħmir protettiv personali għall-użu mediku. Għall-kuntratt awditjat, l-awtorità kontraenti ma għamlitx użu mill-possibbiltà, kif iddikjarat fir-Regolament 72 tar-Regolamenti tar-Renju Unit dwar il-Kuntratti Pubbliċi li kien jippermetti modifika ta' kuntratti eżistenti sa 50 % tal-valur inizjali tal-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, li f'dan il-każ kienet iġġustifikata għal raġunijiet ta' urġenza kbira.

Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li jiġi indikat li s-servizzi ngħataw. Barra minn hekk, l-iżball proċedurali fl-għoti tal-kuntratt ma rriżultax f'bidla fil-prezz ta' kull metru kubu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali peress li kien eżattament l-istess bħal dak tal-kuntratt mogħti oriġinarjament.
Dawn il-fatturi kollha jeħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-kuntest diffiċli ħafna li fih twettqet din l-azzjoni ta' emerġenza.

**Kaxxa 7.4 - Id-dokumentazzjoni tas-servizzi pprovduti lil minorenni mhux akkumpanjati mhijiex dejjem sodisfaċenti**

Il-Kummissjoni ħadet nota tan-nuqqasijiet imsemmija fil-Kaxxa 7.4, li qed jiġu mmonitorjati mill-qrib.

L-Awtorità Responsabbli ħejjiet pjan direzzjonali li jittratta dawn il-kwistjonijiet identifikati, li permezz tiegħu l-awtoritajiet Griegi bdew l-implimentazzjoni ta' sensiela ta' azzjonijiet b'enfasi fuq l-aġġornament tal-qafas legali u l-Proċeduri Operattivi Standard tal-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, kif ukoll il-promozzjoni ta' metodoloġiji ta' reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-atturi inkarigati mill-implimentazzjoni u l-adozzjoni tal-aħjar prattiki u proċeduri ta' titjib kontinwu.

Barra minn hekk, jittieħdu passi biex tittejjeb is-sistema ta' riferiment u rappurtar permezz ta' approċċ ċentralizzat, b'mod partikolari permezz tal-involviment tas-Segretarju Speċjali għall-Protezzjoni ta' Minorenni mhux Akkumpanjati fil-Greċja. Il-proċeduri amministrattivi meħtieġa għat-tranżizzjoni ta' adult żagħżugħ għal skema ta' akkomodazzjoni oħra jibdew erba' xhur qabel ma l-persuna kkonċernata tilħaq l-età adulta. Każijiet speċifiċi huma vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ, inklużi tfal li hemm bżonn itemmu l-iskola, iżda wkoll adulti żgħażagħ li għalihom il-proċeduri amministrattivi ma jkunux għadhom finalizzati.

ANALIŻI TAL-ELEMENTI TAS-SISTEMI TA' KONTROLL INTERN

7.12 L-impatt potenzjali tad-dgħufijiet fil-livell tal-Istati Membri ma mmaterjalizzax.

***Kaxxa 7.5 nuqqasijiet fir-rapporti annwali ta' kontroll***

Il-Kummissjoni tieħu nota li tali nuqqasijiet mhumiex materjali biżżejjed biex inaqqsu mill-importanza tal-konklużjonijiet tal-Awtoritajiet tal-Awditjar, kif innutat fil-paragrafu 7.12.

- *Problemi fil-kampjunar: l-unità tal-kampjunar mhijiex definita b'mod ċar, hemm ftit wisq elementi fil-kampjun tal-awditjar. (Il-Lussemburgu)*

  Fil-każ tal-Lussemburgu, in-nuqqas kien diġà ġie identifikat mill-Kummissjoni u rrappurtat lill-awtoritajiet Lussemburgiżi kif dokumentat fil-lista ta' kontroll tal-valutazzjoni tal-kontijiet u fl-ittra ta' approvazzjoni parzjali.

  Ara aktar kummenti hawn taħt.

- *L-Awtorità Responsabbli ppreżentat l-abbozz ta' kontijiet lill-Awtorità tal-Awditjar qabel lestiet il-kontrolli proprji tagħha fil-post, u qabel inkludiet il-pagamenti għall-assistenza teknika (Spanja).*

  Ir-Rapport Annwali ta' Kontroll (RAK) u l-informazzjoni komplementari ppreżentata b'talba tal-Kummissjoni matul il-valutazzjoni tagħha pprovdew rikonċiljazzjoni sħiħa b'deskrizzjoni adegwata tad-differenzi bejn l-abbozzi tal-kontijiet li fuqhom twettaq il-kampjunar u l-kontijiet finali. Fl-ittra ta' approvazzjoni, il-Kummissjoni fakkret lill-awtoritajiet li jenħtieġ li l-abbozzi tal-kontijiet ikunu magħmula minn pagamenti li għalihom l-Awtorità Responsabbli tkun lestiet il-kontrolli tagħha.

- *Ir-rati ta' żball ġew ikkalkulati u ppreżentati b'mod mhux preċiż fil-korp tar-RAK. (L-Awstrija)*

  Il-kwistjoni tar-rapportar akkurat tar-rata ta' żball kienet ġiet identifikata matul ir-rieżami tar-RAK li għamlu l-awdituri tad-DĠ HOME għall-kontijiet tas-SF2019 kif dokumentat fil-lista ta' kontroll tal-awdituri u fl-ittra tal-approvazzjoni lill-Istat Membru.

  Peress li r-Rata ta' Żbalji Residwi Totali (Total Residual Error Rate, TRER) kienet taħt il-limitu ta' materjalità, din ma affettwatx l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-AMIF għas-SF2019. L-Awdituri tad-DĠ HOME jkomplu jimmonitorjaw ir-rappurtar trasparenti tar-rata ta' żball tal-kontribuzzjoni tal-UE u reġgħu taw attenzjoni speċjali għal dan fir-rieżami tar-RAK għall-kontijiet tas-SF2020 (imwettqa fl-2021, jiġifieri barra mill-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2020). L-AA reġgħet intalbet tispjega l-kalkoli sottostanti tagħha b'mod komprensiv.

  *Il-valur u l-kopertura tal-kampjun tal-awditjar ġew irrappurtati b'mod skorrett. (L-Awstrija)*

  L-awtoritajiet Awstrijaċi għażlu l-proġetti għall-awditjar mil-listi ta' monitoraġġ u mhux mis-sistema finanzjarja. Dan jispjega l-kalkolu żbaljat tal-kopertura tal-awditjar. Madankollu, il-kopertura attwali tal-awditjar taqbeż ir-rekwiżit minimu ta' 10 %. Fil-valutazzjoni tagħhom tar-RAK għas-SF2020 (imwettqa fl-2021, jiġifieri barra mill-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2020), l-awdituri tad-DĠ HOME talbu informazzjoni addizzjonali mingħand l-AA dwar il-kampjun tal-awditjar tagħha. L-awdituri tad-DĠ HOME identifikaw li l-AA kienet eskludiet proġett mill-kalkolu tat-TER. Inħarġet rakkomandazzjoni lill-AA fir-RAK għal ittra ta' segwitu għas-SF2020 biex tiġi emendata din il-prattika għall-approvazzjoni tal-kontijiet li jmiss.

- *Ir-RAK ma rrappurtax kif suppost ir-riżultati tal-awditi tal-infiq u tas-sistemi jew il-livell kumplessiv tal-aċċertament u ma rrappurtax li xi xogħol ta' awditjar ġie esternalizzat. (Il-Lussemburgu)*

  L-awtoritajiet Lussemburgiżi żviluppaw pjan ta' azzjoni biex jirrettifikaw it-tħassib imqajjem mill-QEA. Dan il-pjan ta' azzjoni ġie segwit mid-DĠ HOME fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet tas-SF2020. Ir-RAK għas-SF2020 fih informazzjoni ċara dwar:

- L-ambitu u r-riżultati tal-verifiki tas-sistemi mwettqa matul is-sena finanzjarja;
- Definizzjoni ċara tal-unità tal-kampjunar użata;
- Ir-riżultati tal-awditi ta' pagamenti negattivi, inkluża l-preżenza fil-kampjun ta' kull pagament *interim* jew finali li japprova avvanzi ddikjarati lill-KE fil-kontijiet tas-snin preċedenti;
- Indikazzjoni ċara tal-livell ta' assigurazzjoni skont il-mudell definit fl-anness tar-Regolament (UE) 2018/1291 tal-16 ta' Mejju 2018.

Il-Kummissjoni tqis li dan huwa biżżejjed.

Madankollu, ir-rappurtar dwar ix-xogħol tal-awditjar li jiġi esternalizzat jeħtieġ aktar titjib u dan ġie kkomunikat lill-awtoritajiet Lussemburgiżi fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet għas-SF2020.

7.13 il-Kummissjoni tqis li n-nuqqasijiet identifikati ma kellhomx impatt fuq il-konklużjonijiet tal-Awtoritajiet tal-Awditjar.

***Kaxxa 7.6 Nuqqasijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar***.

- *Il-proċess tal-għażla tal-proġett ma ġiex ivverifikat kif xieraq. (Il-Lussemburgu)*

  L-Awtorità tal-Awditjar aġġornat il-lista ta' kontroll tagħha b'taqsima speċifika ddedikata għall-proċeduri tal-għażla. Dan ġie analizzat fil-kuntest tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet għas-SF2020, imwettqa fl-2021, jiġifieri barra mill-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2020.

- *Ittestjar mhux adegwat tal-eliġibbiltà tan-nefqa. (Il-Lussemburgu)*

  Din il-kwistjoni ġiet segwita fil-kuntest tal-proċeduri tal-approvazzjoni tal-kontijiet għas-SF2020, imwettqa fl-2021, jiġifieri barra mill-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2020. Instab li l-Awtorità tal-Awditjar aġġornat il-lista ta' kontroll użata biex tivverifika l-eliġibbiltà tan-nefqa u biex tiżgura li d-devjazzjonijiet kollha jiġu rrappurtati biex tittieħed azzjoni mill-awtorità responsabbli.

- *Rendikont tal-entrati insuffiċjenti jew dokumentazzjoni fqira tax-xogħol tal-awditjar. (Spanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Finlandja)*

  Il-Kummissjoni tqis li dawn jiżvelaw dgħufijiet iżolati fid-dokumentazzjoni tal-kontrolli u / jew l-awditi speċifiċi. Barra minn hekk, dawn il-każijiet iżolati bl-ebda mod ma jpoġġu f'dubju x-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-Awtoritajiet tal-Awditjar, u lanqas l-affidabbiltà tal-konklużjonijiet tagħhom, kif ikkonfermat mill-QEA nnifisha.

  Barra minn hekk, u bi tweġiba għal konstatazzjonijiet preċedenti u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA (dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2019), id-DĠ HOME kkondivida mal-Awtoritajiet tal-Awditjar għall-Fondi HOME "Dokument ta' Riflessjoni dwar id-Dokumentazzjoni tal-Awditjar – Prattiki tajba mingħand u għall-awdituri". Dan id-dokument huwa r-riżultat ta' grupp ta' ħidma bejn is-servizzi tal-awditjar tal-Kummissjoni għall-ġestjoni kondiviża u l-Awtoritajiet tal-Awditjar nazzjonali tal-Istati Membri biex jidentifikaw u jiżviluppaw l-aħjar prattiki biex itejbu d-dokumentazzjoni tax-xogħol tal-awditjar tagħhom.

- *Fejn ġew identifikati, l-ispejjeż ineliġibbli mhux dejjem ġew irrappurtati. (Il-Lussemburgu)*

  Il-kwistjoni ta' spejjeż ineliġibbli rrappurtati ġiet segwita fil-kuntest tal-proċeduri tal-approvazzjoni tal-kontijiet għas-SF2020 imwettqa fl-2021, jiġifieri barra mill-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2020. Instab li l-Awtorità tal-Awditjar aġġornat il-lista ta' kontroll użata biex

tivverifika l-eliġibbiltà tan-nefqa u biex tiżgura li d-devjazzjonijiet kollha jiġu rrappurtati għal azzjoni mill-Awtorità Responsabbli.

- *Xi problemi ta' akkwist ikklassifikati ħażin. (Il-Finlandja)*

  Il-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-proċeduri ta' akkwist pubbliku fil-kuntest ta' awditu li jinsab għaddej fil-Finlandja.

- *Rieżami inadegwat tax-xogħol tal-awditjar esternalizzat. (Il-Lussemburgu)*

  Il-Kummissjoni tqis li dan il-punt ma għandu l-ebda impatt fuq l-assigurazzjoni li pprovdiet l-AA. Madankollu, osservajna titjib fir-RAK dwar is-SF2020 (imwettaq fl-2021, jiġifieri barra mill-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-2020). L-Awtorità tal-Awditjar organizzat laqgħa tal-għeluq mal-fornitur tas-servizz qabel il-finalizzazzjoni tar-RAK għas-SF2020 sabiex tivvaluta l-kwalità tax-xogħol imwettaq u biex il-fornitur tas-servizz jaqsam xi dokument ta' ħidma speċifiku jew dokument ieħor mal-awtorità tal-awditjar.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Rakkomandazzjoni 7.1 – Eliġibbiltà tal-ispejjeż tal-proġett ESI**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tivverifika bir-reqqa l-eliġibbiltà tal-ispejjeż ippreżentati mill-benefiċjarji tal-azzjonijiet tal-ESI. Ta' min jinnota li l-kontrolli fil-fond huma parti mill-kontrolli *ex-ante* u mis-sistema ta' kontroll intern. Fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist u d-dokumentazzjoni korrispondenti, dawn jiġu vverifikati fuq bażi ta' kampjun matul l-awditi *ex post*.

**Rakkomandazzjoni 7.2 – Dokumentazzjoni fejn il-finanzjament huwa bbażat fuq l-ispejjeż unitarji standard**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tqis li diġà qed tiġi implimentata.

Fit-28 ta' April 2021, il-Kummissjoni adottat nota ta' Gwida riveduta dwar l-Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikatii (Simplified Cost Options, SCOs) fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

Għalkemm din in-nota ta' gwida hija applikabbli essenzjalment għall-fondi ESI, il-prinċipji huma riportati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 fejn (skont ir-RDK) se jkunu applikabbli b'mod ugwali għall-fondi amministrati mid-DĠ HOME.

F'dan il-kuntest, fis-27 ta' Mejju 2021, l-awtoritajiet tal-Istati Membri rċevew il-gwida aġġornata permezz tal-grupp ta' esperti dwar ir-RDK (EGESIF). Fid-dawl tal-perjodu 2021-2027 li jmiss, dan il-grupp ġie estiż biex jinkludi wkoll l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-fondi tad-DĠ HOME.

Il-Kummissjoni se tinforma wkoll lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar il-gwida aġġornata u tfakkarhom dwar l-importanza li tiġi ggarantita l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-SCO bħala parti mill-ambitu tal-ġestjoni tal-verifiki u l-awditi.

# TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 - KAPITOLU 8 - "EWROPA GLOBALI"

REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

**Kaxxa 8.2:**

- **Il-provvisti li ma ntużawx għall-azzjoni ffinanzjata**

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-isforzi li saru biex jiġi żgurat l-aċċess tar-refuġjati għal servizzi tas-saħħa essenzjali fil-kuntest volatili prevalenti fil-pajjiż benefiċjarju fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġett. Dan il-kuntest affettwa b'mod sinifikanti l-operazzjonijiet tal-proġett.

Il-vaċċini amministrati matul l-ewwel sena ttieħdu mill-ħażna tal-pula tal-benefiċjarju u mis-sistema ta' distribuzzjoni biex jitlaqqmu t-tfal mill-bidu tal-azzjoni. Dan kien konformi mal-Anness I tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi tal-kuntratt ta' għotja – l-Attività 1.5. Titjib fis-Sevizzi tal-Immunizzazzjoni. L-għotja kienet kontinwazzjoni tal-programm ta' immunizzazzjoni estiż li diġà beda.

Il-benefiċjarju ta evidenza lill-Kummissjoni li l-istess tip ta' vaċċin ġie amministrat lill-grupp fil-mira. L-għadd ta' vaċċini li fadal huwa inqas minn 1 % tal-għadd ta' vaċċini akkwistati.

Il-benefiċjarju impenja ruħu li jirrapporta dwar l-użu tal-vaċċini li fadal li ġew iffinanzjati mill-UE.

- **Spejjeż ineliġibbli fit-talba dwar l-ispejjeż**

Il-Kummissjoni jew il-benefiċjarju ma ħallsu l-ebda ammont indebitament. Li ġara hu li sar ikklirjar doppju ta' ammont u kklirjar ta' ammont ieħor li l-ebda spiża ma kienet għadha ġġarbet għalih fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni. L-ammont finali impost għall-baġit tal-UE se jiġi determinat bil-pagament finali.

Ġew implimentati diversi azzjonijiet korrettivi:

- It-"tneħħija tal-ikklirjar" tal-ammonti kklirjati indebitament.

- Il-kuntratt ġie inkluż fil-pjan ta' kontroll annwali u se jkun hemm verifika addizzjonali minn awdituri indipendenti qabel il-pagament finali.

- Il-benefiċjarju ngħata pariri dwar it-tħejjija ta' rapporti finanzjarji.

- Taħriġ dwar l-ikklirjar għall-persunal tad-Delegazzjoni tal-UE.

- Listi ta' kontroll immodifikati biex jindirizzaw il-problemi li nqalgħu.

**Kaxxa 8.3:**

- **Allokazzjoni tal-ispejjeż kondiviżi mhux ibbażata fuq l-infiq realment imġarrab**

Il-Kummissjoni taqbel li l-ispejjeż kondiviżi għandhom jiġu mitluba abbażi tal-ispejjeż attwali u mhux dawk ibbaġitjati. Abbażi ta' dan il-prinċipju, fl-aħħar tal-2020 il-metodoloġija użata biex issir talba għall-ispejjeż kondiviżi ġiet ivvalutata bħala parti mill-valutazzjoni *ex ante* li l-organizzazzjonijiet kollha saritilhom biex jiksbu ċ-ċertifikazzjoni ta' sħab ta' Għajnuna Umanitarja

tal-Kummissjoni għall-perjodu 2021-2027. Il-verifika tal-ispejjeż kondiviżi hija wkoll parti mill-ambitu tal-kontrolli *ex post* u tal-awditi tal-Kummissjoni.

8.11 Il-Kummissjoni tixtieq tindika li kull wieħed mill-erba' kriterji ta' eliġibbiltà huwa soġġett għal valutazzjoni bir-reqqa kemm fil-fażi tat-tfassil kif ukoll fil-fażi tal-iżborż, f'konformità mal-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE u skont il-gwida li ngħatat fil-linji gwida tal-appoġġ baġitarju tal-2017.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-appoġġ baġitarju jtejjeb ir-responsabbiltà u jgħin biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni, billi jiffoka fuq il-progress fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u t-trasparenza u s-sorveljanza baġitarja. Il-finanzjament ipprovdut permezz ta' appoġġ baġitarju jsir parti mill-baġit tal-Istat u għaldaqstant ikun soġġett għal awditjar estern u kontroll parlamentari.

8.13 Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li meta japplika l-approċċ nozzjonali, il-Kummissjoni ma għandhiex obbligu legali li timmonitorjah separatament, u ma tarax il-valur miżjud fil-monitoraġġ tiegħu.

8.14 Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li hemm dispożizzjonijiet kuntrattwali li jkopru l-aċċess għad-dokumenti. Il-Kummissjoni se tkompli tiġbed l-attenzjoni tal-organizzazzjonijiet sħab għall-ħtieġa li tingħata l-informazzjoni meħtieġa lill-QEA.

<u>RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U ARRANĠAMENTI OĦRA TA' GOVERNANZA</u>

**Rapport annwali tal-attività tal-FPI**

8.18 Il-valutazzjoni tal-pilastri tal-missjonijiet tal-PSDK għadha prijorità għall-FPI.

L-istat attwali taż-żewġ missjonijiet tal-PSDK li għadha ma saritilhomx valutazzjoni tal-pilastri fi tmiem l-2020 huwa

1. EUBAM Libya: Attwalment l-FPI qed janalizza l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tal-pilastri li rċieva mill-awditur estern fit-28 ta' Mejju 2021. L-abbozz tar-rapport ikkonkluda li l-missjoni hija kompletament konformi.
2. EUAM Central African Republic: Il-missjoni ġiet vara kompletament f'Awwissu 2020, u għadha mhijiex lesta għal valutazzjoni tal-pilastri. L-FPI se jevalwa l-maturità tal-missjoni fil-ħarifa bil-ħsieb li jiddeċiedi dwar iż-żmien xieraq tal-valutazzjoni tal-pilastri.

**L-istudju tal-2020 dwar ir-RER imwettaq mid-DĠ NEAR**

8.19 L-istudju dwar ir-RER huwa element importanti li jirfed id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali, iżda mhuwiex l-uniku sors ta' assigurazzjoni. Id-DĠ NEAR għandu **qafas ta' kontroll intern u strateġija ta' kontroll komprensivi** li jkopru ċ-ċiklu sħiħ ta' implimentazzjoni. Kif ġie deskritt fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu, l-elementi kollha tal-qafas ta' kontroll iservu ta' **elementi kostitwenti għall-assigurazzjoni**.

8.21 Il-Kummissjoni ma tikkaratterizzax l-istudju dwar ir-RER bħala inkarigu ta' aċċertament jew bħala awditu, u qatt ma kkaratterizzatu bħala tali. Huwa jservi skop speċifiku u huwa mibni fuq metodoloġija distinta.

Dan huwa żvelat fl-istudju dwar ir-RER u fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ NEAR, li jippreżenta informazzjoni ta' ġestjoni sħiħa b'mod veru u ġust. Il-Kummissjoni ma tqisx li l-istudju huwa soġġett għal **limitazzjonijiet** li jistgħu jwasslu għal **sottovalutazzjoni** tal-iżbalji.

8.22 Il-Kummissjoni tqis li r-RER hija **adattata għall-iskop tagħha** u **rappreżentattiva** ħafna. Il-probabbiltà li jintgħażel kuntratt magħluq fil-perjodu hija eżattament proporzjonata għall-valur tiegħu.

L-iskop tar-RER huwa li tagħti **rata ta' żball rappreżentattiva** għall-popolazzjoni kollha tad-DĠ. L-istratifikazzjoni ma twassalx għal dan ir-riżultat.

Tranżazzjonijiet ta' **Appoġġ Baġitarju** (AB) irrappreżentaw 45 tranżazzjoni minn total ta' 375 tranżazzjoni inklużi fl-istudju dwar ir-RER Ir-rata ta' żball mhijiex funzjoni tal-valur tat-tranżazzjoni. Il-metodoloġija tar-RER tinvolvi projezzjoni tar-rata ta' żball fir-rata ta' żball globali u l-projezzjoni hija indipendenti mill-valur tat-tranżazzjoni. Rata ta' żball fi tranżazzjoni b'valur baxx għandha l-istess impatt bħal żball fi tranżazzjoni b'valur għoli.

Filwaqt li t-tranżazzjonijiet ta' AB ġew soġġetti għal żball imkejjel inqas ta' spiss meta mqabbel ma' tipi oħra ta' kuntratti fl-istudji dwar ir-RER tad-DĠ NEAR (u INTPA), dawn l-iżbalji ġew identifikati u rapportati. Minħabba l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' AB (normalment f'għaxriet ta' miljuni), dawn l-iżbalji għandhom impatt sinifikanti fuq ir-rata ta' żball tad-DĠ.

Għaldaqstant, l-esklużjoni ta' aktar minn 25 % tal-popolazzjoni ta' kuntratti magħluqa tad-DĠ NEAR mill-istudju dwar ir-RER ma tkunx ġustifikata u tista' potenzjalment tikkontribwixxi għal sottovalutazzjoni tar-rata ta' żball.

8.23 L-għadd ta' għotjiet inklużi fl-istudju dwar ir-RER żdied b'reazzjoni għal rakkomandazzjoni maħruġa mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha għall-2017.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan il-**kampjun ta' għotjiet addizzjonali** kien rispons xieraq u adegwat li jirrifletti r-riskju għoli assoċjat mal-għotjiet.

Ir-RER tinkludi kampjun ta' għotjiet addizzjonali li l-iskop tiegħu huwa li l-Kummissjoni tingħata informazzjoni korroborattiva li tikkomplementa l-informazzjoni relatata mal-għotjiet ipprovduta fil-kampjun prinċipali. Dan jipprovdi bażi biex tittieħed deċiżjoni jekk tenħtieġx riżerva fir-rigward tal-għotjiet. Il-kampjun addizzjonali ta' 96 intervall tal-kampjunar (li jirrappreżentaw 1/3 tal-popolazzjoni sħiħa tal-istudju dwar ir-RER) jissodisfa dan ir-rekwiżit. Livell ogħla ta' fiduċja jkun jeħtieġ kampjun ħafna akbar (88 tranżazzjoni addizzjonali għal livell ta' fiduċja ta' 95 %). Dan ma jikkontribwix b'mod sostanzjali għall-objettiv ewlieni segwit jekk ikun hemm kampjun ta' għotjiet addizzjonali, jiġifieri l-korroborazzjoni tas-sejbiet tal-kampjun ewlieni. L-approċċ attwali jirrispondi għall-prijoritajiet ewlenin ta' bini tal-aċċertament u l-kosteffiċjenza tal-kontrolli.

8.24 Il-Kummissjoni tqis li d-**dipendenza żejda fuq ix-xogħol ta' kontroll ta' awdituri oħra għandha tiġi evitata** u li ma kien hemm l-ebda dipendenza żejda bħal din fl-istudju dwar ir-RER tal-2020. Fil-fatt, il-livell ġenerali ta' dipendenza naqas b'2 % punti mill-2019 għall-2020.

Titpoġġa **dipendenza sħiħa** biss fuq xogħol li jkun sar minn awdituri kkwalifikati taħt il-kuntratt qafas tal-awditjar iffirmat mill-Kummissjoni, jew fuq xogħol imwettaq mill-QEA. Il-persentaġġ tal-każijiet ta' dipendenza sħiħa naqas għal 13 % fl-2020.

Hemm żewġ tipi ta' dipendenza: **dipendenza parzjali u sħiħa**. Dipendenza sħiħa għal tranżazzjoni individwali tfisser li ma huwa meħtieġ l-ebda ttestjar sostantiv fuq it-tranżazzjoni. Madankollu, il-proċeduri l-oħra kollha għadhom applikabbli (ir-rikonċiljazzjoni bejn l-ammonti kklirjati u mħallsa, l-ordni ta' segwitu/rkupru u l-akkwist tal-ewwel livell meta applikabbli). It-testijiet li jsiru fil-każ ta' **dipendenza parzjali** huma aktar estensivi u jinkludu ttestjar sostantiv, li jrid jikseb livell minimu ta' kopertura, bil-għan li jiġi identifikat kwalunkwe żball fejn possibbli.

Jekk ma jkunx hemm dipendenza fuq ix-xogħol ta' kontroll ta' awdituri oħrajn meta dan jitqies tajjeb, dan jissoġġetta lill-benefiċjarju għal żewġ awditi/verifikazzjonijiet tal-istess tranżazzjoni.

Ix-xogħol ta' kontroll mill-Kummissjoni biss fl-ebda każ ma jitqies suffiċjenti biex tiġi ġġustifikata d-dipendenza.

Dawn jirrieżaminaw ir-rapporti minn tali xogħol ta' kontroll preċedenti u jqisuh bħala parti mill-ambjent tal-kontroll ġenerali, iżda ma joqogħdux biss fuq dan ix-xogħol ta' kontroll.

**Tnaqqis fid-daqs tal-kampjun ma għandu l-ebda rilevanza għall-persentaġġ tad-dipendenza**. Il-kalkolu huwa l-għadd ta' każijiet/għadd ta' tranżazzjonijiet.

8.25 Il-Kummissjoni tinnota li:

- Il-**limitazzjoni** mhijiex speċifika għall-istudju dwar ir-RER; din ġejja minn **ftehim qafas ġenerali bejn l-organizzazzjonijiet tan-NU u l-Kummissjoni Ewropea**.
- Meta l-kuntrattur ma jingħatax aċċess għall-prova dokumentarja meħtieġa, dan jimmarka żball.

Ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-entitajiet fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE fil-ġestjoni indiretta juru livell ta' ġestjoni finanzjarja u protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE, li huwa ekwivalenti għal dak tal-Kummissjoni. Dan jiġi verifikat billi titwettaq **valutazzjoni tal-pilastri *ex ante*** tal-entità.

Rigward id-dipendenza u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, id-*data* turi li saru kontrolli. Fil-fatt, **intgħażlu 43 tranżazzjoni fejn ġie applikat il-FAFA**. Minn dawn, il-kuntrattur qiegħed dipendenza sħiħa fi 18-il każ, dipendenza parzjali f'sitt każijiet u l-ebda dipendenza fuq xogħol ta' kontroll ieħor fid-19-il każ li jifdal. Fi 17-il każ, instab żball imkejjel.

Meta l-kuntrattur **jiddependi kompletament** fuq xogħol ta' kontroll preċedenti, dan jirrieżamina s-sejbiet u, meta l-iżball ma jkunx ġie iżolat mill-awditur u/jew mhux irkuprat b'ġustifikazzjoni xierqa mid-Delegazzjoni tal-UE, jimmarka żball nozzjonali, li jestrapola s-sejbiet identifikati mix-xogħol ta' kontroll preċedenti fuq il-parti tal-popolazzjoni mhux inkluża fil-kampjun. Meta l-kuntrattur jiddependi parzjalment fuq ix-xogħol ta' kontroll preċedenti, dan iwettaq l-istess proċedura bħal hawn fuq, flimkien ma' ttestjar sostantiv.

8.26 Il-Kummissjoni ma tqisx li l-**istimi** huma "*fattur ewlieni li joħloq distorsjoni fir-RER*". Kif irrappurtat il-Kummissjoni fl-2019, l-istimi huma rari ħafna: tnejn fl-2018, l-ebda fl-2019 u stima parzjali waħda fl-2020. Għalhekk, tlieta minn 1 144 punt fit-tliet studji dwar ir-RER kienu stimi. L-istima (parzjali) unika rrapportata fl-2020 kienet minħabba inċident li qered l-arkivji ta' benefiċjarju. Id-dokumenti li pprovda l-benefiċjarju ssostanzjaw il-fatti, li d-Delegazzjoni tal-UE ġiet mgħarrfa bihom ukoll.

Id-deċiżjoni li jiġi stmat żball mhijiex ibbażata fuq sempliċi każ ta' nuqqas ta' forniment ta' dokumentazzjoni (dan iwassal għal żball imkejjel). Stima ssir biss meta ċ-ċirkustanzi speċifiċi deskritti fil-manwal tar-RER, li ma jikkonferux diskrezzjoni wiesgħa, jiġu ssodisfati u debitament iddokumentati.

Fir-Rapport Annwali tal-2019 dwar il-FEŻ u fit-tweġibiet tal-Kummissjoni kienet diġà tqajmet osservazzjoni dwar il-**primjum tar-riskju**. Kemm NEAR kif ukoll INTPA adottaw il-primjum tar-riskju biex itejbu l-provvedimenti għall-istima fil-metodoloġija tar-RER.

Il-**primjum tar-riskju ta' 5 % jirrappreżenta approċċ prudenzjali ħafna** mfassal biex jiżgura li r-rata ta' żball ma tiġix sottovalutata.

8.27 Dejjem hemm ċertu livell ta' **sostituzzjonijiet** fl-istudji dwar ir-RER. L-għadd ta' sostituzzjonijiet kien ogħla fl-istudju dwar ir-RER tal-2020 minħabba l-inklużjoni ta' tranżazzjonijiet ġodda. Ġiet segwita l-metodoloġija tar-RER għas-sostituzzjonijiet u ċ-ċirkustanzi ġġustifikaw is-sostituzzjonijiet. Il-Kummissjoni se taħdem biex fil-futur iżżomm is-sostituzzjonijiet f'livell minimu.

Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda raġuni biex temmen li s-sostituzzjonijiet kellhom impatt fuq il-kalkolu tar-rata ta' żball skont l-istudju dwar ir-RER tal-2020.

8.28 Il-Kummissjoni lesta li tħares lejn l-introduzzjoni ta' bidliet għall-**metodoloġija tar-RER** jew it-termini ta' referenza, biex tifformalizza l-**komunikazzjoni ta' suspett ta' frodi** mill-kuntrattur lill-Kummissjoni. Fil-ftit każijiet ta' irregolaritajiet kbar jew każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jistgħu jindikaw il-preżenza ta' frodi, il-kuntrattur irrapportahom lill-Kummissjoni li ħadet l-azzjonijiet xierqa, inkluża notifika lill-OLAF jekk dan ikun iġġustifikat.

Il-laqgħat regolari (ġeneralment ta' kull ġimgħa) bejn il-kuntrattur u l-Kummissjoni jippermettu li l-kuntrattur jirrapporta dwar il-progress fix-xogħol ta' kontroll tiegħu u dwar kwalunkwe kwistjoni li tinqala' hu u jittratta mal-benefiċjarji, inkluż frodi.

L-individwi kollha li jaħdmu għall-kuntrattur għandhom dmir li jirrappurtaw suspetti ta' frodi, skont ir-Regolamenti dwar il-Ħasil tal-Flus.

<u>KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET</u>

**Rakkomandazzjonijiet**

8.31 Fir-rigward tar-**rakkomandazzjoni** kkwalifikata mill-QEA bħala mhux implimentata, fit-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjoni l-Kummissjoni indikat li hi se "tesplora mal-kuntrattur tar-RER modi biex tistratifika l-popolazzjoni tar-RER, filwaqt li b'mod ġenerali xorta tqis il-ħtieġa li jinżamm kampjun sod u rappreżentattiv". Kif deskritt f'aktar dettall fit-Taqsima 8.22, il-metodoloġija tal-kampjunar hija mfassla biex tiżgura li r-riżultati tal-istudju dwar ir-RER jistgħu jitqiesu bħala rappreżentattivi għall-kuntratti magħluqa kollha tad-DĠ NEAR. Il-probabbiltà li jintgħażel kuntratt magħluq fil-perjodu hija eżattament proporzjonata għall-valur tiegħu. Kampjun ibbażat fuq ir-riskju u stratifikat inaqqas ir-rappreżentattività tal-kampjun.

**Rakkomandazzjoni 8.1**

Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tiġbed l-attenzjoni tal-organizzazzjonijiet sħab għall-ħtieġa li jingħataw id-dokumenti jew l-informazzjoni meħtieġa lill-QEA biex din twettaq xogħolha. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 8.14.

**Rakkomandazzjoni 8.2**

Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

Sa mill-2021, l-obbligu li l-allokazzjoni tal-ispejjeż kondiviżi tkun ibbażata fuq spejjeż attwali u mhux dawk ibbaġitjati huwa parti mill-ambitu tal-valutazzjoni *ex ante* li kull organizzazzjoni trid tikkonforma magħha qabel ma tiġi ċċertifikata bħala sieħba ta' Għajnuna Umanitarja tal-Kummissjoni.

Apparti din il-valutazzjoni *ex ante*, attwalment il-Kummissjoni tħejji dokument ta' gwida dwar l-eliġibbiltà dwar l-għotjiet tal-Għajnuna Umanitarja. Fl-aħħar nett, l-eliġibbiltà tal-ispejjeż kondiviżi hija parti mill-ambitu tal-kontrolli *ex post* u tal-awditi tal-Kummissjoni.

**Rakkomandazzjoni 8.3**

Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tinvestiga l-possibbiltà li tintroduċi referenza fil-metodoloġija tar-RER jew fit-termini ta' referenza biex tifformalizza l-komunikazzjoni ta' suspett ta' riskji ta' frodi lill-Kummissjoni fil-livell xieraq.

**Anness 1**

# RISPOSTI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI TAL-AWDITURI: SENA 2020

## OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI TAL-AWDITURI
## RELATATI MAL-PARLAMENT EWROPEW
## RISPOSTI TAL-PARLAMENT

**Osservazzjonijiet dwar il-kampjun ta' tranżazzjonijiet**

**9.8.** Qbadna żbalji f'żewġ pagamenti li saru mill-Parlament Ewropew. Wieħed kien jikkonċerna pagament żejjed għal servizzi tal-IT ikkawżat mill-applikazzjoni mhux korretta tat-termini kuntrattwali. L-ieħor kien jikkonċerna pagament mhux korrett ta' allowance tas-sussistenza lil Membru tal-PE, wara żball f'lista tal-attendenza. Sibna li s-sistema ta' kontroll fis-seħħ la ppreveniet u lanqas qabdet żbalji bħal dawn, iżda l-Parlament bħalissa qed jaħdem fuq sistema ġdida biex itejjibha.

*Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti u jagħmel referenza, għall-kwistjoni tal-allowance ta' sussistenza għal kull jum, għar-risposta għar-rakkomandazzjoni 1.*

**Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet**

Rakkomandazzjoni 9.1 – Parlament Ewropew

Il-Parlament għandu jimplimenta l-bidliet meħtieġa biex jiżgura li jħallas allowances ta’ sussistenza għal kull jum biss lill-Membri tal-PE li jikkwalifikaw għalihom (ara l-paragrafu 9.8).

**Skadenza: sa tmiem l-2022**

*Il-Parlament jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Fl-2019 il-Parlament vara proġett biex jawtomatizza r-reġistrazzjoni tal-attendenza permezz ta’ teknoloġija bijometrika fir-reġistru ċentrali tal-attendenza u fl-emiċikli tal-plenarja. Din it-teknoloġija telimina l-iżbalji u tiżgura li jkunu biss il-Membri tal-PE bi dritt għall-allowance ta’ sussistenza għal kull jum li fil-fatt jirċevuh. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, kien hemm xi dewmien fil-proġett. L-amministrazzjoni tal-Parlament, skont il-mandat tal-Bureau tiegħu, iffirmat kuntratt għal dan il-proġett fi tmiem l-2020. Barra minn hekk, il-kontrollur tad-data tal-Parlament bħalissa qed jivvaluta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li waslu fl-aħħar ta’ Marzu 2021.*

**Annessi**

Anness 9.2 Segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

<u>Rakkomandazzjoni 2</u>

Matul ir-reviżjoni li jmiss tar-regoli li jirregolaw l-akkoljenza ta’ gruppi ta’ viżitaturi, il-Parlament Ewropew isaħħaħ il-proċedura għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa billi jitlob lill-gruppi jipprovdu dokumentazzjoni ġustifikattiva flimkien mat-talbiet tagħhom għar-rimborż tal-ispejjeż.

*Is-Servizz tal-Awditjar Intern stabbilixxa r-rapport finali tiegħu dwar l-awditu mwettaq fuq il-gruppi ta’ viżitaturi fil-bidu tal-2021, li jinkludi pjan ta’ azzjoni li jitlob li s-Segretarju Ġenerali jiġi ppreżentat, għall-adozzjoni mill-Bureau, bi proposta għal reviżjoni tar-regoli li jirregolaw il-gruppi ta’ viżitaturi. Fil-fażi attwali qed jittieħdu miżuri biex titħejja reviżjoni tar-regoli dwar il-gruppi ta’ viżitaturi. Ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri se tiġi integrata fil-proposta għar-reviżjoni tar-regoli.*

# TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

## "KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2020 — KAPITOLU 9 — AMMINISTRAZZJONI"

INTRODZZJONI

9.1 Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni ġenerali tal-QEA li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Amministrazzjoni" ma kienx materjali. Il-Kummissjoni se ssegwi l-kwistjonijiet identifikati mill-QEA, fejn xieraq. Fir-rigward tal-allowances tal-familja perċepiti minn sorsi oħra, il-Kummissjoni saħħet il-kontrolli mwettqa; fl-istess ħin, tejbet il-pjattaforma użata u l-komunikazzjoni indirizzata lill-aġenti.

REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

9.9 Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-liċenzji tas-softwer, il-Kummissjoni nnegozjat mal-bejjiegħ tas-softwer ftehim ta' somma f'daqqa. Il-Kummissjoni ħallset l-ammont, li ġie nnegozjat u miftiehem mal-bejjiegħ tas-softwer.

KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

9.17 Il-kwistjoni tal-allowances tal-familja hija estremament kumplessa u ma taqax kompletament taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni: l-allowances nazzjonali tal-familja jiddependu fuq sitwazzjonijiet familjari dejjem aktar kumplessi u varjati, f'xi każijiet ukoll fuq il-limiti massimi tal-introjtu tal-familja, u saħansitra fuq sitwazzjonijiet speċifiċi tat-tfal.

Dan l-aħħar saru bidliet organizzattivi importanti fil-Belġju (li jirrappreżenta 80 % tal-persunal li potenzjalment jibbenefika minn allowances nazzjonali), fejn il-kompetenza fil-benefiċċji tal-familja ġiet trasferita mill-Istat Federali għall-Komunitajiet u r-Reġjuni, b'kont meħud tar-residenza tat-tfal, ammonti differenti skont id-data tat-twelid tat-tfal, eċċ. Sabiex tirreaġixxi għal dawn il-bidliet, il-Kummissjoni saħħet il-kontrolli mwettqa; fl-istess ħin, tejbet il-pjattaforma użata u l-komunikazzjoni indirizzata lill-aġenti.

**Rakkomandazzjoni 9.2 — Il-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u diġà ħadet il-miżuri meħtieġa biex tħeġġeġ lill-aġenti jissodisfaw l-obbligi tagħhom billi:

- għamlet titjib fl-għodda tal-IT tagħha SYSPER għall-kodifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet;
- tinforma b'mod sistematiku lill-aġenti dwar l-obbligi tagħhom li jaġġornaw id-*data* personali tagħhom, jew matul l-iskambju mal-Uffiċċju responsabbli mill-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) fir-rigward tal-allowances tal-familja jew permezz ta' bullettini mibgħuta regolarment lill-persunal kollu.

Il-Kummissjoni saħħet ukoll it-tim rilevanti inkarigat mill-allowances li jiġu minn sorsi oħra biex, fost affarijiet oħra, iwettaq kontrolli regolari bbażati fuq listi estratti minn bażijiet tad-data interni sabiex jiġu mmirati/identifikati l-fajls kollha li mhumiex aġġornati, jew fejn id-dikjarazzjonijiet mistennija għadhom ma sarux.

# Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2020

# Kontenut

| | | Paġna |
|---|---|---|
| Introduzzjoni ġenerali | | 307 |
| Kapitolu I | Implimentazzjoni Finanzjarja tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ | 311 |
| Kapitolu II | Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar il-FEŻ | 314 |
| Risposti tal-Kummissjoni Ewropea | | 346 |

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | 01-05 |
| Deskrizzjoni qasira tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp | 02-05 |
| **Kapitolu I – Implimentazzjoni Finanzjarja tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ** | 06-09 |
| **Kapitolu II – Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar il-FEŻ** | I.-45 |
| Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-awditur indipendenti | I.-XXI. |
| Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni | 10-45 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 10-15 |
| Affidabbiltà tal-kontijiet | 16 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 17-26 |
| Rapport annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza | 27-45 |
| **Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet** | 46-50 |
| Konklużjoni | 46-47 |
| Rakkomandazzjonijiet | 48-50 |
| **Annessi** | |
| Anness I – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-FEŻ | |
| Anness II – Pagamenti mill-FEŻ fl-2020, skont ir-reġjun prinċipali | |
| Anness III – Status ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni | |
| Anness IV – Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet | |

# Introduzzjoni

**01** Dan ir-rapport annwali jippreżenta s-sejbiet tagħna għat-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Il-*Kaxxa 1* tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u tal-infiq f'dan il-qasam fl-2020.

### Kaxxa 1

### Fondi Ewropej għall-Iżvilupp – stampa ġenerali finanzjarja għall-2020

**Pagamenti mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) skont il-linja baġitarja u t-tip**



**Pagamenti mill-FEŻ u popolazzjoni awditjata**




(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1*** tar-Rapport Annwali 2020 tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, il-paragrafu 11).

*Sors:* il-kontijiet konsolidati tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2020.

## Deskrizzjoni qasira tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

**02** Imnedija fl-1959, il-FEŻ kienu l-istrumenti prinċipali li permezz tagħhom l-Unjoni Ewropea (UE) pprovdiet għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej (PTEE) sa tmiem l-2020. Il-*ftehim ta' sħubija*, li ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou"), kien il-qafas li jirregola r-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi AKP u l-PTEE[1]. L-objettiv prinċipali tiegħu kien it-tnaqqis, u eventwalment il-qerda tal-faqar. Għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027, l-għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku hija integrata fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI/Ewropa Globali) u l-għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-PTEE hija integrata fid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea. Madankollu, it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ mhux se jiġu integrati fil-baġit ġenerali tal-UE u se jkomplu jiġu implimentati u rrappurtati separatament sal-għeluq tagħhom.

**03** Il-FEŻ huma partikolari minħabba li:

(a) il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huma bbażati fuq kwoti, jew "koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni", li jiġu ssettjati mill-gvernijiet nazzjonali fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

(b) huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni, barra mill-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE, u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI);

[1] Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou ġew estiżi sat-30 ta' Novembru 2021.

(c) minħabba n-natura intergovernattiva tal-FEŻ, il-Parlament Ewropew jeżerċita rwol aktar limitat fil-funzjonament tagħhom milli jeżerċita għall-istrumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE; b'mod partikolari, huwa mhuwiex involut fl-istabbiliment u fl-allokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ. Madankollu, il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità ta' *kwittanza*, minbarra għall-Faċilità ta' Investiment, li hija mmaniġġjata mill-BEI u li għalhekk taqa' barra mill-ambitu tal-awditu tagħna[2] [3];

(d) il-prinċipju tal-*annwalità* ma japplikax għall-FEŻ: ftehimiet relatati mal-FEŻ normalment jiġu konklużi għal perjodu ta' impenn ta' minn ħames sa seba' snin, u l-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu li jkun ħafna itwal.

**04** Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi interament[4] mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Sħubijiet Internazzjonali (id-DĠ INTPA), li qabel kien id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (id-DĠ DEVCO)[5].

**05** L-infiq kopert f'dan ir-rapport jitwassal f'79 pajjiż bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' metodi ta' twassil, bħal kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi; għotjiet; appoġġ baġitarju; *ftehimiet ta' delega u ta' kontribuzzjoni* u stimi ta' programmi (ara l-***Anness II***).

---

[2] Ara l-Artikoli 43, 48-50 u 58 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17).

[3] Fl-2012, ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-QEA (l-Artikolu 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1)) stabbilixxa r-regoli għall-awditjar ta' dawn l-operazzjonijiet mill-QEA.

[4] Bl-eċċezzjoni tal-1.44 % tal-infiq li sar fl-2020 taħt il-FEŻ, u li kien immaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (id-DĠ ECHO).

[5] Id-DĠ DEVCO sar id-DĠ INTPA f'Jannar 2021.

# Kapitolu I – Implimentazzjoni Finanzjarja tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ

**06** Il-baġit tat-8 FEŻ (1995-2000) kien ta’ EUR 12.8 biljun, dak tad-9 FEŻ (2000-2007) kien ta’ EUR 13.8 biljun, u dak tal-10 FEŻ (2008-2013) kien ta’ EUR 22.7 biljun.

**07** Il-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ[6] (2015-2020) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Marzu 2015. Bejn l-2013 u l-2015, il-fondi ġew impenjati permezz ta’ faċilità ta’ *tranżizzjoni* biex tiġi żgurata l-kontinwità sakemm jiġi rratifikat il-11-il FEŻ. Il-11-il FEŻ fih EUR 30.5 biljun, li minnhom EUR 29.1 biljun huma allokati għall-pajjiżi AKP u EUR 364,5 miljun għall-PTEE, b’EUR 1.1 biljun għall-ispejjeż amministrattivi.

**08** Il-***Kaxxa 2*** turi l-użu tar-riżorsi tal-FEŻ kemm fl-2020 kif ukoll b’mod kumulattiv għat-8, għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ.

[6] ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

## Kaxxa 2

## Użu tar-riżorsi tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2020*

(EUR miljun)

| | *Sitwazzjoni fi tmiem l-2019* | | *Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2020 (ammonti netti)[6]* | | | | | *Sitwazzjoni fi tmiem l-2020* | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammont totali | Rata ta' implimentazzjoni[2] | *It-8 FEŻ[3]* | *Id-9 FEŻ[3]* | *L-10 FEŻ* | *Il-11-il FEŻ[3]* | *Ammont totali* | *It-8 FEŻ* | *Id-9 FEŻ* | *L-10 FEŻ* | *Il-11-il FEŻ* | *Ammont totali* | *Rata ta' implimentazzjoni[2]* |
| **A – RIŻORSI[1]** | **76 764** | | ***-2*** | ***-69*** | ***-368*** | ***123*** | ***-316*** | ***10 376*** | ***15 279*** | ***21 061*** | ***29 731*** | ***76 447*** | |
| **B – UŻU** | | | | | | | | | | | | | |
| **1. Impenji globali[4]** | *73 309* | **95.5 %** | ***0*** | ***-68*** | ***-110*** | ***2 798*** | ***2 620*** | ***10 375*** | ***15 268*** | ***20 978*** | ***29 309*** | ***75 929*** | **99.3 %** |
| **2. Impenji individwali[5]** | *67 683* | **88.2 %** | ***0*** | ***-48*** | ***256*** | ***3 413*** | ***3 621*** | ***10 374*** | ***15 253*** | ***20 567*** | ***25 110*** | ***71 304*** | **93.3 %** |
| **3. Pagamenti** | *57 414* | **74.8 %** | ***0*** | ***6*** | ***360*** | ***4 239*** | ***4 605*** | ***10 374*** | ***15 208*** | ***19 645*** | ***16 791*** | ***62 018*** | **81.1 %** |
| **C – Impenji pendenti (B1-B3)** | **15 896** | **20.7 %** | | | | | | ***0*** | ***60*** | ***1 333*** | ***12 518*** | ***13 911*** | **18.2 %** |
| **D – Bilanċ disponibbli (A-B1)[7]** | **3 454** | **4.5 %** | | | | | | ***1*** | ***12*** | ***83*** | ***422*** | ***518*** | **0.7 %** |

* Ċifri mqarrba

[1] Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għat-8, għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.

[2] Bħala perċentwal tar-riżorsi.

[3] Ammonti negattivi jikkorrispondu ma'*diżimpenji*.

[4] Impenji globali huma relatati ma'deċiżjonijiet ta' finanzjament.

[5] Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

[6] Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

[7] Il-bilanċ disponibbli jinkludi r-"riżerva mhux mobilizzabbli" (ma tistax tintuża mingħajr deċiżjoni unanima mill-Kunsill)

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2020. Iċ-ċifri ppreżentati ma jkoprux il-parti tal-FEŻ li hija mmaniġġjata mill-BEI.

**09** Kull sena, id-DĠ INTPA jistabbilixxi għalih innifsu indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-użu effiċjenti tar-riżorsi. Dawn l-indikaturi juru li, fl-2020, minkejja d-diffikultajiet relatati mal-kriżi tal-COVID-19, id-DĠ INTPA laħaq il-miri tiegħu li jnaqqas il-prefinanzjamenti antiki u l-impenji li ma ntefqux b'35 % u l-kuntratti li skadew b'15 %. Dan kien ir-riżultat ta' titjib fil-proċeduri fi snin reċenti (ara l-*Kaxxa 3*). Dawn iż-żewġ miri ġew stabbiliti kemm bħala mira kumplessiva għall-qasam intier ta' responsabbiltà tad-DĠ INTPA kif ukoll bħala mira speċifika għall-FEŻ.

### Kaxxa 3

### KPIs relatati mat-tnaqqis tal-prefinanzjamenti antiki, l-impenji li ma ntefqux u l-kuntratti li skadew

Fl-2020, id-DĠ INTPA ddeċieda li jistabbilixxi mira ġdida (li jżidha minn 25 % għal 35 %) għall-KPIs f'dak li jirrigwarda t-tnaqqis tal-prefinanzjament antik u l-impenji li ma ntefqux. Din qabżet dawn il-miri għaż-żewġ indikaturi fl-2020: il-prefinanzjament antik tnaqqas b'aktar min-nofs, kemm għall-FEŻ (56 %) kif ukoll għall-qasam intier ta' responsabbiltà (55 %). L-impenji antiki li ma ntefqux tnaqqsu b'40 % għall-FEŻ u b'41 % għall-qasam intier ta' responsabbiltà tad-DĠ INTPA.

Id-DĠ INTPA laħaq ukoll il-mira tiegħu li ma jkollux aktar minn 15 % tal-kuntratti li skadew u li għadhom miftuħa fis-sistema għall-FEŻ (14 %) u għall-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu. Il-KPI għall-FEŻ tjieb b'mod konsistenti mill-2017 'l hawn (19 % fl-2017, 17 % fl-2018 u 15 % fl-2019) b'riżultat ta' proċeduri ġodda li ġew stabbiliti fl-2017.

# Kapitolu II – Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar il-FEŻ

## Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-awditur indipendenti

### Opinjoni

**I.** Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020, li ġew approvati;

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi li l-ġestjoni finanzjarja tagħhom taqa' taħt il-Kummissjoni[7].

### Affidabbiltà tal-kontijiet

#### Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

**II.** Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

[7] Skont l-Artikoli 43, 48-50 u 58 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, din id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ma tapplikax għar-riżorsi tal-FEŻ li huma mmaniġġjati mill-BEI.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

**Dħul**

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul*

**III.** Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

**Infiq**

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**IV.** Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt "Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq", l-infiq aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

*Bażi għal Opinjoni*

**V.** Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards u kodiċijiet huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. Aħna rrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Aħna nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**VI.** L-infiq irreġistrat fl-2020 taħt it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Il-*livell ta' żball stmat* minna għall-infiq aċċettat fil-kontijiet huwa ta' 3,8 %.

## Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

**VII.** Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, fil-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji fl-intier tagħhom, u waqt li konna qed niffurmaw l-opinjoni tagħna dwarhom, iżda aħna ma nipprovdux opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet.

### Imposti dovuti

**VIII.** Aħna vvalutajna l-imposti dovuti ppreżentati fil-kontijiet, li huma suġġetti għal livell għoli ta' stima. Fi tmiem is-sena 2020, il-Kummissjoni stmat li l-ispejjeż eliġibbli mġarrba, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati mill-benefiċjarji, ammontaw għal EUR 5 452 miljun (tmiem is-sena 2019: EUR 5 074 miljun).

**IX.** Aħna eżaminajna l-kalkolu ta' dawn l-istimi tad-dovuti u rrieżaminajna kampjun ta' 30 kuntratt individwali biex nindirizzaw ir-riskju li d-dovuti ma ġewx iddikjarati b'mod korrett. Ix-xogħol imwettaq ippermettielna naslu għall-konklużjoni li l-imposti dovuti rreġistrati fil-kontijiet finali kienu xierqa.

### L-impatt potenzjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq il-kontijiet tal-FEŻ għall-2020

**X.** Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit (UK) ma baqax Stat Membru tal-UE. B'segwitu għall-konklużjoni tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") bejn iż-żewġ partijiet, ir-Renju Unit ħa impenn biex jibqa' jagħmel parti mill-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u tal-FEŻ preċedenti kollha li ma ngħalqux. Ir-Renju Unit se jassumi l-istess obbligi bħall-Istati Membri taħt il-ftehim intern li permezz tiegħu ġie stabbilit il-11-il FEŻ, kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw minn FEŻ preċedenti sakemm dawn jingħalqu.

**XI.** Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiddikjara wkoll li, fejn l-ammonti minn proġetti taħt l-10 FEŻ jew taħt FEŻ preċedenti ma jkunux ġew impenjati jew ikunu ġew diżimpenjati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, is-sehem ta' dawn l-ammonti li jkun tar-Renju Unit ma jerġax jintuża. L-istess regola tapplika wkoll għas-sehem li r-Renju Unit ikollu ta' fondi li ma jkunux ġew impenjati jew li jkunu ġew diżimpenjati taħt il-11-il FEŻ wara l-31 ta' Diċembru 2020.

**XII.** Ibbażat fuq dan, ma hemm l-ebda impatt finanzjarju fuq il-kontijiet annwali tal-FEŻ għall-2020 li jrid jiġi rrappurtat. Aħna nikkonkludu li l-kontijiet tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2020 kienu jirriflettu b'mod korrett il-proċess tal-ħruġ sa dakinhar.

**Responsabbiltajiet tal-maniġment**

**XIII.** F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ.

**XIV.** Fit-tħejjija tal-kontijiet tal-FEŻ, il-Kummissjoni hija responsabbli milli tivvaluta l-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li tiddivulga kull kwistjoni rilevanti u tuża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma tkunx biħsiebha tillikwida l-entità jew ittemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollha l-ebda alternattiva realistika ħlief li tagħmel dan.

**XV.** Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-FEŻ.

**Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

**XVI.** L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet tal-FEŻ.

**XVII.** Bħala parti minn awditu u f'konformità mal-ISAs u l-ISSAIs, aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet tal-FEŻ u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.
- Niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.
- Nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.
- Nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat. Jekk aħna nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet tal-FEŻ jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex l-entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.
- Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet annwali, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet annwali jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod ġust.

**XVIII.** Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet dwar kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

**XIX.** Għad-dħul, aħna eżaminajna l-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet tad-dħul.

**XX.** Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (minbarra pagamenti bil-quddiem) fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati ladarba r-*riċevitur* tal-fondi jkun ipprovda evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan jista' jseħħ fis-sena sussegwenti.

**XXI.** Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

8 ta' Lulju 2021

Klaus-Heiner LEHNE
*Il-President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

## Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

### Ambitu u approċċ tal-awditjar

**10** L-***Anness 1.1*** tar-Rapport Annwali 2020 tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jippreżenta l-approċċ u l-metodi tal-awditjar tagħna, li japplikaw ukoll għall-awditjar tal-FEŻ.

**11** L-osservazzjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ huma bbażati fuq ir-rapporti finanzjarji[8] tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li ġew approvati mill-Kummissjoni[9], flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà li rċevejna fit-30 ta' Ġunju 2021. Aħna ttestjajna l-ammonti u d-divulgazzjonijiet ipprovduti, u vvalutajna l-prinċipji kontabilistiċi użati, kif ukoll l-istimi sinifikanti kollha li saru mill-Kummissjoni u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

**12** Biex nawditjaw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna eżaminajna kampjun ta' 140 tranżazzjoni li kien rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tal-infiq li sar fi ħdan il-FEŻ. Dan kien jinkludi 21 tranżazzjoni li kienu relatati mal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika, 102 tranżazzjoni li ġew awtorizzati minn 21 delegazzjoni tal-UE[10], u 17-il pagament li ġew approvati mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni[11]. Id-daqs totali tal-kampjun ta' 140 tranżazzjoni kien f'konformità mal-mudell ta' aċċertament tagħna. Fejn konna qbadna żbalji fit-tranżazzjonijiet, aħna analizzajna l-kawżi sottostanti biex nidentifikaw id-dgħufijiet potenzjali.

**13** Fl-2020, aħna eżaminajna wkoll dan li ġej:

(a) il-kontribuzzjonijiet kollha li saru mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet tad-dħul, bħalma huma l-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi oħra f'każijiet ta' kofinanzjament;

---

[8] Ara l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1877.

[9] F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ; ara l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1877.

[10] L-Unjoni Afrikana, il-Benin , il-Burkina Faso, il-Burundi, Cabo Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Djibouti, Timor Leste, il-Ghana, il-Gujana, il-Kosta tal-Avorju, il-Ġamajka, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, is-Sudan, it-Tanzanija u ż-Żimbabwe.

[11] DĠ INTPA: 138 pagament; DĠ ECHO: żewġ pagamenti għall-għajnuna umanitarja.

(b) ċerti sistemi użati mid-DĠ INTPA u mid-delegazzjonijiet tal-UE, fejn koprejna: (i) kontrolli *ex ante* li twettqu mill-persunal tal-Kummissjoni, awdituri esterni (ikkuntrattati mill-Kummissjoni jew mill-benefiċjarji) jew superviżuri qabel ma saru l-pagamenti, (ii) monitoraġġ u superviżjoni, b'mod partikolari s-segwitu li twettaq ta' awditi esterni u l-istudju dwar ir-RER[12];

(c) l-affidabbiltà tal-informazzjoni tar-regolarità fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ INTPA, il-konsistenza tal-metodoloġija biex jiġu stmati l-ammonti f'riskju, il-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni;

(d) is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

**14** Kif iddikjarat fil-paragrafu ***04***, id-DĠ INTPA jimplimenta l-biċċa l-kbira mill-istrumenti ta' għajnuna esterna ffinanzjati kemm mill-baġit ġenerali tal-UE kif ukoll mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tagħna dwar is-sistemi u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni fir-RAA jirreferu għall-qasam intier ta' responsabbiltà tad-DĠ INTPA.

**15** Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, ma kienx possibbli li jitwettqu żjarat fuq il-post fid-delegazzjonijiet tal-UE[13]. Dan ma ppermettilniex li nwettqu ċerti proċeduri tal-awditjar, b'mod partikolari li nivverifikaw l-implimentazzjoni tal-kuntratti għat-tranżazzjonijiet magħżula, u għaldaqstant ix-xogħol tal-awditjar tagħna kien limitat. Kellna nadattaw l-approċċ tagħna, billi nwettqu analiżijiet mhux fuq il-post ta' tranżazzjonijiet u proġetti u billi nikkollaboraw mill-bogħod mal-entitajiet awditjati tagħna.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

**16** L-awditu li wettaqna sab li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

---

[12] Id-DĠ INTPA jqabbad kuntrattur biex iwettaq studju dwar ir-RER sabiex jistma l-livell ta' żball li l-kontrolli kollha ta' ġestjoni għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji fil-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu ma jkunux irnexxielhom jaqbdu. L-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix inkarigu ta' aċċertament jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mal-istudju dwar ir-RER u l-manwal ipprovdut mid-DĠ INTPA.

[13] Id-disa' żjarat tal-awditjar kollha (il-Mali, il-Ġamajka, il-Ghana, is-Sudan, il-Guyana, il-Djibouti, Timor Leste, l-Unjoni Afrikana u ż-Żimbabwe) ġew sostitwiti minn analiżijiet mhux fuq il-post.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**Dħul**

**17** It-tranżazzjonijiet tad-dħul ma kienx fihom livell materjali ta' żball.

**Infiq**

**18** L-*Anness 1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-140 tranżazzjoni li eżaminajna, 36 (25.7 %) kien fihom żbalji. Abbażi tal-31 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3.8 %[14].

**19** Il-*Kaxxa 4* tagħti ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2020 skont it-tip ta' żball.

### Kaxxa 4

### Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball




*Sors:* il-QEA.

[14] Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1.8 % u 5.8 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

20 Il-*Kaxxa 5* tippreżenta eżempji ta’ żbalji kkwantifikajna, skont it-tip ta’ żball ukoll.

## Kaxxa 5

### Infiq mhux imġarrab: infiq mitlub iddikjarat b’mod eċċessiv

Il-Kummissjoni approvat kuntratt ta’ xogħlijiet ma’ kumpanija privata għall-iżvilupp ta’ network tat-tisqija fil-Mali. Il-valur totali tal-kuntratt kien ta’ EUR 15.6 miljun, b’kontribuzzjoni mill-UE ta’ 100 %. Il-pagamenti *interim* taħt il-kuntratt kellhom ikunu bbażati fuq kejl reali li ġie rrappurtat mill-kuntrattur u vverifikat mis-superviżur tal-kuntratt. Aħna qabbilna l-kejl irrapportat mill-kuntrattur għal element wieħed fil-fattura ta’ Ottubru 2019: rimi ta’ materjal skavat, għal ammont totali rrappurtat ta’ EUR 288 729. Il-kejl reali vverifikat mis-superviżur tal-kuntratt wera li l-ammont iddikjarat għal dan l-element kien ġie ddikjarat b’mod eċċessiv b’EUR 32 304 (11 %). Dan kien dovut għal żball klerikali fir-rappurtar mis-superviżur tal-kuntratt.

### Infiq imġarrab barra mill-perjodu ta’ eliġibbiltà

Il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta’ għotja ma’ organizzazzjoni internazzjonali biex tiffinanzja l-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ta; Monitoraġġ dwar Arranġamenti ta’ Sigurtà ta’ Waqfien mill-Ġlied u ta’ Tranżizzjoni fis-Sudan t’Isfel. L-ispiża totali tal-azzjoni kienet stmata għal EUR 9.2 miljun, b’kontribuzzjoni mill-UE ta’ 100 %.

Aħna eżaminajna l-primjum tal-assigurazzjoni għall-persunal u osservajna li dan kien iġġedded għal sena sħiħa (mill-1 ta’ Mejju 2017 sat-30 ta’ April 2018) minkejja l-fatt li l-proġett intemm fil-31 ta’ Jannar 2018.

Il-Kummissjoni qieset l-ammont sħiħ tal-primjum tal-assigurazzjoni (EUR 221 340) bħala eliġibbli minkejja li 25 % tal-ammont (ekwivalenti għal 3 xhur jew EUR 49 069.52) kien barra mill-perjodu ta’ implimentazzjoni tal-proġett u għalhekk ma kienx eliġibbli.

### Żball fl-akkwist – nuqqas ta’ trasparenza fil-proċedura ta’ akkwist pubbliku

Il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ta’ xogħlijiet biex issaħħaħ is-sigurtà alimentari f’reġjun tal-Kamerun. Il-benefiċjarju tal-proġett issottokuntratta parti mix-xogħlijiet lil organizzazzjoni nongovernattiva (NGO), li tat il-kuntratt b’valur ta’ EUR 5 131.66 permezz ta’ proċedura miftuħa bbażata fuq il-kriterju ta’ “l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża”. L-Awdituri sabu li l-kriterji ta’ evalwazzjoni użati għall-għoti kienu differenti minn dawk li ġew ippubblikati fl-avviż dwar sejħa għal offerti. L-offerta kienet għalhekk ineliġibbli.

### Spejjeż ineliġibbli ddebitati għall-proġett

Il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta’ delega ma’ organizzazzjoni internazzjonali biex tippromwovi azzjonijiet għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u tal-prattiki ta’ ħsara fuq livell dinji.

Aħna rrieżaminajna l-infiq imġarrab mill-organizzazzjoni internazzjonali u kkonfermajna li din kienet iddikjarat l-ekwivalenti ta’ EUR 70.1 miljun tal-infiq, li kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni. Il-kontrolli tagħna żvelaw li l-infiq reali għall-perjodu kien ta’ EUR 37.0 miljun. Id-differenza, jiġifieri EUR 33.1 miljun, kienet tikkonsisti f’impenji kkontabilizzati mill-organizzazzjoni internazzjonali, iżda li kienu għadhom ma ntefqux. Dan l-ammont kien għalhekk ineliġibbli.

**21** Din is-sena, il-Kummissjoni u s-sħab tagħha inkarigati mill-implimentazzjoni wettqu aktar żbalji fi tranżazzjonijiet relatati ma’ stimi ta’ *għotjiet* u ma’ *ftehimiet ta’ kontribuzzjoni u ftehimiet ta’ delega* ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali milli għamlu b’forom oħra ta’ appoġġ (bħalma huma dawk li jkopru l-kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi). Mis-67 tranżazzjoni ta’ dan it-tip li eżaminajna, 27 (40.3 %) kien fihom żbalji kwantifikabbli, li kienu jirrappreżentaw 94.2 % tal-livell ta’ żball stmat.

**22** F’ħames każijiet ta’ żbalji kwantifikabbli u fi tliet każijiet ta’ żbalji mhux kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha informazzjoni suffiċjenti biex tipprevjeni, jew biex taqbad u tikkoreġi, l-iżball qabel ma taċċetta l-infiq. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta’ żball stmat kien ikun aktar baxx b’1.19 punti perċentwali. Aħna sibna ħames tranżazzjonijiet oħra bi żbalji li kien imisshom inqabdu mill-awdituri u s-superviżuri esterni. Dawn il-każijiet ikkontribwew 0.1 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

**23** Barra minn hekk, tliet tranżazzjonijiet li kien fihom żball kwantifikabbli[15] kienu ġew suġġetti għal awditu jew għal verifikazzjoni tal-infiq. Is-sistema ta' kontroll tad-DĠ INTPA hija bbażata fuq kontrolli *ex ante*[16]. L-informazzjoni pprovduta fir-rapporti tal-awditjar/ta' verifikazzjoni dwar ix-xogħol li fil-fatt kien sar ma ppermettitilniex nivvalutaw jekk l-iżbalji setgħux jinqabdu u jiġu kkoreġuti matul dawn il-kontrolli *ex ante*[17].

**24** Bħal fi snin preċedenti, il-frekwenza tal-iżbalji li nstabu – inklużi xi wħud li nstabu fit-talbiet finali li kienu ġew suġġetti għal awditi esterni *ex ante* u verifikazzjonijiet tal-infiq *ex ante* – tindika li hemm dgħufijiet f'dawn il-kontrolli.

**25** Fi tliet oqsma, it-tranżazzjonijiet eżaminati ma kienx fihom żbalji. Dawn kienu l-appoġġ baġitarju (9 tranżazzjonijiet awditjati), nefqa amministrattiva (3 tranżazzjonijiet) u tranżazzjonijiet fejn kien ġie applikat l-"approċċ nozzjonali" fi proġetti b'multidonaturi, li ġew implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali (13-il tranżazzjoni). Il-paragrafi ***8.9***-***8.12*** fil-***Kapitolu 8*** tar-Rapport Annwali 2020 tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jagħtu aktar dettalji dwar in-natura ta' dawn l-oqsma.

---

[15] Li jikkontribwixxu 0.24 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

[16] Is-sistema ta' kontroll kumplessiva tikkonsisti minn kontrolli *ex ante* u kontrolli *ex post*. Il-kontrolli *ex ante* jivvalutaw l-eliġibbiltà tal-infiq qabel ma jiġu ffirmati l-kuntratti u qabel ma jiġi aċċettat l-infiq, filwaqt li l-kontrolli *ex post* isiru wara li l-infiq ikun ġie aċċettat. Pereżempju, awditu estern jista' jsir kemm *ex ante* (qabel ma jiġi aċċettat pagament) jew *ex post* (wara li jiġi kkompletat il-proġett). It-tnejn li huma jistgħu jirriżultaw fl-irkupru ta' fondi mħallsa lill-benefiċjarju; fil-każ ta' kontrolli *ex ante*, tali rkupri jikkonċernaw il-prefinanzjamenti mħallsa preċedentement.

[17] Ir-rapporti ma jkoprux 100 % tal-infiq irrappurtat; u lanqas ma jipprovdu dettalji suffiċjenti biex jiġi kkonfermat jekk l-elementi fejn identifikajna żbalji kinux parti mill-kampjun tagħhom.

**26** Xi organizzazzjonijiet internazzjonali[18] pprovdew biss aċċess limitat għad-dokumenti, bħal f'format li jinqara biss, li jfisser li ma stajniex nagħmlu kopji tad-dokumenti rrieżaminati. Barra minn hekk, organizzazzjoni internazzjonali waħda kkontestat il-mandat tagħna. Dawn il-kwistjonijiet fixklu l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-awditu tagħna u wasslu għal dewmien eċċessiv sakemm it-tim tal-awditjar irċieva d-dokumentazzjoni mitluba u wettaq xogħolu. F'każ minnhom addizzjonali, l-organizzazzjoni internazzjonali ħadet aktar minn disa' xhur biex tipprovdi d-dokumenti ta' sostenn mitluba. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE[19] jistabbilixxi li l-QEA għandha d-dritt li tintbagħat kull dokument jew informazzjoni meħtieġa sabiex twettaq ix-xogħol tagħha. Preċedentement aħna għamilna osservazzjonijiet relatati fir-Rapport Annwali 2018[20] u fl-Opinjoni Nru 10/2018[21] tagħna.

## Rapport annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

**27** F'kull rapport annwali tal-attività mill-2012 sal-2018, id-DĠ INTPA ħareġ riżervi dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Fl-2019, huwa adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tiegħu.

**28** Is-sena li għaddiet, aħna rrappurtajna dwar il-progress sodisfaċenti li kien sar fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni 2018; minn 13-il azzjoni, 7 ġew ikkompletati, 1 ġiet implimentata parzjalment, 2 kienu għadhom għaddejjin, 2 ġew ikkanċellati u azzjoni waħda ma kinitx ġiet implimentata iżda minflok ingħaqdet ma' azzjoni oħra.

---

[18] L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp (IDA) u l-Fond ta' Emerġenza tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF).

[19] Id-dritt tal-QEA li jkollha aċċess għad-dokumentazzjoni huwa stabbilit fl-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: "Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirċievu pagamenti mill-baġit, għandhom jgħaddu lill-Qorti tal-Awdituri, fuq talba tagħha stess, kull dokument jew informazzjoni meħtieġa sabiex twettaq ix-xogħol tagħha."

[20] Ara l-paragrafu 19 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna dwar il-FEŻ.

[21] L-Opinjoni Nru 10/2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, il-paragrafu 18.

**29** Fil-Pjan ta’ Azzjoni 2019 tiegħu, id-DĠ INTPA kien aġġusta l-għadd ta’ azzjonijiet għal disgħa. Tmienja minn dawn l-azzjonijiet ġew riportati mis-snin preċedenti, u kien hemm miżura ġdida li l-għan tagħha kien li ttejjeb il-metodoloġija u l-manwal għall-istudju dwar ir-RER tad-DĠ INTPA. Sa April 2021, ġew ikkompletati seba’ azzjonijiet u tnejn kienu għadhom għaddejjin.

**30** Fil-Pjan ta’ Azzjoni 2020 tiegħu, id-DĠ INTPA aġġusta bl-istess mod l-għadd ta’ azzjonijiet, din id-darba għal sebgħa. Ħamsa minn dawn l-azzjonijiet ġew riportati mis-snin preċedenti u żewġ azzjonijiet ġodda ġew miżjuda: tnaqqis l-approvazzjoni tal-ammont eċċessiv tal-prefinanzjament u t-twettiq ta’ evalwazzjoni dwar l-użu tat-termini ġodda ta’ referenza għall-verifikazzjonijiet tal-infiq. Xi azzjonijiet, pereżempju biex jiġu ssimplifikati l-kundizzjonijiet kuntrattwali għal għotjiet, ġew affettwati minn problemi tekniċi relatati mas-sistemi tal-IT. Oħrajn, bħall-azzjoni biex tinżamm sensibilizzazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta’ sikwit, intlaqtu mill-pandemija tal-COVID-19. Sa April 2021, ġew ikkompletati tliet azzjonijiet u erbgħa kienu għadhom għaddejjin (ara l-***Anness III***).

**Studju tal-2020 dwar ir-RER**

**31** Fl-2020, d-disa’ studju tad-DĠ INTPA twettaq dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER) twettaq minn kuntrattur estern f’ismu. L-għan tal-istudju huwa li tiġi stmata r-rata ta’ dawk l-iżbalji li ma nqabdux mill-kontrolli kollha tal-ġestjoni tad-DĠ INTPA għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta’ tali żbalji fil-qasam intier ta’ responsabbiltà tiegħu, sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività ta’ dawk il-kontrolli. Huwa element importanti li fuqu d-Direttur Ġenerali jibbaża d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni, u jikkontribwixxi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità fuq l-“Azzjoni Esterna” iddivulgata fl-AMPR.

**32** Għall-istudju tal-2020 dwar ir-RER, id-DĠ INTPA applika d-daqs tal-kampjun ta’ 480[22] tranżazzjoni (eżattament l-istess bħal fl-2019). Dan fisser li seta’ jippreżenta rati ta’ żball separati għall-infiq iffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-UE u għall-infiq iffinanzjat mill-FEŻ, flimkien mar-rata ta' żball kumplessiva għat-tnejn f’daqqa. Għall-ħames sena konsekuttiva, ir-RER kumplessiva stmata mill-istudju kienet tinsab taħt is-*soll ta’ materjalità* ta’ 2 % ssettjat mill-Kummissjoni (2016: 1.67 %; 2017: 1.18 %, 2018: 0.85 %; 2019: 1.13 % u 2020: 0.95 %).

---

22 Uħud mit-tranżazzjonijiet ikkampjunati għandhom valur li huwa ogħla mill-*intervall tal-kampjunar*; għalhekk, id-daqs finali tal-kampjun kien ta’ 412.

**33** L-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix *inkarigu ta' aċċertament* jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mal-istudju dwar ir-RER u l-manwal ipprovdut mid-DĠ INTPA. Aħna identifikajna limitazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-istima b'mod insuffiċjenti tar-rata tal-iżball residwu.

**34** Fl-awditu ta' din is-sena, aħna rġajna qbadna bosta fatturi ewlenin li ħolqu distorsjoni fir-RER. L-ewwel fattur kien il-limitazzjonijiet stabbiliti mill-ftehim qafas finanzjarju u amministrattiv (FAFA) li ġie konkluż ma' ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan il-ftehim jillimita l-għadd ta' elementi li jistgħu jiġu vverifikati matul verifikazzjoni tal-infiq, kif ukoll l-aċċess għall-evidenza għall-awditjar. Fl-2020, il-Kummissjoni qablet li tillimita d-daqs tal-kampjuni għall-verifikazzjonijiet tal-infiq, kif ukoll li tippermetti biss aċċess remot għal kopji elettroniċi u li tipprojbixxi ż-żamma ta' kopji ta' dokumenti ta' sostenn miżmuma mill-organizzazzjonijiet internazzjonali. Għaldaqstant, jekk kuntratt ma' waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali kien diġà ġie awditjat, il-kuntrattur responsabbli għat-twettiq tal-istudju dwar ir-RER ma investigax aktar b'mod sistematiku u ddependa fuq xogħol preċedenti, irrispettivament mil-livell ta' kopertura ta' dak ix-xogħol u/jew il-fiduċja tal-kuntrattur fih.

**35** It-tieni fattur kien is-sehem ta' tranżazzjonijiet li għalihom ir-RER iddependiet kompletament jew parzjalment fuq ix-xogħol ta' kontroll preċedenti. Dan is-sehem kien ta' 17 % għal fiduċja sħiħa u 37 % għal fiduċja parzjali[23]. Għal dawn it-tranżazzjonijiet, il-kuntrattur iddependa fuq xogħol preċedenti li sar bħala parti mill-qafas ta' kontroll tad-DĠ INTPA, bħal awditi finanzjarji tal-proġetti u verifikazzjonijiet tal-infiq imwettqa minn partijiet terzi indipendenti u kontrolli mill-Kummissjoni. Id-dipendenza żejda fuq xogħol ta' kontroll preċedenti tmur kontra l-iskop tal-istudju dwar ir-RER, li huwa li jidentifika l-iżbalji li ma jkunux inqabdu minn tali kontrolli.

[23] Fl-2019, 20 % għal fiduċja sħiħa u 38 % għal fiduċja parzjali.

**36** It-tielet, analiżi tax-xogħol imwettaq turi li 97 % tar-rata ta' żball iddikjarata għar-RER inkiseb minn għotjiet u kuntratti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji tal-Istati Membri[24]. Dawn jistgħu jitqiesu bħala esposti għal riskju għoli għal żbalji. Għall-kuntrarju ta' dan, l-istrument ta' appoġġ baġitarju kien ħieles minn żball u jista' jitqies bħala riskju baxx għall-iżbalji. Minbarra t-tranżazzjonijiet li fir-rigward tagħhom kien hemm fiduċja sħiħa jew fiduċja parzjali, 6 tranżazzjonijiet ta' għotja biss (li jammontaw għal EUR 6.3 miljun jew 0.3 % tal-valur totali tal-kampjun[25]) ġew rieżaminati fl-intier tagħhom filwaqt li 58 tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju (EUR 809.6 miljun jew 30.5 % tal-valur totali tal-kampjun) irċevew dan il-livell ta' rieżaminar[26]. L-iffukar fuq oqsma ta' riskju baxx tal-popolazzjoni jnaqqas il-possibbiltà li jinstabu żbalji reali.

**37** Ir-raba' fattur kien il-metodu ta' stima tar-RER tad-DĠ INTPA. L-ewwel nett, huwa jagħti lill-kuntrattur diskrezzjoni wiesgħa biex jiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet loġistiċi u legali li huma suffiċjenti biex jipprevienu l-aċċess f'waqtu għad-dokumenti ta' tranżazzjoni u, b'hekk, l-istimar tar-rata ta' żball. It-tieni, il-Kummissjoni żiedet primjum tar-riskju ta' 5 % mar-rata tal-iżball residwu, kif għamlet fl-2019. Madankollu, mhuwiex ċar kif il-Kummissjoni waslet għal primjum tar-riskju ta' 5 %. Konsegwentement, dan il-metodu mhux neċessarjament jirrifletti l-iżball residwu reali għat-tranżazzjoni inkwistjoni.

**38** Barra minn hekk, il-qafas regolatorju li jirregola l-istudju dwar ir-RER u l-kuntratt bejn id-DĠ INTPA u l-kuntrattur tar-RER ma jindirizzawx jew isemmu r-riskju ta' frodi. Ma hemm l-ebda proċedura li tirrikjedi li l-kuntrattur jirrapporta lill-Kummissjoni każijiet ta' suspett ta' frodi kontra l-baġit tal-UE identifikati matul ix-xogħol tiegħu dwar ir-RER.

---

[24] L-għotjiet taħt ġestjoni diretta pprovdew 37 % tar-rata ta' żball, filwaqt li ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji tal-Istati Membri pprovdiet 60 %.

[25] 412 tranżazzjoni b'valur ta' EUR 2 099 miljun.

[26] Kien hemm total ta' 108 għotja fil-kampjun; għalhekk, 5.6 % biss ġew rieżaminati. Għall-kuntrarju ta' dan, kien hemm biss 61 tranżazzjoni relatati mal-appoġġ baġitarju fil-kampjun, li jfisser li 95 % ġew rieżaminati bis-sħiħ.

**Rieżaminar tar-Rapport Annwali tal-Attività 2020**

**39** Fir-RAA 2020, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali ma kinitx tinkludi xi riżervi, billi ż-żewġ riżervi li kien għad baqa' fl-2018 kienu tneħħew u ma nħarġux oħrajn ġodda. Fl-2018 u l-2019, id-DĠ INTPA naqqas b'mod sinifikanti l-ambitu tar-riżervi (jiġifieri s-sehem tan-nefqa li koprew). Il-***Kaxxa 6*** turi l-ambitu tar-riżervi li ġew ippreżentati kull sena fir-RAA mill-2010 sal-2020.

## Kaxxa 6

## Riżervi ppreżentati fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ INTPA, 2010-2020




*Sors:* il-QEA.

**40** Bħal fir-Rapport Annwali 2019, aħna nsibu li n-nuqqas ta’ riżervi fir-RAA 2020 mhuwiex iġġustifikat u nqisu li dan jirriżulta parzjalment mil-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER.

**41** Raġuni oħra għan-nuqqas ta’ riżervi hija li, fl-2019, il-Kummissjoni introduċiet għall-ewwel darba r-“regola *de minimis*”[27], li tiddikjara li riżerva ma tkunx meħtieġa jekk il-qasam individwali ta’ nfiq li tkun tkopri jirrappreżenta inqas minn 5 % tat-total tal-pagamenti u jkollha impatt finanzjarju ta’ inqas minn EUR 5 miljun. Konsegwentement, ma għadhomx isiru riżervi f'xi każijiet fejn dawn ikunu saru fi snin preċedenti, anke jekk ir-riskju korrispondenti jibqa' jippersisti. Eżempju ta’ dan huwa l-għotjiet taħt ġestjoni diretta, li huma meqjusa bħala qasam ta’ riskju għoli skont l-analiżi tar-riskju tad-DĠ INTPA. Dan in-nuqqas ta’ riżervi ma jagħtix stampa vera u ġusta tar-riskji fil-qasam intier ta’ responsabbiltà tad-DĠ INTPA.

**42** L-osservazzjonijiet tagħna rigward l-istudju dwar ir-RER jaffettwaw ukoll l-istimi tal-ammonti f’riskju, peress li dawn l-istimi huma bbażati fuq l-istudju. Id-DĠ INTPA jistma li l-ammont kumplessiv f’riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta’ EUR 66.24 miljun[28] (1 % tal-infiq fl-2020) u l-ammont kumplessiv f’riskju fil-waqt tal-għeluq huwa ta’ EUR 52.82 miljun[29]. Mill-ammont f’riskju fil-waqt tal-pagament, id-DĠ INTPA jistma li EUR 13.4 miljun (20 %) se jiġu kkoreġuti permezz tal-kontrolli tiegħu fis-snin sussegwenti (dan l-ammont huwa magħruf bħala l-“kapaċità korrettiva”).

**43** F’konformità mar-rakkomandazzjoni tagħna fir-Rapport Annwali 2019 tal-FEŻ, id-DĠ INTPA naqqas l-ammont tal-kapaċità korrettiva ta’ hawn fuq bil-valur tal-irkupri skattati mis-sejbiet tal-istudju dwar ir-RER.

---

[27] Fil-kuntest tar-RAA, it-terminu “*de minimis*” jirreferi għad-deċiżjoni meħuda mill-bord ta’ ġestjoni korporattiva tal-Kummissjoni li jintroduċi soll għar-riżervi finanzjarji.

[28] Din hija l-aħjar stima konservattiva tal-ammont ta’ nfiq rilevanti matul is-sena, iżda li ma kienx konformi mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali u regolatorji applikabbli fiż-żmien meta sar il-pagament.

[29] Ara r-RAA 2020 tad-DĠ INTPA, p. 37.

**44** Id-DĠ INTPA qed jaħdem ukoll biex itejjeb il-kwalità tad-*data* tiegħu għall-kalkolu tal-kapaċità korrettiva. Fl-2020, huwa kompla bl-attivitajiet ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni tiegħu dwar l-irkupri u dwar il-kwalità tad-**data** kontabilistika[30]. Bħal fi snin preċedenti, id-DĠ INTPA wettaq kontrolli mmirati fuq l-ordnijiet ta' rkupru biex jikkoreġi d-diskrepanzi identifikati. Aħna rrieżaminajna l-kalkolu tal-kapaċità korrettiva għall-2020. Wara li ttestjajna 54 % (skont il-valur) tal-popolazzjoni totali tal-irkupri, ma identifikajniex żbalji fil-kampjun tagħna.

**45** Sabiex tkompli tittejjeb il-koerenza tal-Kummissjoni fir-rappurtar finanzjarju fid-Direttorati Ġenerali kollha, fl-2020 inħolqot "tabella ta' valutazzjoni finanzjarja", li tinkludi sitt indikaturi[31]. Tnejn minn dawn l-indikaturi jiġifieri, l-"*assorbiment tal-impenji globali*" u l-"pagamenti f'waqthom", kienu applikabbli għall-FEŻ u għall-fondi fiduċjarji fl-2020. Għall-"*assorbiment ta' impenn globali*", id-DĠ INTPA kiseb riżultat ta' 95 % għall-baġit tal-UE u 94 % għall-FEŻ. Għal "pagamenti f'waqthom", id-DĠ INTPA laħaq 98 % għall-baġit tal-UE u 97 % għall-FEŻ.

---

[30] Taħriġ speċifiku għall-persunal lokali tad-delegazzjonijiet tal-UE dwar linji gwida għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' rkupru.

[31] It-tabella ta' valutazzjoni finanzjarja hija sett ta' sitt indikaturi finanzjarji standard għall-Kummissjoni Ewropea fl-intier tagħha. L-iskop tagħha huwa li tiddefinixxi l-parametri referenzjarji għal kull servizz tal-Kummissjoni. L-indikaturi huma: 1) implimentazzjoni ta' *approprjazzjonijiet ta' impenn*, 2) implimentazzjoni ta' *approprjazzjonijiet ta' impenn* skont il-previżjonijiet, 3) implimentazzjoni ta' *approprjazzjonijiet ta' pagament*, 4) implimentazzjoni ta' *approprjazzjonijiet ta' pagament skont il-previżjonijiet*, 5) assorbiment ta' impenn globali, 6) pagamenti f'waqthom.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**46** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2020 jippreżentaw b’mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

**47** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2019:

(a) id-dħul tal-FEŻ ma kienx milqut minn livell materjali ta' żball;

(b) it-tranżazzjonijiet ta’ pagamenti mill-FEŻ kienu milquta minn livell materjali ta’ żball (ara l-paragrafi ***18***-***24***). Aħna nistmaw li l-livell ta’ żball huwa ta’ 3,8 %, ibbażat fuq l-ittestjar li wettaqna fir-rigward tat-tranżazzjonijiet, (ara l-***Anness I***).

## Rakkomandazzjonijiet

**48** L-***Anness IV*** juri s-sejbiet tal-analiżi ta’ segwitu li wettaqna għas-sitt rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna[32], li minnhom id-DĠ INTPA kien implimenta[33] ħames rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ u waħda fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

[32] Aħna għażilna r-Rapport Annwali 2017 tagħna għall-eżerċizzju ta’ segwitu ta’ din is-sena billi, fil-prinċipju, il-Kummissjoni kellha biżżejjed żmien biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tagħna.

[33] L-għan ta’ dan is-segwitu kien biex jiġi vverifikat jekk kinux ittieħdu miżuri korrettivi b’rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna, u mhux biex tiġi vvalutata l-effettività tal-implimentazzjoni tagħhom.

**49** Aħna nippreżentaw ukoll is-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2018 u fir-Rapport Annwali 2019 tagħna[34], li kellhom jiġu implimentati sa tmiem l-2020. Aħna nqisu li ż-żewġ rakkomandazzjonijiet tagħna tal-2018 ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti. Ir-Rakkomandazzjoni 2 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna ma ġietx implimentata.

**50** Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2020, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

## Rakkomandazzjoni 1 – Aċċess komplet u f'waqtu għad-dokumenti

Tieħu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-QEA b'aċċess sħiħ, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq il-kompitu tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux biss f'format li jinqara biss. (ara l-paragrafu ***26***).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021**

## Rakkomandazzjoni 2 –Riżervi għall-oqsma kollha ta' riskju għoli

Toħroġ riżervi għall-oqsma kollha li jinsab li għandhom livell għoli ta' riskju, irrispettivament mis-sehem tal-infiq kumplessiv u l-impatt finanzjarju tagħhom (ara l-paragrafu ***41***)[35].

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: saż-żmien meta jiġi ppubblikat ir-RAA 2021**

---

[34] Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rapport Annwali 2018 tagħna u r-Rakkomandazzjoni 2 tar-Rapport Annwali 2019 tagħna kellhom jiġu implimentati sa tmiem l-2020. Għalhekk, dawn huma ppreżentati fl-***Anness III***.

[35] Din ir-rakkomandazzjoni ġiet inkluża wkoll fir-Rapport Annwali 2019 tal-FEŻ. Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħha kienet "sal-pubblikazzjoni tar-RAA 2020 tad-DĠ INTPA".

## Rakkomandazzjoni 3 – Rappurtar mill-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER dwar frodi suspettata

Tistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER biex jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe suspett ta' frodi kontra l-baġit tal-UE li jkun inqabad matul il-xogħol tiegħu fuq l-istudju dwar ir-RER (ara l-paragrafu ***38***).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2022**

# Annessi

## Anness I – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-FEŻ

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **140** | 140 |
| **IMPATT STMAT TA’ ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta’ żball stmat | **3.8 %** | 3.5 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 5.8 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 1.8 % | |

## Anness II – Pagamenti mill-FEŻ fl-2020, skont ir-reġjun prinċipali

Pagamenti mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp – l-Afrika




*Sors:* Sfond tal-mappa © kontributuri ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Pagamenti mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp – il-Karibew u l-Paċifiku







*Sors:* Sfond tal-mappa © kontributuri ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

# Anness III – Status ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni

| Pjan ta' Azzjoni 2018 | | Status għar-RA 2020 (April 2021) | |
|---|---|---|---|
| A.1 | Jiġu ssimplifikati u kkjarifikati l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotjiet. | ● | għaddej |
| A.2 | Tinżamm sensibilizzazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta' sikwit fil-ġestjoni finanzjarja u tad-dokumenti f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' kuntratti ta' għotjiet. | ● | implimentat |
| B.1 | Tiġi żviluppata strateġija għat-tnaqqis tal-użu tal-Istima ta' Programm u għall-promozzjoni ta' alternattivi, bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni u kosteffettività | ● | ikkanċellat (meqjus bħala implimentat) |
| B.2 | Jiġi implimentat "Pjan Direzzjonali għat-Tisħiħ tal-Kontrolli fl-ambitu tal-Estimi tal-Programmi" | ● | ikkanċellat |
| C.1 | Jissaħħaħ il-mandat tal-Unità A3 li taġixxi bħala punt fokali għall-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-livelli kollha (inklużi r-relazzjonijiet fil-qasam tal-kontroll). | ● | ikkanċellat |
| C.2 | Isir xogħol lejn l-użu tat-termini ta' referenza għall-Verifikazzjonijiet tal-Infiq: għall-verifikazzjoni tal-infiq mġarrba mill-organizzazzjonijiet internazzjonali taħt ġestjoni indiretta. | ● | implimentat |
| C.3 | Titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali bil-ħsieb ta' tnaqqis sostenibbli tal-iżbalji. | ● | implimentat |
| C.4 | Adattament tat-termini ta' referenza għall-valutazzjonijiet tal-pilastri f'dak li jirrigwarda r-rekwiżiti tar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju. | ● | implimentat |
| C.5 | Jiġi introdott qafas effettiv u kosteffettiv għall-valutazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' prattiki kontabilistiċi tal-ispejjeż. | ● | mhux implimentat (amalgamat mal-azzjoni D2) |
| C.6 | Tiġi introdotta kontrodipendenza fuq l-awditi għal operazzjonijiet taħt ġestjoni indiretta ma' mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet internazzjonali sħab ewlenin. | ● | implimentat parzjalment (amalgamat ma' D1) |
| D.1 | Tiżdied il-konsistenza u l-koerenza tal-funzjonament tal-kompiti tal-awditjar u tal-verifikazzjoni. | ● | implimentat |
| D.2 | Jiġu kkjarifikati l-opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati u jiġi promoss l-użu tagħhom (azzjoni ġdida 2018). | ● | implimentat |
| D.3 | Jiġi kkjarifikat il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u jiġi promoss l-użu tiegħu (azzjoni ġdida 2018). | ● | għaddej |

| Pjan ta' Azzjoni 2019 | | | |
|---|---|---|---|
| A.1 | Jiġu ssimplifikati u kkjarifikati l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotjiet. | | għaddej |
| A.2 | Tinżamm sensibilizzazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta' sikwit fil-ġestjoni finanzjarja u tad-dokumenti f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' kuntratti ta' għotjiet. | | implimentat |
| B.1 | Tiġi żviluppata strateġija għat-tnaqqis tal-użu tal-Istima ta' Programm u għall-promozzjoni ta' alternattivi, bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni u kosteffettività. | | implimentat |
| C.2 | Isir xogħol lejn l-użu tat-termini ta' referenza għall-Verifikazzjonijiet tal-Infiq: għall-verifikazzjoni tal-infiq mġarrba mill-organizzazzjonijiet internazzjonali taħt ġestjoni indiretta. | | implimentat |
| C.3 | Titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali bil-ħsieb ta' tnaqqis sostenibbli tal-iżbalji. | | implimentat |
| D.1 | Tiżdied il-konsistenza u l-koerenza tal-funzjonament tal-kompiti tal-awditjar u tal-verifikazzjoni. | | implimentat |
| D.2 | Jiġu kkjarifikati l-opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati u jiġi promoss l-użu tagħhom | | implimentat |
| D.3 | Jiġi kkjarifikat il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u jiġi promoss l-użu tiegħu | | għaddej |
| D.4 | Tittejjeb il-metodoloġija u l-manwal użati għall-istudju dwar ir-RER (azzjoni ġdida 2019) | | implimentat |

| Pjan ta’ Azzjoni 2020 | | | |
|---|---|---|---|
| A.1 | Jiġu ssimplifikati u kkjarifikati l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotjiet. | | għaddej |
| A.2 | Tinżamm sensibilizzazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta’ sikwit fil-ġestjoni finanzjarja u tad-dokumenti f’dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta’ kuntratti ta’ għotjiet. | | implimentat |
| B.1 | Titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma’ Organizzazzjonijiet Internazzjonali bil-ħsieb ta’ tnaqqis sostenibbli tal-iżbalji. | | implimentat |
| C.1 | Jiġi kkjarifikat il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u jiġi promoss l-użu tiegħu | | għaddej |
| C.2 | Tittejjeb il-metodoloġija u l-manwal użati għall-istudju dwar ir-RER (azzjoni ġdida mibnija fuq l-azzjoni D4 il-pjan tal-Pjan ta’ Azzjoni 2019) | | implimentat |
| C.3 | Jitnaqqas l-approvazzjoni tal-ammont eċċessiv tal-prefinanzjament (azzjoni ġdida) | | għaddej |
| C.4 | Titwettaq evalwazzjoni dwar l-użu ta’ RPT għall-Verifikazzjonijiet tal-Infiq (azzjoni ġdida) | | għaddej |

*Sors:* Il-Pjanijiet ta’ Azzjoni 2018, 2019 u 2020 tal-Kummissjoni Ewropea.

## Anness IV – Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| **2017** | Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-istudju dwar ir-RER, b'mod partikolari, li d-deċiżjonijiet dwar li jkun hemm fiduċja sħiħa fuq xogħol preċedenti ta' kontroll jittieħdu f'konformità totali mal-metodoloġija u jkunu kompletament ġustifikati. | X[36] | | | | | |
| | **Rakkommandazzjoni 2:**<br>tiddivulga għal darba oħra fir-RAA l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER. | X[37] | | | | | |

[36] Sabiex tiġi evitata li jkun hemm fiduċja sħiħa fuq għadd kbir ta' tranżazzjonijiet, il-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER fl-2018 u struzzjonijiet addizzjonali fl-2019.

[37] Id-DĠ INTPA jiddivulga l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER fir-RAA tiegħu.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** tieħu passi deċiżivi biex tiġi infurzata *de facto* l-gwida dwar l-aċċettazzjoni tal-infiq biex jiġi evitat li jiġu approvati ammonti eċċessivi. | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** tieħu miżuri biex tiżgura li l-ispejjeż imġarrba biss jiġu aċċettati bħala nfiq għat-tranżazzjonijiet taħt l-AITF. | X[38] | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** tistabbilixxi KPI biex timmonitorja ż-żmien li jkun għadda mill-kontribuzzjonijiet bil-quddiem li jsiru fil-fondi fiduċjarji. | X[39] | | | | | |

[38] Minn naħa waħda, il-Kummissjoni għamlet korrezzjonijiet għall-kuntratti li kienu għaddejjin, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni bħala nfiq aċċettat l-ispejjeż imġarrba biss; min-naħa l-oħra, ħadet miżuri biex tipprevieni l-aċċettazzjoni ta' impenji u stimi rrappurtati bħala nefqa fir-rapporti finanzjarji tal-Fond Fiduċjarju għall-Infrastruttura fl-Afrika (EU-AITF).

[39] Iż-żmien li jkun għadda mill-kontribuzzjonijiet bil-quddiem li jsiru fil-fondi fiduċjarji jiġi mmonitorjat permezz tal-klassifika kronoloġika imħejjija mid-DĠ BUDG u l-kontribuzzjonijiet netti ppreżentati fil-kontijiet annwali tal-fond fiduċjarju.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6:**<br>tipproponi soluzzjoni rilevanti għall-inkonsistenzi bejn il-proċess baġitarju u l-proċess ta' obbligu ta' rendikont f'dak li jirrigwarda l-FEŻ, bħala parti mill-istudji attwali ta' wara Cotonou. | X[40] | | | | | |
| **2018** | **Rakkomandazzjoni 1:**<br>Tieħu passi biex tirrinforza l-obbligu fuq l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jibagħtu lill-QEA, fuq talba tagħha stess, kull dokument jew informazzjoni meħtieġa sabiex twettaq il-kompitu tagħha kif previst fit-TFUE. | | | X | | | |
| | **Rakkommandazzjoni 2:**<br>Ittejjeb il-metodoloġija u l-manwal relatati mal-istudju dwar ir-RER biex jagħtu gwida aktar komprensiva dwar il-problemi li identifikajna f'dan ir-rapport u, għalhekk, jipprovdu appoġġ xieraq għall-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mid-DĠ DEVCO għar-riżervi. | | | X | | | |

[40] Il-Kummissjoni għamlet proposta għal regolament ġdid dwar l-istrument NDICI/Ewropa Globali, li jinkludi l-integrazzjoni tal-FEŻ fil-baġit ġenerali tal-UE u għalhekk jippermetti wkoll lill-Parlament Ewropew jissorvelja l-assistenza tal-FEŻ mogħtija lill-pajjiżi AKP.

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-QEA | Analiżi mill-QEA tal-progress li sar | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | |
| **2019** | **Rakkommandazzjoni 2:**<br>Toħroġ riżervi għall-oqsma kollha li jinsab li għandhom livell għoli ta' riskju, irrispettivament mis-sehem tal-infiq kumplessiv u l-impatt finanzjarju tagħhom. | | | | X | | |

*Sors:* il-QEA.

# Risposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2020

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2020 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**"RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIT-TMIEN, ID-DISA', L-GĦAXAR U L-ĦDAX-IL FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP"**

REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

Nefqa

**Kaxxa 5:**

- **Nefqa mhux imġarrba: nefqa ddikjarata b'mod eċċessiv**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-sejba kienet dovuta għal żball klerikali mis-superviżur tal-kuntrattur, li għandu r-responsabbiltà primarja li jikkontrolla l-kejl u l-kwantitajiet marbuta max-xogħlijiet imwettqa. Il-Kummissjoni tirrimarka li jitwettaq rieżami finali wara l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni finali tal-kontijiet fi tmiem il-kuntratt tax-xogħlijiet.

- **Nefqa mġarrba barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi s-sejba, iżda tixtieq tenfasizza l-fatt li l-kuntratti tal-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ tal-Arranġament għall-Waqfa mill-Ġlied u għas-Sigurtà Tranżitorja huma parti minn proġett akbar u l-assigurazzjoni annwali ġiet imġedda fil-mument tal-emenda tal-estensjoni. Minħabba n-natura tal-azzjonijiet tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika, hemm kontinwità bejn azzjoni waħda u dik ta' warajha. Ir-raġunament hawnhekk huwa li l-parti tal-assigurazzjoni li tmur lil hinn mill-perjodu ta' eliġibbiltà tal-kuntratt fil-kampjun se tibbenefika lil dik ta' wara.

- **Żball fl-akkwist - nuqqas ta' trasparenza fil-proċedura tal-akkwist pubbliku**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi s-sejba u tixtieq tenfasizza li r-realtà fuq il-post tista' xi drabi teħtieġ deċiżjonijiet urġenti meħtieġa għas-suċċess operattiv tal-proċedura tal-offerti.

- **Kostijiet ineliġibbli ddebitati lill-proġett**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi dan l-iżball fil-kontabilità iżda tenfasizza li l-iżbalji fuq l-ikklerjar eċċessiv normalment jiġu kkoreġuti fi tmiem il-kuntratt.

26. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li hemm dispożizzjonijiet kuntrattwali fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni u delega ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jkopru l-aċċess għad-dokumenti. Il-Kummissjoni se tkompli tiġbed l-attenzjoni tal-organizzazzjonijiet sħab għall-ħtieġa li l-QEA tiġi pprovduta bl-informazzjoni meħtieġa.

**Studju tal-2020 dwar ir-RER**

31. L-istudju dwar ir-RER huwa element importanti li jirfed id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali, iżda **mhuwiex l-uniku sors ta' assigurazzjoni**. Id-DĠ INTPA għandu **qafas ta' kontroll intern komprensiv u strateġija ta' kontroll** li jkopru ċ-ċiklu sħiħ ta' implimentazzjoni. Kif deskritt fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu, l-elementi kollha tal-qafas ta' kontroll iservu bħala **elementi kostitwenti għall-assigurazzjoni**.

33. Il-Kummissjoni ma tikkkaratterizzax u qatt ma kkaratterizzat l-Istudju dwar ir-RER bħala inkarigu ta' assigurazzjoni jew awditu. Dan iservi skop speċifiku u huwa mibni fuq metodoloġija distinta.

Dan huwa ddivulgat fl-istudju dwar ir-RER u fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ INTPA, li jippreżenta **informazzjoni sħiħa dwar il-ġestjoni b' mod veru u ġust**. Il-Kummissjoni ma tqisx li l-istudju huwa soġġett għal limitazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tal-iżbalji.

34. Il-Kummissjoni tqis li r-RER hija adatta għall-iskop tagħha u rappreżentattiva ħafna.

Il-Kummissjoni tinnota li:

- Tabilħaqq hemm **ftehim qafas ġenerali bejn l-organizzazzjonijiet tan-NU u l-Kummissjoni Ewropea** li jfassal il-kontrolli taħt il-verifiki.
- Meta l-kuntrattur ma jingħatax aċċess għall-evidenza dokumentarja meħtieġa, dawn jiddikjaraw żball.
- Ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-entitajiet fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE f'ġestjoni indiretta juru livell ta' ġestjoni finanzjarja u **protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE**, li huwa ekwivalenti għal dak tal-Kummissjoni. Dan jiġi vverifikat billi titwettaq valutazzjoni tal-pilastru *ex ante* tal-entità.

Fil-kuntest ta' **dipendenza fuq xogħol ta' kontroll preċedenti**, **l-arranġamenti tal-FAFA** ma għandhomx jiġu interpretati mill-kuntrattur tar-RER bħala limitazzjoni għal aktar ittestjar sostantiv fil-qafas tal-istudju dwar ir-RER.
Diversi żbalji rrappurtati huma relatati ma' tranżazzjonijiet fejn sar xogħol ta' verifika preċedenti, iżda fejn l-iżbalji misjuba x'aktarx li kienu jiġu dduplikati fil-popolazzjoni mhux ittestjata. Għaldaqstant, ir-riskju ta' nuqqas ta' rappurtar tal-iżbalji għal tranżazzjonijiet bħal dawn jitnaqqas b'mod sostanzjali.

35. Il-Kummissjoni tqis li **għandu jiġi evitat li jkun hemm dipendenza żejda fuq il-ħidma ta' kontroll preċedenti tal-awdituri l-oħrajn** u li fil-każ tal-istudju tal-2020 dwar ir-RER ma kien hemm l-ebda dipendenza żejda.

**Dipendenza sħiħa** titqiegħed biss fuq ix-xogħol imwettaq minn awdituri kwalifikati skont il-kuntratt qafas tal-awditjar iffirmat mill-Kummissjoni, jew fuq ix-xogħol imwettaq mill-QEA. Dipendenza sħiħa għal tranżazzjoni individwali tfisser li ma huwa meħtieġ l-ebda ttestjar sostantiv fuq it-tranżazzjoni. Madankollu, il-proċeduri l-oħra kollha għadhom applikabbli. Il-perċentwal ta' każijiet ta' dipendenza sħiħa naqas għal 17 % fl-2020 minn 20 % fl-2019.

It-testijiet imwettqa fil-każ ta' **dipendenza parzjali** huma aktar estensivi u jinkludu ttestjar sostantiv, u l-għan huwa li jiżolaw l-iżball fejn possibbli.

36. L-għan tar-RER huwa li tipprovdi **rata ta' żball rappreżentattiva għall-popolazzjoni kollha** tal-FEŻ. L-iffukar fuq żoni ta' riskju għoli ta' din il-popolazzjoni ma jwassalx għal dan ir-riżultat. Din hija r-raġuni għaliex il-kampjun tar-RER jintgħażel abbażi tal-kampjunar tal-unità monetarja. Dan ifisser li l-probabbiltà li kuntratt jingħalaq fil-perjodu li qed jintgħażel hija eżattament proporzjonata għall-valur tiegħu. Dan jippermetti li r-riżultati tal-istudju dwar ir-RER jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-kuntratti magħluqa kollha tal-INTPA.

Ir-riskju ogħla ta' żball relatat ma' kuntratti ta' għotja u ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali huwa rifless fl-għadd sinifikanti ta' proċeduri ta' kontroll ta' verifika mwettqa matul il-ħajja tal-kuntratt. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li jitwettqu proċeduri ta' kontroll addizzjonali fir-rigward tat-tranżazzjonijiet kollha tal-ftehim ta' għotja u kontribuzzjoni,

inklużi dawk soġġetti għal **dipendenza sħiħa u parzjali**. Fil-fatt, l-iżbalji jiġu rrapportati ta' spiss fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fejn ikun hemm dipendenza.

It-tnaqqis tal-għadd ta' **tranżazzjonijiet inqas suxxettibbli għal żbalji** (eż. Appoġġ baġitarju) jegħleb l-iskop tal-istudju dwar ir-RER.

37. Il-Kummissjoni ma tqisx li l-**istimi** huma "fattur ewlieni li jfixkel ir-RER". Kif diġà rrappurtat mill-Kummissjoni fl-2019, l-istimi huma estremament rari: kien hemm seba' każijiet bħal dawn fl-2020 fuq 412-il tranżazzjoni kkampjunata. F'żewġ każijiet, kien hemm kuntratti kunfidenzjali; f'każ wieħed, id-delegazzjoni ma kinitx operattiva fil-pajjiż; fi tliet każijiet, l-organizzazzjoni ma baqgħetx teżisti u għalhekk ma setgħetx tipprovdi d-dokumentazzjoni; f'każ ieħor, id-dokumentazzjoni nqerdet b'nar.

Id-Deċiżjoni li jiġi stmat żball mhijiex ibbażata fuq sempliċi każ ta' nuqqas ta' forniment ta' dokumentazzjoni. Każijiet bħal dawn iwasslu għal żball imkejjel. Stima ssir biss meta ċ-ċirkustanzi speċifiċi deskritti fil-manwal tar-RER, li ma jagħtux diskrezzjoni wiesgħa, jiġu ssodisfati u dokumentati kif xieraq.

L-osservazzjoni dwar il-**primjum tar-riskju** diġà tqajmet fir-Rapport Annwali tal-2019 dwar il-FEŻ u t-tweġibiet relatati tal-Kummissjoni. Il-primjum tar-riskju ġie adottat kemm min-NEAR kif ukoll mill-INTPA biex jittejbu d-dispożizzjonijiet għall-istima fil-metodoloġija tar-RER.

Il-**primjum tar-riskju** ta' 5 % jirrappreżenta approċċ prudenzjali ħafna, imfassal biex jiżgura li r-rata ta' żball ma tiġix sottovalutata.

38. Il-Metodoloġija u l-Manwal tar-RER jistabbilixxu li l-Kuntrattur irid jikklassifika l-iżbalji finali f'għaxar kategoriji differenti, waħda minnhom tkun "**Frodi u irregolaritajiet**".

Barra minn hekk, l-individwi kollha li jaħdmu għall-kuntrattur attwali tar-RER għandhom id-dmir li jirrappurtaw suspetti ta' frodi, skont ir-Regolamenti dwar il-Ħasil tal-Flus. Għalhekk, il-kuntrattur huwa obbligat bil-liġi li jirrapporta dwar kwalunkwe attività bħal din.

39. Minbarra l-introduzzjoni tar-regola **"de minimis" għar-riservi**, il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat jekk għandhomx jinħarġu r-riservi minħabba rati ta' żball ma nbidlitx bejn ir-RAA tal-2017 u r-RAA tal-2020. In-nuqqas ta' riservi fir-RAA tal-2020 ma jirrappreżentax tnaqqis fl-ambitu, iżda huwa r-riżultat tal-applikazzjoni rigoruża tal-metodoloġija.

40. L-istudju dwar ir-RER huwa wieħed minn diversi strumenti fil-proċess tal-ksib ta' livell ta' affidabbiltà. Il-Kummissjoni taf sew il-limitazzjonijiet u l-Kummissjoni tqishom meta tivvaluta s-saħħa u d-dgħufija tas-sistema ta' ġestjoni tagħha. Il-Kummissjoni tqis li dawn l-elementi kollha, meħudin flimkien, jiggarantixxu li r-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ INTPA jkun jippreżenta l-informazzjoni ta' ġestjoni f'dawl veru u ġust.

41. Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-**regola "de minimis"** għall-ħruġ ta' **riservi** fir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-Diretturi Ġenerali (RAA) għandha tkompli tapplika. L-għan tagħha huwa li tiffoka l-għadd ta' riservi fuq dawk sinifikanti biss, filwaqt li żżomm it-trasparenza fir-rappurtar tal-ġestjoni.

Ir-riservi relatati ma' każijiet b'rata tal-iżball residwu 'l fuq mil-limitu ta' materjalità ta' 2 % mhumiex meqjusa sostanzjali għal segmenti li jirrappreżentaw inqas minn 5 % tal-pagamenti totali tad-dipartiment u li għandhom impatt finanzjarju ta' inqas minn EUR 5 miljun. Għalhekk, **riservi kwantifikati** li ma jaqbżux iż-żewġ limiti mhumiex meħtieġa.

Meta jiddeċiedu dwar **in-nuqqas ta' riservi**, is-servizzi kollha tal-Kummissjoni japplikaw reviżjoni bir-reqqa tal-aspetti kollha tal-assigurazzjoni, filwaqt li jimplimentaw il-linji gwida u l-istruzzjonijiet kollha tas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni.

Madankollu, it-**trasparenza sħiħa** tar-rappurtar tal-ġestjoni tibqa' żgurata: Il-każijiet li għalihom ġiet applikata r-regola huma msemmija kif xieraq fir-RAA. Dawn il-każijiet qed jiġu segwiti mill-qrib.

Meta wieħed iqis dan kollu ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-DĠ INTPA jagħti **stampa vera u ġusta tar-riskji tiegħu fir-RAA tiegħu** u li l-introduzzjoni tar-regola "de minimis" ma taffettwax b'mod negattiv il-valutazzjoni ġenerali tiegħu tal-ġestjoni finanzjarja u d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu.

<u>KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET</u>

**Rakkomandazzjonijiet**

49. Il-Kummissjoni tenfasizza li filwaqt li ż-żewġ rakkomandazzjonijiet mill-2018 mhumiex implimentati bis-sħiħ, id-DĠ INTPA qed ikompli jieħu azzjoni biex jindirizza l-kwistjonijiet identifikati mill-QEA relatati mal-istudju dwar ir-RER u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni attwali u tal-imgħoddi (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjoni 1). Il-Kummissjoni tinnota li r-Rakkomandazzjoni 2 tar-Rapport Annwali 2019 tal-QEA ma ġietx implimentata minħabba li din ir-rakkomandazzjoni ma setgħetx tiġi aċċettata.

**Rakkomandazzjoni 1**

Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tiġbed l-attenzjoni tal-organizzazzjonijiet sħab għall-ħtieġa li l-QEA tiġi pprovduta bid-dokumenti jew bl-informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-kompitu tagħha. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 26.

**Rakkomandazzjoni 2**

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Mis-sena finanzjarja 2019 'l hawn, ġiet introdotta regola "de minimis" għall-ħruġ ta' riservi fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tad-Diretturi Ġenerali. L-għan tagħha huwa li tiffoka l-għadd ta' riservi fuq dawk sinifikanti biss, filwaqt li żżomm it-trasparenza fir-rappurtar tal-ġestjoni.

Madankollu, it-trasparenza sħiħa tar-rappurtar tal-ġestjoni tibqa' ggarantita (peress li l-każijiet li għalihom ġiet applikata r-regola huma debitament imsemmijin fir-RAA). Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 41.

**Rakkomandazzjoni 3**

Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se teżamina l-possibbiltà li tintroduċi referenza fil-metodoloġija jew it-termini ta' referenza tar-RER biex tifformalizza l-komunikazzjoni tar-riskji suspettati ta' frodi lill-Kummissjoni fil-livell xieraq.

**DRITT TAL-AWTUR**

© L-Unjoni Ewropea, 2021.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Kapitolu 6 – il-Kaxxa 6.3

© ABACO Group

Kapitolu 8 – l-Anness 8.1, il-FEŻ – l-Anness II:

Sfond tal-mappa © kontributuri ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

QJ-AL-21-001-MT-N

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri awditjat id-dħul u l-infiq tal-baġit tal-UE u tagħti l-opinjoni tagħha dwar kemm il-kontijiet annwali huma affidabbli u kemm it-tranżazzjonijiet tal-introjtu u tal-infiq jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

ISBN 978-92-847-6256-9